# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 336

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 62

30 ta' Diċembru 2019


Werrej

I *Atti leġiżlattivi*

REGOLAMENTI


★ **Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2019/2234 tad-19 ta' Diċembru 2019 dwar miżuri li jikkonċernaw l-implimentazzjoni u l-finanzjament tal-baġit ġenerali tal-Unjoni fl-2020 fir-rigward tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni** ..... 1


DIRETTIVI


★ **Direttiva tal-Kunsill (UE) 2019/2235. tas-16 ta' Diċembru 2019 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud u d-Direttiva 2008/118/KE dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa fir-rigward ta' sforzi ta' difiża fi ħdan il-qafas tal-Unjoni** ..... 10


II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI


★ **Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/2236 tas-16 ta' Diċembru 2019 li jiffissa, għall-2020, l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Mediterran u fil-Baħar l-Iswed** ..... 14

★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2237 tal-1 ta' Ottubru 2019 li jispeċifika d-dettalji tal-obbligu ta' ħatt l-art għal ċertu tip ta' sajd demersali fl-ilmijiet tal-Lbiċ għall-perjodu mill-2020 sal-2021** ..... 26

★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2238 tal-1 ta' Ottubru 2019 li jispeċifika d-dettalji tal-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art għal ċertu tip ta' sajd demersali fil-Baħar tat-Tramuntana għall-perjodu mill-2020 sal-2021** ..... 34

★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2239 tal-1 ta' Ottubru 2019 li jispeċifika d-dettalji tal-obbligu ta' ħatt l-art għal ċertu sajd demersali fl-ilmijiet tal-Majjistral għall-perjodu 2020-2021** ..... 47


MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ **REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/2240 tas-16 ta' Diċembru 2019 li jispeċifika l-elementi tekniċi tas-sett tad-*data*, li jistabbilixxi l-formati tekniċi għat-trażmissjoni tal-informazzjoni u li jispeċifika l-arranġamenti dettaljati u l-kontenut tar-rapporti tal-kwalità dwar l-organizzazzjoni ta' stħarriġ kampjun dwar il-forza tax-xogħol f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** ([1]) .............. 59

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2241 tas-16 ta' Diċembru 2019 li jiddeskrivi l-varjabbli u t-tul, ir-rekwiżiti tal-kwalità u l-livell ta' dettall tas-serje taż-żmien għat-trażmissjoni tad-*data* ta' kull xahar dwar il-qgħad skont ir-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** ([1]) .............. 125

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2242 tas-16 ta' Diċembru 2019 li jispeċifika l-elementi tekniċi tas-settijiet tad-*data*, li jistabbilixxi l-formati tekniċi u jispeċifika l-arranġamenti dettaljati u l-kontenut tar-rapporti tal-kwalità dwar l-organizzazzjoni ta' stħarriġ kampjun dwar id-dominju tal-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-għajxien f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** ([1]) .............. 133

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2243 ta' 17 ta' Diċembru 2019 li jistabbilixxi mudell għas-sommarju tal-kuntratt li għandhom jużaw il-fornituri tas-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika disponibbli pubblikament skont id-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** ([1]) .............. 274


DEĊIŻJONIJIET


★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2244 tas-16 ta' Diċembru 2019 li tawtorizza lil Spanja u lil Franza biex japplikaw miżura ta'deroga speċjali mill-Artikolu 5 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud** .............. 281

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2245 tad-19 ta' Diċembru 2019 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-aġġornament tal-Anness XV (It-tneħħija ta' dazji doganali) għall-Ftehim** .............. 283

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2246 tad-19 ta' Diċembru 2019 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt CETA fir-rigward tal-adozzjoni tal-Lista tal-Arbitri skont l-Artikolu 29.8 tal-Ftehim** .............. 288

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2247 tad-19 ta' Diċembru 2019 li temenda d-Deċiżjoni 2013/488/UE dwar ir-regoli tas-sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE** .............. 291

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2248 tad-19 ta' Diċembru 2019 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Kanada u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha** .............. 297

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2249 tad-19 ta' Diċembru 2019 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan l-Kumitat tar-Regoli tal-Oriġini tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ** .............. 302

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2250 tat-19 ta' Diċembru 2019 li tapprova r-Regoli ta' Proċedura tal-Eurojust** .............. 309

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2251 tad-19 ta' Diċembru 2019 dwar mekkaniżmu ta' kumpens għall-Istat Membru li tiegħu l-membru nazzjonali jiġi elett President tal-Eurojust** .............. 310


([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2252 tas-17 ta' Diċembru 2019 dwar il-proposta għal inizjattiva taċ-ċittadini bl-isem "Inwaqqfu t-tneħħija tal-pinen tal-klieb il-baħar — Inwaqqfu l-kummerċ"** *(notifikata bid-dokument C(2019) 9203)* ........ 312

I

*(Atti leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE, Euratom) 2019/2234

### tad-19 ta' Diċembru 2019

### dwar miżuri li jikkonċernaw l-implimentazzjoni u l-finanzjament tal-baġit ġenerali tal-Unjoni fl-2020 fir-rigward tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 352 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 203 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Filwaqt li jaġixxi skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

(1) Fid-29 ta' Marzu 2017 ir-Renju Unit ippreżenta n-notifika tal-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). It-Trattati ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' ftehim dwar il-ħruġ jew, fin-nuqqas ta' dan, sentejn wara dik in-notifika, jiġifieri mit-30 ta' Marzu 2019, sakemm il-Kunsill Ewropew, bi qbil mar-Renju Unit, ma jiddeċidix b'mod unanimu li jestendi dak il-perijodu. Il-perijodu ġie estiż darbtejn mill-Kunsill Ewropew, l-aktar reċentement permezz tad-Deċiżjoni (UE) 2019/584 ([2]) tiegħu, li estendietu sal-31 ta' Ottubru 2019. Fin-nuqqas ta' ftehim dwar il-ħruġ mar-Renju Unit u ta' estensjoni ulterjuri tal-perijodu msemmi fl-Artikolu 50(3) TUE, hemm il-ħtieġa li jkun hemm qbil, fi ftehim internazzjonali futur bejn l-Unjoni u r-Renju Unit, dwar saldu finanzjarju fir-rigward tal-obbligi finanzjarji li jirriżultaw mis-sħubija tar-Renju Unit fl-Unjoni.

(2) Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għall-obbligi rispettivi tal-Unjoni u tar-Renju Unit li jirriżultaw mill-perijodu kollu tas-sħubija tar-Renju Unit fl-Unjoni.

(3) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2019/1197 ([3]) stabbilixxa regoli dwar ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni, minn naħa waħda, u r-Renju Unit u l-benefiċjarji tiegħu, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-finanzjament u l-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni ("il-baġit") fl-2019. Hemm bżonn li jiġu stabbiliti r-regoli dwar ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni, minn naħa waħda, u r-Renju Unit u l-benefiċjarji tiegħu, min-naħa l-oħra, anke fir-rigward tal-finanzjament u l-implimentazzjoni tal-baġit fl-2020.

([1]) Approvazzjoni tat-22 ta' Ottubru 2019 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew (UE) 2019/584 meħuda bi qbil mar-Renju Unit tal-11 ta' April 2019 li testendi l-perjodu skont l-Artikolu 50(3) TUE (ĠU L 101, 11.4.2019, p. 1).
([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2019/1197 tad-9 ta' Lulju 2019 dwar miżuri li jikkonċernaw l-implimentazzjoni u l-finanzjament tal-baġit ġenerali tal-Unjoni fl-2019 fir-rigward tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni (ĠU L 189, 15.7.2019, p. 1).

(4) It-Trattati ma jipprevedux setgħat għajr dawk skont l-Artikolu 352 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u l-Artikolu 203 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għall-adozzjoni tal-miżuri li jikkonċernaw l-implimentazzjoni u l-finanzjament tal-baġit 2020 fir-rigward tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni mingħajr ftehim dwar il-ħruġ.

(5) Ir-Renju Unit, u persuni u entitajiet stabbiliti fir-Renju Unit, qed jipparteċipaw f'għadd ta' programmi jew azzjonijiet tal-Unjoni abbażi tas-sħubija tar-Renju Unit fl-Unjoni. Dik il-parteċipazzjoni ssir abbażi ta' ftehimiet mar-Renju Unit jew ma' persuni jew entitajiet stabbiliti fir-Renju Unit jew abbażi ta' deċiżjonijiet favur ir-Renju Unit jew persuni jew entitajiet stabbiliti fir-Renju Unit li jikkostitwixxu impenji legali.

(6) Għal ħafna minn dawk il-ftehimiet u deċiżjonijiet, in-normi li jirregolaw l-eliġibbiltà jirrikjedu li l-benefiċjarju jkun Stat Membru jew persuna jew entità stabbilita fi Stat Membru. L-eliġibbiltà tar-Renju Unit, jew ta' persuni jew entitajiet stabbiliti fir-Renju Unit, hija f'każi bħal dawn marbuta mal-fatt li r-Renju Unit huwa Stat Membru. Il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni mingħajr ftehim dwar il-ħruġ għalhekk jimplika t-telf tal-eliġibbiltà ta' tali benefiċjarji għall-finanzjament tal-Unjoni skont tali ftehimiet u deċiżjonijiet. Madankollu, dan ma jikkonċernax każijiet fejn persuni jew entitajiet stabbiliti fir-Renju Unit jipparteċipaw f'azzjoni skont ir-regoli rispettivi tal-Unjoni għal persuni u entitajiet stabbiliti f'pajjiż terz, u soġġett għall-kondizzjonijiet applikabbli skont dawk ir-regoli.

(7) F'każ ta' rtirar mingħajr ftehim dwar il-ħruġ, ikun ta' benefiċċju kemm għall-Unjoni kif ukoll għall-Istati Membri tagħha u għar-Renju Unit, u l-persuni u l-entitajiet stabbiliti fir-Renju Unit, li jipprevedu l-eliġibbiltà fl-2020 tar-Renju Unit u l-benefiċjarji stabbiliti fir-Renju Unit biex jirċievu l-fondi tal-Unjoni u għall-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fil-finanzjament tal-baġit għall-2020. Ikun ukoll ta' benefiċċju jekk l-impenji legali ffirmati u adottati qabel id-data tal-ħruġ, jew fl-2019 bl-applikazzjoni tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE, Euratom) 2019/1197, ikunu jistgħu jkomplu jiġu eżegwiti matul l-2020.

(8) Huwa għalhekk xieraq li jiġu stabbiliti l-kondizzjonijiet li bihom ir-Renju Unit, u persuni u entitajiet stabbiliti fir-Renju Unit, ikunu jistgħu jibqgħu eliġibbli fl-2020 fir-rigward tal-ftehimiet iffirmati magħhom u tad-deċiżjonijiet adottati fir-rigward tagħhom sa dik id-data li fiha t-Trattati ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit u fir-Renju Unit ('id-data tal-ħruġ') jew, fejn applikabbli, fl-2019 b'applikazzjoni tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE, Euratom) 2019/1197. Il-kondizzjonijiet li ġejjin huma meħtieġa għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament: (i) ir-Renju Unit ikkonferma l-impenn bil-miktub lill-Kummissjoni li jkompli jħallas kontribuzzjoni kkalkulata abbażi tar-riżorsi proprji stmati mir-Renju Unit kif stabbilit fl-abbozz ta' baġit għall-2020, kif propost fil-5 ta' Lulju 2019, u aġġustat biex iqis l-ammont totali ta' approprjazzjonijiet ta' pagament stabbiliti fil-baġit adottat għall-2020; (ii) l-ewwel pagament tħallas mir-Renju Unit; (iii) ir-Renju Unit ikkonferma l-impenn bil-miktub lill-Kummissjoni li jippermetti l-awditi u l-kontrolli bis-sħiħ mill-Unjoni f'konformità mar-regoli applikabbli; (iv) u l-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2019/1197 u ma tkunx adottat deċiżjoni skont l-Artikolu 3(2) ta' dak ir-Regolament. L-aħħar kondizzjoni tapplika biss dment li r-Regolament (UE, Euratom) 2019/1197 isir applikabbli qabel tmiem is-sena finanzjarja 2019. Fid-dawl tal-bżonn ta' ċertezza, huwa xieraq li jiġi limitat iż-żmien għall-issodisfar tal-kondizzjonijiet. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta deċiżjoni dwar l-issodisfar tal-kondizzjonijiet.

(9) Il-kondizzjoni fir-rigward tal-kontribuzzjoni tar-Renju Unit jenħtieġ li tkun ibbażata fuq l-abbozz tal-baġit għall-2020 kif propost għat-28 Stat Membru u ser tiġi aġġustata biex jiġi kkunsidrat l-ammont totali ta' approprjazzjonijiet ta' pagament taħt il-baġit adottat. Huwa raġonevoli li ebda Stat Membru ma jenħtieġ li jkun f'pożizzjoni inqas favorevoli fir-rigward tal-kontribuzzjoni relattiva tiegħu minn kif stabbilit fil-baġit għall-2020 kif propost, wara l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament. Għaldaqstant, biex jiġi żgurat l-effett pożittiv ta' dan ir-Regolament għall-Istati Membri kollha, huwa adatt li jitnaqqas ammont speċifiku mill-ammont tal-kontribuzzjoni mir-Renju Unit li għandu jiddaħħal fil-baġit. Dan l-ammont speċifiku għandu jkun ta' benefiċċju għall-Istati Membri li altrimenti jkunu fi żvantaġġ wara l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament, kif speċifikat aktar f'arranġamenti prattiċi ddedikati li jistipulaw id-distribuzzjoni tal-pagamenti dovuti u li jinkarigaw lill-Kummissjoni bil-kompitu tal-iżborż tal-ammont speċifiku.

(10) Sakemm il-kondizzjonijiet għall-eliġibbiltà tar-Renju Unit, u l-persuni u l-entitajiet stabbiliti fir-Renju Unit, skont dan ir-Regolament ikomplu jiġu ssodisfati, huwa xieraq ukoll li jiġi pprovdut għall-eliġibbiltà tagħhom, fl-2020, għall-finijiet ta' kondizzjonijiet stabbiliti f'sejħiet għal proposti, offerti, kompetizzjonijiet jew kwalunkwe proċedura oħra li tista' twassal għall-finanzjament mill-baġit tal-Unjoni, bl-eċċezzjoni ta' każijiet speċifiċi relatati mas-sigurtà, u mat-telf ta' sħubija tar-Renju Unit fil-Bank Ewropew tal-Investiment, u li jiġi pprovdut finanzjament tal-Unjoni lilhom. Dan il-finanzjament tal-Unjoni jenħtieġ li jkun limitat għan-nefqa eliġibbli li ssir fl-2020, ħlief għal kuntratti ta' akkwist pubbliku ffirmati qabel tmiem l-2020 fl-applikazzjoni tat-Titolu VII tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) ("ir-Regolament Finanzjarju"), li jkomplu jiġu implimentati f'konformità mat-termini tagħhom, u ħlief għall-iskema ta' pagament dirett tal-politika agrikola tar-Renju Unit għas-sena tat-talba 2020, li għandha tkun eskluża mill-eliġibbiltà.Huwa wkoll xieraq li r-Renju Unit, jew persuni jew entitajiet stabbiliti fir-Renju Unit, jiġu esklużi mill-eliġibbiltà skont ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]), kif emendat bir-Regolament (UE) 2019/1796 ([6]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, għal azzjonijiet li jkopru ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja u persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun intemmet b'konsegwenza ta' ħruġ mingħajr ftehim, u skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 ([7]), kif emendat, għal azzjonijiet li jkopru piż finanzjarju serju impost fuq l-Istati Membri direttament imputabbli għal ħruġ mingħajr ftehim dwar il-ħruġ. F'konformità mar-Regolament Finanzjarju, is-sejħiet għal proposti, għall-offerti, il-kompetizzjonijiet jew proċeduri oħra, kif ukoll kwalunkwe ftehim li joħroġ minnhom mar-Renju Unit jew ma' persuni jew entitajiet stabbiliti fir-Renju Unit, jew deċiżjonijiet favurihom, għandhom jistipulaw il-kondizzjonijiet għall-eliġibbiltà u għall-kontinwazzjoni tagħhom b'referenza għal dan ir-Regolament.

(11) Huwa xieraq ukoll li jiġi previst li l-eliġibbiltà tar-Renju Unit, u ta' persuni u entitajiet stabbiliti fir-Renju Unit, tkompli taħt il-kondizzjonijiet li r-Renju Unit ikompli jħallas il-kontribuzzjoni għall-2020 u, fejn applikabbli, għall-2019 skont ir-Regolament (UE, Euratom) 2019/1197, u li l-kontrolli u l-awditi jistgħu jsiru b'mod effettiv. Fejn dawn il-kondizzjonijiet ma jibqgħux jiġu ssodisfati, jenħtieġ li l-Kummissjoni tieħu deċiżjoni li tikkonstata t-tali nuqqas. F'każ bħal dan, jenħtieġ li r-Renju Unit, u persuni u entitajiet stabbiliti fir-Renju Unit, ma jibqgħux eliġibbli għal finanzjament mill-Unjoni.

(12) Huwa xieraq ukoll li tiġi prevista l-kontinwazzjoni, fl-2020, tal-eliġibbiltà tal-azzjonijiet li permezz tagħhom l-Istati Membri jew entitajiet stabbiliti fl-Istati Membri jirċievu fondi mill-Unjoni u li huma relatati mar-Renju Unit. Madankollu, jenħtieġ li n-nuqqas potenzjali ta' aċċettazzjoni mir-Renju Unit ta' kontrolli u awditi jenħtieġ li jikkostitwixxi element li għandu jkun ikkunsidrat għall-finijiet ta' ġestjoni finanzjarja tajba meta tiġi vvalutata l-implimentazzjoni ta' dawn l-azzjonijiet.

(13) Jenħtieġ li l-azzjonijiet ikomplu jiġu implimentati f'konformità mar-regoli rilevanti li jirregolaw dawn l-azzjonijiet, inkluż ir-Regolament Finanzjarju. Għalhekk, huwa neċessarju li r-Renju Unit jiġi ttrattat bħala Stat Membru għall-fini tal-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli.

(14) Peress li l-għanijiet ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu, minħabba li jikkonċernaw il-baġit tal-Unjoni u programmi u azzjonijiet implimentati mill-Unjoni, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet.

([4]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

([5]) **Ir**-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 855).

([6]) Ir-Regolament (UE) 2019/1796 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1309/2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) (ĠU L 279 I, 31.10.2019, p. 4).

([7]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3).

(15) Sabiex ikun hemm possibbiltà ta' flessibbiltà limitata, jenħtieġ li s-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 TFUE tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-possibbiltà ta' estensjoni tal-iskadenzi stabbiliti fil-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(1), u ta' emendi għall-iskeda tal-pagamenti. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ([8]). B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati. Fejn, fil-każ ta' riskju ta' tfixkil serju tal-implimentazzjoni u tal-finanzjament tal-baġit tal-Unjoni fl-2020, raġunijiet imperattivi ta' urġenza li jkunu jenħtieġu li, l-att delegat jidħol fis-seħħ bla dewmien u jenħtieġ li japplika sakemm ma jkun hemm ebda oġġezzjoni espressa mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

(16) Sabiex jiġi evitat l-aktar tfixkil sinifikanti għall-benefiċjarji tal-programmi ta' nfiq u ta' azzjonijiet oħra tal-UE fid-data tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ b'urġenza fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jenħtieġ li japplika mill-jum wara dak li fih it-Trattati ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit u fir-Renju Unit, dment li sa dik id-data ma jkunx daħal fis-seħħ ftehim dwar il-ħruġ konkluż mar-Renju Unit. Peress li dan ir-Regolament jistabbilixxi miżuri dwar l-implimentazzjoni u l-finanzjament tal-baġit tal-Unjoni għall-2020, dan għandu japplika biss għall-eliġibbiltà għas-sena 2020,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

## Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dwar l-implimentazzjoni u l-iffinanzjar tal-baġit ġenerali tal-Unjoni ("il-baġit") fl-2020 dwar il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni mingħajr ftehim dwar il-ħruġ u azzjonijiet taħt ġestjoni diretta, indiretta u kondiviża li għalihom l-eliġibbiltà tkun issodisfata permezz tas-sħubija tar-Renju Unit fl-Unjoni fid-data li fiha t-Trattati ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit u fir-Renju Unit ("data tal-ħruġ").

Dan ir-Regolament japplika mingħajr preġudizzju għall-programmi ta' kooperazzjoni territorjali koperti mir-Regolament (UE) 2019/491 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9]), u għal attivitajiet ta' mobbiltà għat-tagħlim taħt il-programm Erasmus+ koperti bir-Regolament (UE) 2019/499 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([10]).

*Artikolu 2*

## Kondizzjonijiet ta' eliġibbiltà

1. Fejn ir-Renju Unit, jew persuna jew entità stabbilita fir-Renju Unit, jirċievu finanzjament tal-Unjoni fl-ambitu ta' azzjoni mwettqa b'ġestjoni diretta, indiretta jew kondiviża skont impenji legali ffirmati jew adottati qabel id-data tal-ħruġ jew, fejn applikabbli, fl-2019 bl-applikazzjoni tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE, Euratom) 2019/1197 u ta' eliġibbiltà taħt dik l-azzjoni li tiddependi fuq is-sħubija tar-Renju Unit fl-Unjoni, huma għandhom ikomplu jkunu eliġibbli għal finanzjament tal-Unjoni għan-nefqa eliġibbli li ssir fl-2020 wara d-data tal-ħruġ, jekk jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet li ġejjin, u sakemm ma tkun daħlet fis-seħħ l-ebda deċiżjoni kif imsemmija fl-Artikolu 3(2):

([8]) ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

([9]) Ir-Regolament (UE) 2019/491 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Marzu 2019 sabiex ikunu jistgħu jitkomplew il-programmi għall-kooperazzjoni territorjali PEACE IV (l-Irlanda-ir-Renju Unit) u għar-Renju Unit - l-Irlanda (l-Irlanda - l-Irlanda ta' Fuq - l-Iskozja) fil-kuntest tal- ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni,(ĠU L 85I, 27.3.2019, p. 1).

([10]) Ir-Regolament (UE) 2019/499 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-kontinwazzjoni ta' attivitajiet ta' mobbiltà fit-tagħlim li jkunu għaddejjin taħt il-programm Erasmus+ stabbilit mir-Regolament (UE) Nru 1288/2013, fil-kuntest tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni (ĠU L 85I, 27.3.2019, p. 32).

(a) ir-Renju Unit, fl-1 ta' Jannar 2020 jew fi żmien sebat (7) ijiem kalendarji wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jew wara d-data tal-applikazzjoni tiegħu, liema jiġi l-aħħar, ikkonferma bil-miktub lill-Kummissjoni li ser jikkontribwixxi f'euro, skont l-iskeda tal-ħlas stabbilita f'dan ir-Regolament, l-ammont li jirriżulta mill-formula li ġejja: UK OR DB2020 + UK GNI key DB2020 x (PA B2020 – PA DB2020);

(b) ir-Renju Unit, fl-20 ta' Jannar 2020 jew fi żmien għoxrin (20) jum kalendarju wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jew wara d-data tal-applikazzjoni tiegħu, skont liema tiġi l-aħħar, ħallas fuq il-kont iddeterminat mill-Kummissjoni l-ewwel pagament li jikkorrispondi għal [3,5] parti minn tnax tal-ammont imsemmi fil-punt (a) ta' dan is-subparagrafu;

(c) ir-Renju Unit, fl-1 ta' Jannar 2020 jew fi żmien sebat (7) ijiem kalendarji wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jew wara d-data tal-applikazzjoni tiegħu, liema jiġi l-aħħar, ikkonferma bil-miktub lill-Kummissjoni li ser jibqa' jaċċetta l-kontrolli u l-awditi li jkopru l-perjodu sħiħ tal-programmi u l-azzjonijiet skont ir-Regoli applikabbli;

(d) il-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2019/1197 u ma tkunx adottat deċiżjoni skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2019/1197; u

(e) il-Kummissjoni tkun adottat id-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu li tikkonferma li l-kondizzjonijiet imsemmija fil-punti (a), (b) u (c) ta' dan is-subparagrafu ġew issodisfati.

Il-kondizzjoni stabbilita fil-punt (d) tal-ewwel subparagrafu għandha tapplika biss dment li r-Regolament (UE, Euratom) 2019/1197 isir applikabbli qabel tmiem is-sena finanzjarja 2019.

2. Għall-finijiet tal-formula stabbilita fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, għandu japplika dan li ġej:

(a) "UK OR DB2020" għandu jkun l-ammont muri fil-linja "Renju Unit" u l-kolonna "Riżorsi proprji totali" tat-tabella 7 tal-parti "A. Introduzzjoni u finanzjament tal-baġit ġenerali" tal-parti tad-dħul tal-baġit 2020 stabbilit fl-abbozz ta' baġit tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2020, kif propost fil-5 ta' Lulju 2019;

(b) "UK GNI key DB2020" għandu jkun l-ammont muri fil-linja "Renju Unit" u l-kolonna "Riżorsi proprji bbażati fuq l-ING" tat-tabella 7 tal-parti "A. Introduzzjoni u finanzjament tal-baġit ġenerali" tal-parti tad-dħul tal-baġit 2020 stabbilit fl-abbozz ta' baġit tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2020, kif propost fl-5 ta' Lulju 2019, diviż bl-ammont muri fil-linja "Total" tal-istess kolonna;

(c) "PA B2020 - PA DB2020" għandha tkun id-differenza bejn l-ammont muri fil-linja "Nefqa totali" u l-kolonna "Baġit 2020" tat-tabella "Nefqa" tal-parti "A. Introduzzjoni u finanzjament tal-baġit ġenerali" tal-parti tad-dħul tal-baġit tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2020 kif adottata, u l-ammont muri fl-istess linja u l-istess kolonna tal-istess tabella tal-istess parti tal-abbozz tal-baġit tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2020, kif propost fil-5 ta' Lulju 2019;

Minkejja l-ewwel subparagrafu, jekk il-baġit għall-2020 ma jiġix adottat b'mod definittiv sad-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jew sad-data tal-applikazzjoni tiegħu, skont liema tiġi l-aħħar, il-"PA B2020 - PA DB2020" għandha tkun żero.

3. L-ammont imsemmi fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, wara t-tnaqqis tal-ammont tal-ewwel pagament imsemmi fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu 1 tal-paragrafu 1, għandu jinqasam fi ħlasijiet parzjali indaqs. In-numru ta' ħlasijiet parzjali għandu jikkorrispondi għan-numru ta' xhur sħaħ bejn id-data tal-ewwel pagament imsemmija fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 u tmiem is-sena 2020.

L-ammont imsemmi fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 għandu jiddaħħal fil-baġit ġenerali tal-Unjoni bħala dħul ieħor wara li jitnaqqas ammont speċifiku bl-għan li jiżgura d-distribuzzjoni baġitarja kif previst fil-kolonna "Riżorsi proprji totali" tat-tabella msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 2 u soġġett għal arranġamenti prattiċi ddedikati għal dak l-effett.

L-impenn imsemmi fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 għandu jinkludi b'mod partikolari l-kooperazzjoni fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u l-aċċettazzjoni tad-drittijiet tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Awdituri u tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi li ikollhom aċċess għal data u dokumenti relatati ma' kontribuzzjonijiet tal-Unjoni, u biex iwettqu kontrolli u awditi.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni dwar jekk il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 ikunux ġew issodisfati.

5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 7 dwar l-estensjoni tal-iskadenzi stabbiliti fil-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Fejn, fil-każ ta' riskju ta' tfixkil serju tal-implimentazzjoni u tal-finanzjament tal-baġit tal-Unjoni fl-2020, ikun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza li jkunu jirrikjedu dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 8 għandha tapplika għal atti delegati adottati skont dan il-paragrafu.

*Artikolu 3*

**Kontinwazzjoni tal-eliġibbiltà tar-Renju Unit u ta' persuni u entitajiet stabbiliti fir-Renju Unit**

1. L-eliġibbiltà tar-Renju Unit, u ta' persuni u entitajiet stabbiliti fir-Renju Unit, stabbilita f'konformità mal-Artikolu 2 għandha tkompli fis-sena 2020 sakemm il-kondizzjonijiet li ġejjin jiġu ssodisfati:

(a) wara l-ewwel pagament magħmul f'konformità mal-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(1), ir-Renju Unit ikun ħallas fil-kont stabbilit mill-Kummissjoni l-pagament mensili msemmi fl-Artikolu 2(3) fl-ewwel jum tax-xogħol ta' kull xahar sa Awwissu 2020;

(b) ir-Renju Unit ikun ħallas fil-kont stabbilit mill-Kummissjoni fl-ewwel jum tax-xogħol ta' Settembru 2020 il-pagamenti mensili li jkun fadal imsemmija tal-Artikolu 2(3), sakemm il-Kummissjoni ma tikkomunikax lir-Renju Unit skeda ta' pagamenti differenti għal dan il-pagament sal-31 ta' Awwissu 2020; u

(c) ma jkun ġie osservat ebda nuqqas sinifikanti fit-twettiq tal-verifiki u tal-awditi msemmija fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(1).

2. Fejn waħda jew aktar mill-kondizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ma jkunux issodisfati, il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni għal dak l-effett. Dik id-deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, ir-Renju Unit, u persuni u entitajiet stabbiliti fir-Renju Unit, ma għandhomx jibqgħu eliġibbli skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, u skont l-Artikoli 2 u 4, l-azzjonijiet ma għandhomx jibqgħu eliġibbli skont l-Artikolu 6(2), u l-Artikolu 5 ma għandux jibqa' japplika.

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 7 dwar skeda ta' pagamenti differenti għall-pagamenti msemmija fil-punt (a) u (b) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Fejn, fil-każ ta' riskju ta' tfixkil serju tal-implimentazzjoni u tal-finanzjament tal-baġit tal-Unjoni fl-2020, ikun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza li jkunu jirrikjedu dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 8 għandha tapplika għall-atti delegati adottati skont dan il-paragrafu.

*Artikolu 4*

**Parteċipazzjoni fis-sejħiet għal proposti u eliġibbiltà tal-infiq li jirriżulta**

1. Mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni msemmija fil-punt (e) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(1), u sakemm ma tkun daħlet fis-seħħ ebda deċiżjoni kif imsemmi fl-Artikolu 3(2), ir-Renju Unit, jew persuni u entitajiet stabbiliti fir-Renju Unit, għandhom ikunu eliġibbli fl-2020 għall-finijiet ta' kondizzjonijiet stabbiliti fi kwalunkwe sejħa għal proposti, sejħa għall-offerti, kompetizzjonijiet jew kwalunkwe proċedura oħra li tista' twassal għal finanzjament mill-baġit tal-Unjoni bl-istess mod bħal Stati Membri u persuni jew entitajiet stabbiliti fl-Istati Membri, u jkunu eliġibbli għal finanzjament mill-Unjoni għan-nefqa eliġibbli li jsir fl-2020.

Minkejja l-ewwel subparagrafu:

(a) kuntratti ffirmati fl-applikazzjoni tat-Titolu VII tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 ("ir-Regolament Finanzjarju") sa tmiem l-2020 għandhom jiġu implimentati f'konformità mat-termini tagħhom u sad-data finali tagħhom;

(b) nefqa fir-rigward tal-iskema ta' pagamenti diretti tar-Renju Unit għas-sena tat-talba 2020 skont ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([11]) ma għandhiex tkun eliġibbli għal finanzjament tal-Unjoni.

2. Minkejja l-paragrafu 1, ir-Renju Unit, jew persuni jew entitajiet stabbiliti fir-Renju Unit, ma għandhomx ikunu eliġibbli skont ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013, kif emendat bir-Regolament (UE) 2019/1796, għal azzjonijiet li jkopru ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja u persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun intemmet b'konsegwenza ta' ħruġ mingħajr ftehim u lanqas skont ir-Regolament (KE) Nru 2012/2002, kif emendat għal azzjonijiet li jkopru piż finanzjarju serju impost fuq l-Istati Membri direttament imputabbli għal ħruġ mingħajr ftehim dwar il-ħruġ.

([11]) Ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 608).

3. L-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 ma għandux japplika:

(a) fejn il-parteċipazzjoni tkun limitata għall-Istati Membri u persuni jew entitajiet stabbiliti fl-Istati Membri għal raġunijiet ta' sigurtà;

(b) għal operazzjonijiet finanzjarji mwettqa fi ħdan strumenti finanzjarji ġestiti direttament jew indirettament skont it-Titolu X tar-Regolament Finanzjarju, jew għal operazzjonijiet finanzjarji garantiti mill-baġit tal-Unjoni skont il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) stabbilit bir-Regolament (UE) 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([12]) jew skont il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (European Fund for Sustainable Development, EFSD) stabbilit bir-Regolament (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([13]).

*Artikolu 5*

**Adattamenti meħtieġa oħra**

Jekk il-kondizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2(1) jiġu ssodisfati, u sakemm l-ebda deċiżjoni kif imsemmija fl-Artikolu 3(2) ma tkun daħlet fis-seħħ, għall-fini tal-applikazzjoni ta' kwalunkwe regola li tirregola l-azzjonijiet imwettqa skont l-impenji legali msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(1), is-sejħiet għal proposti msemmija fl-Artikolu 4 u l-azzjonijiet imwettqa skont l-impenji legali ffirmati jew adottati wara s-sejħiet għal proposti msemmija fl-Artikolu 4, li huma meħtieġa biex jagħtu effett lill-Artikoli 2(1) u 4(1), ir-Renju Unit għandu jiġi ttrattat bħala Stat Membru soġġett għal dan ir-Regolament.

Madankollu, ir-Renju Unit, jew ir-rappreżentanti tar-Renju Unit, ma għandhom jitħallew jipparteċipaw f'ebda kumitat li jassisti fil-ġestjoni skont ir-regoli tal-att bażiku rilevanti, jew gruppi ta' esperti jew korpi oħra li jagħtu pariri dwar il-programmi jew dwar l-azzjonijiet, bl-eċċezzjoni ta' monitoraġġ jew kumitati speċifiċi għall-programmi operazzjonali, nazzjonali jew programmi simili f'ġestjoni kondiviża.

*Artikolu 6*

**Eliġibbiltà ta' azzjonijiet li jirrigwardaw lir-Renju Unit, fejnl-Istati Membri jew il-persuni jew l-entitajiet stabbiliti fl-Istati Membrijirċievu l-fondi mill-Unjoni**

1. L-azzjonijiet taħt ġestjoni diretta, indiretta u kondiviża li għalihom l-Istati Membri, jew persuni jew entitajiet stabbiliti fl-Istati Membri, jirċievu l-fondi mill-Unjoni skont impenji legali ffirmati jew adottati qabel id-data tal-ħruġ jew, fejn applikabbli, fl-2019 bl-applikazzjoni tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE, Euratom) 2019/1197, u li għalihom l-eliġibbiltà tkun issodisfata permezz tas-sħubija tar-Renju Unit fl-Unjoni fid-data tal-ħruġ jew, fejn applikabbli, permezz tal-eliġibbiltà tar-Renju Unit b'applikazzjoni tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE, Euratom) 2019/1197, għandhom ikunu eliġibbli għal finanzjament tal-Unjoni għall-infiq eliġibbli li jsir fl-2020 sa mid-data tal-ħruġ.

2. L-azzjonijiet li għalihom il-kondizzjoni ta' eliġibbiltà ta' numru minimu ta' parteċipanti minn Stati Membri differenti f'konsorzju tkun issodisfata fid-data tal-ħruġ minn membru tal-konsorzju li tkun persuna jew entità stabbiltà fir-Renju Unit, għandhom ikunu eliġibbli għal finanzjament tal-Unjoni għan-nefqa eliġibbli li ssir fl-2020 meta l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(1) ikunu ssodisfati u sakemm l-ebda deċiżjoni kif imsemmija fl-Artikolu 3(2) ma tkun daħlet fis-seħħ.

3. In-nonosservanza tal-kondizzjoni msemmija fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(1) jew deċiżjoni tal-Kummissjoni kif imsemmi fl-Artikolu 3(2) rigward in-nonosservanza ta' kondizzjonijiet imsemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 3(1), għandhom jitqiesu mill-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni responsabbli għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-possibbiltà ta' nuqqas serju fil-konformità mal-obbligi ewlenin fl-implimentazzjoni tal-impenn legali msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

---

([12]) Ir-Regolament (UE) 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 — il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1).

([13]) Ir-Regolament (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Settembru 2017 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (EFSD), il-Garanzija tal-EFSD u l-Fond ta' Garanzija tal-EFSD (ĠU L 249, 27.9.2017, p. 1).

*Artikolu 7*

**Eżerċizzju tad-delega**

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa għall-adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 2 u 3 tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 2 u 3 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 2 u 3 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahar min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahar fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 8*

**Proċedura ta' urġenza**

1. L-atti delegati adottati taħt dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw dment li ma tkun ġiet espressa ebda oġġezzjoni skont il-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tagħti r-raġunijiet li għalihom tkun intużat il-proċedura ta' urġenza.

2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għal att delegat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 7(6). F'dan il-każ, il-Kummissjoni għandha tirrevoka l-att minnufih wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

*Artikolu 9*

**Dispożizzjoni tranżitorja**

B'deroga mill-punt (b) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2019/1197, in-nefqa fir-rigward tal-iskema ta' pagament dirett tar-Renju Unit għas-sena tat-talba 2019 skont ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 għandha tkun eliġibbli għal finanzjament mill-Unjoni wara li l-Kummissjoni tkun adottat id-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 2(4) ta' dan ir-Regolament, sakemm ma tadottax deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 3(2) ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 10*

**Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-jum wara dak li fih it-Trattati ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit u fir-Renju Unit skont l-Artikolu 50(3) TUE.

Madankollu, dan ir-Regolament ma għandux japplika jekk ikun daħal fis-seħħ ftehim dwar il-ħruġ konkluż mar-Renju Unit skont l-Artikolu 50(2) TUE sad-data msemmija fit-tieni paragrafu ta' dan l-Artikolu.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta’ Diċembru 2019.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

K. MIKKONEN

# DIRETTIVI

## DIRETTIVA TAL-KUNSILL (UE) 2019/2235.

**tas-16 ta' Diċembru 2019**

**li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud u d-Direttiva 2008/118/KE dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa fir-rigward ta' sforzi ta' difiża fi ħdan il-qafas tal-Unjoni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([2]),

Filwaqt li jaġixxu skont proċedura leġislattiva speċjali,

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE ([3]) tipprevedi, taħt ċerti kundizzjonijiet, eżenzjoni mit-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) għal merkanzija u servizzi fornuti lill-forzi armati ta' kwalunkwe Stat parti għat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana u oġġetti importati minnhom meta tali forzi jkunu qed jieħdu sehem fl-isforz ta' difiża komuni barra l-Istat tagħhom stess.

(2) Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE ([4]) tipprevedi eżenzjoni mid-dazju tas-sisa għal prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa maħsuba biex jintużaw mill-forzi armati ta' kwalunkwe parti tal-Istat għat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana għajr dak l-Istat Membru li fih ikun dovut id-dazju tas-sisa, għall-użu ta' dawk il-forzi, għall-persunal ċivili li jakkumpanjahom jew għall-provvista tal-mensi jew kantins tagħhom, soġġett għall-kondizzjonijiet u l-limitazzjonijiet stabbiliti mill-Istat Membru ospitanti.

(3) Tali eżenzjonijiet mhumiex disponibbli fejn il-forzi armati ta' Stat Membru jkunu qed jieħdu sehem f'attivitajiet taħt il-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni (PSDK) kif stabbilit fit-Taqsima 2 tal-Kapitolu 2 tat-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Jenħtieġ li tingħata prijorità lill-ħtieġa li jitjiebu l-kapaċitajiet Ewropej fil-qasam tad-difiża u tal-immaniġġar ta' kriżijiet u li jissaħħu s-sigurtà u d-difiża tal-Unjoni. Fil-Komunikazzjoni Konġunta tagħhom tat-28 ta' Marzu 2018 dwar il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Mobbiltà Militari, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni rrikonoxxa l-ħtieġa ġenerali li t-trattament tal-VAT tal-isforzi ta' difiża jiġi allinjat fi ħdan il-qafas tal-Unjoni u l-umbrella tal-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana (NATO).

(4) Sforz ta' difiża mwettaq għall-implimentazzjoni ta' attività tal-Unjoni skont il-PSDK jinkludi missjonijiet u operazzjonijiet militari, attivitajiet tal-gruppi tattiċi, assistenza reċiproka, proġetti ta' kooperazzjoni strutturata permanenti (PESCO) u attivitajiet tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA). Madankollu, jenħtieġ li dan ma jinkludix attivitajiet taħt il-klawsola ta' solidarjetà stabbilita fl-Artikolu 222 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jew kwalunkwe attività bilaterali jew multilaterali oħra bejn l-Istati Membri li ma jirrelatawx ma' sforz ta' difiża mwettaq għall-implimentazzjoni ta' attività tal-Unjoni skont il-PSDK.

---

([1]) Opinjoni tas-26 ta' Novembru 2019 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([2]) Opinjoni tat-30 ta' Ottubru 2019 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([3]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1).
([4]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa u li tħassar id-Direttiva 92/12/KEE (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 12).

(5) Għalhekk, jenħtieġ li tiġi introdotta eżenzjoni mill-VAT biex tkopri l-provvista ta' merkanzija jew servizzi maħsuba jew għall-użu tal-forzi armati ta' Stat Membru jew tal-persunal ċivili li jakkumpanjahom jew għall-provvista tal-mensi jew kantins tagħhom meta tali forzi jieħdu sehem fi sforz ta' difiża mwettaq għall-implimentazzjoni ta' attività tal-Unjoni skont il-PSDK barra l-Istat Membru tagħhom. Provvisti ta' merkanzija jew servizzi għall-forzi armati tal-Istat Membru li fih jiġu fornuti dik il-merkanzija jew dawk is-servizzi jenħtieġ li jiġu esklużi mill-eżenzjoni mill-VAT.

(6) Barra minn hekk, huwa meħtieġ li tiġi prevista eżenzjoni mill-VAT fejn oġġetti importati mill-forzi armati ta' Stat Membru jkunu maħsuba għall-użu ta' dawk il-forzi jew tal-persunal ċivili li jakkumpanjahom jew għall-provvista tal-mensi jew kantins tagħhom, meta tali forzi jkunu qed jieħdu sehem fi sforz ta' difiża mwettaq għall-implimentazzjoni ta' attività skont il-PSDK barra l-Istat Membru tagħhom.

(7) Jenħtieġ li tiġi introdotta wkoll eżenzjoni mid-dazju tas-sisa biex tkopri l-prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa fornuti għall-użu tal-forzi armati ta' kwalunkwe Stat Membru għajr l-Istat Membru li fih ikun dovut id-dazju tas-sisa, meta tali forzi jieħdu sehem fi sforz ta' difiża mwettaq għall-implimentazzjoni ta' attività tal-Unjoni skont il-PSDK barra l-Istat Membru tagħhom.

(8) Bħal fil-każ tal-eżenzjoni mill-VAT u d-dazju tas-sisa għall-isforzi ta' difiża tan-NATO, l-eżenzjonijiet għall-isforzi ta' difiża mwettqa għall-implimentazzjoni ta' attività tal-Unjoni skont il-PSDK jenħtieġ li jkollhom kamp ta' applikazzjoni limitat. Dawk l-eżenzjonijiet jenħtieġ li japplikaw biss għal sitwazzjonijiet fejn il-forzi armati jwettqu kompiti marbuta direttament ma' sforz ta' difiża skont il-PSDK u jenħtieġ li ma jkoprux missjonijiet ċivili skont il-PSDK. Merkanzija jew servizzi fornuti għall-użu tal-persunal ċivili jistgħu għalhekk ikunu koperti biss mill-eżenzjonijiet meta l-persunal ċivili jkun qed jakkumpanja l-forzi armati li jwettqu kompiti direttament marbuta ma' sforz ta' difiża skont il-PSDK barra l-Istat Membru tagħhom. Il-kompiti mwettqa esklużivament mill-persunal ċivili jew imwettqa esklużivament bl-użu ta' kapaċitajiet ċivili jenħtieġ li ma jkunux ikkunsidrati bħala sforz ta' difiża. L-eżenzjonijiet jenħtieġ li, f'ebda ċirkostanza ma jkopru merkanzija jew servizzi li l-forzi armati jiksbu għall-użu ta' dawk il-forzi jew il-persunal ċivili li jakkumpanjahom fl-Istat Membru tagħhom stess.

(9) Minħabba li l-għan ta' din id-Direttiva, jiġifieri li tallinja t-trattament tal-VAT u tad-dazju tas-sisa ta' sforzi ta' difiża taħt l-oqfsa tal-Unjoni u tan-NATO ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jista' jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-għan.

(10) F'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tat-28 ta' Settembru 2011 tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni ([5]), l-Istati Membri impenjaw rwieħhom li jżidu man-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom, f'każijiet ġustifikati, dokument wieħed jew aktar li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet ekwivalenti ta' strumenti nazzjonali ta' traspożizzjoni. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġislatur iqis li t-trasmissjoni ta' dokumenti ta' dak it-tip hija ġustifikata.

(11) Id-Direttivi 2006/112/KE u 2008/118/KE jenħtieġ, għalhekk, li jiġu emendati skont dan,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**Emendi għad-Direttiva 2006/112/KE**

Id-Direttiva 2006/112/KE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 22, jiddaħħal il-paragrafu li ġej qabel l-ewwel paragrafu:

"L-applikazzjoni mill-forzi armati ta' Stat Membru li jkun qed jieħu sehem fi sforz ta' difiża mwettaq għall-implimentazzjoni ta' attività tal-Unjoni skont il-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni, għall-użu tagħhom jew għall-użu tal-persunal ċivili li jakkumpanjahom, ta' merkanzija li ma jkunux xtraw soġġett għar-regoli ġenerali li jirregolaw

([5]) ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

it-tassazzjoni fis-suq domestiku ta' Stat Membru għandha tiġi ttrattata bħala akkwist intra-Komunitarju ta' merkanzija bi ħlas, fejn l-importazzjoni ta' dik il-merkanzija ma tkunx eliġibbli għall-eżenzjoni prevista fil-punt (ga) tal-Artikolu 143(1).";

(2) fl-Artikolu 143(1), jiddaħħal il-punt li ġej:

"(ga) l-importazzjoni ta' merkanzija fl-Istati Membri mill-forzi armati ta' Stati Membri oħra għall-użu ta' dawk il-forzi, jew tal-persunal ċivili li jakkumpanjawhom, jew għall-provvista tal-mensi jew kantins tagħhom meta tali forzi jieħdu sehem fi sforz ta' difiża mwettaq għall-implimentazzjoni ta' attività tal-Unjoni skont il-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni;";

(3) fl-Artikolu 151(1), jiddaħħlu l-punti li ġejjin:

"(ba) il-provvista ta' merkanzija jew servizzi fi Stat Membru, maħsuba jew għall-forzi armati ta' Stati Membri oħra għall-użu ta' dawk il-forzi, jew tal-persunal ċivili li jakkumpanjahom, jew għall-provvista tal-mensi jew kantins tagħhom meta tali forzi jieħdu sehem fi sforz ta' difiża komuni mwettaq għall-implimentazzjoni ta' attività tal-Unjoni skont il-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni;

(bb) il-provvista ta' merkanzija jew servizzi lil Stat Membru ieħor, maħsuba għall-forzi armati ta' kwalunkwe Stat Membru, għajr l-Istat Membru tad-destinazzjoni nnifsu, għall-użu ta' dawk il-forzi, jew tal-persunal ċivili li jakkumpanjahom, jew għall-provvista tal-mensi jew kantins tagħhom meta tali forzi jieħdu sehem fi sforz ta' difiża mwettaq għall-implimentazzjoni ta' attività tal-Unjoni skont il-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni;".

*Artikolu 2*

**Emenda għad-Direttiva 2008/118/KE**

Fl-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 2008/118/KE, jiddaħħal il-punt li ġej:

"(ba) mill-forzi armati ta' kwalunkwe Stat Membru għajr dak l-Istat Membru li fih ikun dovut id-dazju tas-sisa, għall-użu ta' dawk il-forzi, għall-persunal ċivili li jakkumpanjahom jew għall-provvista tal-mensi jew kantins tagħhom meta tali forzi jieħdu sehem fi sforz ta' difiża mwettaq għall-implimentazzjoni ta' attività tal-Unjoni skont il-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni;".

*Artikolu 3*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sat-30 ta' Ġunju 2022, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufihit-test ta' dawk il-miżuri lill-Kummissjoni.

Għandhom japplikaw dawk il-miżuri mill-1 ta' Lulju 2022.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-mod kif għandha ssir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 4*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 5*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2019.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. LEPPÄ

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2019/2236

**tas-16 ta' Diċembru 2019**

**li jiffissa, għall-2020, l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Mediterran u fil-Baħar l-Iswed**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-Artikolu 43(3) tat-Trattat jipprevedi li l-Kunsill, fuq proposta tal-Kummissjoni, jadotta miżuri dwar l-iffissar u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd.

(2) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) jeżiġi li jiġu adottati miżuri ta' konservazzjoni filwaqt li jitqies il-parir xjentifiku, tekniku u ekonomiku disponibbli, inkluż, fejn rilevanti, ir-rapporti mfasslin mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd.

(3) Hija r-responsabbiltà tal-Kunsill li jadotta miżuri dwar l-iffissar u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd, fosthom, fejn xieraq, ċerti kondizzjonijiet li huma marbutin magħhom mil-lat funzjonali. F'konformità mal-Artikolu 16(4) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013,l-opportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu ffissati f'konformità mal-objettivi tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) stabbiliti fl-Artikolu 2(2) ta' dak ir-Regolament. L-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jipprevedi li l-opportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu allokati lill-Istati Membri b'tali mod li jiżguraw l-istabbiltà relattiva tal-attivitajiet tas-sajd ta' kull Stat Membru għal kull stokk ta' ħut jew għal kull tip ta' sajd.

(4) L-Artikolu 16(4) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jipprevedi li, għall-istokkijiet li għalihom hemm pjanijiet pluriennali speċifiċi, l-opportunitajiet tas-sajd jenħtieġ li jiġu stabbiliti skont ir-regoli stipulati f'dawk il-pjanijiet.

(5) Il-Pjan pluriennali għas-sajd li jisfrutta l-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Mediterran ġie stabbilit bir-Regolament (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) u daħal fis-seħħ fis-16 ta' Lulju 2019. F'konformità mal-Artikolu 4(1) ta' dak ir-Regolament, l-opportunitajiet tas-sajd għall-istokkijiet imniżżlin fl-Artikolu 1 ta' dak ir-Regolament għandhom jiġu ffissati b'mod li jiksbu mortalità mis-sajd fil-livell tar-rendiment massimu sostenibbli fuq bażi progressiva u inkrementali sal-2020 fejn possibbli, u sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2025. Jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd jingħataw f'termini tal-isforz tas-sajd massimu permissibbli u li dawn jiġu ffissati skont ir-reġim tal-isforz tas-sajd stabbilit fl-Artikolu 7 ta' dak ir-Regolament. Għalhekk, għall-2020, jenħtieġ li l-isforz tas-sajd massimu permissibbli jitnaqqas b'10 % meta mqabbel mal-valur ta' referenza kkalkulat f'konformità mal-Artikolu 7(4) ta' dak ir-Regolament.

---

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

([2]) Ir-Regolament (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi pjan pluriennali għas-sajd li jisfrutta l-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Mediterran u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 508/2014, ĠU L 172, 26.6.2019, p. 1).

(6) Fit-42 laqgħa annwali tagħha li saret fl-2018, il-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran (GFCM) adottat ir-rakkomandazzjoni GFCM/42/2018/1 dwar pjan ta' Ġestjoni pluriennali għas-sallura Ewropea fil-Mediterran, li stabbilixxiet miżuri ta' ġestjoni għas-sallura Ewropea (*Anguilla anguilla*) fil-Mediterran (is-subżoni ġeografiċi 1 sa 27 tal-GFCM). Dawk il-miżuri jinkludu perjodu annwali ta' għeluq tas-sajd ta' tliet xhur konsekuttivi li kull Stat Membru jrid jiddefinixxi skont l-objettivi ta' konservazzjoni mogħtija fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1100/2007 ([3]), il-pjan jew il-pjanijiet nazzjonali ta' ġestjoni tiegħu għas-sallur u skont ix-xejriet temporali tal-migrazzjoni tas-sallura fl-Istat Membru.L-għeluq tas-sajd għandu japplika għall-ilma baħar kollu tal-Mediterran u għall-ilmijiet salmastri bħall-estwarji, il-laguni kostali u l-ilmijiet tranżizzjonali f'konformità ma' dik ir-Rakkomandazzjoni. Jenħtieġ li dik il-miżura tiġi implimentata fil-liġi tal-Unjoni.

(7) Fit-42 laqgħa annwali tagħha li saret fl-2018, il-GFCM adottat ukoll ir-rakkomandazzjoni GFCM/42/2018/8 dwar miżuri ulterjuri ta' emerġenza fl-2019-2021 għal stokkijiet żgħar pelaġiċi fil-baħar Adrijatiku (is-subżoni ġeografiċi 17 u 18), li stabbiliet limiti tal-qbid u limiti tal-isforz tas-sajd għall-istokkijiet pelaġiċi ż-żgħar għall-2019, l-2020 u l-2021 fis-subżoni ġeografiċi 17 u 18 tal-GFCM (il-Baħar Adrijatiku). Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni. Il-limiti massimi tal-qbid huma ffissati biss għal sena u huma mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe miżura oħra li tista' tiġi adottata fil-ġejjieni u għal kwalunkwe skema ta' allokazzjoni li jista' jkun hemm bejn l-Istati Membri.

(8) Fit-43 laqgħa annwali tagħha li saret fl-2019, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni […] GFCM/43/2019/5 dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għas-sajd sostenibbli tal-ħut tal-qiegħ fil-Baħar Adrijatiku (is-subżoni ġeografiċi 17 u 18), li daħħlet reġim tal-isforz tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut tal-qiegħ. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(9) Filwaqt li jitqiesu l-partikolaritajiet tal-flotta Slovena u l-impatt marġinali tagħha fuq l-istokkijiet tal-ispeċijiet pelaġiċi ż-żgħar u fuq l-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ, huwa xieraq li jiġu ppreżervati x-xejriet tas-sajd eżistenti u li jiġi żgurat l-aċċess tal-flotta Slovena għal kwantità minima ta' speċijiet pelaġiċi żgħar u għal sforz tas-sajd minimu għall-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ.

(10) Fit-43 laqgħa annwali tagħha li saret fl-2019, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/3 li temenda r-Rakkomandazzjoni GFCM/41/2017/4 dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għas-sajd għall-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed (is-subżona ġeografika 29 tal-GFCM). Dik ir-rakkomandazzjoni tintroduċi qabda totali permissibbli (TAC) reġjonali aġġornata u skema ta' allokazzjoni tal-kwoti għall-barbun imperjali, kif ukoll miżuri ta' konservazzjoni oħrajn għal dak l-istokk, b'mod partikolari perjodu ta' għeluq tas-sajd ta' xahrejn u restrizzjoni fuq il-jiem tas-sajd ta' 180 jum fis-sena. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(11) Skont il-parir xjentifiku tal-GFCM, jeħtieġ jinżamm il-livell attwali ta' mortalità mis-sajd biex tkun żgurata s-sostenibbiltà tal-istokk tal-laċċ ikħal fil-Baħar l-Iswed. Għalhekk huwa xieraq li tkompli tiġi ffissata kwota awtonoma għal dak l-istokk.

(12) Jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd jiġu stabbiliti abbażi tal-parir xjentifiku disponibbli, filwaqt li jitqiesu l-aspetti bijoloġiċi u soċjoekonomiċi filwaqt li jiġi żgurat trattament ġust bejn is-setturi tas-sajd, kif ukoll fid-dawl tal-opinjonijiet espressi waqt il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati.

(13) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 ([4]) daħħal kondizzjonijiet addizzjonali għall-ġestjoni tat-TACs minn sena għall-oħra, inkluż, skont l-Artikolu 3 u 4 ta' dak ir-Regolament, dispożizzjonijiet ta' flessibbiltà għat-TACs prekawzjonarji u analitiċi. Skont l-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament, meta jiġu stabbiliti t-TACs, il-Kunsill irid jiddeċiedi liema huma l-istokkijiet li għalihom ma għandhomx japplikaw l-Artikoli 3 u 4 ta' dak ir-Regolament, b'mod partikolari abbażi tal-istat bijoloġiku tal-istokkijiet. Iktar reċentement, l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 daħħal il-mekkaniżmu tal-flessibbiltà minn sena għall-oħra għall-istokkijiet kollha li għalihom japplika l-obbligu tal-ħatt l-art. Għalhekk, sabiex tiġi evitata flessibbiltà eċċessiva li ddgħajjef il-prinċipju ta' sfruttament razzjonali u responsabbli tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, li xxekkel il-kisba tal-objettivi tal-PKS u li twassal biex il-qagħda bijoloġika tal-istokkijiet tmur għall-agħar, jenħtieġ li jiġi stabbilit li l-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 japplikaw għat-TACs analitiċi biss meta ma tintużax il-flessibbiltà minn sena għall-oħra prevista fl-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1100/2007 tat-18 ta' Settembru 2007 li jistabbilixxi miżuri għall-irkupru tal-istokk tas-sallura Ewropea (ĠU L 248, 22.9.2007, p. 17).

([4]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 tas-6 ta' Mejju 1996 li jintroduċi kondizzjonijiet addizzjonali għal tmexxija minn sena għal sena tat-TAC u l-kwoti (ĠU L 115, 9.5.1996, p. 3).

(14) L-użu tal-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament huwa soġġett għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 [5] u b'mod partikolari l-Artikoli 33 u 34 ta' dak ir-Regolament, fir-rigward tar-reġistrazzjoni tal-qabdiet u tal-isforz tas-sajd u n-notifika tad-data dwar l-eżawriment tal-opportunitajiet tas-sajd. Għalhekk, jeħtieġ jiġu speċifikati l-kodiċijiet li l-Istati Membri jridu jużaw meta jibagħtu d-data lill-Kummissjoni dwar il-ħatt l-art tal-istokkijiet li għalihom japplika dan ir-Regolament.

(15) Sabiex tiġi evitata l-interruzzjoni tal-attivitajiet tas-sajd u biex jiġi żgurat l-għajxien tas-sajjieda tal-Unjoni, jenħtieġ li dan ir-Regolament jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2020. Minħabba l-urġenza, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ minnufih wara li jiġi ppubblikat.

(16) Jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd jintużaw b'mod li jkun għalkollox konformi mal-liġi tal-Unjoni,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

TITOLU I

**DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI**

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Dan ir-Regolament jiffissa, għall-2020, l-opportunitajiet tas-sajd applikabbli fil-Mediterran u fil-Baħar l-Iswed għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut.

*Artikolu 2*

**Kamp ta' applikazzjoni**

1. Dan ir-Regolament japplika għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistadu għall-istokkijiet tal-ħut li ġejjin:

(a) is-sallura Ewropea (*Anguilla anguilla*) fil-Mediterran, kif iddefinit fl-Artikolu 4(b);

(b) il-gambli l-blu u l-ħomor (*Aristeus antennatus*), il-gambli l-bojod (*Parapenaeus longirostris*), il-gambli l-ħomor il-kbar (*Aristaeomorpha foliacea*), il-merluzz (*Merluccius merluccius*), l-iskampu (*Nephrops norvegicus*) u t-trilja tal-ħama (*Mullus barbatus*) fil-Punent tal-Mediterran, kif iddefinit fl-Artikolu 4(c);

(c) l-inċova (*Engraulis encrasicolus*) u s-sardin (*Sardina pilchardus*) fil-Baħar Adrijatiku, kif iddefinit fl-Artikolu 4(d);

(d) il-merluzz (*Merluccius merluccius*), l-iskampu (*Nephrops norvegicus*), il-lingwata komuni (*Solea solea*), il-gambli l-bojod (*Parapenaeus longirostris*) u t-trilja tal-ħama (*Mullus barbatus*) fil-Baħar Adrijatiku, kif iddefinit fl-Artikolu 4(d);

(e) il-laċċ ikħal (*Sprattus sprattus*) u l-barbun imperjali (*Psetta maxima*) fil-Baħar l-Iswed, kif iddefinit fl-Artikolu 4(e).

2. Dan ir-Regolament japplika wkoll għas-sajd rikreattiv meta dan jissemma b'mod ċar fid-dispożizzjonijiet rilevanti.

*Artikolu 3*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Barra minn hekk, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "ilmijiet internazzjonali" tfisser ilmijiet li ma jaqgħu taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tal-ebda Stat;

[5] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

(b) ”sajd rikreattiv” tfisser attivitajiet tas-sajd mhux kummerċjali li jisfruttaw ir-riżorsi akkwatiċi ħajjin tal-baħar għar-rikreazzjoni, it-turiżmu jew l-isport;

(c) ”qabda totali permissibbli” (TAC) tfisser:

(i) fil-każ tal-attivitajiet tas-sajd li għalihom tapplika l-eżenzjoni mill-obbligu ta' ħatt l-art imsemmija fl-Artikolu 15(4) sa (7) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-ammont ta' ħut li jista' jinħatt l-art minn kull stokk kull sena;

(ii) fil-każ tal-attivitajiet l-oħrajn kollha tas-sajd, l-ammont ta' ħut li jista' jinqabad minn kull stokk fuq perjodu ta' sena;

(d) ”kwota” tfisser proporzjon mit-TAC allokata lill-Unjoni jew lil Stat Membru;

(e) ”kwota awtonoma tal-Unjoni” tfisser limitu tal-qbid allokat b'mod awtonomu lill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni meta ma jkunx hemm qbil dwar TAC;

(f) ”kwota analitika” tfisser kwota awtonoma tal-Unjoni li għaliha tkun disponibbli valutazzjoni analitika;

(g) ”valutazzjoni analitika” tfisser evalwazzjoni kwantitattiva tax-xejriet fi stokk partikolari, imsejsa fuq data dwar il-bijoloġija u l-isfruttament tal-istokk li l-analiżi xjentifika tkun indikat li hija ta' kwalità tajba biżżejjed biex abbażi tagħha jingħataw pariri xjentifiċi dwar l-għażliet għall-qbid fil-ġejjieni.

*Artikolu 4*

**Żoni tas-sajd**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet taż-żoni li ġejjin:

(a) ”is-subżoni ġeografiċi tal-GFCM” tfisser iż-żoni kif definiti fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 1343/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]);

(b) ”il-Mediterran” tfisser l-ilmijiet tas-subżoni ġeografiċi 1 sa 27 tal-GFCM, kif iddefiniti fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 1343/2011;

(c) ”il-Punent tal-Mediterran” tfisser l-ilmijiet tas-subżoni ġeografiċi 1, 2, 5, 6, 7, 8, 9, 10 u 11 tal-GFCM, kif iddefiniti fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 1343/2011;

(d) ”il-Baħar Adrijatiku” tfisser l-ilmijiet tas-subżoni ġeografiċi 17 u 18 tal-GFCM, kif iddefiniti fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 1343/2011;

(e) ”il-Baħar l-Iswed” tfisser l-ilmijiet tas-subżona ġeografika 29 tal-GFCM, kif iddefinita fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 1343/2011.

TITOLU II

**OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD**

*KAPITOLU I*

***Il-Mediterran***

*Artikolu 5*

**Sallura Ewropea**

1. L-attivitajiet kollha tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għall-attivitajiet l-oħrajn tas-sajd tal-Unjoni għall-qbid tas-sallura Ewropea (*Anguilla anguilla*), jiġifieri s-sajd immirat, inċidentali u rikreattiv, għandhom ikunu suġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu.

2. Dan l-Artikolu japplika għall-Mediterran u għall-ilmijiet salmastri bħall-estwarji, il-laguni kostali u l-ilmijiet transizzjonali.

---

([6]) Ir-Regolament (UE) Nru 1343/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM (Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran) u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran (ĠU L 347, 30.12.2011, p. 44).

3. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom ikunu pprojbiti milli jistadu għas-sallura Ewropea fl-ilmijiet tal-Unjoni u fl-ilmijiet internazzjonali tal-Mediterran għal perjodu ta' tliet xhur konsekuttivi li kull Stat Membru jrid jistabbilixxi. Il-perjodu tal-għeluq tas-sajd għandu jkun konsistenti mal-objettivi ta' konservazzjoni stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1100/2007, mal-pjanijiet nazzjonali ta' ġestjoni li jkunu fis-seħħ u max-xejriet temporali tal-migrazzjoni tas-sallura Eropea fl-Istati Membri kkonċernati. L-Istati Membri għandhom jikkominkaw il-perjodu stabbilit lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn xahar qabel ma jidħol fis-seħħ l-għeluq tas-sajd u, fi kwalunkwe każ, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar 2020.

*KAPITOLU II*

## *Il-Punent tal-Mediterran*

*Artikolu 6*

### Stokkijiet tal-ħut tal-qiegħ

1. L-isforz tas-sajd massimu permissibbli għall-2020 għall-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Mediterran huwa stabbilit fl-Anness I għar-Regolament.

2. L-Istati Membri għandhom jimmaniġġaw l-isforz tas-sajd massimu permissibbli f'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2019/1022.

*Artikolu 7*

### Trasmissjoni tad-data

L-Istati Membri għandhom jirreġistraw id-data dwar l-isforz tas-sajd u jibagħtuha lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2019/1022.

Meta jibagħtu d-data dwar l-isforz tas-sajd lill-Kummissjoni skont dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jużaw il-kodiċijiet tal-gruppi tal-isforz tas-sajd stabbiliti fl-Anness I għal dan ir-Regolament.

*KAPITOLU III*

## *Il-Baħar Adrijatiku*

*Artikolu 8*

### Stokkijiet pelaġiċi żgħar

1. L-ammont ta' sardin (*Sardina pilchardus*) u ta' inċova (*Engraulis encrasicolus*) li jaqbdu l-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fil-Baħar Adrijatiku ma għandux jaqbeż il-livelli stabbiliti fl-Anness II għal dan ir-Regolament.

2. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jkunu qed jistadu għas-sardin u għall-inċova fil-Baħar Adrijatiku ma għandhomx jaqbżu l-180 jum ta' sajd fis-sena. Minn dawk il-180 jum tas-sajd, għadd massimu ta' 144 jum tas-sajd għandu jiġi allokat għas-sajd għas-sardin u għadd massimu ta' 144 jum tas-sajd għandu jiġi allokat għas-sajd għall-inċova.

*Artikolu 9*

### Stokkijiet tal-ħut tal-qiegħ

1. L-isforz tas-sajd massimu permissibbli għall-2020 għall-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Baħar Adrijatiku huwa stabbilit fl-Anness II.

2. L-Istati Membri għandhom jimmaniġġaw l-isforz massimu permissibbli f'konformità mal-Artikoli 26 sa 35 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

*Artikolu 10*

**Trasmissjoni tad-data**

Meta skont l-Artikoli 33 u 34 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 l-Istati Membri jibagħtu lill-Kummissjoni d-data marbuta mal-ħatt l-art tal-kwantitajiet tal-istokkijiet li jkunu qabdu u d-data dwar l-isforz tas-sajd, huma għandhom jużaw il-kodiċijiet tal-istokkijiet u l-kodiċijiet tal-grupp tal-isforz stabbiliti fl-Anness II għal dan ir-Regolament.

*KAPITOLU IV*

***Il-Baħar l-Iswed***

*Artikolu 11*

**Allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd għal-laċċ ikħal**

Lil-kwota awtonoma tal-Unjoni għal-laċċ ikħal (*Sprattus sprattus*), l-allokazzjoni ta' tali kwota fost l-Istati Membri u l-kondizzjonijiet marbutin magħhom mil-lat funzjonali, meta dan ikun xieraq, huwa stabbiliti fl-Anness III għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 12*

**Allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd għall-barbun imperjali**

It-TAC għall-barbun imperjali (*Psetta maxima*) applikabbli għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fl-ilmijiet tal-Unjoni li jinsabu fil-Baħar l-Iswed u l-allokazzjoni ta' tali TAC fost l-Istati Membri u l-kondizzjonijiet marbutin magħhom mil-lat funzjonali, meta dan ikun xieraq, huma stabbiliti fl-Anness III għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 13*

**Ġestjoni tal-isforz tas-sajd għall-barbun imperjali**

Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li huma awtorizzati jistadu għall-barbun imperjali fl-ilmijiet tal-Unjoni li jinsabu fil-Baħar l-Iswed, irrispettivament mit-tul totali tagħhom, ma għandhomx jaqbżu l-180 jum tas-sajd fis-sena,.

*Artikolu 14*

**Perjodu ta' għeluq tas-sajd għall-barbun imperjali**

Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom ikunu pprojbiti milli jwettqu kull attività tas-sajd, inkluż it-trażbord, iż-żamma abbord, il-ħatt l-art u l-ewwel bejgħ tal-barbun imperjali, fl-ilmijiet tal-Unjoni li jinsabu fil-Baħar l-Iswed mill-15 ta' April sal-15 ta' Ġunju.

*Artikolu 15*

**Dispożizzjonijiet speċjali dwar l-allokazzjonijiet tal-opportunitajiet tas-sajd fil-Baħar l-Iswed**

1. L-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri kif stabbilit fl-Artikoli 11 u 12 ta' dan ir-Regolament għandha tkun mingħajr preġudizzju għal:

(a) l-iskambji li jsiru skont l-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

(b) it-tnaqqis u r-riallokazzjonijiet li jsiru skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009; u

(c) it-tnaqqis li jsir skont l-Artikoli 105 u 107 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

2. L-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandhomx japplikaw meta Stat Membru juża l-flessibbiltà minn sena għal sena prevista fl-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

*Artikolu 16*

**Trasmissjoni tad-data**

Meta skont l-Artikoli 33 u 34 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 l-Istati Membri jibagħtu lill-Kummissjoni d-data marbuta mal-ħatt l-art tal-kwantitajiet tal-istokkijiet tal-laċċ ikħal u tal-barbun imperjali li jkunu qabdu fl-ilmijiet tal-Unjoni li jinsabu fil-Baħar l-Iswed, huma għandhom jużaw il-kodiċijiet tal-istokkijiet stabbiliti fl-Anness III għal dan ir-Regolament.

TITOLU III

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 17*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2020.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2019.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. LEPPÄ

*ANNESS I*

## L-ISFORZ TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TAS-SAJD TAL-UNJONI FIL-KUNTEST TAL-ĠESTJONI TAL-ISTOKKIJIET TAL-ĦUT TAL-QIEGĦ FIL-PUNENT TAL-MEDITERRAN

It-tabelli f'dan l-Anness jistabbilixxu l-isforz tas-sajd massimu permissibbli (f'jiem tas-sajd) skont il-gruppi tal-istokkijiet, kif iddefiniti fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) 2019/1022, u skont it-tul totali tal-bastimenti għat-tipi ta' bastimenti tat-tkarkir ([1]) kollha li jistadu għall-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Mediterran.

L-isforzi tas-sajd massimi permissibbli kollha stabbiliti f'dan l-Anness għandhom ikunu soġġetti għar-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) 2019/1022 u fl-Artikoli 26 sa 35 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

Ir-referenzi għaż-żoni tas-sajd huma referenzi għas-subżoni ġeografiċi tal-GFCM.

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, qed tingħata t-tabella komparattiva li ġejja bl-ismijiet bil-Latin u bl-ismijiet komuni tal-istokkijiet tal-ħut:

| Isem xjentifiku | Kodiċi alfa-3 | Isem komuni |
|---|---|---|
| *Aristaeomorpha foliacea* | ARS | Gamblu aħmar kbir |
| *Aristeus antennatus* | ARA | Gamblu blu u aħmar |
| *Merluccius merluccius* | HKE | Merluzz |
| *Mullus barbatus* | MUT | Trilja tal-ħama |
| *Nephrops norvegicus* | NEP | Skampu |
| *Parapenaeus longirostris* | DPS | Gamblu abjad |

L-isforz tas-sajd massimu permissibbli, f'jiem tas-sajd

(a) Fil-Baħar Alboran, fil-Gżejjer Baleariċi, fit-Tramuntana ta' Spanja u fil-Golf tal-Iljuni (is-subżoni ġeografiċi 1-2-5-6-7)

| Grupp ta' stokkijiet | Tul totali tal-bastimenti | Spanja | Franza | L-Italja | Kodiċi tal-grupp tal-isforz tas-sajd |
|---|---|---|---|---|---|
| It-trilja tal-ħama fis-subżoni ġeografiċi 1, 5, 6 u 7; il-merluzz fis-subżoni ġeografiċi 1-5-6-7; il-gamblu abjad fis-subżoni ġeografiċi 1, 5 u 6; u l-iskampu fis-subżoni ġeografiċi 5 u 6. | < 12-il metru | 2 260 | 0 | 0 | EFF1/MED1_TR1 |
| | ≥ 12-il metru u < 18-il metru | 24 284 | 0 | 0 | EFF1/MED1_TR2 |
| | ≥ 18-il metru u < 24-il metru | 46 277 | 5 144 | 0 | EFF1/MED1_TR3 |
| | ≥ 24 metru | 16 240 | 6 258 | 0 | EFF1/MED1_TR4 |
| Il-gamblu blu u aħmar fis-subżoni ġeografiċi 1, 5, 6 u 7. | < 12-il metru | 0 | 0 | 0 | EFF2/MED1_TR1 |
| | ≥ 12-il metru u < 18-il metru | 1 139 | 0 | 0 | EFF2/MED1_TR2 |
| | ≥ 18-il metru u < 24-il metru | 10 822 | 0 | 0 | EFF2/MED1_TR3 |
| | ≥ 24 metru | 9 066 | 0 | 0 | EFF2/MED1_TR4 |

([1]) TBB, OTB, PTB, TBN, TBS, TB, OTM, PTM, TMS, TM, OTT, OT, PT, TX, OTP, TSP

(b) Fil-Gżira ta' Korsika, fil-Baħar Ligurjan, fil-Baħar Tirren u fil-Gżira ta' Sardinja (is-subżoni ġeografiċi 8-9-10-11)

| Grupp ta' stokkijiet | Tul totali tal-bastimenti | Spanja | Franza | L-Italja | Kodiċi tal-grupp tal-isforz tas-sajd |
|---|---|---|---|---|---|
| It-trilja tal-ħama fis-subżoni ġeografiċi 9, 10 u 11; il-merluzz fis-subżoni ġeografiċi 9-10-11; il-gamblu abjad fis-subżoni ġeografiċi 9-10-11; u l-iskampu fis-subżoni ġeografiċi 9 u 10. | < 12-il metru | 0 | 208 | 3 081 | EFF1/MED2_TR1 |
| | ≥ 12-il metru u < 18-il metru | 0 | 833 | 46 350 | EFF1/MED2_TR2 |
| | ≥ 18-il metru u < 24-il metru | 0 | 208 | 31 170 | EFF1/MED2_TR3 |
| | ≥ 24 metru | 0 | 208 | 4 160 | EFF1/MED2_TR4 |
| Il-gamblu aħmar il-kbir fis-subżoni ġeografiċi 9, 10 u 11. | < 12-il metru | 0 | 0 | 510 | EFF2/MED2_TR1 |
| | ≥ 12-il metru u < 18-il metru | 0 | 0 | 3 760 | EFF2/MED2_TR2 |
| | ≥ 18-il metru u < 24-il metru | 0 | 0 | 3 028 | EFF2/MED2_TR3 |
| | ≥ 24 metru | 0 | 0 | 405 | EFF2/MED2_TR4 |

*ANNESS II*

L-OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TAS-SAJD TAL-UNJONI FIL-BAĦAR ADRIJATIKU

It-tabelli mogħtija f'dan l-Anness jistabbilixxu l-opportunitajiet tas-sajd skont il-gruppi tal-istokkijiet jew il-gruppi tal-isforz tal-bastimenti u l-kondizzjonijiet li huma marbutin magħhom mil-lat funzjonali, fejn ikun xieraq.

Għall-opportunitajiet kollha tas-sajd stabbiliti f'dan l-Anness għandhom japplikaw ir-regoli stabbiliti fl-Artikoli 26 sa 35 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

Ir-referenzi għaż-żoni tas-sajd huma referenzi għas-subżoni ġeografiċi tal-GFCM.

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, qed tingħata t-tabella komparattiva li ġejja bl-ismijiet bil-Latin u bl-ismijiet komuni:

| Isem xjentifiku | Kodiċi alfa-3 | Isem komuni |
|---|---|---|
| *Engraulis encrasicolus* | ANE | Inċova |
| *Merluccius merluccius* | HKE | Merluzz |
| *Mullus barbatus* | MUT | Trilja tal-ħama |
| *Nephrops norvegicus* | NEP | Skampu |
| *Parapenaeus longirostris* | DPS | Gamblu abjad |
| *Sardina pilchardus* | PIL | Sardin |
| *Solea solea* | SOL | Lingwata komuni |

1. L-istokkijiet pelaġiċi żgħar — is-subżoni ġeografiċi 17 u 18

It-tabella mogħtija f'din it-taqsima tistabbilixxi l-livell massimu tal-qabdiet mogħti f'tunnellati ta' piż ħaj.

| Speċi: | L-ispeċijiet pelaġiċi ż-żgħar (Inċova u sardin) *Engraulis encrasicolus* u *Sardina pilchardus* | Żona: | L-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali tas-subżoni ġeografiċi 17 u 18 tal-GFCM (SP1/GF1718) |
|---|---|---|---|
| L-Unjoni | 101 711 [1] [2] | Il-livell massimu tal-qabdiet | |
| | | L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika | |
| TAC | Mhix rilevanti | L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika | |

[1] Għas-Slovenja, il-kwantitajiet jissejsu fuq il-livell tal-qabdiet li kien hemm fl-2014 u ma għandhomx jaqbżu t-300 tunnellata.
[2] Din il-kwota hija limitata għall-Kroazja, l-Italja u s-Slovenja.

2. L-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ – is-subżoni ġeografiċi 17 u 18

It-tabella mogħtija f'din it-taqsima tistabbilixxi l-isforz tas-sajd massimu permissibbli (f'jiem tas-sajd) skont it-tipi ta' bastimenti tat-tkarkir li jistadu għall-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fis-subżoni ġeografiċi 17 u 18 (il-Baħar Adrijatiku).

| Tip ta' rkaptu | Stokkijiet | Stat Membru | L-isforz tas-sajd (jiem tas-sajd) Sena 2020 | Kodiċi tal-grupp tal-isforz tas-sajd |
|---|---|---|---|---|
| Xbieki tat-tkarkir (OTB) | Merluzz, gamblu abjad, skampu, trilja tal-ħama | L-Italja, Subżoni ġeografiċi 17-18 | 108 349 | EFF/MED3_OTB |
| | | il-Kroazja, Subżoni ġeografiċi 17-18 | 39 257 | EFF/MED3_OTB |
| | | is-Slovenja, Subżona ġeografika 17 | [1] | EFF/MED3_OTB |

| Tip ta' rkaptu | Stokkijiet | Stat Membru | L-isforz tas-sajd (jiem tas-sajd) Sena 2020 | Kodiċi tal-grupp tal-isforz tas-sajd |
|---|---|---|---|---|
| Xbieki tat-tkarkir bi travu (TBB) | Lingwata komuni | L-Italja, Subżona ġeografika 17 | 8 663 | EFF/MED3_TBB |

([1]) Bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tas-Slovenja li joperaw b'irkaptu OTB fis-subżona ġeografika 17 ma għandhomx jaqbżu l-limitu tal-isforz ta' 3 000 jum ta' sajd fis-sena.

*ANNESS III*

## L-OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TAS-SAJD TAL-UNJONI FIL-BAĦAR L-ISWED

It-tabelli mogħtija f'dan l-Anness jistabbilixxu t-TACs u l-kwoti, mogħtija f'tunnellati ta' piż ħaj, skont l-istokk u l-kondizzjonijiet li huma marbutin magħhom mil-lat funzjonali, fejn xieraq.

L-opportunitajiet kollha tas-sajd stabbiliti f'dan l-Anness għandhom ikunu soġġetti għar-regoli stabbiliti fl-Artikoli 26 sa 35 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

Ir-referenzi għaż-żoni tas-sajd huma referenzi għas-subżoni ġeografiċi tal-GFCM.

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, qed tingħata t-tabella komparattiva li ġejja bl-ismijiet bil-Latin u bl-ismijiet komuni:

| Isem xjentifiku | Kodiċi alfa-3 | Isem komuni |
|---|---|---|
| *Sprattus sprattus* | SPR | Laċċ ikħal |
| *Psetta maxima* | TUR | Barbun imperjali |

| Speċi: | Laċċ ikħal<br>*Sprattus sprattus* | Żona: | L-ilmijiet tal-Unjoni li jinsabu fil-Baħar l-Iswed - is-subżona ġeografika 29<br>(SPR/F3742C) |
|---|---|---|---|
| Bulgarija | 8 032,50 | Kwota analitika | |
| Rumanija | 3 442,50 | L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika. | |
| Unjoni | 11 475 | L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika. | |
| TAC | Mhix rilevanti jew ma hemmx qbil dwarha | | |

| Speċi | Barbun imperjali<br>*Psetta maxima* | Żona: | L-ilmijiet tal-Unjoni li jinsabu fil-Baħar l-Iswed - is-subżona ġeografika 29<br>(TUR/F3742C) |
|---|---|---|---|
| Bulgarija | 75 | TAC analitika | |
| Rumanija | 75 | L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika. | |
| Unjoni | 150 (1) | L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika. | |
| TAC | 857 | | |

(1) L-ebda attività tas-sajd, inkluż it-trażbord, iż-żamma abbord, [...] il-ħatt l-art u l-ewwel bejgħ ma għandha tkun permessa mill-15 ta' April sal-15 ta' Ġunju 2020.

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/2237**

**tal-1 ta' Ottubru 2019**

**li jispeċifika d-dettalji tal-obbligu ta' ħatt l-art għal ċertu tip ta' sajd demersali fl-ilmijiet tal-Lbiċ għall-perjodu mill-2020 sal-2021**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 15(6) u l-Artikolu 18(1) u (3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir- Regolament (UE) 2019/472 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet mistada fl-Ilmijiet tal-Punent u fl-ilmijiet tal-madwar, u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/1139 u (UE) 2018/973, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007 u (KE) Nru 1300/2008 ([2]), u b'mod partikulari l-Artikolu 13 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għandu l-għan li jelimina b'mod progressiv il-qbid skartat fis-sajd kollu tal-Unjoni bl-introduzzjoni ta' obbligu ta' ħatt l-art għall-qabdiet ta' speċijiet li għalihom hemm limiti tal-qbid.

(2) L-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jipprevedi l-adozzjoni ta' pjanijiet pluriennali li jkun fihom miżuri ta' konservazzjoni għas-sajd li jisfrutta ċerti stokkijiet f'żona ġeografika rilevanti.

(3) Pjanijiet pluriennali bħal dawn jispeċifikaw id-dettalji tal-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art u jistgħu jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni tkompli tispeċifika dawk id-dettalji abbażi ta' rakkomandazzjonijiet konġunti żviluppati mill-Istati Membri.

(4) Fid-19 ta' Marzu 2019, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw ir-Regolament (UE) 2019/472 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet mistada fl-Ilmijiet tal-Punent u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet. L-Artikolu 13 ta' dak ir-Regolament jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni tadotta atti delegati sabiex tissupplimenta lil dan ir-Regolament billi tispeċifika d-dettalji tal-obbligu ta' ħatt l-art għall-istokkijiet kollha tal-ispeċijiet fl-Ilmijiet tal-Punent li għalihom japplika l-obbligu ta' ħatt l-art skont l-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, kif previst fl-Artikolu 15 (5)(a) sa (e) ta' dak ir-Regolament, abbażi ta' rakkomandazzjonijiet konġunti żviluppati mill-Istati Membri.

([1]) ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22.
([2]) ĠU L 83, 25.3.2019, p. 1.

(5) Il-Belġju, Spanja, Franza, in-Netherlands u l-Portugall għandhom interess ta' ġestjoni dirett fis-sajd fl-ilmijiet tal-Lbiċ. Permezz tar-Regolament Delegat (UE) 2016/2374 ([3]), il-Kummissjoni stabbiliet pjan għall-iskartar għal ċertu sajd demersali fl-ilmijiet tal-Lbiċ li tħassar u ġie ssostitwit bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/2033 ([4]) wara rakkomandazzjoni konġunta li l-Belġju, Spanja, Franza, in-Netherlands u l-Portugall bagħtu fl-2018.

(6) Fil-31 ta' Mejju 2019, il-Belġju, Spanja, Franza, in-Netherlands u l-Portugall bagħtu rakkomandazzjoni konġunta ġdida lill-Kummissjoni wara li kkonsultaw lill-Kunsill Konsultattiv tal-Ilmijiet tal-Lbiċ u lill-Kunsill Konsultattiv tal-Istokkijiet Pelaġiċi, li mbagħad ġiet emendata fid-9 ta' Awwissu 2019. Inkisbu kontributi xjentifiċi mingħand il-korpi xjentifiċi rilevanti li ġew evalwati mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (l-STECF) ([5]). Il-Kummissjoni bagħtet il-miżuri kkonċernati lill-grupp ta' esperti magħmul mit-28 Stat Membru u mill-Parlament Ewropew bħala osservatur, għal konsultazzjoni bil-miktub min-naħa tagħhom.

(7) Ir-Regolament Delegat (UE) 2018/2033 kien fih eżenzjoni mill-obbligu ta' ħatt l-art għall-iskampu li jinqabad bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ fis-subżoni 8 u 9 tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (l-ICES) u għall-paġella l-ħamra li tinqabad bl-irkaptu artiġjanali "*voracera*" fid-diviżjoni 9a tal-ICES, minħabba li l-evidenza xjentifika eżistenti kienet tindika rati possibbilment għoljin ta' sopravivenza, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi tal-irkaptu li jintuża biex tiġi mistada dik l-ispeċi, il-prattiki tas-sajd u l-ekosistema. Fl-evalwazzjoni tiegħu ([6]), l-STECF ikkonkluda li l-aħħar esperimenti u studji li twettqu bejn l-2016 u l-2018 juru li r-rati ta' sopravivenza tal-iskampu kienu fil-firxa tar-rata ta' sopravivenza li kienet ġiet innutata fil-valutazzjonijiet ta' qabel. L-Istati Membri bagħtu l-evidenza biex juru r-rati ta' sopravivenza tal-qbid skartat tal-paġella l-ħamra lill-STECF, li kkonkluda ([7]) li l-eżenzjoni kienet iġġustifikata sewwa. Għalhekk, minħabba li ċ-ċirkustanzi ma nbidlux, jenħtieġ li dawk l-eżenzjonijiet marbutin ma' rata għolja ta' sopravivenza jinżammu fil-pjan għall-iskartar għal ċertu sajd demersali fl-ilmijiet tal-Lbiċ għall-perjodu mill-2020 sal-2021.

(8) Ir-Regolament Delegat (UE) 2018/2033 ta eżenzjoni marbuta ma' rata għolja ta' sopravivenza għar-rebekkini u għar-raj li jinqabdu b'kull tip ta' rkaptu fis-subżoni 8 u 9 tal-ICES, sakemm tintbagħat evidenza xjentifika ddettaljata dwar ir-rati ta' sopravivenza għas-segmenti kollha tal-flotta u għall-kombinazzjonijiet kollha tal-irkaptu, taż-żoni u tal-ispeċijiet. L-STECF iqis li l-Istati Membri ġabru informazzjoni dwar il-vitalità li tipprovdi ċerta indikazzjoni dwar ir-rata ta' sopravivenza ([8]), iżda li hemm bżonn ta' iktar dettalji. Sabiex tinġabar id-*data* rilevanti, jeħtieġ li s-sajd jitkompla. Għalhekk l-eżenzjoni tista' tingħata, iżda l-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom l-obbligu jippreżentaw id-*data* rilevanti li tippermetti lill-STECF jivvaluta bis-sħiħ il-ġustifikazzjoni u li tippermetti lill-Kummissjoni twettaq rieżami. Jenħtieġ li, sal-1 ta' Mejju ta' kull sena, l-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett jibagħtu l-affarijiet li ġejjin: (a) pjan direzzjonali żviluppat biex iżid is-sopravivenza u biex jimla l-lakuni fid-*data* identifikati mill-STECF, li jrid jiġi vvalutat kull sena mill-STECF, u (b) rapporti annwali dwar il-progress li jkun sar b'rabta mal-programmi marbutin mar-rata ta' sopravivenza u dwar kull modifika jew aġġustament li jkun sar fihom.

(9) Meta kienu qed jitqiesu r-rati ta' sopravivenza tar-rebekkini u tar-raj, instab li r-raja kukù (*Leucoraja naevus*) kellhom rata ta' sopravivenza li kienet ħafna iktar baxxa minn dik ta' speċijiet oħrajn. Barra minn hekk, jidher li l-fehim xjentifiku dwar ix-xejra ta' sopravivenza ta' dik l-ispeċi huwa inqas robust. L-Istati Membri bagħtu evidenza dwar il-vitalità tar-raja kukù u dwar ir-rati ta' sopravivenza tal-qbid skartat direttament ta' din l-ispeċi. L-STECF eżamina dik l-evidenza u kkonkluda ([9]) li d-*data* turi li l-vitalità tar-raja kukù hija varjabbli iżda li din id-*data* mhix rappreżentattiva tal-kundizzjonijiet tas-sajd kummerċjali u ma teskludix li r-rata ta' sopravivenza tar-raja kukù hija qrib iż-żero. Għalhekk jenħtieġ li dik l-eżenzjoni tingħata għal sentejn biss għar-raja kukù li tinqabad bil-pariti fis-subżoni 8 u 9 tal-ICES u għal sena għar-raja kukù li tinqabad bix-xbieki tat-tkarkir fis-subżona 8 tal-ICES. Jenħtieġ li r-riżultati tal-istudji li għaddejjin bħalissa u tal-miżuri mtejba ta' sopravivenza jiġu żviluppati b'urġenza u jingħataw lill-STECF għall-valutazzjoni tiegħu malajr kemm jista' jkun u sa mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2020 għar-raja kukù li tinqabad bix-xbieki tat-tkarkir fis-subżona 8 tal-ICES u sa mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju ta' kull sena għar-raja kukù li tinqabad bil-pariti fis-subżoni 8 u 9 tal-ICES.

---

([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/2374 tat-12 ta' Ottubru 2016 li jistabbilixxi pjan għall-iskartar għal ċertu sajd bit-tkarkir tal-qiegħ fl-ilmijiet tal-Lbiċ (ĠU L 352, 23.12.2016, p. 33).

([4]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/2033 tat-18 ta' Ottubru 2018 li jistabbilixxi pjan għall-iskartar għal ċertu sajd demersali fl-ilmijiet tal-Lbiċ għall-perjodu 2019-2021 (ĠU L 327, 21.12.2018, p. 1).

([5]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2147402/STECF+PLEN+18-02.pdf

([6]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2147402/STECF+PLEN+18-02.pdf

([7]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2147402/STECF+PLEN+18-02.pdf

([8]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2537709/STECF+PLEN+19-02.pdf

([9]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2537709/STECF+PLEN+19-02.pdf

(10) Ir-Regolament Delegat (UE) 2018/2033 kien fih eżenzjonijiet *de minimis* mill-obbligu ta' ħatt l-art skont l-Artikolu 15(5)(c) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għal-lingwata komuni li tinqabad bix-xbieki tat-tkarkir bi travu u bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ fid-diviżjonijiet 8a u 8b tal-ICES u għal-lingwata komuni li tinqabad bil-pariti u bl-għeżula fid-diviżjonijiet 8a u 8b tal-ICES. L-STECF eżamina l-evidenza li l-Istati Membri bagħtu għal dawk l-eżenzjonijiet ([10]). L-STECF ikkonkluda li r-rakkomandazzjoni konġunta kien fiha argumenti raġunati li juru d-diffikultà biex tiżdied is-selettività u l-ispejjeż sproporzjonati tal-immaniġġjar tal-qabdiet mhux mixtieqa. Għalhekk, minħabba li ċ-ċirkustanzi ma nbidlux, jenħtieġ li l-eżenzjonijiet *de minimis* jinżammu fil-pjan għall-iskartar għal ċertu sajd demersali fl-ilmijiet tal-Lbiċ għall-perjodu mill-2020 sal-2021.

(11) Ir-Regolament Delegat (UE) 2018/2033 kien fih eżenzjoni *de minimis* provviżorja mill-obbligu ta' ħatt l-art skont l-Artikolu 15(5)(c) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għall-merluzz li jinqabad bix-xbieki tat-tkarkir u bit-tartaruni fis-subżoni 8 u 9 tal-ICES. L-STECF eżamina l-evidenza li l-Istati Membri bagħtu fir-rakkomandazzjoni konġunta l-ġdida għal dik l-eżenzjoni u kkonkluda ([11]) li l-provi tas-selettività ma identifikawx apparat iktar selettiv disponibbli f'dan l-istadju. L-STECF innota li l-informazzjoni disponibbli turi żieda sostanzjali fl-ispiża biex jiġu mmaniġġjati l-qabdiet mhux mixtieqa. L-Istati Membri qed iwettqu studju addizzjonali dwar l-ispejjeż sproporzjonati, fosthom għall-qabdiet tal-merluzz. Sabiex tinġabar id-*data* rilevanti, jeħtieġ li s-sajd jitkompla. Għalhekk l-eżenzjoni tista' tingħata, iżda l-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom l-obbligu jippreżentaw id-*data* rilevanti li tippermetti lill-STECF jivvaluta bis-sħiħ il-ġustifikazzjoni u li tippermetti lill-Kummissjoni twettaq rieżami. Jenħtieġ li l-Istati Membri kkonċernati jwettqu provi addizzjonali u jipprovdu informazzjoni malajr kemm jista' jkun u sa mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju ta' kull sena għall-valutazzjoni min-naħa tal-STECF.

(12) Ir-rakkomandazzjoni konġunta l-ġdida tissuġġerixxi estensjoni tal-eżenzjoni marbuta ma' rata għolja ta' sopravivenza għall-paġella l-ħamra li tinqabad bis-snanar u bil-lenzi fis-subżona 8 tal-ICES u fid-diviżjoni 9a tal-ICES, minbarra eżenzjoni eżistenti għal dik l-ispeċi fis-subżona 10 tal-ICES. L-Istati Membri pprovdew evidenza xjentifika biex juru r-rati għoljin ta' sopravivenza tal-paġella l-ħamra fis-subżona 8 tal-ICES u fid-diviżjoni 9a tal-ICES f'dak it-tip ta' sajd. L-evidenza addizzjonali dwar ir-rati ta' sopravivenza fis-subżona 8 tal-ICES u fid-diviżjoni 9a tal-ICES intbagħtet lill-STECF, li kkonkluda ([12]) li l-metodu li ntuża kien fih limitazzjonijiet, b'mod partikulari f'dak li għandu x'jaqsam mal-inklużjoni ta' perjodu qasir ta' monitoraġġ, li x'aktarx kienu se jwasslu għal stimi għoljin wisq tar-rati ta' sopravivenza. Hemm bżonn ta' iktar studji biex jinħolqu stimi sodi dwar ir-rati ta' sopravivenza. Għalhekk l-eżenzjoni tista' tingħata, iżda l-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom l-obbligu jippreżentaw id-*data* rilevanti li tippermetti lill-STECF jivvaluta bis-sħiħ il-ġustifikazzjoni u li tippermetti lill-Kummissjoni twettaq rieżami. Jenħtieġ li, sal-1 ta' Mejju ta' kull sena, l-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett jibagħtu l-affarijiet li ġejjin: (a) rapporti annwali dwar il-progress li jkun sar b'rabta mal-programmi marbutin mar-rata ta' sopravivenza u dwar kull modifika jew aġġustament li jkun sar fihom, li jridu jiġu vvalutati kull sena mill-STECF.

(13) Ir-Regolament Delegat (UE) 2018/2033 kien fih eżenzjoni *de minimis* għall-fonsa l-ħamra li tinqabad bis-snanar u bil-lenzi fis-subżona 10 tal-ICES. L-STECF eżamina l-evidenza li bagħtu l-Istati Membri u kkonkluda ([13]) li l-informazzjoni pprovduta kien fiha argumenti raġunati li juru li huwa diffiċli jinkiseb iktar titjib fis-selettività jew li dan se jwassal għal spejjeż sproporzjonati biex jiġu mmaniġġjati l-qabdiet mhux mixtieqa. Minħabba li ċ-ċirkustanzi ma nbidlux, huwa xieraq li dawk l-eżenzjonijiet *de minimis* jiddaħħlu fil-pjan għall-iskartar il-ġdid għall-2020 sal-2021.

(14) Ir-rakkomandazzjoni konġunta l-ġdida fiha eżenzjonijiet *de minimis* għal dawn li ġejjin:

— għas-sawrell li jinqabad bix-xbieki tat-tkarkir u bit-tartaruni fis-subżoni 8 u 9 tal-ICES;

— għas-sawrell li jinqabad bl-għeżula fis-subżoni 8 u 9 tal-ICES u fiż-żoni 34.1.1, 34.1.2 u 34.2.0 tal-Kumitat tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Lvant (is-CECAF);

— għall-kavalli li jinqabdu bix-xbieki tat-tkarkir u bit-tartaruni fis-subżoni 8 u 9 tal-ICES;

— għall-kavalli li jinqabdu bl-għeżula fis-subżoni 8 u 9 tal-ICES u fiż-żoni 34.1.1, 34.1.2 u 34.2.0 tas-CECAF;

— għall-megrims li jinqabdu bix-xbieki tat-tkarkir u bit-tartaruni fis-subżoni 8 u 9 tal-ICES;

— għall-megrims li jinqabdu bl-għeżula fis-subżoni 8 u 9 tal-ICES;

— għall-barbun tat-tbajja' li jinqabad bix-xbieki tat-tkarkir u bit-tartaruni fis-subżoni 8 u 9 tal-ICES;

— għall-barbun tat-tbajja' li jinqabad bl-għeżula fis-subżoni 8 u 9 tal-ICES;

---

([10]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/1099561/STECF+PLEN+15-02.pdf
([11]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2537709/STECF+PLEN+19-02.pdf
([12]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2537709/STECF+PLEN+19-02.pdf
([13]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2147402/STECF+PLEN+18-02.pdf

— għall-petriċa li tinqabad bix-xbieki tat-tkarkir u bit-tartaruni fis-subżoni 8 u 9 tal-ICES;

— għall-petriċa li tinqabad bl-għeżula fis-subżoni 8 u 9 tal-ICES;

— għall-merlangu li jinqabad bix-xbieki tat-tkarkir u bit-tartaruni fis-subżona 8 tal-ICES;

— għall-merlangu li jinqabad bl-għeżula fis-subżona 8 tal-ICES;

— għall-pollakkju li jinqabad bix-xbieki tat-tkarkir u bit-tartaruni fis-subżoni 8 u 9 tal-ICES;

— għall-pollakkju li jinqabad bl-għeżula fis-subżoni 8 u 9 tal-ICES.

(15) L-STECF eżamina l-evidenza li l-Istati Membri bagħtu dwar l-eżenzjonijiet *de minimis* il-ġodda għas-sawrell u għall-kavalli li jinqabdu bix-xbieki tat-tkarkir u bit-tartaruni fis-subżoni 8 u 9 tal-ICES u kkonkluda ([14]) li l-provi rilevanti ma wrewx li setgħu jitnaqqsu l-qabdiet inċidentali. L-STECF innota li l-Istati Membri kienu ppjanaw iktar xogħol biex jappoġġaw l-eżenzjonijiet abbażi tal-ispejjeż sproporzjonati tal-immaniġġjar. Minħabba li diffiċli tinkiseb is-selettività, l-eżenzjoni għal dak it-tip ta' sajd tista' tingħata għal sena u jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom l-obbligu jippreżentaw id-*data* rilevanti li tippermetti lill-STECF jivvaluta bis-sħiħ il-ġustifikazzjoni u li tippermetti lill-Kummissjoni twettaq rieżami. Jenħtieġ li l-Istati Membri kkonċernati jwettqu provi addizzjonali u jipprovdu informazzjoni malajr kemm jista' jkun u sa mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2020 għall-valutazzjoni min-naħa tal-STECF. Għalhekk jenħtieġ li dawk l-eżenzjonijiet jiġu applikati b'mod provviżorju sal-31 ta' Diċembru 2020.

(16) L-STECF eżamina l-evidenza li l-Istati Membri bagħtu dwar l-eżenzjonijiet *de minimis* il-ġodda għall-megrim, għall-barbun tat-tbajja', għall-petriċa, għall-merlangu u għall-pollakkju li jinqabdu bix-xbieki tat-tkarkir u bit-tartaruni fis-subżoni 8 u 9 tal-ICES u kkonkluda ([15]) li studju Spanjol dwar l-ispejjeż sproporzjonati tal-immaniġġjar, ladarba jitlesta, jista' jipprovdi evidenza addizzjonali li tkun tappoġġa l-eżenzjoni għall-petriċa u għall-megrim. L-STECF innota li jenħtieġ li l-Istati Membri jintrabtu li jwettqu iktar xogħol biex jiġġustifikaw l-eżenzjonijiet għall-merlangu u għall-pollakkju. Minħabba li diffiċli tinkiseb is-selettività, l-eżenzjonijiet jistgħu jingħataw għal sena, iżda l-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom l-obbligu jippreżentaw id-*data* rilevanti li tippermetti lill-STECF jivvaluta bis-sħiħ il-ġustifikazzjoni u li tippermetti lill-Kummissjoni twettaq rieżami. Jenħtieġ li l-Istati Membri kkonċernati jwettqu provi addizzjonali u jipprovdu informazzjoni malajr kemm jista' jkun u sa mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2020 għall-valutazzjoni min-naħa tal-STECF. Għalhekk jenħtieġ li dawk l-eżenzjonijiet jiġu applikati b'mod provviżorju sal-31 ta' Diċembru 2020.

(17) L-STECF eżamina l-evidenza li l-Istati Membri bagħtu dwar l-eżenzjonijiet *de minimis* il-ġodda għas-sawrell u għall-kavalli li jinqabdu bl-għeżula fis-subżoni 8 u 9 tal-ICES u fiż-żoni 34.1.1, 34.1.2 u 34.2.0 tas-CECAF u kkonkluda ([16]) li l-informazzjoni dwar id-diffikultajiet biex tittejjeb is-selettività hija kredibbli minħabba n-natura tas-sajd. L-STECF innota li għaddej studju dwar l-ispejjeż sproporzjonati fis-sajd Spanjol bl-għeżula u li jenħtieġ li dan jiġi vvalutat ladarba jitlesta. Minħabba li diffiċli tinkiseb is-selettività, l-eżenzjonijiet għal dak it-tip ta' sajd jistgħu jingħataw għal sena u jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom l-obbligu jippreżentaw id-*data* rilevanti li tippermetti lill-STECF jivvaluta bis-sħiħ il-ġustifikazzjoni ta' dawk l-eżenzjonijiet u li tippermetti lill-Kummissjoni twettaq rieżami. Jenħtieġ li l-Istati Membri kkonċernati jwettqu provi addizzjonali u jipprovdu informazzjoni malajr kemm jista' jkun u sa mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2020 għall-valutazzjoni min-naħa tal-STECF. Għalhekk jenħtieġ li dawk l-eżenzjonijiet jiġu applikati b'mod provviżorju sal-31 ta' Diċembru 2020.

(18) L-STECF eżamina l-evidenza li l-Istati Membri bagħtu dwar l-eżenzjonijiet *de minimis* il-ġodda għall-megrim, għall-barbun tat-tbajja', għall-petriċa, għall-merlangu u għall-pollakkju li jinqabdu bl-għeżula fis-subżoni 8 u 9 tal-ICES u kkonkluda ([17]) li ma ġietx ikkwantifikata l-iskala potenzjali tat-telf kummerċjabbli li jkun hemm minn żieda fis-selettività f'dan it-tip ta' sajd u li mhuwiex ċar kif dik l-iskala potenzjali tkun tvarja minn tip ta' sajd partikulari bl-għeżula għal ieħor. L-STECF innota li jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu informazzjoni speċifika għal kull tip ta' sajd bl-għeżula kkonċernat. Minħabba li diffiċli tinkiseb is-selettività, dawk l-eżenzjonijiet jistgħu jingħataw għal sena, iżda l-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom l-obbligu jippreżentaw id-*data* rilevanti li tippermetti lill-STECF jivvaluta bis-sħiħ il-ġustifikazzjoni u li tippermetti lill-Kummissjoni twettaq rieżami. Jenħtieġ li l-Istati Membri kkonċernati jwettqu provi addizzjonali u jipprovdu informazzjoni malajr kemm jista' jkun u sa mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2020 għall-valutazzjoni min-naħa tal-STECF. Għalhekk jenħtieġ li dawk l-eżenzjonijiet jiġu applikati b'mod provviżorju sal-31 ta' Diċembru 2020.

([14]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2537709/STECF+PLEN+19-02.pdf
([15]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2537709/STECF+PLEN+19-02.pdf
([16]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2537709/STECF+PLEN+19-02.pdf
([17]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2537709/STECF+PLEN+19-02.pdf

(19) Sabiex jiġu żgurati stimi affidabbli tal-livelli ta' skartar biex jiġu stabbiliti l-qabdiet totali permissibbli (it-TACs), jenħtieġ li, fil-każijiet fejn l-eżenzjoni *de minimis* tkun ibbażata fuq l-estrapolazzjoni ta' sitwazzjonijiet b'*data* limitata u informazzjoni parzjali dwar il-flotot, l-Istati Membri jipprovdu *data* preċiża u verifikabbli għall-flotta kollha koperta minn dik l-eżenzjoni.

(20) Il-miżuri li ġew issuġġeriti fir-rakkomandazzjoni konġunta l-ġdida huma skont l-Artikolu 15(4), l-Artikolu 15(5)(c) u l-Artikolu 18(3) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u b'hekk jistgħu jiddaħħlu f'dan ir-Regolament.

(21) Skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, il-Kummissjoni qieset kemm il-valutazzjoni tal-STECF u kemm il-ħtieġa li l-Istati Membri jiżguraw l-implimentazzjoni sħiħa tal-obbligu ta' ħatt l-art. F'diversi każijiet, hemm bżonn titkompla l-attività tas-sajd u titkompla tinġabar id-*data* biex ikunu jistgħu jiġu indirizzati l-kummenti tal-STECF. F'dawk il-każijiet, huwa xieraq li jittieħed approċċ pragmatiku u prudenti għall-ġestjoni tas-sajd billi jingħataw eżenzjonijiet fuq bażi temporanja. Jekk ma jingħatawx it-tali eżenzjonijiet, ma tkunx tista' tinġabar id-*data* li hija essenzjali għall-ġestjoni xierqa u infurmata tal-qbid skartat bil-għan li jiġi implimentat bis-sħiħ l-obbligu ta' ħatt l-art.

(22) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2018/2033 jitħassar u li dan jiġi ssostitwit b'Regolament ġdid.

(23) Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament għandhom impatt dirett fuq l-attivitajiet ekonomiċi marbutin mal-istaġun tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni u fuq l-ippjanar tiegħu, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ minnufih wara li jiġi ppubblikat. Jenħtieġ li dan jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2020,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art**

Fis-subżoni 8, 9 u 10 tal-ICES u fiż-żoni 34.1.1, 34.1.2 u 34.2.0 tas-CECAF, l-obbligu ta' ħatt l-art previst fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għandu japplika għall-ispeċijiet demersali skont dan ir-Regolament għall-perjodu mill-2020 sal-2021.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

"*Voracera*" tfisser xlief bis-sunnara mekkanizzat, iddisinjat u mibni lokalment, li jintuża mill-flotta tas-sajd artiġjanali li tistad għall-paġella l-ħamra fin-Nofsinhar ta' Spanja fid-diviżjoni 9a tal-ICES.

*Artikolu 3*

**Eżenzjoni marbuta ma' rata għolja ta' sopravivenza għall-iskampu**

1. L-eżenzjoni mill-obbligu ta' ħatt l-art għall-ispeċijiet li għalihom l-evidenza xjentifika turi rati għoljin ta' sopravivenza, kif previst fl-Artikolu 15(4)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, għandha tapplika għall-iskampu (*Nephrops norvegicus*) li jinqabad fis-subżoni 8 u 9 tal-ICES bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ (bil-kodiċijiet tal-irkaptu ([18]) OTB, OTT, PTB, TBN, TBS, TB, TBB, OT, PT u TX).

2. Meta l-iskampu li jinqabad fil-każijiet imsemmijin fil-paragrafu 1 ikun qed jiġi skartat, dan għandu jinħeles minnufih fiż-żona fejn ikun inqabad.

([18]) Il-kodiċijiet tal-irkaptu li qed jintużaw f'dan ir-Regolament jirreferu għal dawk mogħtija fl-Anness XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd. Għall-bastimenti b'tul totali ta' inqas minn 10 metri, il-kodiċijiet tal-irkaptu li qed jintużaw f'din it-tabella jirreferu għall-kodiċijiet mogħtija fil-klassifikazzjoni tal-irkaptu tal-FAO.

*Artikolu 4*

**Eżenzjoni marbuta ma' rata għolja ta' sopravivenza għar-rebekkini u għar-raj**

1. L-eżenzjoni mill-obbligu ta' ħatt l-art għall-ispeċijiet li għalihom l-evidenza xjentifika turi rati għoljin ta' sopravivenza, kif previst fl-Artikolu 15(4)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, għandha tapplika għar-rebekkini u għar-raj (*Rajiformes*) li jinqabdu b'kull tip ta' rkaptu fis-subżoni 8 u 9 tal-ICES.

2. Meta jkunu qed jiġu skartati r-rebekkini u r-raj fil-każijiet imsemmijin fil-paragrafu 1, dawn għandhom jinħelsu minnufih.

3. L-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett għandhom jibagħtu informazzjoni xjentifika addizzjonali li tappoġġa l-eżenzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 malajr kemm jista' jkun iżda mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju ta' kull sena. Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd għandu jivvaluta dik l-informazzjoni xjentifika sal-31 ta' Lulju ta' kull sena.

4. L-eżenzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tapplika:

— sal-31 ta' Diċembru 2021 għar-raja kukù li tinqabad bil-pariti fis-subżoni 8 u 9 tal-ICES. L-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett għandhom jibagħtu informazzjoni xjentifika addizzjonali li tappoġġa din l-eżenzjoni għar-raja kukù li tinqabad bil-pariti malajr kemm jista' jkun iżda mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju ta' kull sena. Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd għandu jivvaluta dik l-informazzjoni xjentifika sal-31 ta' Lulju ta' kull sena;

— sal-31 ta' Diċembru 2020 biss għar-raja kukù li tinqabad bix-xbieki tat-tkarkir fis-subżona 8 tal-ICES. L-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett għandhom jibagħtu informazzjoni xjentifika addizzjonali li tappoġġa din l-eżenzjoni għar-raja kukù li tinqabad bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ malajr kemm jista' jkun iżda mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2020. Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd għandu jivvaluta dik l-informazzjoni xjentifika sal-31 ta' Lulju 2020.

*Artikolu 5*

**Eżenzjoni marbuta ma' rata għolja ta' sopravivenza għall-paġella l-ħamra**

1. L-eżenzjoni mill-obbligu ta' ħatt l-art għall-ispeċijiet li għalihom l-evidenza xjentifika turi rati għoljin ta' sopravivenza, kif previst fl-Artikolu 15(4)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, għandha tapplika għall-paġella l-ħamra (*Pagellus bogaraveo*) li tinqabad bl-irkaptu artiġjanali "*voracera*" fid-diviżjoni 9a tal-ICES u għall-paġella l-ħamra (*Pagellus bogaraveo)* li tinqabad bis-snanar u bil-lenzi (bil-kodiċijiet tal-irkaptu LHP, LHM, LLS u LLD) fis-subżoni 8 u 10 tal-ICES u fid-diviżjoni 9a tal-ICES.

2. L-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett għandhom jibagħtu informazzjoni xjentifika addizzjonali li tappoġġa l-eżenzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 għall-paġella l-ħamra li tinqabad bis-snanar u bil-lenzi fis-subżoni 8 u 10 tal-ICES u fid-diviżjoni 9a tal-ICES malajr kemm jista' jkun iżda mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju ta' kull sena. Sal-31 ta' Lulju ta' kull sena, il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd għandu jivvaluta l-informazzjoni xjentifika li tkun ingħatat.

3. Meta l-paġella l-ħamra li tinqabad fil-każijiet imsemmijin fil-paragrafu 1 tkun qed tiġi skartata, din għandha tinħeles minnufih.

*Artikolu 6*

**Eżenzjonijiet *de minimis***

1. B'deroga mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, jistgħu jiġu skartati l-kwantitajiet li ġejjin skont l-Artikolu 15(5)(c) ta' dak ir-Regolament:

(a) għall-merluzz (*Merluccius merluccius*), sa ammont massimu ta' 5 % tal-qabdiet annwali totali ta' dik l-ispeċi minn bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir u t-tartaruni (bil-kodiċijiet tal-irkaptu OTT, OTB, PTB, OT, PT, TBN, TBS, TX, SSC, SPR, TB, SDN, SX u SV) fis-subżoni 8 u 9 tal-ICES.

L-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett għandhom jibagħtu informazzjoni xjentifika addizzjonali li tappoġġa din l-eżenzjoni malajr kemm jista' jkun iżda mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2020. Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd għandu jivvaluta dik l-informazzjoni xjentifika sal-31 ta' Lulju ta' kull sena;

(b) għal-lingwata komuni (*Solea solea*), sa ammont massimu ta' 5 % tal-qabdiet annwali totali ta' dik l-ispeċi minn bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir bi travu u x-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ (bil-kodiċijiet tal-irkaptu OTB, OTT, PTB, TBN, TBS, TBB, OT, PT u TX) fid-diviżjonijiet 8a u 8b tal-ICES;

(c) għal-lingwata komuni (*Solea solea*), sa ammont massimu ta' 3 % tal-qabdiet annwali totali ta' dik l-ispeċi minn bastimenti li jużaw il-pariti u l-għeżula (bil-kodiċijiet tal-irkaptu GNS, GN, GND, GNC, GTN, GTR u GEN) fid-diviżjonijiet 8a u 8b tal-ICES;

(d) għall-fonsa l-ħamra (*Beryx* spp.), sa ammont massimu ta' 5 % tal-qabdiet annwali totali ta' dik l-ispeċi minn bastimenti li jużaw is-snanar u l-lenzi (bil-kodiċijiet tal-irkaptu LHP, LHM, LLS u LLD) fis-subżona 10 tal-ICES;

(e) għas-sawrell (*Trachurus* spp.), sa ammont massimu ta' 7 % fl-2020 tal-qabdiet annwali totali tas-sawrell minn bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir bi travu, ix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ u t-tartaruni (bil-kodiċijiet tal-irkaptu OTB, OTT, PTB, TBN, TBS, TBB, OT, PT, TX, SSC, SPR, SDN, SX u SV) fis-subżoni 8 u 9 tal-ICES;

(f) għas-sawrell (Trachurus spp.), sa ammont massimu ta' 3 % fl-2020 tal-qabdiet annwali totali tas-sawrell minn bastimenti li jużaw l-għeżula (bil-kodiċijiet tal-irkaptu GNS, GND, GNC, GTR u GTN) fis-subżoni 8, 9 u 10 tal-ICES u fiż-żoni 34.1.1, 34.1.2 u 34.2.0 tas-CECAF;

(g) għall-kavalli (*Scomber scombrus*), sa ammont massimu ta' 7 % fl-2020 tal-qabdiet annwali totali ta' dik l-ispeċi minn bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir bi travu, ix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ u t-tartaruni (bil-kodiċijiet tal-irkaptu OTB, OTT, PTB, TBN, TBS, TBB, OT, PT, TX, SSC, SPR, SDN, SX u SV) fis-subżoni 8 u 9 tal-ICES;

(h) għall-kavalli (*Scomber scombrus*), sa ammont massimu ta' 3 % fl-2020 tal-qabdiet annwali totali ta' dik l-ispeċi minn bastimenti li jużaw l-għeżula (bil-kodiċijiet tal-irkaptu GNS, GND, GNC, GTR u GTN) fis-subżoni 8 u 9 tal-ICES u fiż-żoni 34.1.1, 34.1.2 u 34.2.0 tas-CECAF;

(i) għall-megrims (*Lepidorhombus* spp.), sa ammont massimu ta' 5 % fl-2020 tal-qabdiet annwali totali tal-megrims minn bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir bi travu, ix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ u t-tartaruni (bil-kodiċijiet tal-irkaptu OTB, OTT, PTB, TBN, TBS, TBB, OT, PT, TX, SSC, SPR, SDN, SX u SV) fis-subżoni 8 u 9 tal-ICES;

(j) għall-megrims (*Lepidorhombus* spp.), sa ammont massimu ta' 4 % fl-2020 tal-qabdiet annwali totali tal-megrims minn bastimenti li jużaw l-għeżula (bil-kodiċijiet tal-irkaptu GNS, GND, GNC, GTR u GTN) fis-subżoni 8 u 9 tal-ICES;

(k) għall-barbun tat-tbajja' (*Pleuronectes platessa*), sa ammont massimu ta' 5 % fl-2020 tal-qabdiet annwali totali ta' dik l-ispeċi minn bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir bi travu, ix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ u t-tartaruni (bil-kodiċijiet tal-irkaptu OTB, OTT, PTB, TBN, TBS, TBB, OT, PT, TX, SSC, SPR, SDN, SX u SV) fis-subżoni 8 u 9 tal-ICES;

(l) għall-barbun tat-tbajja' (*Pleuronectes platessa*), sa ammont massimu ta' 3 % fl-2020 tal-qabdiet annwali totali ta' dik l-ispeċi minn bastimenti li jużaw l-għeżula (bil-kodiċijiet tal-irkaptu GNS, GND, GNC, GTR u GTN) fis-subżoni 8 u 9 tal-ICES;

(m) għall-petriċa (*Lophiidae*), sa ammont massimu ta' 5 % fl-2020 tal-qabdiet annwali totali tal-petriċa minn bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir bi travu, ix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ u t-tartaruni (bil-kodiċijiet tal-irkaptu OTB, OTT, PTB, TBN, TBS, TBB, OT, PT, TX, SSC, SPR, SDN, SX u SV) fis-subżoni 8 u 9 tal-ICES;

(n) għall-petriċa (*Lophiidae*), sa ammont massimu ta' 4 % fl-2020 tal-qabdiet annwali totali tal-petriċa minn bastimenti li jużaw l-għeżula (bil-kodiċijiet tal-irkaptu GNS, GND, GNC, GTR u GTN) fis-subżoni 8 u 9 tal-ICES;

(o) għall-merlangu (*Merlangius merlangus*), sa ammont massimu ta' 5 % fl-2020 tal-qabdiet annwali totali ta' dik l-ispeċi minn bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir bi travu, ix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ u t-tartaruni (bil-kodiċijiet tal-irkaptu OTB, OTT, PTB, TBN, TBS, TBB, OT, PT, TX, SSC, SPR, SDN, SX u SV) fis-subżona 8 tal-ICES;

(p) għall-merlangu (*Merlangius merlangus*), sa ammont massimu ta' 4 % fl-2020 tal-qabdiet annwali totali ta' dik l-ispeċi minn bastimenti li jużaw l-għeżula (bil-kodiċijiet tal-irkaptu GNS, GND, GNC, GTR u GTN) fis-subżona 8 tal-ICES;

(q) għall-pollakkju (*Pollachius pollachius*), sa ammont massimu ta' 5 % fl-2020 tal-qabdiet annwali totali ta' dik l-ispeċi minn bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir bi travu, ix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ u t-tartaruni (bil-kodiċijiet tal-irkaptu OTB, OTT, PTB, TBN, TBS, TBB, OT, PT, TX, SSC, SPR, SDN, SX u SV) fis-subżoni 8 u 9 tal-ICES;

(r) għall-pollakkju (*Pollachius pollachius*), sa ammont massimu ta' 2 % fl-2020 tal-qabdiet annwali totali ta' dik l-ispeċi minn bastimenti li jużaw l-għeżula (bil-kodiċijiet tal-irkaptu GNS, GND, GNC, GTR u GTN) fis-subżoni 8 u 9 tal-ICES.

2. L-eżenzjonijiet *de minimis* stabbiliti fil-paragrafu 1(e) sa (r) għandhom japplikaw b'mod provviżorju sal-31 ta' Diċembru 2020. L-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett għandhom jibagħtu informazzjoni xjentifika addizzjonali li tappoġġa dawk l-eżenzjonijiet malajr kemm jista' jkun iżda mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2020. Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd għandu jivvaluta dik l-informazzjoni xjentifika sal-31 ta' Lulju 2020.

*Artikolu 7*

**Tħassir**

Ir-Regolament Delegat (UE) 2018/2033 jitħassar.

*Artikolu 8*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2020 sal-31 ta' Diċembru 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Ottubru 2019.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Jean-Claude JUNCKER

# REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/2238

## tal-1 ta’ Ottubru 2019

## li jispeċifika d-dettalji tal-implimentazzjoni tal-obbligu ta’ ħatt l-art għal ċertu tip ta’ sajd demersali fil-Baħar tat-Tramuntana għall-perjodu mill-2020 sal-2021

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/973 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta’ Lulju 2018 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet demersali fil-Baħar tat-Tramuntana u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, li jispeċifika d-dettalji tal-implimentazzjoni tal-obbligu ta’ ħatt l-art fil-Baħar tat-Tramuntana u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 676/2007 u (KE) Nru 1342/2008 ([1]), u b’mod partikulari l-Artikolu 11 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta’ riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta’ ekosistemi tal-baħar permezz ta’ miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005 ([2]), u b’mod partikulari l-Artikolu 15(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) għandu l-għan li jelimina b’mod progressiv il-qbid skartat fis-sajd kollu tal-Unjoni bl-introduzzjoni ta’ obbligu ta’ ħatt l-art għall-qabdiet ta’ speċijiet li għalihom hemm limiti tal-qbid.

(2) L-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jipprevedi l-adozzjoni ta’ pjanijiet pluriennali li jkun fihom miżuri ta’ konservazzjoni għas-sajd li jisfrutta ċerti stokkijiet f’żona ġeografika rilevanti.

(3) Pjanijiet pluriennali bħal dawn jispeċifikaw id-dettalji tal-implimentazzjoni tal-obbligu ta’ ħatt l-art u jistgħu jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni tkompli tispeċifika dawk id-dettalji abbażi ta’ rakkomandazzjonijiet konġunti żviluppati mill-Istati Membri.

(4) Fl-4 ta’ Lulju 2018, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw ir-Regolament (UE) 2018/973 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet demersali fil-Baħar tat-Tramuntana u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet ([4]). L-Artikolu 11 ta’ dak ir-Regolament jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni tadotta atti delegati sabiex tissupplimenta lil dan ir-Regolament billi tispeċifika d-dettalji tal-obbligu ta’ ħatt l-art għall-istokkijiet kollha tal-ispeċijiet fil-Baħar tat-Tramuntana li għalihom japplika l-obbligu ta’ ħatt l-art skont l-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, kif previst fl-Artikolu 15(5)(a) sa (e) ta’ dak ir-Regolament, abbażi ta’ rakkomandazzjonijiet konġunti żviluppati mill-Istati Membri.

(5) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/2035 ([5]) speċifika d-dettalji tal-implimentazzjoni tal-obbligu ta’ ħatt l-art għal ċertu sajd demersali fil-Baħar tat-Tramuntana għall-perjodu mill-2019 sal-2021, wara rakkomandazzjoni konġunta li ppreżentaw il-Belġju, id-Danimarka, Franza, il-Ġermanja, in-Netherlands, l-Iżvezja u r-Renju Unit, li għandhom interess ta’ ġestjoni dirett fis-sajd fil-Baħar tat-Tramuntana.

---

([1]) ĠU L 179, 16.7.2018, p. 1.

([2]) ĠU L 198, 25.7.2019, p. 105.

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

([4]) Ir-Regolament (UE) 2018/973 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta’ Lulju 2018 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet demersali fil-Baħar tat-Tramuntana u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, li jispeċifika d-dettalji tal-implimentazzjoni tal-obbligu ta’ ħatt l-art fil-Baħar tat-Tramuntana u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 676/2007 u (KE) Nru 1342/2008 (ĠU L 179, 16.7.2018, p. 1).

([5]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/2035 tat-18 ta’ Ottubru 2018 li jispeċifika d-dettalji tal-implimentazzjoni tal-obbligu ta’ ħatt l-art għal ċertu sajd demersali fil-Baħar tat-Tramuntana għall-perjodu 2019-2021 (ĠU L 327, 21.12.2018, p. 17).

(6) Wara li kkonsultaw lill-Kunsill Konsultattiv tal-Baħar tat-Tramuntana u lill-Kunsill Konsultattiv tal-Istokkijiet Pelaġiċi, fid-29 ta’ Mejju 2019 dawk l-Istati Membri ressqu rakkomandazzjoni konġunta ġdida lill-Kummissjoni dwar id-dettalji tal-implimentazzjoni tal-obbligu ta’ ħatt l-art għas-sajd demersali fil-Baħar tat-Tramuntana. Ir-rakkomandazzjoni konġunta ġiet emendata fis-7 ta’ Awwissu 2019.

(7) Ir-rakkomandazzjoni konġunta l-ġdida li ressqu l-Istati Membri tissuġġerixxi li jitkomplew għadd ta’ miżuri tekniċi addizzjonali li l-Unjoni u n-Norveġja qablu fuqhom fl-2011 ([6]) u fl-2012 ([7]), kif ukoll li jiġi awtorizzat l-użu tal-apparat ta’ selettività SepNep. L-għan ta’ dawn il-miżuri huwa li tiżdied is-selettività u li jonqsu l-qabdiet mhux mixtieqa fil-każ tat-tip ta’ sajd jew tal-ispeċijiet koperti mill-obbligu ta’ ħatt l-art, u dawn iddaħħlu għall-2019 sal-2021 mir-Regolament Delegat (UE) 2018/2035 skont l-Artikolu 15(5)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

(8) Fl-14 ta’ Awwissu 2019 daħal fis-seħħ Regolament ġdid dwar il-miżuri ta’ konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar permezz ta’ miżuri tekniċi, jiġifieri r-Regolament (UE) 2019/1241. Fl-Anness V tiegħu, dan jistabbilixxi dispożizzjonijiet speċifiċi dwar miżuri tekniċi stabbiliti fil-livell reġjonali għall-Baħar tat-Tramuntana, li jinkludu wkoll regoli dwar id-daqsijiet tal-malja, il-kundizzjonijiet assoċjati u l-qabdiet inċidentali. L-Artikolu 15 ta’ dak ir-Regolament jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni tadotta atti delegati sabiex temenda, tissupplimenta, tħassar jew tidderoga mill-miżuri tekniċi stabbiliti fl-Annessi tar-Regolament (UE) 2019/1241, inkluż fl-implimentazzjoni tal-obbligu ta’ ħatt l-art.

(9) Ir-Regolament (UE) 2019/1241 ma jipprevedix miżuri tranżizzjonali. Għalhekk, sabiex tiġi żgurata l-kompatibbiltà bejn dan ir-Regolament Delegat u r-Regolament (UE) 2019/1241, jeħtieġ li jiġu applikati l-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) 2019/1241, filwaqt li, fl-istess ħin, jitqiesu ċ-ċirkustanzi eċċezzjonali involuti. Abbażi tal-informazzjoni li pprovdew l-Istati Membri, il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (l-STECF) ivvaluta b’mod pożittiv ([8]) l-informazzjoni li l-grupp reġjonali pprovda biex jappoġġa l-miżuri tekniċi inklużi fir-rakkomandazzjoni konġunta. Din ir-rakkomandazzjoni konġunta ġiet żviluppata u ppreżentata mill-Istati Membri u ġiet ivvalutata mill-STECF qabel ma ġie adottat ir-regolament il-ġdid dwar il-miżuri tekniċi, jiġifieri qabel ma daħal fis-seħħ ir-Regolament (UE) 2019/1241, u għalhekk ma kinetx tirreferi għal dak ir-Regolament. Madankollu, minħabba ċ-ċirkustanzi eċċezzjonali, il-Kummissjoni tqis li, abbażi tal-informazzjoni li għandha għad-dispożizzjoni tagħha f’dan l-istadju fir-rakkomandazzjoni konġunta u fil-valutazzjoni tal-STECF, ma jidher li hemm l-ebda element li jindika li l-miżuri tekniċi addizzjonali proposti se jonqsu milli jħarsu r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2019/1241 għall-miżuri tekniċi.

(10) Għalhekk, sabiex tiżdied is-selettività tal-irkaptu u jonqsu l-qabdiet mhux mixtieqa fl-Iskagerrak, huwa xieraq li jiġu inklużi l-miżuri tekniċi li ressqu l-Istati Membri. Jenħtieġ li dawn il-miżuri japplikaw għall-perjodu mill-2020 sal-2021.

(11) Kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2018/973, il-Baħar tat-Tramuntana huwa magħmul mid-diviżjonijiet 2a u 3a tal-ICES ([9]) u mis-subżona 4 tal-ICES.

(12) Inkisbu kontribuzzjonijiet xjentifiċi mingħand il-korpi xjentifiċi rilevanti u dawn ġew eżaminati mill-STECF ([10]). Il-Kummissjoni bagħtet il-miżuri kkonċernati lill-grupp ta’ esperti magħmul mit-28 Stat Membru u mill-Parlament Ewropew bħala osservatur, għal konsultazzjoni bil-miktub min-naħa tagħhom.

(13) Għal ċerti stokkijiet, bħal dawk tal-barbun tat-tbajja’, l-STECF sab li r-rati ta’ sopravivenza tal-ħut individwali jaf mhumiex daqshekk għoljin daqs dawk ta’ speċijiet oħrajn. Madankollu, il-Kummissjoni qieset l-impatt relattiv ta’ din l-eżenzjoni fuq l-istokk kollu meta mqabbel mal-impatt tagħha fuq il-ħut individwali, u bbilanċjatu mal-ħtieġa li titkompla l-attività tas-sajd biex tinġabar id-*data* meħtieġa biex ikunu jistgħu jiġu indirizzati l-kummenti tal-STECF. F’każijiet fejn l-ammont relattiv ta’ qbid skartat ta’ ħut mejjet huwa relattivament baxx, il-Kummissjoni tqis li huwa approċċ pragmatiku u prudenti tal-ġestjoni tas-sajd li jingħataw eżenzjonijiet fuq bażi temporanja, minħabba li jekk dan ma jsirx, ma tkunx tista’ tinġabar id-*data* essenzjali għall-ġestjoni xierqa u infurmata tal-qbid skartat bil-għan li jiġi implimentat bis-sħiħ l-obbligu ta’ ħatt l-art.

---

([6]) Rekord maqbul tal-konsultazzjonijiet li saru bejn in-Norveġja u l-Unjoni Ewropea fil-qasam tas-sajd dwar ir-regolazzjoni tas-sajd fl-Iskagerrak u fil-Kattegat għall-2012.

([7]) Rekord maqbul tal-konsultazzjonijiet li saru fl-4 ta’ Lulju 2012 bejn l-Unjoni Ewropea u n-Norveġja fil-qasam tas-sajd dwar miżuri għall-implimentazzjoni ta’ projbizzjoni fuq l-iskartar u miżuri ta’ kontroll fiż-żona tal-Iskagerrak.

([8]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2537709/STECF+PLEN+19-02.pdf

([9]) Il-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar.

([10]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2537709/STECF+PLEN+19-02.pdf

(14) Ir-Regolament Delegat (UE) 2018/2035 kien fih eżenzjoni marbuta ma' rata għolja ta' sopravivenza għal-lingwata komuni li tkun iżgħar mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni li tinqabad mill-bastimenti tat-tkarkir fid-diviżjoni 4c tal-ICES, abbażi ta' evidenza xjentifika li wriet rati għoljin ta' sopravivenza tal-qbid skartat. Dik l-evidenza ġiet evalwata fis-snin ta' qabel u l-STECF ikkonkluda ([11]) li kienet biżżejjed. L-STECF indika li ma ngħatat l-ebda informazzjoni ġdida dwar fejn tinsab iż-żona ta' tkabbir ([12]). Billi dal-ħin ma hemm l-ebda żona tat-tkabbir identifikata, l-eżenzjoni tista' tiddaħħal f'dan ir-Regolament, iżda jenħtieġ li l-Istati Membri jibagħtu l-informazzjoni rilevanti malli jiġu identifikati t-tali żoni. Minħabba li ċ-ċirkustanzi ma nbidlux, jenħtieġ li dik l-eżenzjoni tibqa' tapplika fil-kuntest ta' dan ir-Regolament.

(15) Ir-Regolament Delegat (UE) 2018/2035 kien fih eżenzjoni marbuta ma' rata għolja ta' sopravivenza, kif previst fl-Artikolu 15(4)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, għall-qabdiet tal-iskampu li jsiru bin-nases fid-diviżjonijiet 2a u 3a tal-ICES u fis-subżona 4 tal-ICES, abbażi ta' evidenza xjentifika li wriet rati għoljin ta' sopravivenza tal-qbid skartat. Dik l-evidenza ġiet evalwata fis-snin ta' qabel u l-STECF ikkonkluda ([13]) li kienet biżżejjed. Minħabba li ċ-ċirkustanzi ma nbidlux, jenħtieġ li dik l-eżenzjoni tibqa' tapplika fil-kuntest ta' dan ir-Regolament.

(16) Ir-Regolament Delegat (UE) 2018/2035 kien fih eżenzjoni marbuta ma' rata għolja ta' sopravivenza għall-qabdiet tal-iskampu li jsiru b'ċertu tip ta' rkaptu fis-subżona 4 tal-ICES u fid-diviżjonijiet 2a u 3a tal-ICES dejjem jekk jintuża apparat ta' selettività netgrid. Dik l-eżenzjoni ngħatat bil-kundizzjoni li l-Istati Membri jibagħtu *data* dwar is-sajd li jsir mal-kosta tal-Punent tal-Baħar tat-Tramuntana. Lill-STECF ma ntbagħtitlux evidenza ġdida dwar rata għolja ta' sopravivenza. L-Istati Membri qalu li ma kien hemm bżonn l-ebda *data* addizzjonali minħabba li fl-2018 l-STECF qal li l-informazzjoni xjentifika ta' appoġġ dwar l-istimi tar-rati ta' sopravivenza li jkopru l-kosta tal-Punent tal-Baħar tat-Tramuntana kienet affidabbli ([14]). Madankollu, l-STECF huwa mħasseb ([15]) dwar is-sajd għall-iskampu u għall-gambli tat-tip *Pandalus* spp. mal-kosta tal-Lvant, minħabba li din l-informazzjoni hija nieqsa u ma tistax tiġi vvalutata r-rata ta' sopravivenza tal-iskampu f'dak it-tip ta' sajd. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-eżenzjoni tista' tiġi applikata sal-31 ta' Diċembru 2020 u jenħtieġ li l-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett jibagħtu *data* dwar is-sajd li jsir mal-kosta tal-Lvant tal-Baħar tat-Tramuntana għall-valutazzjoni min-naħa tal-STECF mill-aktar fis possibbli u sa mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2020.

(17) Ir-Regolament Delegat (UE) 2018/2035 kien fih eżenzjoni marbuta ma' rata għolja ta' sopravivenza għall-qabdiet inċidentali ta' speċijiet li għalihom hemm limiti tal-qbid li jsiru waqt is-sajd bin-nases u bix-xbieki fyke, abbażi ta' evidenza xjentifika li wriet rati għoljin ta' sopravivenza tal-qbid skartat. Dik l-evidenza ġiet evalwata fis-snin ta' qabel u l-STECF ikkonkluda ([16]) li d-*data* disponibbli tindika li r-rata ta' mortalità tal-ħut skartat x'aktarx li se tkun baxxa, madankollu l-qabdiet attwali f'dan it-tip ta' sajd huma negliġibbli. Minħabba li l-qabdiet mhumiex sinifikanti u ċ-ċirkustanzi ma nbidlux, jenħtieġ li l-eżenzjoni tibqa' tapplika fil-kuntest ta' dan ir-Regolament.

(18) Ir-Regolament Delegat (UE) 2018/2035 kien fih eżenzjoni marbuta ma' rata għolja ta' sopravivenza għall-barbun tat-tbajja' li jinqabad waqt is-sajd bl-għeżula u bil-pariti fid-diviżjoni 3a tal-ICES u fis-subżona 4 tal-ICES. L-Istati Membri pprovdew evidenza xjentifika biex juru r-rati għoljin ta' sopravivenza tal-qbid skartat għall-barbun tat-tbajja' f'dak it-tip ta' sajd. L-evidenza ġiet ippreżentata lill-STECF, li kkonkluda ([17]) li ngħatat informazzjoni raġonevoli li turi r-rata konsiderevolment għolja ta' sopravivenza. Għalhekk, jenħtieġ li dik l-eżenzjoni tiddaħħal f'dan ir-Regolament.

(19) Ir-Regolament Delegat (UE) 2018/2035 kien fih eżenzjoni marbuta ma' rata għolja ta' sopravivenza għall-barbun tat-tbajja' li jinqabad waqt is-sajd bit-tartaruni Daniżi fid-diviżjoni 3a tal-ICES u fis-subżona 4 tal-ICES. L-Istati Membri pprovdew evidenza xjentifika biex juru r-rati għoljin ta' sopravivenza tal-qbid skartat għall-barbun tat-tbajja' f'dak it-tip ta' sajd. L-evidenza ġiet ippreżentata lill-STECF, li kkonkluda ([18]) li d-*data* tal-istudju dwar ir-rati ta' sopravivenza hija affidabbli, għalkemm jistgħu jintużaw miżuri addizzjonali biex tiżdied ir-rata ta' sopravivenza, minħabba li din tonqos b'mod sinifikanti f'każ li l-barbun tat-tbajja' jdum iktar minn 30 minuta biex jingħażel. Għalhekk, jenħtieġ li dik l-eżenzjoni tiddaħħal f'dan ir-Regolament.

---

([11]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/1099561/STECF+PLEN+15-02.pdf
([12]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2147402/STECF+PLEN+18-02.pdf
([13]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/1099561/STECF+PLEN+15-02.pdf
([14]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2147402/STECF+PLEN+18-02.pdf
([15]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2537709/STECF+PLEN+19-02.pdf
([16]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/1780485/STECF+PLEN+17-02.pdf
([17]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2147402/STECF+PLEN+18-02.pdf
([18]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2147402/STECF+PLEN+18-02.pdf

(20) Ir-Regolament Delegat (UE) 2018/2035 kien fih eżenzjoni marbuta ma' rata għolja ta' sopravivenza għall-qabdiet tal-barbun tat-tbajja' u għall-qabdiet inċidentali tiegħu li jsiru waqt is-sajd għall-pixxiċatt jew għall-ħut tond bix-xbieki tat-tkarkir fid-diviżjoni 3a tal-ICES u fis-subżona 4 tal-ICES fix-xhur tax-xitwa. L-Istati Membri pprovdew evidenza xjentifika biex juru r-rati għoljin ta' sopravivenza tal-qbid skartat għall-barbun tat-tbajja' f'dak it-tip ta' sajd. L-evidenza ġiet ippreżentata lill-STECF, li kkonkluda ([19]) li r-rati ta' sopravivenza fl-istudju ta' appoġġ jonqsu jekk il-ħin tal-għażla jkun ta' iktar minn 60 minuta fix-xhur tas-sajf u allura r-rata baxxa ta' sopravivenza tal-barbun tat-tbajja' fis-sajf tiġġustifika l-fatt li l-eżenzjoni tingħata biss għax-xhur tax-xitwa. Għalhekk, jenħtieġ li dik l-eżenzjoni tiddaħħal f'dan ir-Regolament.

(21) Ir-Regolament Delegat (UE) 2018/2035 ta eżenzjoni marbuta ma' rata għolja ta' sopravivenza għar-rebekkini u għar-raj li jinqabdu b'kull tip ta' rkaptu tas-sajd fid-diviżjonijiet 2a u 3a tal-ICES u fis-subżona 4 tal-ICES, minkejja l-fatt li ma kienx hemm evidenza xjentifika ddettaljata dwar ir-rati ta' sopravivenza disponibbli għas-segmenti kollha tal-flotta u għall-kombinazzjonijiet kollha tal-irkaptu, taż-żoni u tal-ispeċijiet. Madankollu, ħlief għal xi ftit eċċezzjonijiet, l-STECF iqis li, b'mod ġenerali, ir-rati ta' sopravivenza huma robusti ([20]), iżda hemm bżonn ta' iktar dettalji. Minħabba l-ħtieġa li titkompla l-attività tas-sajd sabiex jiġi żgurat li tinġabar id-*data* meħtieġa, jenħtieġ li tingħata dik l-eżenzjoni, iżda jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom l-obbligu jippreżentaw id-*data* rilevanti li tippermetti lill-STECF jivvaluta bis-sħiħ il-ġustifikazzjoni u li tippermetti lill-Kummissjoni twettaq rieżami. Jenħtieġ li, sal-1 ta' Mejju ta' kull sena, l-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett jibagħtu l-affarijiet li ġejjin: (a) pjan direzzjonali żviluppat biex iżid is-sopravivenza u biex jimla l-lakuni fid-*data* identifikati mill-STECF, li jrid jiġi vvalutat kull sena mill-STECF, u (b) rapporti annwali dwar il-progress li jkun sar b'rabta mal-programmi marbutin mar-rata ta' sopravivenza u dwar kull modifika jew aġġustament li jkun sar fihom.

(22) Meta kienu qed jitqiesu r-rati ta' sopravivenza tar-rebekkini u tar-raj, instab li r-raja kukù (*Leucoraja naevus*) kellhom rata ta' sopravivenza li kienet ħafna iktar baxxa minn dik ta' speċijiet oħrajn. Barra minn hekk, jidher li l-fehim xjentifiku dwar ix-xejra ta' sopravivenza ta' dik l-ispeċi huwa inqas robust. Madankollu, jekk din l-ispeċi tiġi eskluża mill-eżenzjoni, dan jipprevjeni s-sajd u l-ġbir kontinwu u preċiż tad-*data*. Tressqet evidenza rilevanti lill-STECF, li kkonkluda ([21]) li nbdew żewġ studji ġodda dwar esperimenti marbutin mar-rata ta' sopravivenza tar-raja kukù, iżda li se jkun hemm bżonn ta' iktar osservazzjonijiet biex isir ġudizzju definittiv dwar ir-rati ta' sopravivenza fi żmien sena jew sentejn. Għalhekk, jenħtieġ li din l-eżenzjoni tingħata għal sentejn u li jiġu żviluppati, b'mod urġenti, studji ġodda u miżuri mtejba ta' sopravivenza u li dawn jintbagħtu lill-STECF għall-valutazzjoni tiegħu malajr kemm jista' jkun u sa mhux aktar tard mill-1 ta Mejju.

(23) Ir-rakkomandazzjoni konġunta l-ġdida tissuġġerixxi eżenzjoni marbuta ma' rata għolja ta' sopravivenza għall-qabdiet tal-barbun tat-tbajja' li jkun iżgħar mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni li jinqabad bi xbieki tat-tkarkir bi travu (BT2) b'daqs tal-malja ta' bejn 80 u 119-il mm fid-diviżjoni 2a tal-ICES u fis-subżona 4 tal-ICES għall-perjodu mill-2020 sal-2021:

— għall-barbun tat-tbajja' li jinqabad bi rkaptu armat b'ħabel flip-up jew b'pannell tar-rilaxx bentiku (BRP) minn bastimenti b'saħħa tal-magna ta' iktar minn 221 kW;

— għall-barbun tat-tbajja' li jinqabad mill-bastimenti tal-Istati Membri li jkunu qed jimplimentaw il-pjan direzzjonali għas-sajd iddokumentat għalkollox;

— għall-pixxiċatt li jinqabad bi xbieki tat-tkarkir bi travu (BT2) minn bastimenti b'saħħa tal-magna li ma taqbiżx il-221 kW jew li b'kollox ikunu twal inqas minn 24 metru, li jkunu maħsubin għas-sajd fiż-żona ta' tnax-il mil, jekk it-tul medju tal-kalata tax-xbieki jkun ta' inqas minn 90 minuta.

L-evidenza ġiet ippreżentata lill-STECF, li kkonkluda ([22]) li l-osservazzjonijiet il-ġodda mill-proġetti l-ġodda tar-riċerka li se jsiru fl-2020 sal-2021, se jippermettulu jagħmel ġudizzju sod dwar ir-rata ta' sopravivenza tal-barbun tat-tbajja' skartat li jkun inqabad bix-xbieki tat-tkarkir bi travu. Il-pjanijiet tar-riċerka għall-ġejjieni mogħtija fil-pjan direzzjonali li ġie ppreżentat jindirizzaw l-inċertezzi dwar il-fatturi li jaffettwaw ir-rata ta' sopravivenza tal-qbid skartat għall-barbun tat-tbajja' b'mod iddettaljat u ambizzjuż. Madankollu, hemm bżonn ta' iktar għarfien dwar il-fatturi li jistgħu jispjegaw il-varjazzjoni li ġiet osservata fl-istimi tar-rati ta' sopravivenza ta' qabel. Għalhekk, jenħtieġ li tingħata dik l-eżenzjoni, iżda l-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom l-obbligu jippreżentaw id-*data* rilevanti li tippermetti lill-STECF jivvaluta bis-sħiħ il-ġustifikazzjoni u li tippermetti lill-Kummissjoni twettaq rieżami. Jenħtieġ li, sal-1 ta' Mejju ta' kull sena, l-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett jibagħtu l-affarijiet li ġejjin: (a) pjan direzzjonali żviluppat biex iżid is-sopravivenza u biex jimla l-lakuni fid-*data* identifikati mill-STECF, li jrid jiġi vvalutat kull sena mill-STECF, u (b) rapporti annwali dwar il-progress li jkun sar b'rabta mal-programmi marbutin mar-rata ta' sopravivenza u dwar kull modifika jew aġġustament li jkun sar fihom.

---

([19]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2147402/STECF+PLEN+18-02.pdf
([20]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2537709/STECF+PLEN+19-02.pdf
([21]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2537709/STECF+PLEN+19-02.pdf
([22]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2537709/STECF+PLEN+19-02.pdf

(24) Ir-rakkomandazzjoni konġunta l-ġdida tissuġġerixxi eżenzjoni marbuta ma' rata għolja ta' sopravivenza għall-barbun imperjali li jinqabad bi xbieki tat-tkarkir bi travu b'manka b'daqs tal-malja ta' iktar minn 80 mm fis-subżona 4 tal-ICES. L-Istati Membri pprovdew evidenza xjentifika biex juru r-rati għoljin ta' sopravivenza tal-qbid skartat għall-barbun imperjali f'dak it-tip ta' sajd. L-evidenza ġiet ippreżentata lill-STECF, li kkonkluda ([23]) li ma ġiet ippreżentata l-ebda evidenza ġdida dwar is-sopravivenza u li l-istudji li kienu ġew ippreżentati qabel kellhom x'jaqsmu ma' tip ta' rkaptu ieħor u mhux max-xbieki tat-tkarkir bi travu u għalhekk ma kinux rappreżentattivi. Madankollu, l-Istati Membri ntrabtu li jagħmlu iktar riċerka biex josservaw ir-rata ta' sopravivenza tal-barbun imperjali skartat li jkun inqabad bi xbieki tat-tkarkir bi travu u biex jipprovdu informazzjoni iktar iddettaljata dwar ir-rata ta' sopravivenza fil-proġett il-ġdid, li mistenni jitwettaq sal-2021. Minħabba l-ħtieġa li titkompla l-attività tas-sajd sabiex jiġi żgurat li tinġabar id-*data* meħtieġa, jenħtieġ li tingħata dik l-eżenzjoni, iżda jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom l-obbligu jippreżentaw, fil-perjodu taż-żmien indikat, id-*data* rilevanti li tippermetti lill-STECF jivvaluta bis-sħiħ il-ġustifikazzjoni u li tippermetti lill-Kummissjoni twettaq rieżami. Jenħtieġ li dik l-eżenzjoni tiġi applikata b'mod provviżorju sal-31 ta' Diċembru 2020.

(25) Ir-rakkomandazzjoni konġunta l-ġdida tissuġġerixxi li l-applikazzjoni ta' eżenzjoni marbuta ma' rata għolja ta' sopravivenza għall-barbun tat-tbajja' li jinqabad bi xbieki tat-tkarkir b'daqs tal-malja ta' mill-inqas 120 mm meta jkun qed jiġi mistad il-pixxiċatt jew il-ħut tond fid-diviżjoni 3a tal-ICES u fis-subżona 4 tal-ICES tiġi estiża għax-xhur tas-sajf. Ir-Regolament Delegat (UE) 2018/2035 ta dik l-eżenzjoni biss għax-xhur tax-xitwa (mill-1 ta' Novembru sat-30 ta' April). Ir-rakkomandazzjoni konġunta l-ġdida tissuġġerixxi wkoll eżenzjonijiet ġodda marbutin ma' rata għolja ta' sopravivenza għal dawn li ġejjin:

— għall-barbun tat-tbajja' li jinqabad bi xbieki tat-tkarkir b'daqs tal-malja ta' mill-inqas 90 sa 99 mm li jkunu armati b'pannell Seltra waqt is-sajd għall-pixxiċatt jew għall-ħut tond fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 3a tal-ICES;

— għall-barbun tat-tbajja' li jinqabad bi xbieki tat-tkarkir b'daqs tal-malja ta' mill-inqas 80 sa 99 mm waqt is-sajd għall-pixxiċatt jew għall-ħut tond fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżona 4 tal-ICES.

(26) L-Istati Membri pprovdew evidenza xjentifika biex juru r-rati għoljin ta' sopravivenza tal-qbid skartat għall-barbun tat-tbajja' f'dak it-tip ta' sajd. L-STECF innota ([24]) li l-metodi użati biex jiġu stmati r-rati ta' sopravivenza jvarjaw minn studju għall-ieħor u qal li jidher li l-barbun tat-tbajja' iżgħar, li jinqabad iktar ta' spiss b'manki b'daqs tal-malja iżgħar, għandu rati iktar baxxi ta' sopravivenza. Madankollu, ir-rapport xjentifiku sħiħ dwar iż-żona kollha jippermetti valutazzjoni rappreżentattiva dwar ir-rati ta' sopravivenza tal-barbun tat-tbajja' fix-xhur tas-sajf. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li din l-eżenzjoni jenħtieġ li tingħata għal sena biss u li jenħtieġ li jiġu żviluppati, b'mod urġenti, l-istudji l-ġodda u l-miżuri mtejba ta' sopravivenza u li dawn jintbagħtu lill-STECF għall-valutazzjoni tiegħu malajr kemm jista' jkun u sa mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2020.

(27) Ir-Regolament Delegat (UE) 2018/2035 kien fih eżenzjonijiet *de minimis* għal dawn li ġejjin:

— għal-lingwata komuni li tinqabad bil-pariti u bl-għeżula fid-diviżjonijiet 2a u 3a tal-ICES u fis-subżona 4 tal-ICES;

— għal-lingwata komuni li tinqabad b'ċerti xbieki tat-tkarkir bi travu armati b'pannell Fjamming fis-subżona 4 tal-ICES;

— għall-qabdiet tal-lingwata komuni, tal-merluzz tal-linja sewda, tal-merlangu, tal-bakkaljaw, tal-pollakkju l-iswed, tal-barbun tat-tbajja', tal-aringa, tal-merluzz tan-Norveġja, tal-arġentina silus u tal-istokkafixx flimkien li jsiru b'ċerti xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ fid-diviżjoni 3a tal-ICES;

— għall-qabdiet tal-lingwata komuni, tal-merluzz tal-linja sewda, tal-merlangu, tal-bakkaljaw, tal-pollakkju l-iswed u tal-merluzz flimkien li jsiru b'ċerti xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ fid-diviżjoni 3a tal-ICES;

— għall-merlangu li jinqabad b'ċerti xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ fid-diviżjoni 3a tal-ICES;

— għall-merlangu u għall-bakkaljaw li jinqabdu bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ fid-diviżjoni 4c tal-ICES;

— għall-barbun tat-tbajja' li jinqabad b'ċerti xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ fis-subżona 4 tal-ICES;

— għall-ispeċijiet kollha li għalihom hemm limiti tal-qbid li jinqabdu bix-xbieki tat-tkarkir bi travu fid-diviżjonijiet 4b u 4c tal-ICES.

(28) L-Istati Membri pprovdew evidenza li tappoġġa lil dawk l-eżenzjonijiet *de minimis*. L-STECF ([25]) eżamina dik l-evidenza u kkonkluda ([26]) li d-dokumenti li bagħtu l-Istati Membri kien fihom argumenti raġonati li juru li huwa diffiċli jinkiseb iktar titjib fis-selettività jew li dan se jwassal għal spejjeż sproporzjonati biex jiġu mmaniġġjati l-

([23]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2537709/STECF+PLEN+19-02.pdf
([24]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2537709/STECF+PLEN+19-02.pdf
([25]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/1099561/STECF+PLEN+15-02.pdf
([26]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2147402/STECF+PLEN+18-02.pdf

qabdiet mhux mixtieqa. Minħabba li ċ-ċirkustanzi ma nbidlux, huwa xieraq li jkomplu jiġu applikati l-eżenzjonijiet *de minimis* skont il-perċentwali u l-emendi meħtieġa li ġew issuġġeriti fir-rakkomandazzjoni konġunta l-ġdida skont l-Artikolu 15(5)(c) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

(29) Ir-rakkomandazzjoni konġunta l-ġdida pprovdiet evidenza xjentifika addizzjonali biex l-eżenzjonijiet *de minimis* jiġu estiżi għal dawn li ġejjin:

— għas-sawrell li jinqabad bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ (OTB, OTT, PTB u TBB) fis-subżona 4 tal-ICES;

— għall-kavalli li jinqabdu bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ (OTB, OTT, PTB u TBB) fis-subżona 4 tal-ICES;

— għall-merlangu li jinqabad bix-xbieki tat-tkarkir bi travu (BT2) fis-subżona 4 tal-ICES;

— għall-merlangu u għall-bakkaljaw li jinqabdu bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ (OTB, OTT, SDN u SSC) fid-diviżjonijiet 4a u 4b tal-ICES.

(30) Ir-rakkomandazzjoni konġunta l-ġdida ssuġġeriet eżenzjonijiet *de minimis* għal dawn li ġejjin:

— għal-lipp li jkun iżgħar mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni li jinqabad bil-konzijiet fis-subżona 4 tal-ICES;

— għall-qabdiet tal-ispeċijiet industrijali (il-laċċ ikħal, iċ-ċiċċirell, il-merluzz tan-Norveġja u l-istokkafixx) flimkien, li jinqabdu waqt is-sajd demersali mħallat u waqt is-sajd għall-gambli bi xbieki tat-tkarkir mgħammrin b'apparat ta' selettività fid-diviżjoni 3a tal-ICES u fis-subżona 4 tal-ICES.

(31) L-Istati Membri pprovdew evidenza xjentifika li tappoġġa lil dawk l-eżenzjonijiet *de minimis* eżistenti u ġodda abbażi tad-diffikultajiet biex tittejjeb is-selettività u tal-ispejjeż sproporzjonati tal-immaniġġjar tal-qabdiet. L-STECF eżamina dik l-evidenza waqt il-laqgħa plenarja tiegħu li saret bejn l-1 u l-5 ta' Lulju 2019 ([27]).

(32) L-STECF eżamina l-evidenza addizzjonali li l-Istati Membri bagħtu dwar l-eżenzjonijiet *de minimis* marbutin mas-sawrell u mal-kavalli li jinqabdu minn bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ u x-xbieki tat-tkarkir bi travu u kkonkluda li, għall-biċċa l-kbira mill-Istati Membri, jeħtieġ tintbagħat aktar informazzjoni. Minħabba l-ħtieġa li titkompla l-attività tas-sajd sabiex jiġi żgurat li tinġabar id-*data* meħtieġa biex tiġi pprovduta dik l-informazzjoni, jenħtieġ li l-eżenzjonijiet individwali għal kull speċi jkunu limitati għal sena u li l-Istati Membri jkollhom l-obbligu jippreżentaw id-*data* rilevanti li tippermetti lill-STECF jivvaluta bis-sħiħ il-ġustifikazzjoni u li tippermetti lill-Kummissjoni twettaq rieżami. Jenħtieġ li l-Istati Membri kkonċernati jwettqu x-xogħol meħtieġ biex jiġbru u jipproċessaw id-*data* meħtieġa jew iwettqu l-provi addizzjonali u jipprovdu l-informazzjoni malajr kemm jista' jkun u sa mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2020 għall-valutazzjoni min-naħa tal-STECF. Għalhekk jenħtieġ li dawk l-eżenzjonijiet jiġu applikati b'mod provviżorju sal-31 ta' Diċembru 2020.

(33) L-STECF eżamina l-evidenza li l-Istati Membri bagħtu dwar l-eżenzjoni *de minimis* marbuta ma' kwantità ta' laċċ ikħal, ta' ċiċċirell, ta' merluzz tan-Norveġja u ta' stokkafixx flimkien li tinqabad waqt is-sajd demersali mħallat minn bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir u kkonkluda li ma hemm l-ebda evidenza kwantitattiva li tappoġġa d-dikjarazzjonijiet li hemm livell baxx ta' qbid skartat u li ġew eżawriti l-għażliet biex titjieb is-selettività. L-STECF qal li jkun diffiċli li jsir iktar titjib fis-selettività f'dak it-tip ta' sajd u li hemm bżonn ta' eżenzjoni *de minimis* biex jiġu koperti l-qabdiet mhux mixtieqa li jibqa'. Minħabba l-ħtieġa li titkompla l-attività tas-sajd sabiex jiġi żgurat li tinġabar id-*data* meħtieġa biex tiġi pprovduta dik l-informazzjoni, jenħtieġ li l-eżenzjoni *de minimis* għal kwantità meħuda flimkien tkun limitata għal sena u li l-Istati Membri jkollhom l-obbligu jippreżentaw id-*data* rilevanti li tippermetti lill-STECF jivvaluta bis-sħiħ il-ġustifikazzjoni u li tippermetti lill-Kummissjoni twettaq rieżami. Jenħtieġ li l-Istati Membri kkonċernati jwettqu l-provi addizzjonali u jipprovdu l-informazzjoni malajr kemm jista' jkun u sa mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2020 għall-valutazzjoni min-naħa tal-STECF. Għalhekk jenħtieġ li dawk l-eżenzjonijiet jiġu applikati b'mod provviżorju sal-31 ta' Diċembru 2020.

(34) L-STECF eżamina l-evidenza li l-Istati Membri bagħtu dwar l-eżenzjoni *de minimis* marbuta mal-merlangu li jkun iżgħar mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni li jinqabad bix-xbieki tat-tkarkir bi travu u kkonkluda li l-evidenza li tgħid li hemm spiża marbuta mal-ħatt l-art tal-qabdiet mhux mixtieqa minnha nnifisha mhix biżżejjed biex turi li dawk l-ispejjeż huma sproporzjonati. L-STECF qal li jenħtieġ li t-titjib fis-selettività fis-sajd rilevanti jingħata prijorità minħabba li dan se jnaqqas l-ispejjeż tal-immaniġġjar tal-qabdiet mhux mixtieqa. Minħabba l-ħtieġa li titkompla l-attività tas-sajd sabiex jiġi żgurat li tinġabar id-*data* meħtieġa biex tiġi pprovduta dik l-

([27]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2537709/STECF+PLEN+19-02.pdf

informazzjoni, jenħtieġ li l-eżenzjoni *de minimis* tkun limitata għal sena u li l-Istati Membri jkollhom l-obbligu jippreżentaw id-*data* rilevanti li tippermetti lill-STECF jivvaluta bis-sħiħ il-ġustifikazzjoni u li tippermetti lill-Kummissjoni twettaq rieżami. Jenħtieġ li l-Istati Membri kkonċernati jwettqu l-provi addizzjonali u jipprovdu l-informazzjoni rilevanti kollha malajr kemm jista' jkun u sa mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2020 għall-valutazzjoni min-naħa tal-STECF. Għalhekk jenħtieġ li din l-eżenzjoni tiġi applikata b'mod provviżorju sal-31 ta' Diċembru 2020.

(35) L-STECF eżamina l-evidenza li l-Istati Membri bagħtu dwar l-eżenzjoni *de minimis* marbuta mal-merlangu u mal-bakkaljaw li jkunu iżgħar mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni li jinqabdu bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ u kkonkluda li ma hemm l-ebda possibbiltà li wieħed jevalwa jekk l-istimi dwar l-ispejjeż sproporzjonati humiex korretti jew le. L-STECF qal li jenħtieġ li t-titjib fis-selettività fis-sajd rilevanti jingħata prijorità minħabba li dan se jnaqqas l-ispejjeż tal-immaniġġjar tal-qabdiet mhux mixtieqa. Minħabba l-ħtieġa li titkompla l-attività tas-sajd sabiex jiġi żgurat li tingħabar id-*data* meħtieġa biex tiġi pprovduta dik l-informazzjoni, jenħtieġ li l-eżenzjoni *de minimis* tkun limitata għal sena u li l-Istati Membri jkollhom l-obbligu jippreżentaw id-*data* rilevanti li tippermetti lill-STECF jivvaluta bis-sħiħ il-ġustifikazzjoni u li tippermetti lill-Kummissjoni twettaq rieżami. Barra minn hekk, l-Istati Membri huma mistennija jirrappurtaw dwar l-adozzjoni ta' iktar miżuri marbutin mas-selettività. Jenħtieġ li l-Istati Membri kkonċernati jwettqu l-provi addizzjonali u jipprovdu l-informazzjoni malajr kemm jista' jkun u sa mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2020 għall-valutazzjoni min-naħa tal-STECF. Għalhekk jenħtieġ li din l-eżenzjoni tiġi applikata b'mod provviżorju sal-31 ta' Diċembru 2020.

(36) L-STECF eżamina l-evidenza li l-Istati Membri bagħtu dwar l-eżenzjoni *de minimis* il-ġdida marbuta mal-lipp li jkun iżgħar mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni li jinqabad bil-konzijiet u kkonkluda li jkun diffiċli li jsir iktar titjib fis-selettività f'dak it-tip ta' sajd. Barra minn hekk, l-STECF innota li minħabba li l-volum marbut mal-eżenzjoni *de minimis* x'aktarx li se jkun żgħir, l-eżenzjoni mhu se jkollha l-ebda impatt fuq ir-rata ġenerali ta' mortalità mis-sajd, sakemm il-qabdiet skartati jiġu rreġistrati. Minħabba li diffiċli tinkiseb is-selettività, jenħtieġ li l-eżenzjoni għal dak it-tip ta' sajd tkun limitata għal sena u li l-Istati Membri jkollhom l-obbligu jippreżentaw id-*data* rilevanti li tippermetti lill-STECF jivvaluta bis-sħiħ il-ġustifikazzjoni u li tippermetti lill-Kummissjoni twettaq rieżami. Jenħtieġ li l-Istati Membri kkonċernati jwettqu l-provi addizzjonali u jipprovdu l-informazzjoni malajr kemm jista' jkun u sa mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2020 għall-valutazzjoni min-naħa tal-STECF. Għalhekk jenħtieġ li dawk l-eżenzjonijiet jiġu applikati b'mod provviżorju sal-31 ta' Diċembru 2020.

(37) Sabiex jiġu żgurati stimi affidabbli tal-livelli ta' skartar biex jiġu stabbiliti l-qabdiet totali permissibbli, jenħtieġ li, fil-każijiet fejn l-eżenzjoni *de minimis* tkun ibbażata fuq l-estrapolazzjoni ta' sitwazzjonijiet b'*data* limitata u informazzjoni parzjali dwar il-flotot, l-Istati Membri jiżguraw il-provvista ta' *data* preċiża u verifikabbli għall-flotta kollha koperta minn dik l-eżenzjoni.

(38) Il-miżuri li ġew issuġġeriti fir-rakkomandazzjoni konġunta l-ġdida huma skont l-Artikolu 15(4), l-Artikolu 15(5)(c) u l-Artikolu 18(3) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u skont ir-Regolament (UE) 2018/973, u b'mod partikulari l-Artikolu 11 tiegħu, u b'hekk jistgħu jiddaħħlu f'dan ir-Regolament.

(39) Skont l-Artikolu 16(2) tar-Regolament (UE) 2018/973, il-Kummissjoni ngħatat is-setgħa tadotta atti delegati marbutin mal-obbligu ta' ħatt l-art għal perjodu ta' ħames snin li jibda mill-5 ta' Awwissu 2018. Għalhekk huwa xieraq li, fit-tieni sena tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, jiġi rivedut l-impatt tal-eżenzjonijiet mill-obbligu ta' ħatt l-art marbutin ma' rata għolja ta' sopravivenza u tal-eżenzjonijiet *de minimis* minn dan l-obbligu.

(40) Jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2018/2035 jitħassar u li dan jiġi ssostitwit b'Regolament ġdid.

(41) Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament għandhom impatt dirett fuq l-ippjanar tal-istaġun tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni u fuq l-attivitajiet ekonomiċi relatati ma' dan, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ minnufih wara li jiġi ppubblikat. Jenħtieġ li dan jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2020,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art**

Fl-ilmijiet tal-Unjoni tal-Baħar tat-Tramuntana (id-diviżjonijiet 2a u 3a tal-ICES u s-subżona 4 tal-ICES), l-obbligu ta' ħatt l-art previst fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għandu japplika għas-sajd demersali li għalih hemm limiti tal-qbid skont dan ir-Regolament għall-perjodu mill-2020 sal-2021.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "pannell Seltra" tfisser apparat ta' selettività li:

— huwa magħmul minn pannell ta' fuq b'daqs tal-malja ta' mill-inqas 270 mm (fil-każ ta' malja maqrut) imqiegħed f'sezzjoni magħmula minn erba' pannelli u mmuntat bi proporzjon ta' tliet malji ta' 90 mm għal kull malja ta' 270 mm, jew minn pannell ta' fuq b'daqs tal-malja ta' mill-inqas 140 mm (fil-każ ta' malja kwadra);

— huwa twil mill-inqas tliet metri;

— jitqiegħed mhux aktar minn erba' metri 'l bogħod mis-siegla tal-għeluq; u

— huwa daqs il-wisa' kollu tas-saff ta' fuq tax-xibka tat-tkarkir (jiġifieri minn ċmusa sa ċmusa);

(2) "apparat ta' selettività netgrid" tfisser apparat ta' selettività magħmul minn sezzjoni magħmula minn erba' pannelli mdaħħla f'xibka tat-tkarkir b'żewġ pannelli b'xibka inklinata ta' malja maqrut b'daqs tal-malja ta' mill-inqas 200 mm, li twassal għal toqba minn fejn jaħrab il-ħut fil-parti ta' fuq tax-xibka tat-tkarkir;

(3) "pannell Fjamming" tfisser l-aħħar sezzjoni tal-malja tax-xibka tat-tkarkir bi travu, li tidjieq għax-xejn u li:

— il-parti ta' wara tagħha tkun imqabbda direttament mal-manka;

— is-sezzjonijiet ta' fuq u ta' taħt tal-malja tagħha jkunu magħmulin minn malji b'daqs ta' mill-inqas 120 mm meta jitkejlu bejn għoqda u oħra;

— meta tkun imġebbda tkun twila mill-inqas tliet metri;

(4) "pannell tar-rilaxx bentiku" tfisser pannell tax-xbiek b'malji ikbar jew b'malji kwadri mwaħħal fil-pannell t'isfel ta' xibka tat-tkarkir, normalment ta' xibka tat-tkarkir bi travu, biex kull materjal bentiku u fdal ta' qiegħ il-baħar ikun jista' joħroġ minnha qabel ma jgħaddi għal ġol-manka;

(5) "SepNep" tfisser xibka tat-tkarkir bid-diriġenti li:

— ikollha daqs tal-malja f'firxa minn 80 sa 99 mm +≥ 100 mm;

— tkun armata b'ħafna mankijiet b'daqsijiet tal-malja li jvarjaw minn tal-inqas 80 mm sa 120 mm, li jkunu mqabbdin ma' biċċa waħda ta' estensjoni, u l-manka ta' fuq nett ikollha daqs tal-malja ta' mill-inqas 120 mm u tkun armata b'pannell li jissepara li jkollu daqs massimu tal-malja ta' 105 mm; u

— tista' tkun armata wkoll bi gradilja selettiva fakultattiva bi spazju ta' mill-inqas 17-il mm bejn il-vireg, dejjem jekk tkun mibnija b'tali mod li tippermetti li jaħarbu l-iskampi ż-żgħar.

*Artikolu 3*

**Eżenzjonijiet marbutin ma' rata għolja ta' sopravivenza għall-iskampu**

1. L-eżenzjoni marbuta ma' rata għolja ta' sopravivenza msemmija fl-Artikolu 15(4)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għandha tapplika fl-ilmijiet tal-Unjoni tal-Baħar tat-Tramuntana (id-diviżjonijiet 2a u 3a tal-ICES u s-subżona 4 tal-ICES) għall-qabdiet tal-iskampu (*Nephrops norvegicus*) li ġejjin:

(a) għall-qabdiet bin-nases (FPO ([28]));

(b) għall-qabdiet bi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ (OTB, OTT u TBN) li għandhom:

   (1) manka ta' iktar minn 80 mm; jew

   (2) manka b'daqs tal-malja ta' mill-inqas 70 mm, armata bi gradilja selettiva tal-ispeċijiet bi spazju ta' mhux aktar minn 35 mm bejn il-vireg; jew

   (3) manka ta' mill-inqas 35 mm, armata bi gradilja selettiva tal-ispeċijiet bi spazju ta' mhux aktar minn 19-il mm bejn il-vireg.

2. Meta l-iskampu li jinqabad fil-każijiet imsemmijin fil-paragrafu 1 ikun qed jiġi skartat, dan għandu jinħeles sħiħ, minnufih, fiż-żona fejn ikun inqabad.

([28]) Il-kodiċijiet tal-irkaptu li qed jintużaw f'dan ir-Regolament huma stabbiliti fl-Anness XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 tat-8 ta' April 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd (ĠU L 112, 30.4.2011, p. 1). Għall-bastimenti b'tul totali ta' inqas minn 10 metri, il-kodiċijiet tal-irkaptu li qed jintużaw f'dan ir-Regolament huma stabbiliti fil-klassifikazzjoni tal-irkaptu tal-FAO.

3. L-eżenzjoni msemmija fil-paragrafu 1(b) għandha tapplika b'mod provviżorju sal-31 ta' Diċembru 2020. L-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett għandhom jibagħtu informazzjoni xjentifika addizzjonali li tappoġġa l-eżenzjoni stabbilita fil-paragrafu 1(b) malajr kemm jista' jkun u sa mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2020. Sal-31 ta' Lulju 2020, il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (l-STECF) għandu jivvaluta l-informazzjoni xjentifika li tkun ingħatat.

*Artikolu 4*

**Eżenzjoni marbuta ma' rata għolja ta' sopravivenza għal-lingwata komuni**

1. L-eżenzjoni marbuta ma' rata għolja ta' sopravivenza msemmija fl-Artikolu 15(4)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għandha tapplika fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 4c tal-ICES, sa sitt mili nawtiċi mill-kosta, iżda 'l barra miż-żoni ta' tkabbir identifikati, għall-qabdiet tal-lingwata komuni (*Solea solea*) li tkun iżgħar mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni li jsiru bix-xbieki tat-tkarkir bid-diriġenti (OTB) li jkollhom daqs tal-malja tal-manka ta' bejn 80 u 99 mm.

2. L-eżenzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tapplika biss għall-bastimenti b'tul totali ta' mhux aktar minn 10 metri u b'saħħa tal-magna ta' mhux aktar minn 221 kW li jkunu qed jistadu f'ilmijiet li jkunu fondi 30 metru jew inqas u li jkollhom ħin tal-irmunkar ta' mhux aktar minn siegħa u nofs.

3. Meta l-lingwata komuni li tinqabad fil-każijiet imsemmijin fil-paragrafu 1 tkun qed tiġi skartata, din għandha tinħeles minnufih.

*Artikolu 5*

**Eżenzjoni marbuta ma' rata għolja ta' sopravivenza għall-qabdiet inċidentali tal-ispeċijiet kollha li għalihom hemm limiti tal-qbid li jsiru bin-nases u bix-xbieki fyke**

1. L-eżenzjoni marbuta ma' rata għolja ta' sopravivenza msemmija fl-Artikolu 15(4)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għandha tapplika fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 3a tal-ICES u tas-subżona 4 tal-ICES għall-qabdiet tal-ispeċijiet kollha li għalihom hemm limiti tal-qbid li jsiru bin-nases u bix-xbieki fyke (FPO u FYK).

2. Meta l-ħut li jinqabad fil-każijiet imsemmijin fil-paragrafu 1 ikun qed jiġi skartat, dan għandu jinħeles minnufih 'l isfel minn wiċċ l-ilma.

*Artikolu 6*

**Eżenzjoni marbuta ma' rata għolja ta' sopravivenza għall-qabdiet tal-barbun tat-tbajja' u għall-qabdiet inċidentali tiegħu**

1. L-eżenzjoni marbuta ma' rata għolja ta' sopravivenza msemmija fl-Artikolu 15(4)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għandha tapplika fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 3a tal-ICES u tas-subżona 4 tal-ICES:

(a) għall-barbun tat-tbajja' (*Pleuronectes platessa*) li jinqabad bix-xbieki (GNS, GTR, GTN u GEN);

(b) għall-barbun tat-tbajja' li jinqabad bit-tartaruni Daniżi;

(c) għall-barbun tat-tbajja' li jinqabad bi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ (OTB u PTB) b'daqs tal-malja ta' mill-inqas 120 mm meta jkun qed jiġi mistad il-pixxiċatt jew il-ħut tond.

2. L-eżenzjoni marbuta ma' rata għolja ta' sopravivenza msemmija fl-Artikolu 15(4)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għandha tapplika:

(a) għall-barbun tat-tbajja' li jinqabad bi xbieki tat-tkarkir (OTB u PTB) b'daqs tal-malja ta' mill-inqas 90 sa 99 mm li jkunu armati b'pannell Seltra waqt is-sajd għall-pixxiċatt jew għall-ħut tond fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 3a tal-ICES;

(b) għall-barbun tat-tbajja' li jinqabad bi xbieki tat-tkarkir (OTB u PTB) b'daqs tal-malja ta' mill-inqas 80 sa 99 mm waqt is-sajd għall-pixxiċatt jew għall-ħut tond fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżona 4 tal-ICES.

3. Meta l-barbun tat-tbajja' li jinqabad fil-każijiet imsemmijin fil-paragrafi 1 u 2 ikun qed jiġi skartat, dan għandu jinħeles minnufih.

4. L-eżenzjoni msemmija fil-paragrafu 1(c) għandha tapplika b'mod provviżorju sal-31 ta' Diċembru 2020. L-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett għandhom jibagħtu informazzjoni xjentifika addizzjonali li tappoġġa l-eżenzjoni stabbilita fil-paragrafu 1(c) malajr kemm jista' jkun u sa mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2020. Sal-31 ta' Lulju 2020, il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (l-STECF) għandu jivvaluta l-informazzjoni xjentifika li tkun ingħatat.

*Artikolu 7*

**Eżenzjoni marbuta ma' rata għolja ta' sopravivenza għall-barbun tat-tbajja' li jkun iżgħar mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni**

1. L-eżenzjoni marbuta ma' rata għolja ta' sopravivenza msemmija fl-Artikolu 15(4)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għandha tapplika fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 2a tal-ICES u tas-subżona 4 tal-ICES għall-qabdiet tal-barbun tat-tbajja' li jkun iżgħar mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni li jsiru bi xbieki tat-tkarkir bi travu (BT2) b'daqs tal-malja ta' bejn 80 u 119-il mm, jekk il-barbun tat-tbajja' jinqabad:

(a) bi rkaptu armat b'ħabel flip-up jew b'pannell tar-rilaxx bentiku (BRP) minn bastimenti b'saħħa tal-magna ta' iktar minn 221 kW; jew

(b) mill-bastimenti tal-Istati Membri li jkunu qed jimplimentaw il-pjan direzzjonali għas-sajd iddokumentat għalkollox.

2. L-eżenzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tapplika wkoll għall-pixxiċatt li jinqabad bi xbieki tat-tkarkir bi travu (BT2) minn bastimenti b'saħħa tal-magna li ma taqbiżx il-221 kW jew li b'kollox ikunu twal inqas minn 24 metru, li jkunu maħsubin għas-sajd fiż-żona ta' tnax-il mil, jekk it-tul medju tal-kalata tax-xbieki jkun ta' inqas minn 90 minuta.

3. Kull sena, l-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett għandhom jibagħtu informazzjoni xjentifika addizzjonali li tappoġġa l-eżenzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 malajr kemm jista' jkun u sa mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju. Sal-31 ta' Lulju ta' kull sena, il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (l-STECF) għandu jivvaluta l-informazzjoni xjentifika li tkun ingħatat.

4. Meta l-barbun tat-tbajja' li jinqabad fil-każijiet imsemmijin fil-paragrafi 1 u 2 ikun qed jiġi skartat, dan għandu jinħeles minnufih.

*Artikolu 8*

**Eżenzjoni marbuta ma' rata għolja ta' sopravivenza għall-barbun imperjali**

1. L-eżenzjoni marbuta ma' rata għolja ta' sopravivenza msemmija fl-Artikolu 15(4)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għandha tapplika fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżona 4 tal-ICES għall-qabdiet tal-barbun imperjali (*Scophthalmus maximus*) li jsiru bi xbieki tat-tkarkir bi travu b'manka ta' iktar minn 80 mm (TBB).

2. L-eżenzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tapplika b'mod provviżorju sal-31 ta' Diċembru 2020. L-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett għandhom jibagħtu informazzjoni xjentifika addizzjonali li tappoġġa l-eżenzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 malajr kemm jista' jkun u sa mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2020. Sal-31 ta' Lulju 2020, il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (l-STECF) għandu jivvaluta l-informazzjoni xjentifika li tkun ingħatat.

3. Meta l-barbun imperjali li jinqabad fil-każijiet imsemmijin fil-paragrafu 1 ikun qed jiġi skartat, dan għandu jinħeles minnufih.

*Artikolu 9*

**Eżenzjoni marbuta ma' rata għolja ta' sopravivenza għar-rebekkini u għar-raj**

1. L-eżenzjoni marbuta ma' rata għolja ta' sopravivenza msemmija fl-Artikolu 15(4)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għandha tapplika fl-ilmijiet tal-Unjoni tal-Baħar tat-Tramuntana (id-diviżjonijiet 2a u 3a tal-ICES u s-subżona 4 tal-ICES) għar-rebekkini u għar-raj li jinqabdu b'kull tip ta' rkaptu tas-sajd.

2. Kull sena, l-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett għandhom jibagħtu informazzjoni xjentifika addizzjonali li tappoġġa l-eżenzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 malajr kemm jista' jkun u sa mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju. Sal-31 ta' Lulju ta' kull sena, il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (l-STECF) għandu jivvaluta l-informazzjoni xjentifika li tkun ingħatat.

3. Meta r-rebekkini u r-raj li jinqabdu fil-każijiet imsemmijin fil-paragrafu 1 ikunu qed jiġu skartati, dawn għandhom jinħelsu minnufih.

*Artikolu 10*

**Eżenzjonijiet *de minimis***

B'deroga mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, jistgħu jiġu skartati l-kwantitajiet li ġejjin skont l-Artikolu 15(4)(c) ta' dak ir-Regolament:

(a) fis-sajd għal-lingwata komuni minn bastimenti li jużaw il-pariti u l-għeżula (GN, GNS, GND, GNC, GTN, GTR, GEN u GNF) fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjonijiet 2a u 3a tal-ICES u tas-subżona 4 tal-ICES:

kwantità ta' lingwata komuni li tkun ikbar u iżgħar mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni li ma għandhiex taqbeż it-3 % tal-qabdiet annwali totali ta' dik l-ispeċi;

(b) fis-sajd għal-lingwata komuni minn bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir bi travu (TBB) b'daqs tal-malja ta' bejn 80 u 119-il mm, armati b'pannell Fjamming, fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżona 4 tal-ICES:

kwantità ta' lingwata komuni li tkun iżgħar mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni li ma għandhiex taqbeż il-5 % tal-qabdiet annwali totali ta' dik l-ispeċi;

(c) fis-sajd għall-iskampu minn bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ (OTB, OTT u TBN) b'daqs tal-malja ta' 70 mm jew iktar, armati bi gradilja selettiva tal-ispeċijiet bi spazju ta' mhux aktar minn 35 mm bejn il-vireg, fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 3a tal-ICES:

kwantità ta' lingwata komuni, ta' merluzz tal-linja sewda, ta' merlangu, ta' bakkaljaw, ta' pollakkju iswed u ta' merluzz flimkien li jkunu iżgħar mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni li ma għandhiex taqbeż l-4 % tal-qabdiet annwali totali tal-iskampu, tal-lingwata komuni, tal-merluzz tal-linja sewda, tal-merlangu u tal-gamblu tat-Tramuntana, tal-bakkaljaw, tal-pollakkju l-iswed u tal-merluzz;

(d) fis-sajd għall-gamblu tat-Tramuntana minn bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ (OTB u OTT) b'daqs tal-malja ta' 35 mm jew iktar, armati bi gradilja selettiva tal-ispeċijiet bi spazju ta' mhux aktar minn 19-il mm bejn il-vireg, bil-ħruġ mhux ibblukkat għall-ħut, fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 3a tal-ICES:

kwantità ta' lingwata komuni, ta' merluzz tal-linja sewda, ta' merlangu, ta' bakkaljaw, ta' barbun tat-tbajja', ta' pollakkju iswed, ta' aringi, ta' merluzz tan-Norveġja, ta' arġentina silus u ta' stokkafixx flimkien li jkunu iżgħar mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni li ma għandhiex taqbeż il-5 % tal-qabdiet annwali totali tal-iskampu, tal-lingwata komuni, tal-merluzz tal-linja sewda, tal-merlangu, tal-bakkaljaw, tal-pollakkju l-iswed, tal-barbun tat-tbajja', tal-gamblu tat-Tramuntana, tal-merluzz, tal-merluzz tan-Norveġja, tal-arġentina silus, tal-aringi u tal-istokkafixx;

(e) fis-sajd demersali mħallat minn bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ jew tartaruni (OTB, OTT, SDN u SSC) b'daqs tal-malja ta' bejn 70 u 99 mm (TR2) fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 4c tal-ICES:

kwantità ta' merlangu u ta' bakkaljaw (*Gadus morhua*) flimkien li jkunu iżgħar mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni li ma għandhiex taqbeż il-5 % fl-2020 u fl-2021 tal-qabdiet annwali totali tal-merlangu u tal-bakkaljaw; l-ammont massimu ta' bakkaljaw li jista' jiġi skartat għandu jkun limitat għal 2 % ta' dawk il-qabdiet annwali totali;

(f) fis-sajd demersali mħallat minn bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ jew tartaruni (OTB, OTT, SDN u SSC) b'daqs tal-malja ta' bejn 70 u 99 mm (TR2) fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjonijiet 4a u 4b tal-ICES:

kwantità ta' merlangu u ta' bakkaljaw (*Gadus morhua*) flimkien li jkunu iżgħar mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni li ma għandhiex taqbeż is-6 % fl-2020 tal-qabdiet annwali totali tal-merlangu u tal-bakkaljaw; l-ammont massimu ta' bakkaljaw li jista' jiġi skartat għandu jkun limitat għal 2 % ta' dawk il-qabdiet annwali totali;

l-eżenzjoni *de minimis* stabbilita f'dan il-punt għandha tapplika b'mod provviżorju sal-31 ta' Diċembru 2020. L-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett għandhom jibagħtu informazzjoni xjentifika addizzjonali li tappoġġa l-eżenzjoni malajr kemm jista' jkun u sa mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2020. Sal-31 ta' Lulju 2020, l-STECF għandu jivvaluta l-informazzjoni xjentifika li tkun ingħatat;

(g) fis-sajd minn bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ (OTB, OTT, TBN u PTB) b'daqs tal-malja ta' bejn 90 u 119-il mm, armati b'pannell Seltra, jew xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ (OTB, OTT, TBN u PTB) b'daqs tal-malja ta' 120 mm jew iżjed, fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 3a tal-ICES:

kwantità ta' merlangu li jkun iżgħar mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni sa ammont massimu ta' 2 % tal-qabdiet annwali totali tal-iskampu, tal-bakkaljaw, tal-merluzz tal-linja sewda, tal-merlangu, tal-pollakkju l-iswed, tal-lingwata komuni, tal-barbun tat-tbajja' u tal-merluzz;

(h) fis-sajd demersali mħallat minn bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir bi travu b'daqs tal-malja ta' bejn 80 u 119-il mm fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżona 4 tal-ICES:

kwantità ta' merlangu li jkun iżgħar mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni li ma għandhiex taqbeż it-2 % tal-qabdiet annwali totali tal-barbun tat-tbajja' u tal-lingwata;

l-eżenzjoni *de minimis* stabbilita f'dan il-punt għandha tapplika b'mod provviżorju sal-31 ta' Diċembru 2020. L-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett għandhom jibagħtu informazzjoni xjentifika addizzjonali li tappoġġa l-eżenzjoni malajr kemm jista' jkun u sa mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2020. Sal-31 ta' Lulju 2020, l-STECF għandu jivvaluta l-informazzjoni xjentifika li tkun ingħatat;

(i) fis-sajd għall-iskampu minn bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ b'daqs tal-malja ta' bejn 80 u 99 mm, armati b'SepNep, fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżona 4 tal-ICES:

kwantità ta' barbun tat-tbajja' li jkun iżgħar mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni li ma għandhiex taqbeż it-3 % tal-qabdiet annwali totali tal-pollakkju l-iswed, tal-barbun tat-tbajja', tal-merluzz tal-linja sewda, tal-merlangu, tal-bakkaljaw, tal-gamblu tat-Tramuntana, tal-lingwata komuni u tal-iskampu;

(j) fis-sajd għall-gamblu tar-ramel minn bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir bi travu fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjonijiet 4b u 4c tal-ICES:

kwantità tal-ispeċijiet kollha li għalihom hemm limiti tal-qbid li ma għandhiex taqbeż is-7 % fl-2020 u s-6 % fl-2021 tal-qabdiet annwali totali tal-ispeċijiet kollha li għalihom hemm limiti tal-qbid li jsiru f'dak it-tip ta' sajd;

(k) fis-sajd demersali mħallat bi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ (OTB, OTT, PTB u TBB) b'daqs tal-malja ta' bejn 80 u 99 mm (TR2 u BT2) fis-subżona 4 tal-ICES:

kwantità ta' sawrell (*Trachurus* spp.) li ma għandhiex taqbeż is-7 % fl-2020 u s-6 % fl-2021 tal-qabdiet annwali totali tas-sawrell li jsiru f'dak it-tip ta' sajd;

l-eżenzjoni *de minimis* stabbilita f'dan il-punt għandha tapplika b'mod provviżorju sal-31 ta' Diċembru 2020. L-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett għandhom jibagħtu informazzjoni xjentifika addizzjonali li tappoġġa l-eżenzjoni malajr kemm jista' jkun u sa mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2020. Sal-31 ta' Lulju 2020, il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (l-STECF) għandu jivvaluta l-informazzjoni xjentifika li tkun ingħatat;

(l) fis-sajd demersali mħallat bi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ (OTB, OTT, PTB u TBB) b'daqs tal-malja ta' bejn 80 u 99 mm fis-subżona 4 tal-ICES:

kwantità ta' kavalli (*Scomber scombrus*) li ma għandhiex taqbeż is-7 % fl-2020 u s-6 % fl-2021 tal-qabdiet annwali totali tal-kavalli li jsiru f'dak it-tip ta' sajd;

l-eżenzjoni *de minimis* stabbilita f'dan il-punt għandha tapplika b'mod provviżorju sal-31 ta' Diċembru 2020. L-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett għandhom jibagħtu informazzjoni xjentifika addizzjonali li tappoġġa l-eżenzjoni malajr kemm jista' jkun u sa mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2020. Sal-31 ta' Lulju 2020, l-STECF għandu jivvaluta l-informazzjoni xjentifika li tkun ingħatat;

(m) fis-sajd demersali mħallat bi xbieki tat-tkarkir (OTB, OTM, OTT, PTB, PTM, SDN, SPR, SSC, TB u TBN) b'daqs tal-malja ta' iktar minn 80 mm fid-diviżjoni 3a tal-ICES u fis-subżona 4 tal-ICES u fis-sajd għall-gamblu tat-Tramuntana li jsir bl-użu ta' rkaptu armat b'għarbiel li jkollu spazju massimu ta' 19-il mm bejn il-vireg tiegħu jew b'apparat ekwivalenti tas-selettività u b'apparat għaż-żamma tal-ħut b'daqs tal-malja ta' iktar minn 35 mm fid-diviżjoni 3a tal-ICES u ta' iktar minn 32 mm fis-subżona 4 tal-ICES:

kwantità ta' laċċ ikħal, ta' ċiċċirell, ta' merluzz tan-Norveġja u ta' stokkafixx flimkien li ma għandhiex taqbeż il-1 % tal-qabdiet annwali totali li jsiru fis-sajd demersali mħallat u fis-sajd għall-gamblu tat-Tramuntana;

l-eżenzjoni *de minimis* stabbilita f'dan il-punt għandha tapplika b'mod provviżorju sal-31 ta' Diċembru 2020. L-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett għandhom jibagħtu informazzjoni xjentifika addizzjonali li tappoġġa l-eżenzjoni malajr kemm jista' jkun u sa mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2020. Sal-31 ta' Lulju 2020, l-STECF għandu jivvaluta l-informazzjoni xjentifika li tkun ingħatat;

(n) fis-sajd demersali għall-merluzz minn bastimenti li jużaw il-konzijiet (LLS) fis-subżona 4 tal-ICES:

kwantità ta' lipp (*Molva molva*) li jkun iżgħar mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni li ma għandhiex taqbeż it-3 % tal-qabdiet annwali totali tal-lipp li jsiru f'dak it-tip ta' sajd demersali;

l-eżenzjoni *de minimis* stabbilita f'dan il-punt għandha tapplika b'mod provviżorju sal-31 ta' Diċembru 2020. L-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett għandhom jibagħtu informazzjoni xjentifika addizzjonali li tappoġġa l-eżenzjoni malajr kemm jista' jkun u sa mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2020. Sal-31 ta' Lulju 2020, l-STECF għandu jivvaluta l-informazzjoni xjentifika li tkun ingħatat.

*Artikolu 11*

**Miżuri tekniċi speċifiċi fl-Iskagerrak**

1. Il-ġarr abbord jew l-użu ta' kull xibka tat-tkarkir, tartarun Daniż, xibka tat-tkarkir bi travu jew xibka simili rmunkata b'daqs tal-malja ta' inqas minn 120 mm għandu jkun ipprojbit fl-Iskagerrak.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, jistgħu jintużaw ix-xbieki tat-tkarkir li ġejjin:

(a) ix-xbieki tat-tkarkir b'manka b'daqs tal-malja ta' mill-inqas 90 mm, dejjem jekk dawn ikunu armati b'pannell Seltra jew b'għarbiel bi spazju ta' mhux aktar minn 35 mm bejn il-vireg;

(b) ix-xbieki tat-tkarkir b'manka b'daqs tal-malja ta' mill-inqas 70 mm (u b'malji kwadri), armati b'għarbiel bi spazju ta' mhux aktar minn 35 mm bejn il-vireg;

(c) ix-xbieki tat-tkarkir b'daqs minimu tal-malja ta' inqas minn 70 mm meta jkunu qed jiġu mistada l-ispeċijiet pelaġiċi jew industrijali, dejjem jekk iktar minn 80 % tal-qabda tkun magħmula minn speċi pelaġika jew industrijali waħda jew iktar;

(d) ix-xbieki tat-tkarkir b'manka b'daqs tal-malja ta' mill-inqas 35 mm meta jkun qed jiġi mistad il-gamblu tat-Tramuntana, dejjem jekk ix-xibka tat-tkarkir tkun armata b'għarbiel li jkollu spazju massimu ta' 19-il mm bejn il-vireg tiegħu.

3. Meta jkun qed jiġi mistad il-gamblu tat-Tramuntana jista' jintuża apparat għaż-żamma tal-ħut skont il-paragrafu 2(d), dejjem jekk ikun hemm biżżejjed opportunitajiet tas-sajd biex jiġu koperti l-qabdiet inċidentali u jekk l-apparat għaż-żamma:

(a) ikollu pannell ta' fuq b'malji kwadri b'daqs minimu tal-malja ta' 120 mm;

(b) ikun twil mill-inqas tliet metri; u

(c) ikun wiesa' mill-inqas daqs l-għarbiel.

*Artikolu 12*

**SepNep**

Għandu jkun permess l-użu tax-xbieki SepNep.

*Artikolu 13*

**Tħassir**

Ir-Regolament Delegat (UE) 2018/2035 jitħassar.

*Artikolu 14*

**Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2020 sal-31 ta' Diċembru 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Ottubru 2019.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Jean-Claude JUNCKER

# REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/2239

## tal-1 ta' Ottubru 2019

## li jispeċifika d-dettalji tal-obbligu ta' ħatt l-art għal ċertu sajd demersali fl-ilmijiet tal-Majjistral għall-perjodu 2020-2021

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/472 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet mistada fl-Ilmijiet tal-Punent u fl-ilmijiet tal-madwar, u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/1139 u (UE) 2018/973, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007 u (KE) Nru 1300/2008 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 15(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) għandu l-għan li jelimina b'mod progressiv l-iskartar fis-sajd kollu tal-Unjoni bl-introduzzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art għall-qabdiet ta' speċijiet li huma soġġetti għal-limiti ta' qbid.

(2) L-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jipprevedi l-adozzjoni ta' pjanijiet pluriennali li jinkludu miżuri ta' konservazzjoni għal sajd li jisfrutta ċerti stokkijiet f'żona ġeografika rilevanti.

(3) Pjanijiet pluriennali bħal dawn jispeċifikaw id-dettalji tal-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art u jistgħu jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni biex tispeċifika aktar dawk id-dettalji fuq il-bażi ta' rakkomandazzjonijiet konġunti żviluppati mill-Istati Membri.

(4) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/2034 ([4]), stabbilixxa pjan għall-iskartar għal ċertu sajd demersali fl-ilmijiet tal-Majjistral għall-perjodu 2019-2021, wara rakkomandazzjoni konġunta ppreżentata mill-Belġju, Spanja, Franza l-Irlanda, in-Netherlands u r-Renju Unit.

(5) Fid-19 ta' Marzu 2019, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw ir-Regolament (UE) 2019/472 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet mistada fl-Ilmijiet tal-Punent, u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet. L-Artikolu 13 ta' dak ir-Regolament jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni tadotta atti delegati sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tispeċifika d-dettalji tal-obbligu ta' ħatt l-art għall-istokkijiet kollha tal-ispeċijiet fl-Ilmijiet tal-Punent li għalihom japplika l-obbligu ta' ħatt l-art skont l-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, kif previst fil-punti (a) sa (e) tal-Artikolu 15(5) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 abbażi ta' rakkomandazzjonijiet konġunti żviluppati mill-Istati Membri. Il-Belġju, Spanja, Franza, l-Irlanda, in-Netherlands u r-Renju Unit għandhom interess ta' ġestjoni dirett tas-sajd fl-ilmijiet tal-Majjistral. Wara li kkonsultaw lill-Kunsill Konsultattiv għall-Ilmijiet tal-Majjistral u l-Kunsill Konsultattiv Pelaġiku, fis-6 ta' Ġunju 2019 dawk l-Istati Membri ppreżentaw rakkomandazzjoni konġunta ġdida lill-Kummissjoni dwar pjan għall-iskartar għal ċertu sajd demersali fl-Ilmijiet tal-Majjistral għall-perjodu 2020-2021. Ir-rakkomandazzjoni konġunta ġiet emendata fit-22 ta' Awwissu 2019.

---

([1]) ĠU L 83, 25.3.2019, p. 1.

([2]) ĠU L 198, 25.7.2019, p. 105.

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

([4]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/2034 tat-18 ta' Ottubru 2018 li jistabbilixxi pjan għall-iskartar għal ċertu sajd demersali fl-ilmijiet tal-Majjistral għall-perjodu 2019-2021 (ĠU L 327, 21.12.2018, p. 8).

(6) Ir-rakkomandazzjoni konġunta l-ġdida ppreżentata mill-Istati Membri pproponiet il-kontinwazzjoni ta' għadd ta' miżuri tekniċi addizzjonali li għandhom l-għan li jżidu s-selettività u jnaqqsu qabdiet mhux intenzjonati għas-sajd jew għal speċijiet koperti mill-obbligu ta' ħatt l-art li ġew introdotti skont l-Artikolu 15(5)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għas-snin 2019-2021 bir-Regolament Delegat (UE) 2018/2034.

(7) Fl-14 ta' Awwissu 2019 daħal fis-seħħ Regolament ġdid (UE) 2019/1241 dwar il-miżuri ta' konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi. Fl-Anness VI dan jistabbilixxi dispożizzjonijiet speċifiċi dwar miżuri tekniċi fl-ilmijiet tal-Majjistral, li jinkludu wkoll regoli dwar id-daqsijiet tal-malji, il-kundizzjonijiet assoċjati u l-qabdiet inċidentali. Barra minn hekk, il-punt 3 tal-Anness VI ta' dan ir-Regolament jirreferi għar-Regolament Delegat (UE) 2018/2034. L-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2019/1241 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati sabiex temenda, tissupplimenta, tħassar jew tidderoga mill-miżuri tekniċi stabbiliti fl-Annessi tar-Regolament (UE) 2019/1241, inkluż meta jiġi implimentat l-obbligu ta' ħatt l-art.

(8) Ir-Regolament (UE) 2019/1241 ma jipprevedix miżuri tranżitorji. Għalhekk, sabiex tiġi żgurata l-kompatibbiltà bejn dan ir-Regolament Delegat u r-Regolament (UE) 2019/1241, jeħtieġ li jiġu applikati l-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) 2019/1241, filwaqt li fl-istess ħin jitqiesu ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali involuti. Abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri, il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) ivvaluta r-rakkomandazzjoni konġunta u kkonkluda ([5]) li l-bidliet proposti biex tiżdied is-selettività fl-ilmijiet tal-Majjistral huma raġonevoli u jirrappreżentaw żieda fis-selettività meta mqabbla mal-irkaptu definit qabel. Din ir-rakkomandazzjoni konġunta ġiet żviluppata u ppreżentata mill-Istati Membri u vvalutata mill-STECF qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2019/1241 u għalhekk ma rreferietx għal dak ir-Regolament. Madankollu, fid-dawl taċ-ċirkostanzi eċċezzjonali, il-Kummissjoni tqis li abbażi tal-informazzjoni disponibbli għaliha f'dan l-istadju fir-rakkomandazzjoni konġunta u fil-valutazzjoni tal-STECF ma jidhirx li hemm xi element li jindika li l-miżuri tekniċi addizzjonali proposti jonqsu milli jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti għall-miżuri tekniċi fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2019/1241.

(9) Sabiex tiżdied is-selettività tal-irkaptu u jitnaqqsu l-qabdiet mhux intenzjonati fil-Baħar Ċeltiku, fil-Baħar Irlandiż u fil-Punent tal-Iskozja, huwa xieraq għalhekk li jiġi inkluż għadd ta' miżuri selettivi għas-sajd demersali. Għaldaqstant, dawn il-miżuri tekniċi jenħtieġ li japplikaw għall-perjodu 2020-2021.

(10) Inkisbu kontribuzzjonijiet xjentifiċi mingħand il-korpi xjentifiċi rilevanti li ġew rieżaminati mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) ([6]). Il-Kummissjoni ppreżentat il-miżuri kkonċernati għal konsultazzjoni bil-miktub tal-grupp ta' esperti, li jikkonsisti minn 28 Stat Membru u l-Parlament Ewropew bħala osservatur.

(11) Fil-każijiet fejn l-ammont relattiv tal-qbid skartat mejjet huwa komparattivament baxx, il-Kummissjoni tqis bħala approċċ pragmatiku u prudenti lejn il-ġestjoni tas-sajd, li jingħataw eżenzjonijiet fuq bażi temporanja, bil-fehma li jekk dan ma jsirx, ma jsirx il-ġbir tad-*data* li hija essenzjali għall-ġestjoni xierqa u informata tal-qbid skartat bil-għan li jiġi implimentat bis-sħiħ l-obbligu ta' ħatt l-art.

(12) Ir-Regolament Delegat (UE) 2018/2034 inkluda eżenzjoni għas-sopravivabbiltà mill-obbligu ta' ħatt l-art, kif imsemmi fl-Artikolu 15(4)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, għall-iskampu maqbud fin-nases, fix-xbieki jew fin-nases tal-gambli fis-subżoni 6 u 7 tal-ICES ([7]), abbażi tal-evidenza xjentifika li kienet turi rati għolja ta' sopravivenza. Dik l-evidenza ġiet evalwata fis-snin preċedenti u l-STECF ikkonkluda ([8]) li l-eżenzjoni hija ġġustifikata. Ir-rakkomandazzjoni konġunta l-ġdida tissuġġerixxi l-kontinwazzjoni ta' dik l-eżenzjoni. Billi ċ-ċirkostanzi ma nbidlux, dik l-eżenzjoni jenħtieġ li tkompli tapplika għall-perjodu 2020-2021.

(13) Ir-Regolament Delegat (UE) 2018/2034 inkluda eżenzjoni għas-sopravivabbiltà għal-lingwata komuni taħt id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni (MCRS) maqbuda bix-xbieki tat-tkarkir bid-diriġenti ta' bejn 80 u 99 mm fid-diviżjoni 7d tal-ICES sa sitt mili nawtiċi mill-kosta u barra ż-żoni tat-tkabbir identifikati, ibbażata fuq evidenza

([5]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2537709/STECF+PLEN+19-02.pdf
([6]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2537709/STECF+PLEN+19-02.pdf
([7]) Il-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar.
([8]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/1099561/STECF+PLEN+15-02.pdf

xjentifika li kienet turi rati għoljin ta' sopravivenza tal-ħut skartat. Dik l-evidenza ġiet evalwata fis-snin preċedenti u l-STECF ikkonkluda ([9]) li l-evidenza kienet biżżejjed. Ir-rakkomandazzjoni konġunta l-ġdida tissuġġerixxi li l-eżenzjoni tkompli tapplika. Billi ċ-ċirkostanzi ma nbidlux, dik l-eżenzjoni jenħtieġ li tkompli tapplika għall-perjodu 2020-2021.

(14) Ir-Regolament Delegat (UE) 2018/2034 kien jinkludi eżenzjoni għas-sopravivabbiltà għall-iskampu maqbud bl-użu ta' xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ b'daqs tal-malja ugwali għal 100 mm jew akbar u għall-iskampu maqbud bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ b'daqs tal-malja ta' 70-99 mm flimkien ma' għażliet ta' rkaptu selettiv (sajd TRI u TR2) fis-subżona 7 tal-ICES. L-Istati Membri pprovdew evidenza xjentifika sabiex juru r-rati għoljin tas-sopravivenza tal-ħut skartat għall-iskampu f'dik iż-żona tas-sajd. L-evidenza kienet ippreżentata lill-STECF, li kkonkluda ([10]) li l-istudju ta' sopravivenza li sar bix-xibka tat-tkarkir Seltra pprovda *data* suffiċjenti, iżda li l-effett globali fuq is-sajd estensiv tal-iskampu b'irkapti oħrajn tas-sajd diffiċilment jista' jiġi vvalutat. L-STECF innota li jekk wieħed jassumi li rata ta' sopravivenza relattivament għolja tapplika għall-irkapti kollha, dak is-sajd ikun jinvolvi rata ta' skartar relattivament baxxa. Għaldaqstant, dik l-eżenzjoni jenħtieġ li tapplika għall-perjodu 2020-2021.

(15) Ir-Regolament Delegat (UE) 2018/2034 kien jinkludi eżenzjoni għas-sopravivabbiltà għall-iskampu maqbud fid-diviżjoni 6a tal-ICES, sa tnax-il mil nawtiku mill-kosta, bl-użu ta' xbieki tat-tkarkir bid-dirigenti b'daqs tal-malja ta' 80-110 mm. L-Istati Membri pprovdew evidenza xjentifika sabiex juru rati għolja ta' sopravivenza tal-ħut skartat għall-iskampu f'dak is-sajd. L-evidenza kienet ippreżentata lill-STECF li kkonkluda li l-istudju dwar is-sopravivenza huwa robust u jindika rata ta' sopravivenza relattivament għolja. Għaldaqstant, dik l-eżenzjoni jenħtieġ li tapplika għall-perjodu 2020-2021.

(16) Ir-Regolament Delegat (UE) 2018/2034 kien jinkludi eżenzjoni għas-sopravivabbiltà għar-rebekkini u r-raj maqbuda bi kwalunkwe rkaptu fis-subżoni 6 u 7 tal-ICES sakemm titressaq evidenza xjentifika dettaljata dwar ir-rati tas-sopravivenza għas-segmenti kollha tal-flotta u għall-kombinazzjonijiet ta' tagħmir, żoni u speċijiet. Madankollu, bi ftit eċċezzjonijiet, l-STECF iqis li r-rati ta' sopravivenza huma ġeneralment robusti ([11]), iżda jinnota li jeħtieġu aktar dettalji. Sabiex tinġabar id-*data* rilevanti, is-sajd jeħtieġ li jitkompla. L-eżenzjoni tista' għalhekk tingħata, iżda l-Istati Membri jenħtieġ li jintalbu jippreżentaw *data* rilevanti li tippermetti lill-STECF li jivvaluta b'mod sħiħ il-ġustifikazzjoni u li tippermetti lill-Kummissjoni twettaq rieżami. L-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett jenħtieġ li jissottomettu sal-1 ta' Mejju ta' kull sena: (a) pjan direzzjonali żviluppat biex iżid is-sopravivenza u biex jimla l-lakuni fid-*data* identifikati mill-STECF, li jiġi vvalutat kull sena mill-STECF, (b) rapporti annwali dwar il-progress u kwalunkwe modifika jew aġġustament li jsiru fil-programmi ta' sopravivenza.

(17) Meta jitqiesu r-rati ta' sopravivenza tar-rebekkini u r-raj, ir-raja kukù (*Leucoraja naevus*) instabu li għandhom rata ta' sopravivenza konsiderevolment aktar baxxa minn speċijiet oħra. Barra minn hekk, il-fehim xjentifiku tal-mod ta' sopravivenza ta' dik l-ispeċi jidher li huwa inqas robust. Madankollu, jekk din l-ispeċi tiġi eskluża mill-eżenzjoni dan jipprevjeni s-sajd u l-ġbir kontinwu u preċiż tad-*data*. Ġiet ippreżentata evidenza rilevanti lill-STECF li kkonkluda ([12]) li nbdew żewġ studji ġodda fuq esperimenti ta' sopravivenza fir-rigward tar-raja kukù, iżda jeħtieġ li jsiru aktar osservazzjonijiet biex isir ġudizzju definittiv dwar ir-rati ta' sopravivenza fi żmien sena jew sentejn. Għalhekk, din l-eżenzjoni jenħtieġ li tingħata għal sentejn u jenħtieġ li jiġu żviluppati studji ġodda u miżuri mtejba għas-sopravivenza b'urġenza u li dawn jiġu pprovduti lill-STECF għal valutazzjoni kemm jista' jkun malajr u sa mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju.

(18) Ir-Regolament Delegat (UE) 2018/2034 kien jinkludi eżenzjoni għas-sopravivabbiltà tal-barbun tat-tbajja' maqbud b'pariti jew xbieki tat-tkarkir bid-dirigenti fid-diviżjonijiet 7d, 7e, 7f u 7 g tal-ICES. L-Istati Membri pprovdew evidenza xjentifika biex juru r-rati għolja ta' sopravivenza tal-qbid skartat għall-barbun tat-tbajja' f'dak is-sajd. L-evidenza kienet ippreżentata lill-STECF li kkonkluda li l-istudju dwar is-sopravivenza huwa robust u jindika rata ta' sopravivenza relattivament għolja. Għaldaqstant, dik l-eżenzjoni jenħtieġ li tapplika għall-perjodu 2020-2021.

(19) Ir-Regolament Delegat (UE) 2018/2034 kien jinkludi eżenzjoni għas-sopravivabbiltà għall-ispeċijiet maqbuda fin-nases, fix-xbieki jew fin-nases tal-gambli fl-ilmijiet tal-Majjistral (is-subżoni 5, 6 u 7 tal-ICES). L-Istati Membri pprovdew evidenza xjentifika biex juru r-rati għolja ta' sopravivenza tal-qbid skartat għall-ispeċijiet maqbuda f'dak is-sajd. L-evidenza kienet ippreżentata lill-STECF li kkonkluda li s-sopravivenza tal-ispeċijiet skartati mis-sajd bin-nases u bix-xbieki nassa x'aktarx tkun sostanzjali. Dik l-eżenzjoni tista' għalhekk tapplika għall-perjodu 2020-2021.

([9]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/1099561/STECF+PLEN+15-02.pdf
([10]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2147402/STECF+PLEN+18-02.pdf
([11]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2537709/STECF+PLEN+19-02.pdf
([12]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2537709/STECF+PLEN+19-02.pdf

(20) Ir-rakkomandazzjoni konġunta l-ġdida tissuġġerixxi estensjoni tal-eżenzjonijiet tas-sopravivenza tal-barbun tat-tbajja' maqbud fid-diviżjonijiet 7a sa 7k tal-ICES minn bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir bi travu, b'potenza massima tal-magna ta' 221 kW, tul massimu ta' 24 metru, li jistadu sa 12-il mil nawtiku mill-kosta u b'ħinijiet ta' rmunkar ta' mhux aktar minn siegħa u nofs, u minn bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir bi travu b'potenza tal-magna ta' aktar minn 221 kW, bl-użu ta' ħabel flip-up jew pannell tar-rilaxx bentiku. L-Istati Membri pprovdew evidenza xjentifika biex juru r-rati għolja ta' sopravivenza tal-qbid skartat għall-barbun tat-tbajja' f'dak is-sajd. L-evidenza kienet ippreżentata lill-STECF li kkonkluda ([13]) li l-informazzjoni xjentifika hija ta' kwalità tajba. Madankollu, l-STECF indika li d-*data* ma tkoprix l-Istati Membri kollha kkonċernati u li f'dawk iż-żoni tas-sajd is-sopravivenza hija affettwata minn bosta fatturi u tvarja ħafna. L-STECF innota li ngħatat evidenza ġdida dwar il-vitalità tal-barbun tat-tbajja' fil-punt tal-iskartar fis-sajd bix-xibka tat-tkarkir bi travu fix-Xlokk Ingliż. L-Istati Membri żviluppaw proġett ta' tliet snin biex jiġġeneraw stimi ta' sopravivenza għall-barbun tat-tbajja' osservati direttament fid-diviżjonijiet 7d, 7f u 7 g tal-ICES, madankollu, id-diviżjonijiet 7h, 7j u 7k tal-ICES mhumiex koperti. Dak il-proġett se jikkontribwixxi għat-twettiq tal-pjan direzzjonali u għall-evidenza meħtieġa biex tiġi evalwata l-eżenzjoni suġġerita. L-STECF innota li l-Istati Membri jenħtieġ li jiddeskrivu kif l-eżenzjoni ssuġġerita hija marbuta mal-Pjan ta' Tnaqqis tal-Qbid Inċidentali għall-istokkijiet tal-barbun tat-tbajja' fid-diviżjonijiet 7h, 7j u 7k tal-ICES. Taħt dawn iċ-ċirkostanzi, l-eżenzjoni jenħtieġ li tkun limitata għal sena waħda fir-rigward tal-barbun tat-tbajja' fid-diviżjonijiet 7h, 7j u 7k tal-ICES, biex xorta tippermetti l-ġbir tad-*data* u l-Istati Membri jenħtieġ li jintalbu jippreżentaw *data* rilevanti li tippermetti lill-STECF jivvaluta kompletament il-ġustifikazzjoni u li tippermetti lill-Kummissjoni twettaq rieżami. Għaldaqstant, dik l-eżenzjoni tista' tiġi applikata għall-barbun tat-tbajja' fid-diviżjonijiet 7h, 7j u 7k tal-ICES sal-31 ta' Diċembru 2020 u l-Istati Membri kkonċernati jenħtieġ li jwettqu provi addizzjonali u jipprovdu informazzjoni kemm jista' jkun malajr u sa mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2020 għal valutazzjoni mill-STECF.

(21) Ir-rakkomandazzjoni konġunta l-ġdida tissuġġerixxi eżenzjoni tas-sopravivenza tal-barbun tat-tbajja' maqbud bit-tartarun Daniż fid-diviżjoni 7d tal-ICES. L-Istati Membri pprovdew evidenza xjentifika biex juru r-rati għolja ta' sopravivenza tal-qbid skartat għall-barbun tat-tbajja' f'dak is-sajd. L-evidenza ġiet ippreżentata lill-STECF li kkonkluda ([14]) li d-*data* tal-istudju dwar ir-rati ta' sopravivenza hija affidabbli u tagħti stimi ta' sopravivenza robusti għal dak is-sajd. Għalhekk, din l-eżenzjoni jenħtieġ li tiġi inkluża fil-pjan għall-iskartar il-ġdid għas-snin 2020-2021.

(22) Ir-Regolament Delegat (UE) 2018/2034 kien jinkludi eżenzjonijiet *de minimis* mill-obbligu ta' ħatt l-art għal ċertu sajd. L-evidenza mogħtija mill-Istati Membri ġiet rieżaminata mill-STECF, li kkonkluda ([15]) li d-dokumenti ppreżentati mill-Istati Membri kienu jinkludu argumenti motivati li juru d-diffikultajiet biex jinkiseb aktar titjib fis-selettività kif ukoll spejjeż sproporzjonati fl-immaniġġar ta' qabdiet mhux intenzjonati, appoġġjati f'xi każijiet minn valutazzjonijiet kwalitattivi tal-ispejjeż. Meta wieħed iqis li ċ-ċirkostanzi ma nbidlux, huwa xieraq li jitkomplew l-eżenzjonijiet *de minimis*, f'konformità mal-perċentwali proposti fir-rakkomandazzjoni konġunta l-ġdida għal:

— il-merlangu maqbud minn bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ u tartaruni bid-daqs tal-malja ugwali għal 80 mm jew akbar (OTB, OTT, OT, PTB, PT, SSC, SDN, SPR, SX, SV, TBN, TBS, TB, TX) u xbieki tat-tkarkir pelaġiku (OTM, PTM) u xbieki tat-tkarkir bi travu (BTT) bid-daqs tal-malja ta' 80-119 mm (BT2) fid-diviżjonijiet 7b sa 7k tal-ICES,

— il-lingwata komuni maqbuda minn bastimenti li jużaw irkaptu TBB bid-daqs tal-malja ta' 80-119 mm u b'iktar selettività (pannell Fjamming) fid-diviżjonijiet 7d, 7e, 7f, 7 g u 7h tal-ICES,

— il-lingwata komuni maqbuda minn bastimenti li jużaw pariti u għeżula biex jaqbdu l-lingwata komuni fid-diviżjonijiet 7d, 7e, 7f u 7 g tal-ICES.

(23) Ir-rakkomandazzjoni konġunta l-ġdida ssuġġeriet eżenzjonijiet *de minimis* mill-obbligu ta' ħatt l-art għal:

— is-sawrell maqbud minn bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ, tartaruni u xbieki tat-tkarkir bi travu fis-subżona 6 tal-ICES u fid-diviżjonijiet 7b sa 7k tal-ICES,

— il-kavall maqbud minn bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ, tartaruni u xbieki tat-tkarkir bi travu fis-subżona 6 tal-ICES u d-diviżjonijiet 7b sa 7k tal-ICES,

— il-lingwata komuni maqbuda minn bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir bi travu bid-daqs tal-malja ta' 80-119 mm (BT2) u b'iktar selettività (pannell Fjamming) fid-diviżjonijiet 7a, 7j u 7k tal-ICES,

— is-sajd imħallat demersali maqbud minn bastimenti li jistadu għall-gambli kannella u li jużaw xbieki tat-tkarkir bi travu b'daqs tal-malja ta' 31 mm jew aktar fid-diviżjoni 7a tal-ICES,

([13]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2537709/STECF+PLEN+19-02.pdf
([14]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2537709/STECF+PLEN+19-02.pdf
([15]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/1099561/STECF+PLEN+15-02.pdf

— il-megrims taħt l-MCRS maqbuda minn bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ b'daqs tal-malja ta' 70-99 mm u bi xbieki tat-tkarkir bi travu b'daqs tal-malja ta' 80-119 mm fis-subżona 7 tal-ICES,

— il-pixxi trumbetta maqbuda mill-bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ fid-diviżjonijiet 7b-7c u 7f sa 7k tal-ICES,

— l-arġentina silus maqbuda minn bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ b'daqs tal-malja ta' 100 mm jew aktar fid-diviżjoni 5b tal-ICES (l-ilmijiet tal-UE) u fis-subżona 6 tal-ICES;

— il-merluzz tal-linja sewda maqbud minn bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ b'daqs tal-malja ta' 80 mm jew aktar fid-diviżjonijiet 7b-7c u 7e sa 7k tal-ICES;

— il-merluzz tal-linja sewda taħt l-MCRS maqbud minn bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ b'daqs tal-malja sa 119 mm fid-diviżjoni 6a tal-ICES.

(24) L-evidenza mill-Istati Membri dwar l-eżenzjonijiet *de minimis* il-ġodda fir-rigward tas-sawrell u l-kavalli maqbuda minn bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ, tartaruni u xbieki tat-tkarkir bi travu fis-subżona 6 tal-ICES u fid-diviżjonijiet 7b sa 7k tal-ICES ġiet rieżaminata mill-STECF, li kkonkluda ([16]) li l-evidenza li l-ħatt l-art ta' qabdiet mhux intenzjonati għandu spejjeż assoċjati mhijiex biżżejjed biex turi li dawk l-ispejjeż huma sproporzjonati. It-titjib tas-selettività fis-sajd rilevanti jenħtieġ li jkun il-prijorità peress li dan se jnaqqas l-ispejjeż għall-immaniġġjar tal-qabdiet mhux intenzjonati. L-STECF innota wkoll li l-introduzzjoni tal-miżuri tekniċi speċifiċi għall-bastimenti li joperaw bi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ jew tartaruni fiż-żona ta' protezzjoni tal-Baħar Ċeltiku tista' tnaqqas il-qbid mhux intenzjonat ta' sawrell, kavalli u speċijiet oħra. L-effettività ta' dawk il-miżuri jenħtieġ li tiġi mmonitorjata. Minħabba l-ħtieġa li titkompla l-attività tas-sajd sabiex jiġi żgurat il-ġbir tad-*data* meħtieġa, dawk l-eżenzjonijiet jistgħu jingħataw għal sena, iżda l-Istati Membri jenħtieġ li jintalbu jippreżentaw id-*data* rilevanti li tippermetti lill-STECF jivvaluta bis-sħiħ il-ġustifikazzjoni u li tippermetti lill-Kummissjoni twettaq rieżami. L-Istati Membri kkonċernati jenħtieġ li jwettqu provi addizzjonali u jipprovdu informazzjoni kemm jista' jkun malajr u sa mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2020 għal valutazzjoni mill-STECF. Għalhekk, dawk l-eżenzjonijiet jenħtieġ li jiġu applikati provviżorjament sal-31 ta' Diċembru 2020.

(25) L-evidenza pprovduta mill-Istati Membri dwar l-eżenzjoni *de minimis* ġdida għal-lingwata komuni maqbuda mill-bastimenti li jużaw it-tkarkir bi travu bil-pannell Fjamming fid-diviżjonijiet 7d, 7e, 7f, 7 g u 7h tal-ICES ġiet rieżaminata mill-STECF, li kkonkluda ([17]) li hija meħtieġa d-*data* għal Stati Membri oħra minbarra l-Belġju u l-Irlanda. Barra minn hekk, l-effettività tal-pannell Fjamming użat fil-provi mwettqa mill-Istati Membri tista' tkun limitata u ma tiżgurax it-tnaqqis ta' qabdiet mhux intenzjonati osservat f'dawk il-provi. L-STECF jinnota li tkun utli informazzjoni addizzjonali li tkun prova ta' dan, filwaqt li jaċċetta li l-pannell Fjamming kif użat attwalment tabilħaqq itejjeb is-selettività għal-lingwata komuni. Minħabba l-ħtieġa li titkompla l-attività tas-sajd sabiex jiġi żgurat il-ġbir tad-*data* meħtieġa għaż-żoni 7h, 7j u 7k, dik l-eżenzjoni ġdida tista' tingħata għal sena, iżda l-Istati Membri jenħtieġ li jintalbu jippreżentaw id-*data* rilevanti li tippermetti lill-STECF jivvaluta bis-sħiħ il-ġustifikazzjoni u li tippermetti lill-Kummissjoni twettaq rieżami. L-Istati Membri kkonċernati jenħtieġ li jwettqu provi addizzjonali u jipprovdu informazzjoni kemm jista' jkun malajr u sa mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2020 għal valutazzjoni mill-STECF. Għalhekk, dik l-eżenzjoni jenħtieġ li tiġi applikata provviżorjament sal-31 ta' Diċembru 2020.

(26) L-evidenza pprovduta mill-Istati Membri dwar l-eżenzjoni *de minimis* ġdida fir-rigward tas-sajd imħallat demersali minn bastimenti li jistadu għall-gambli kannella u li jużaw xbieki tat-tkarkir bi travu fid-diviżjoni 7a tal-ICES, ġiet rieżaminata mill-STECF li kkonkluda ([18]) li l-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni hija li żidiet sinifikanti fis-selettività huma diffiċli ħafna biex jinkisbu u li l-ispiża tal-ġestjoni tal-qabda mhux intenzjonata hija sproporzjonata. Madankollu, l-STECF jinnota li hija pprovduta informazzjoni kwalitattiva limitata biex issostni l-eżenzjoni hija limitata u li l-informazzjoni pprovduta tista' ma tkunx rappreżentattiva. Meta titqies l-informazzjoni pprovduta, il-qbid skartat jista' jkun baxx ħafna u ma jirrikjedix tnaqqis *de minimis*. Għaldaqstant, dik l-eżenzjoni tista' tapplika għall-perjodu 2020-2021.

(27) L-evidenza pprovduta mill-Istati Membri dwar l-eżenzjoni *de minimis* ġdida għall-megrim taħt l-MCRS maqbuda minn bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ u xbieki tat-tkarkir bi travu, għall-pixxi trumbetta u l-arġentina silus maqbudin mill-bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ ġiet rieżaminata mill-STECF li kkonkluda ([19]) li d-*data* pprovduta mill-Istati Membri hija limitata u li l-evidenza li l-ħatt l-art ta' qabdiet mhux intenzjonati għandu

([16]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2537709/STECF+PLEN+19-02.pdf
([17]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2537709/STECF+PLEN+19-02.pdf
([18]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2537709/STECF+PLEN+19-02.pdf
([19]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2537709/STECF+PLEN+19-02.pdf

spiża assoċjata, mhijiex biżżejjed biex jintwera li dawk l-ispejjeż huma sproporzjonati. L-STECF jinnota li t-titjib tas-selettività fis-sajd rilevanti jenħtieġ li jkun il-prijorità peress li dan se jnaqqas l-ispejjeż għall-immaniġġjar tal-qabdiet mhux intenzjonati. Minħabba l-ħtieġa li titkompla l-attività tas-sajd sabiex jiġi żgurat il-ġbir tad-*data* meħtieġa, dawk l-eżenzjonijiet jistgħu jingħataw għal sena, iżda l-Istati Membri jenħtieġ li jintalbu jippreżentaw id-*data* rilevanti li tippermetti lill-STECF jivvaluta bis-sħiħ il-ġustifikazzjoni u li tippermetti lill-Kummissjoni twettaq rieżami. L-Istati Membri kkonċernati jenħtieġ li jwettqu provi addizzjonali u jipprovdu informazzjoni kemm jista' jkun malajr u sa mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2020 għal valutazzjoni mill-STECF. Għalhekk, dawk l-eżenzjonijiet jenħtieġ li jiġu applikati provviżorjament sal-31 ta' Diċembru 2020.

(28) L-evidenza pprovduta mill-Istati Membri dwar l-eżenzjoni *de minimis* ġdida għall-merluzz tal-linja sewda li jinqabad minn bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ b'daqs tal-malja ta' 80 mm jew akbar fis-subżoni 7b-7c u 7e sa 7k tal-ICES ġiet rieżaminata mill-STECF li kkonkluda [20] li l-informazzjoni pprovduta turi li huwa diffiċli li jinkiseb titjib fis-selettività tal-merluzz tal-linja sewda mingħajr telf sostanzjali għal żmien qasir fil-qabdiet kummerċjabbli. L-STECF jinnota li miżuri tekniċi speċifiċi fiż-żona ta' protezzjoni tal-Baħar Ċeltiku huma mistennija li jnaqqsu l-qabdiet mhux intenzjonati tal-merluzz tal-linja sewda sa ċertu punt inqas, iżda għadu kmieni wisq biex jiġu evalwati l-kisbiet possibbli. Minħabba l-ħtieġa li titkompla l-attività tas-sajd sabiex jiġi żgurat il-ġbir tad-*data* meħtieġa, dik l-eżenzjoni tista' tingħata għal sena, iżda l-Istati Membri jenħtieġ li jintalbu jippreżentaw id-*data* rilevanti li tippermetti lill-STECF jivvaluta bis-sħiħ il-ġustifikazzjoni u li tippermetti lill-Kummissjoni twettaq rieżami. L-Istati Membri kkonċernati jenħtieġ li jwettqu provi addizzjonali u jipprovdu informazzjoni kemm jista' jkun malajr u sa mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2020 għal valutazzjoni mill-STECF. Għalhekk, dik l-eżenzjoni jenħtieġ li tiġi applikata provviżorjament sal-31 ta' Diċembru 2020.

(29) L-evidenza pprovduta mill-Istati Membri dwar l-eżenzjoni *de minimis* ġdida għall-merluzz tal-linja sewda taħt l-MCRS maqbud minn bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ b'malji sa 119-il mm fis-sajd għall-awwista fil-Punent tal-Iskozja fid-diviżjoni 6a tal-ICES ġiet rieżaminata mill-STECF li kkonkluda [21] li l-ġustifikazzjoni għall-analiżi hija bbażata fuq analiżi tal-ispiża sproporzjonata tal-ġestjoni tal-qabdiet mhux intenzjonati L-STECF jinnota li l-ispejjeż jidhru raġonevoli, madankollu ma hemm l-ebda mezz oġġettiv biex jiġi vvalutat jekk humiex realistiċi jew jekk jistgħux jitqiesu sproporzjonati. Minħabba l-ħtieġa li titkompla l-attività tas-sajd sabiex jiġi żgurat il-ġbir tad-*data* meħtieġa, dik l-eżenzjoni tista' tingħata għal sena, iżda l-Istati Membri jenħtieġ li jintalbu jippreżentaw id-*data* rilevanti li tippermetti lill-STECF jivvaluta bis-sħiħ il-ġustifikazzjoni u li tippermetti lill-Kummissjoni twettaq rieżami. L-Istati Membri kkonċernati jenħtieġ li jipprovdu informazzjoni kemm jista' jkun malajr u sa mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2020 għal valutazzjoni mill-STECF. Għalhekk, dik l-eżenzjoni jenħtieġ li tiġi applikata provviżorjament sal-31 ta' Diċembru 2020.

(30) Sabiex jiġu żgurati stimi affidabbli tal-livelli ta' skartar bl-iskop li jiġu stabbiliti l-qabdiet totali permissibbli (TACs), fil-każijiet fejn l-eżenzjoni *de minimis* hija bbażata fuq l-estrapolazzjoni ta' sitwazzjonijiet b'*data* limitata u informazzjoni parzjali dwar il-flotot, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu *data* preċiża u verifikabbli għall-flotta sħiħa koperta minn dik l-eżenzjoni.

(31) Skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, il-Kummissjoni qieset kemm il-valutazzjoni tal-STECF kif ukoll il-ħtieġa li l-Istati Membri jiżguraw l-implimentazzjoni sħiħa tal-obbligu tal-ħatt l-art. F'diversi każijiet, huwa meħtieġ li l-attività tas-sajd u l-ġbir ta' *data* jkomplu jsiru sabiex jiġu indirizzati l-kummenti magħmula mill-STECF. F'dawk il-każijiet, huwa xieraq li jiġi segwit approċċ pragmatiku u prudenti għall-ġestjoni tas-sajd billi jingħataw eżenzjonijiet fuq bażi temporanja. Jekk ma jingħatawx dawn l-eżenzjonijiet, ma tkunx tista' tinġabar *data* li hija essenzjali għall-ġestjoni korretta u infurmata tal-qbid skartat bil-għan li jiġi implimentat b'mod sħiħ l-obbligu tal-ħatt l-art.

(32) Wara r-rakkomandazzjoni konġunta ġdida, jixraq li r-Regolament Delegat (UE) 2018/2034 jitħassar u jiġi sostitwit b'att ġdid.

(33) Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament għandhom impatt dirett fuq l-ippjanar tal-istaġun tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni u fuq l-attivitajiet ekonomiċi relatati, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ minnufih wara li jiġi ppubblikat. Jenħtieġ li japplika mill-1 ta' Jannar 2020,

[20] https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2537709/STECF+PLEN+19-02.pdf
[21] https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2537709/STECF+PLEN+19-02.pdf

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art**

Fis-subżoni 5 (eskluża 5a u inklużi l-ilmijiet tal-Unjoni biss ta' 5b), 6 u 7 tal-ICES, l-obbligu ta' ħatt l-art previst fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għandu japplika għaż-żoni tas-sajd demersali f'konformità ma' dan ir-Regolament għall-perjodu 2020-2021.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

1. "Pannell Fjamming" tfissere l-aħħar sezzjoni tal-malja tax-xibka tat-tkarkir bi travu, li tidjieq għax-xejn u li:

— il-parti ta' wara tagħha tkun imqabbda direttament mal-manka;

— is-sezzjonijiet ta' fuq u ta' taħt tal-malja jkunu magħmulin b'daqs tal-malja ta' mill-inqas 120 mm bejn għoqda u oħra;

— meta tkun minxura t-tul tagħha jkun ta' mill-inqas 3 m.

2. "Pannell Seltra" tfisser apparat ta' selettività li:

(a) huwa magħmul minn pannell ta' fuq bid-daqs tal-malja ta' mill-inqas 270 mm (b'malji forma ta' djamant) jew minn pannell ta' fuq bid-daqs tal-malja ta' mill-inqas 300 mm (b'malja kwadra), imqiegħed f'sezzjoni b'erba' pannelli, fil-parti dritta tal-manka;

(b) ikun mill-inqas twil tliet metri;

(c) jitqiegħed mhux aktar minn erba' metri 'l bogħod mis-siegla tal-għeluq; u

(d) jkun daqs il-wisgħa kollha tas-saff ta' fuq tal-kaxxa tax-xibka tat-tkarkir (jiġifieri minn ċmusa sa ċmusa).

3. "Apparat ta' selettività Netgrid" tfisser apparat ta' selettività magħmul minn sezzjoni b'erba' pannelli imdaħħla f'xibka tat-tkarkir b'żewġ pannelli b'xibka inklinata ta' malja forma ta' djamant bid-daqs tal-malja ta' mill-inqas 200 mm, li twassal għal fetħa għall-ħrib tal-ħut fil-parti ta' fuq tax-xibka;

4. "CEFAS Netgrid" tfisser apparat ta' selettività Netgrid żviluppat minn The Centre for Environment, Fisheries and Aquaculture Science għall-qabdiet ta' awwisti fil-Baħar Irlandiż;

5. "Xibka tat-tkarkir flip-flap" tfisser irkaptu tat-tkarkir mgħammar bi grilja ta' xbieki żviluppata biex tnaqqas il-qabdiet ta' bakkaljaw, merluzz tal-linja sewda u merlangu f'żoni tas-sajd għall-iskampu;

6. "Ħabel flip-up" tfisser irkaptu tat-tkarkir bi travu demersali modifikat biex jgħin jipprevjeni ġebel u blat kbir lixx milli jidħlu fix-xbieki tat-tkarkir u jikkawżaw ħsara kemm lill-irkaptu kif ukoll lill-qabdiet;

7. "Pannell tar-rilaxx bentiku" tfisser pannell ta' xbieki b'malja ikbar jew b'malja kwadra mwaħħla fil-pannell ta' isfel ta' xibka tat-tkarkir, ġeneralment xibka tat-tkarkir bi travu biex jinhareġ kwalunkwe materjal bentiku u fdal ta' qiegħ il-baħar qabel ma dan jgħaddi fil-manka;

8. "Żona għall-Protezzjoni tal-Baħar Ċeltiku" tfisser l-ilmijiet fid-diviżjonijiet 7f u 7 g tal-ICES u fil-parti minn 7j li tinsab fit-Tramuntana tal-latitudni 50° N u fil-Lvant ta' 11° W.

*Artikolu 3*

**Eżenzjoni tas-sopravivenza għall-iskampu**

1. L-eżenzjoni tas-sopravivenza prevista fl-Artikolu 15(4)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għandha tapplika għal:

(a) l-iskampu (*Nephrops norvegicus*) maqbud fil-pots, fin-nases jew fil-kavetti (il-kodiċijiet tal-irkaptu ([22]): FPO u FIX u FYK) fis-subżoni 6 u 7 tal-ICES;

(b) l-iskampu (*Nephrops norvegicus*) maqbud bi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ (OTT, OTB, TBS, TBN, TB, PTB, OT, PT, TX) b'daqs tal-malja ta' 100 mm jew akbar fis-subżona 7 tal-ICES;

(c) l-iskampu (*Nephrops norvegicus*) maqbud bi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ (OTT, OTB, TBS, TBN, TB, PTB, OT, PT, TX) b'daqs tal-malja ta' 70-99 mm flimkien ma' għażliet ta' rkaptu selettiv ħafna, kif stipulat fl-Artikoli 9(2) u 10(2) ta' dan ir-Regolament, fis-subżona 7 tal-ICES;

(d) l-iskampu (*Nephrops norvegicus*) maqbud bix-xbieki tat-tkarkir bid-diriġenti (OTT, OTB, TBS, TBN, TB, PTB, OT, PT, TX) b'daqs tal-malja ta' 80-110 mm fid-diviżjoni 6a tal-ICES sa tnax-il mil nawtiku mill-kosta.

2. Meta jiġi skartat l-iskampu li jinqabad fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, l-iskampu għandu jinħeles sħiħ, minnufih, u fiż-żona fejn ikun inqabad.

*Artikolu 4*

**Eżenzjoni tas-sopravivenza għal-lingwata komuni**

1. Fid-diviżjoni 7d tal-ICES, sa sitt mili nawtiċi mill-kosta iżda barra ż-żoni tat-tkabbir identifikati, l-eżenzjoni tas-sopravivenza prevista fl-Artikolu 15(4)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għandha tapplika għall-qabdiet tal-lingwata komuni (*Solea solea*) taħt id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni magħmula bl-użu ta' rkaptu tax-xbieki tat-tkarkir bid-diriġenti (il-kodiċijiet tal-irkaptu: OTT, OTB, TBS, TBN, TB, PTB, OT, PT, TX) b'manka li jkollha daqs tal-malja ta' 80-99 mm, minn bastimenti:

(a) li għandhom tul massimu ta' 10 metri u potenza massima tal-magna ta' 221 kW; u

(b) li jistadu f'ilmijiet b'fond ta' 30 metru jew inqas u b'ħinijiet ta' rmunkar ta' mhux aktar minn siegħa u nofs.

2. Meta tiġi skartata l-lingwata komuni li tinqabad fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-lingwata komuni għandha tinħeles minnufih.

*Artikolu 5*

**Eżenzjoni tas-sopravivenza għar-rebekkini u r-raj**

1. L-eżenzjoni tas-sopravivenza prevista fl-Artikolu 15(4)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għandha tapplika għar-rebekkini u r-raj (*Rajiformes*) maqbuda bi kwalunkwe rkaptu tas-sajd fl-ilmijiet tal-Majjistral (is-subżoni 6 u 7 tal-ICES).

2. L-Istati Membri li jkollhom interess ta' ġestjoni dirett għandhom jippreżentaw kull sena, kemm jista' jkun malajr u mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju, informazzjoni xjentifika addizzjonali li tappoġġa l-eżenzjoni stabbilita fil-paragrafu 1. Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) għandu jivvaluta l-informazzjoni xjentifika sal-31 ta' Lulju ta' kull sena.

3. Meta jiġu skartati r-rebekkini u r-raj li jinqabdu fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, ir-rebekkini u r-raj għandhom jinħelsu minnufih.

*Artikolu 6*

**Eżenzjoni tas-sopravivenza tal-barbun tat-tbajja'**

1. L-eżenzjoni tas-sopravivenza prevista fl-Artikolu 15(4)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għandha tapplika għal:

(a) barbun tat-tbajja' (*Pleuronectes platessa*) maqbud fid-diviżjonijiet 7d, 7e, 7f u 7 g tal-ICES b'pariti (il-kodiċijiet tal-irkaptu: GTR, GTN, GEN, GN);

([22]) Il-kodiċijiet tal-irkaptu li ntużaw f'dan ir-Regolament jirreferu għal dawk il-kodiċijiet fl-Anness XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd. Għall-bastimenti li t-tul totali tagħhom huwa inqas minn 10 metri, il-kodiċijiet tal-irkaptu użati f'din it-tabella jirreferu għall-kodiċijiet mill-klassifikazzjoni tal-irkaptu tal-FAO.

(b) barbun tat-tbajja' (*Pleuronectes platessa*) maqbud fid-diviżjonijiet 7d, 7e, 7f u 7 g tal-ICES bi xbieki tat-tkarkir bid-diriġenti (il-kodiċijiet tal-irkaptu: OTT, OTB, TBS, TBN, TB, PTB, OT, PT, TX);

(c) barbun tat-tbajja' (*Pleuronectes platessa*) maqbud fid-diviżjonijiet 7a sa 7k tal-ICES minn bastimenti li jkollhom potenza massima tal-magna akbar minn 221 kW, u li jużaw xbieki tat-tkarkir bi travu (TBB) mgħammra b'ħabel flip-up jew b'pannell tar-rilaxx bentiku;

(d) barbun tat-tbajja' (*Pleuronectes platessa*) maqbud fid-diviżjonijiet 7a sa 7k tal-ICES minn bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir bi travu (TBB), b'potenza massima tal-magna ta' 221 kW jew tul massimu ta' 24 metru, li huma mibnija biex jistadu sa 12-il mil nawtiku mill-kosta u b'medja ta' ħin ta' rmunkar ta' mhux aktar minn siegħa u nofs;

(e) barbun tat-tbajja' (*Pleuronectes platessa*) maqbud fid-diviżjoni 7d tal-ICES bit-tartaruni Daniżi (il-kodiċi tal-irkaptu: SDN).

2. L-eżenzjonijiet imsemmija fil-punti (c) u (d) tal-paragrafu 1 għandhom japplikaw b'mod provviżorju sal-31 ta' Diċembru 2020 għall-barbun tat-tbajja' maqbud fid-diviżjonijiet 7h, 7j u 7k tal-ICES. L-Istati Membri li jkollhom interess ta' ġestjoni dirett għandhom jippreżentaw, kemm jista' jkun malajr u mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2020, informazzjoni xjentifika addizzjonali li tappoġġa l-eżenzjonijiet fir-rigward tal-barbun tat-tbajja' maqbud fid-diviżjonijiet 7h, 7j, u 7k tal-ICES. Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd għandu jivvaluta dik l-informazzjoni sal-31 ta' Lulju 2020.

3. Meta jiġi skartat il-barbun tat-tbajja' fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-barbun tat-tbajja' għandu jinħeles minnufih.

*Artikolu 7*

**Eżenzjoni tas-sopravivenza għal speċijiet maqbuda fil-pots, fin-nases u fil-kavetti**

1. Fis-subżoni 5 tal-ICES (eskluża 5a u inklużi l-ilmijiet tal-Unjoni biss ta' 5b), 6 u 7 l-eżenzjoni tas-sopravivenza prevista fl-Artikolu 15(4)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għandha tapplika għal speċijiet li jinqabdu bil-pots, bin-nases u bil-kavetti (il-kodiċijiet tal-irkaptu: FPO, FIX, FYK).

2. Meta jiġi skartat il-ħut li jinqabad fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-ħut għandu jinħeles minnufih.

*Artikolu 8*

**Eżenzjonijiet *de minimis***

1. B'deroga mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, jistgħu jiġu skartati l-kwantitajiet li ġejjin skont l-Artikolu 15(5)(c) ta' dak ir-Regolament:

(a) għall-merlangu (*Merlangius merlangus*), sa massimu ta' 5 % tat-total tal-qabdiet annwali ta' dik l-ispeċi minn bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ u tartaruni b'daqs tal-malja ta' 80 mm jew aktar (OTB, OTT, OT, PTB, PT, SSC, SDN, SPR, SX, SV, TBN, TBS, TB, TX), xbieki tat-tkarkir pelaġiku (OTM, PTM) u xbieki tat-tkarkir bi travu (BT2) b'daqs tal-malja ta' 80-119 mm fid-diviżjonijiet 7b sa 7k tal-ICES;

(b) għal-lingwata komuni (*Solea solea*), sa massimu ta' 3 % tat-total tal-qabdiet annwali ta' dik l-ispeċi minn bastimenti li jużaw pariti u għeżula (GN, GNS, GND, GNC, GTN, GTR, GEN, GNF) biex jaqbdu l-lingwata komuni fid-diviżjonijiet 7d, 7e, 7f u 7 g tal-ICES;

(c) għal-lingwata komuni (*Solea solea*), sa massimu ta' 3 % tat-total tal-qabdiet annwali ta' dik l-ispeċi minn bastimenti li jużaw irkaptu TBB b'daqs tal-malja ta' 80-119 mm mgħammra b'pannell Fjamming, biex jaqbdu l-lingwata komuni fid-diviżjonijiet 7d, 7e, 7f, 7 g u 7h tal-ICES;

(d) għall-merluzz tal-linja sewda (*Melanogrammus aeglefinus*), sa massimu ta' 5 % fl-2020 tat-total tal-qabdiet annwali ta' dik l-ispeċi minn bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ, tartaruni u xbieki tat-tkarkir bi travu (OTB, OTT, OT, PTB, PT, SSC, SDN SPR, SX, SV, TBB, TBN, TBS, TB, TX) b'daqs tal-malja ta' 80 mm jew aktar fid-diviżjonijiet 7b, 7c u 7e sa 7k tal-ICES;

(e) għas-sawrell (*Trachurus spp.*), sa massimu ta' 7 % fl-2020 tat-total tal-qabdiet inċidentali annwali ta' dawk l-ispeċijiet maqbuda f'sajd imħallat demersali, minn bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ, tartaruni u xbieki tat-tkarkir bi travu (OTB, OTT, OT, PTB, PT, SSC, SDN, SPR, SX, SV, TBB, TBN, TBS, TB, TX) fis-subżona 6 tal-ICES u fid-diviżjonijiet 7b sa 7k tal-ICES;

(f) għall-kavall (*Scomber scombrus*), sa massimu ta' 7 % fl-2020 tat-total tal-qabdiet annwali inċidentali ta' dik l-ispeċi, maqbuda f'sajd imħallat demersali, minn bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ, tartaruni u xbieki tat-tkarkir bi travu fis-subżona 6 tal-ICES u fid-diviżjonijiet 7b sa 7k tal-ICES;

(g) għal-lingwata komuni (*Solea solea*), sa massimu ta' 3 % fl-2020 tat-total tal-qabdiet annwali ta' dik l-ispeċi minn bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir bi travu b'daqs tal-malja ta' 80-119 mm (BT2) b'iktar selettività (pannell Fjamming) fid-diviżjonijiet 7a, 7j, u 7k tal-ICES;

(h) għall-megrim (*Lepidorhombus spp*.) taħt l-MCRS, sa massimu ta' 5 % fl-2020 tal-qabdiet annwali totali ta' dawk l-ispeċijiet minn bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ (OTT, OTB, TBS, TBN, TB, PTB, OT, PT, TX) b'daqs tal-malja ta' 70-99 mm (TR2) u bi xbieki tat-tkarkir bi travu (BT2) b'malji ta' 80-199 mm fis subżona 7 tal-ICES,

(i) għall-pixxi trumbetta (*Caproidae*), sa massimu ta' 0,5 % fl-2020 tal-qabdiet annwali totali ta' dik l-ispeċi minn bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ (OTT, OTB, TBS, TBN, TB, PTB, OT, PT, TX) fid-diviżjonijiet 7b, 7c u 7f sa 7k tal-ICES,

(j) għall-arġentina silus (*Argentina silus*), sa 0,6 % fl-2020 tal-qabdiet annwali totali ta' dik l-ispeċi minn bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ (OTT, OTB, TBS, TBN, TB, PTB, OT, PT, TX) b'daqs tal-malja ta' 100 mm jew akbar (TR1) fid-diviżjoni 5b tal-ICES (l-ilmijiet tal-UE) u fis-subżona 6 tal-ICES;

(k) għall-merluzz tal-linja sewda (*Melanogrammus aeglefinus*) taħt id-daqs ta' referenza minimu għall-konservazzjoni, sa massimu ta' 3 % fl-2020, tal-qabdiet annwali totali ta' dik l-ispeċi minn bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ bid-daqs tal-malja sa 119 mm (OTB, OTT, OT, TBN, TB) fis-sajd għall-iskampu (*Nephrops norvegicus*) fil-Punent tal-Iskozja fid-diviżjoni 6a tal-ICES;

(l) fis-sajd imħallat demersali li jsir minn bastimenti li jistadu għall-gambli kannella u li jużaw xbieki tat-tkarkir bi travu b'malji ta' 31 mm jew aktar fid-diviżjoni 7a tal-ICES:

kwantità kkombinata ta' speċijiet ta' ħut taħt l-MCRS, li ma għandhiex taqbeż 0,85 % tal-qabdiet annwali totali ta' barbun tat-tbajja' u 0,15 % tal-qabdiet annwali totali ta' merlangu fis-sajd imħallat demersali.

2. L-eżenzjonijiet *de minimis* stabbiliti fil-punti (d) sa (k) tal-paragrafu 1 għandhom japplikaw sal-31 ta' Diċembru 2020. L-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett għandhom jippreżentaw kemm jista' jkun malajr u mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2020, informazzjoni xjentifika addizzjonali li tappoġġa l-eżenzjoni. Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd għandu jivvaluta dik l-informazzjoni xjentifika qabel il-31 ta' Lulju 2020.

*Artikolu 9*

**Miżuri tekniċi speċifiċi fiż-Żona ta' Protezzjoni tal-Baħar Ċeltiku**

1. Il-bastimenti tas-sajd li joperaw bi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ jew tartaruni fiż-Żona ta' Protezzjoni tal-Baħar Ċeltiku għandhom jużaw waħda mill għażliet ta' rkaptu li ġejjin:

(a) manka ta' 110 mm b'pannell b'malji kwadri ta' 120 mm ([23]);

(b) manka T90 ta' 100 mm;

(c) manka ta' 100 mm b'pannell b'malji kwadri ta' 160 mm;

(d) manka ta' 120 mm.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, il-bastimenti li joperaw bi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ jew tartaruni b'qabdiet li jkunu jinkludu aktar minn 5 % ta' skampu għandhom jużaw waħda mill-għażliet ta' rkaptu li ġejjin:

(a) pannell b'malja kwadra ta' 300 mm b'manku b'daqs tal-malja ta' mill-inqas 80 mm; bastimenti ta' tul totali ta' inqas minn 12-il metru jistgħu jużaw pannell b'malja kwadra ta' 200 mm;

(b) pannell Seltra;

(c) għarbiel bi spazju ta' bejn il-vireg ta' 35 mm kif imsemmi fl-Anness VI, il-Parti B tar-Regolament (UE) 2019/1241;

(d) manka ta' 100 mm b'pannell b'malja kwadra ta' 100 mm;

(e) Manka doppja bil-manka ta' fuq nett mibnija b'malja T90 ta' mill-inqas 90 mm u mgħammra b'pannell ta' separazzjoni b'daqs massimu tal-malja ta' 300 mm.

3. B'deroga mill-paragrafu 1, il-bastimenti li joperaw bi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ jew tartaruni b'qabdiet li jkunu jinkludu aktar minn 55 % ta' merlangu jew 55 % ta' petriċa, merluzz jew megrim imħallta għandhom jużaw waħda mill-għażliet ta' rkaptu li ġejjin:

(a) manka ta' 100 mm b'pannell b'malja kwadra ta' 100 mm;

(b) manka T90 ta' 90 mm u estensjoni;

([23]) Kif imsemmi fl-Anness VI, il-Parti B tar-Regolament (UE) 2019/1241.

(c) manka ta’ 80 mm b’pannell b’malja kwadra ta’ 160 mm;

(d) manka ta’ 80 mm b’ċilindru b’malja kwadra ta’ 2 m b’100 mm.

4. B’deroga mill-paragrafu 1, bastimenti li joperaw bi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ jew tartaruni b’qabdiet li jkollhom inqas minn 10 % gadojdi (*Gadidae*) fid-diviżjoni 7f tal-ICES fil-Lvant ta’ 5° Punent, għandhom jużaw manka ta’ 80 mm mgħammra b’pannell b’malja kwadra ta’ 120 mm.

5. Irkaptu jew apparat selettiv ivvalutat mill-STECF bħala li għandu l-istess karatteristiċi ta’ selettività tal-għażliet ta’ rkaptu stipulati fil-paragrafi 1 sa 4 jew karatteristiċi ta’ livell ogħla għall-merluzz, il-bakkaljaw u l-merlangu jista’ jintuża minflok dawk l-għażliet ta’ rkaptu.

*Artikolu 10*

**Miżuri tekniċi speċifiċi fil-Baħar Irlandiż**

1. Il-bastimenti tas-sajd li joperaw bi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ jew tartaruni fid-diviżjoni 7a tal-ICES (il-Baħar Irlandiż) għandhom josservaw il-miżuri tekniċi stipulati fil-paragrafi 2, 3 u 4.

2. Il-bastimenti li joperaw bi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ jew tartaruni b’manka b’malja ta’ 70 mm jew akbar u iżgħar minn 100 mm u b’qabdiet li jkunu jinkludu aktar minn 5 % ta’ skampu, għandhom jużaw waħda mill-għażliet ta’ rkaptu li ġejjin:

(a) pannell b’malja kwadra ta’ 300 mm; bastimenti ta’ tul totali ta’ inqas minn 12-il metru jistgħu jużaw pannell b’malja kwadra ta’ 200 mm;

(b) pannell Seltra;

(c) għarbiel bi spazju ta’ bejn il-vireg ta’ 35 mm kif imsemmi fl-Anness VI, il-Parti B tar-Regolament (UE) 2019/1241;

(d) Netgrid CEFAS;

(e) xibka tat-tkarkir flip-flap.

3. Il-bastimenti ta’ tul totali ta’ 12-il metru jew aktar li joperaw bi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ jew tartaruni b’qabdiet li jkunu jinkludu aktar minn 10 % ta’ bakkaljaw, merluzz u rebekkini u raj imħallta, għandhom jużaw waħda mill-għażliet ta’ rkaptu li ġejjin:

(a) manka ta’ 120 mm;

(b) xibka tat-tkarkir eliminatriċi b’pannelli b’malja kbira ta’ 600 mm u manka ta’ 100 mm.

4. Il-bastimenti ta’ tul totali ta’ 12-il metru jew aktar li joperaw bi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ jew tartaruni b’qabdiet li jkunu jinkludu anqas minn 10 % ta’ bakkaljaw, merluzz u rebekkini u raj imħallta, għandhom jużaw daqs ta’ malja ta’ 100 mm għall-manka b’pannell b’malja kwadra ta’ 100 mm. Din id-dispożizzjoni ma għandhiex tapplika għal bastimenti b’qabdiet li jkunu jinkludu aktar minn 30 % ta’ skampu jew aktar minn 85 % ta’ mrewħa.

5. Irkaptu jew apparat selettiv ivvalutat mill-STECF bħala li għandu l-istess karatteristiċi ta’ selettività tal-għażliet ta’ rkaptu stipulati fil-paragrafi 1 sa 4 jew karatteristiċi ta’ livell ogħla għall-merluzz, il-bakkaljaw u l-merlangu jista’ jintuża minflok dawk l-għażliet ta’ rkaptu.

*Artikolu 11*

**Miżuri tekniċi speċifiċi fil-Punent tal-Iskozja**

1. Mill-1 ta’ Lulju 2020, il-bastimenti tas-sajd li joperaw bi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ jew tartaruni fid-diviżjonijiet 6a u 5b tal-ICES, fl-ilmijiet tal-Unjoni, fil-Lvant ta’ 12°W (il-Punent tal-Iskozja) għandhom jikkonformaw mal-miżuri tekniċi li ġejjin:

(a) l-użu obbligatorju ta’ pannell b’malja kwadra (il-pożizzjoni miżmuma) ta’ mill-inqas 300 mm għall-bastimenti li jkunu qed jużaw daqs ta’malja iżgħar minn 100 mm għall-manka; għall-bastimenti ta’ tul totali ta’ inqas minn 12 m u/jew bil-potenza tal-magna ta’ 200 kW jew inqas, it-tul totali tal-pannell jista’ jkun ta’ 2 m u l-pannell 200 mm fis-sajd tal-iskampu (*Nephrops norvegicus*);

(b) l-użu obbligatorju ta' pannell b'malja kwadra (il-pożizzjoni miżmuma) ta' mill-inqas 160 mm għal bastimenti li jużaw daqs ta' malja ta' 100-119 mm għall-manka u jekk il-qabdiet jinkludu aktar minn 30 % skampu (*Nephrops norvegicus*).

2. Irkaptu jew apparat selettiv ivvalutat mill-STECF bħala li għandu l-istess karatteristiċi ta' selettività mill-miżuri stipulati fil-paragrafu 1 jew karatteristiċi ta' livell ogħla għall-merluzz, il-bakkaljaw u l-merlangu jista' jintuża minflok dawk il-miżuri.

*Artikolu 12*

**Tħassir**

Ir-Regolament Delegat (UE) 2018/2034 huwa mħassar.

Ir-referenza għar-Regolament (UE) 2018/2034 fl-Anness VI, il-Parti B, il-punt 3 tar-Regolament (UE) 2019/1241 ([24]) għandha tinftiehem bħala referenza għall-Artikoli 9 u 10 ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 13*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2020 sal-31 ta' Diċembru 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Ottubru 2019.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Jean-Claude JUNCKER

([24]) ĠU L 198, 25.7.2019, p. 105.

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/2240

**tas-16 ta' Diċembru 2019**

**li jispeċifika l-elementi tekniċi tas-sett tad-*data*, li jistabbilixxi l-formati tekniċi għat-trażmissjoni tal-informazzjoni u li jispeċifika l-arranġamenti dettaljati u l-kontenut tar-rapporti tal-kwalità dwar l-organizzazzjoni ta' stħarriġ kampjun dwar il-forza tax-xogħol f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' *data* fuq livell individwali miġbura minn kampjuni, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 808/2004, (KE) Nru 452/2008 u (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 [1], u b'mod partikolari l-Artikoli 7(1), 8(3) u 13(6) tiegħu,

Billi:

(1) Biex tkun żgurata l-implimentazzjoni preċiża tal-istħarriġ kampjun fid-dominju tal-forza tax-xogħol, jenħtieġ li l-Kummissjoni tispeċifika l-elementi tekniċi tas-sett tad-*data*, il-formati tekniċi għat-trażmissjoni tal-informazzjoni, u l-arranġamenti dettaljati u l-kontenut tar-rapporti tal-kwalità.

(2) Jenħtieġ li l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jużaw klassifikazzjonijiet tal-istatistika għall-unitajiet territorjali, l-edukazzjoni, l-impjiegi u s-settur ekonomiku li huma kompatibbli mal-klassifikazzjonijiet NUTS [2], ISCED [3], ISCO [4] u NACE [5].

(3) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

## Suġġett

Dan ir-Regolament jispeċifika l-elementi tekniċi tas-sett tad-*data*, il-formati tekniċi għat-trażmissjoni tal-informazzjoni mill-Istati Membri lill-Kummissjoni (il-Eurostat) u l-arranġamenti dettaljati għat-trażmissjoni u l-kontenut tar-rapporti tal-kwalità fid-dominju tal-forza tax-xogħol.

*Artikolu 2*

## Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "varjabbli ewlieni" tfisser varjabbli b'perjodiċità trimestrali;

---

[1] ĠU L 261I, 14.10.2019, p. 1.

[2] Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1).

[3] Il-Klassifikazzjoni Standard Internazzjonali tal-Edukazzjoni (ISCED) tal-2011, http://uis.unesco.org/sites/default/files/documents/international-standard-classification-of-education-isced-2011-en.pdf (disponibbli bl-Ingliż u bil-Franċiż).

[4] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2009/824/KE tad-29 ta' Ottubru 2009 dwar l-użu tal-Klassifika Internazzjonali Standard tal-Impjiegi (ISCO-08) (ĠU L 292, 10.11.2009, p. 31).

[5] Ir-Regolament Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).

(2) “varjabbli strutturali” tfisser varjabbli annwali, biennali, ta’ kull tmien snin jew varjabbli miġbur fuq suġġett *ad hoc*;

(3) “sett minimu tal-varjabbli” tfisser il-varjabbli li jridu jinġabru għall-membri kollha ta’ unità domestika biex tkun tista’ ssir analiżi fil-livell tal-unità domestika kif ukoll fil-livell individwali mqassma skont karatteristiċi speċifiċi tal-unità domestika;

(4) “skema ta’ rotazzjoni tal-kampjun” tfisser il-qsim tal-kampjun totali f’sottokampjuni ta’ unitajiet tal-osservazzjoni li jkunu simili fid-daqs u d-disinn, użat biex jispeċifika n-numru ta’ drabi u t-trimestri ta’ referenza eżatti tas-sena li għaliha unità tal-osservazzjoni għandha tipprovdi informazzjoni fl-istħarriġ;

(5) “mewġa” tfisser is-sottokampjun ta’ unitajiet tal-osservazzjoni li jridu jiġu intervistati għall-istess darba skont l-iskema ta’ rotazzjoni tal-kampjun fi trimestru ta’ referenza;

(6) “distribuzzjoni uniformi tal-kampjun annwali” fir-rigward tat-trimestri kollha ta’ referenza tas-sena tfisser li kull kampjun trimestrali hu l-kampjun annwali totali diviż b’erbgħa;

(7) “distribuzzjoni uniformi tal-kampjun trimestrali” fir-rigward tal-ġimgħat kollha ta’ referenza tat-trimestru tfisser li kull kampjun ta’ kull ġimgħa hu l-kampjun trimestrali totali diviż bin-numru ta’ ġimgħat tat-trimestru; il-varjazzjoni aċċettabbli kif speċifikata fl-Artikolu 6(2) u (3) tapplika għal kull distribuzzjoni;

(8) “kampjun ta’ osservazzjonijiet indipendenti” tfisser kampjun fejn kull unità tal-osservazzjoni tiġri darba biss skont id-disinn tal-kampjun;

(9) “limiti tal-affidabbiltà” tfisser id-daqsijiet stmati tal-gruppi tal-popolazzjoni li inqas minnhom, iċ-ċifri għandhom jitrażżnu jew ippubblikati bi twissija;

(10) “persuni impjegati” tinkludi lil persuni ta’ bejn il-15 u d-89 sena (fi snin magħluqa fi tmiem il-ġimgħa ta’ referenza) li tul il-ġimgħa ta’ referenza kienu f’xi kategorija minn dawn li ġejjin:

(a) persuni li tul il-ġimgħa ta’ referenza ħadmu għal mill-inqas siegħa (1) bi ħlas jew qligħ, inkluż il-ħaddiema li jikkontribwixxu għall-familja ([6]);

(b) persuni b’impjieg jew b’negozju li tul il-ġimgħa ta’ referenza ma kinux qed jaħdmu b’mod temporanju iżda kellhom rabta mal-impjieg tagħhom, fejn il-gruppi li ġejjin għandhom rabta mal-impjieg:

— persuni mhux fuq il-post tax-xogħol minħabba btajjel, arranġamenti dwar il-ħinijiet tax-xogħol, liv minħabba mard, liv tal-maternità jew tal-paternità;

— persuni f’taħriġ relatat mal-impjieg;

— persuni b’liv tal-ġenituri, li jirċievu u/jew huma intitolati għal introjtu jew benefiċċji relatati mal-impjieg, jew li l-liv tal-ġenituri tagħhom hu mistenni jkun ta’ 3 xhur jew inqas;

— ħaddiema staġunali meta tonqos l-attività, li jibqgħu jwettqu kompiti u xogħol b’mod regolari għall-impjieg jew għan-negozju, minbarra t-twettiq ta’ obbligi legali jew amministrattivi;

— persuni temporanjament mhux fuq il-post tax-xogħol għal raġunijiet oħra li l-assenza tagħhom mistennija ttul 3 xhur jew inqas;

(c) persuni li jipproduċu prodotti agrikoli li l-parti ewlenija tagħhom hi maħsuba biex tinbiegħ jew titpartat.

Il-persuni f’xogħol ta’ produzzjoni għalihom stess, il-ħaddiema volontarji, l-apprendisti bla ħlas u l-individwi involuti f’forom oħra ta’ xogħol ([6]), mhumiex inklużi fl-impjieg abbażi ta’ dawk l-attivitajiet.

(11) “persuni qiegħda” tinkludi lil persuni ta’ bejn il-15 u l-74 sena (fi snin magħluqa sa tmiem il-ġimgħa ta’ referenza) li:

(a) tul il-ġimgħa ta’ referenza ma kinux impjegati skont id-definizzjoni ta’ impjieg deskritta fil-paragrafu 10; u

(b) kienu disponibbli għax-xogħol, jiġifieri kienu disponibbli għal impjieg bi ħlas jew xogħol għal rashom qabel it-tmiem tal-ġimagħtejn wara l-ġimgħa ta’ referenza; u

(c) kienu qed ifittxu impjieg b’mod attiv, jiġifieri wettqu attivitajiet tul il-perjodu ta’ erba’ ġimgħat li ntemm bil-ġimgħa ta’ referenza biex isibu impjieg bi ħlas jew xogħol għal rashom jew inkella sabu impjieg li jibda f’perjodu ta’ mhux aktar minn 3 xhur mit-tmiem tal-ġimgħa ta’ referenza.-

([6]) Ħaddiema li jikkontribwixxu għall-familja, persuni f’xogħol ta’ produzzjoni għalihom stess, ħaddiema volontarji, apprendisti bla ħlas, u individwi involuti f’forom oħra ta’ xogħol huma definiti fir-Riżoluzzjoni tad-19-il Konferenza Internazzjonali tal-Istatistika dwar ix-Xogħol (l-ICLS) b’rabta mal-istatistika dwar ix-xogħol, l-impjiegi u n-nuqqas ta’ tħaddim tal-forza tax-xogħol, adottata fil-11 ta’ Ottubru 2013.

Għall-finijiet biex jiġi identifikat tiftix attiv għal impjieg, dawn l-attivitajiet huma:

— l-analiżi ta' avviżi dwar postijiet tax-xogħol battala;

— it-tqegħid jew it-tweġib ta' avviżi dwar postijiet tax-xogħol battala;

— it-tqegħid jew l-aġġornament ta' CVs online;

— kuntatt ma' impjegaturi direttament;

— rikjesti lil ħbieb, qraba jew konoxxenzi;

— kuntatt ma' servizz pubbliku tal-impjiegi;

— kuntatt ma' aġenzija privata tal-impjiegi;

— isiru testijiet, intervisti jew eżamijiet bħala parti minn proċess tar-reklutaġġ; u

— tħejjijiet biex jitwaqqaf negozju.

Il-ħaddiema staġunali li ma kinux fuq il-post tax-xogħol tul il-ġimgħa ta' referenza (meta tonqos l-attività), iżda li mistennija jerġgħu lura għall-impjieg staġunali tagħhom iridu jitqiesu li "sabu impjieg".

(12) "persuni barra mill-forza tax-xogħol" tinkludi lil persuni li kienu f'xi kategorija minn dawn li ġejjin:

(a) kellhom inqas minn 15-il sena (bħla snin magħluqa fi tmiem il-ġimgħa ta' referenza);

(b) kellhom iżjed minn 89 sena (fi snin magħluqa fi tmiem il-ġimgħa ta' referenza); jew

(c) kellhom bejn il-15 u d-89 sena (fi snin magħluqa fi tmiem il-ġimgħa ta' referenza) u la kienu impjegati u lanqas qiegħda tul il-ġimgħa ta' referenza skont id-definizzjonijiet ta' impjieg u ta' qgħad deskritti fil-paragrafi 10 u 11.

*Artikolu 3*

**Deskrizzjoni tal-varjabbli**

1. Id-deskrizzjoni u l-format tekniku tal-varjabbli trimestrali, annwali, biennali u ta' kull tmien snin dwar is-suġġett dettaljat "is-sitwazzjoni fis-suq tax-xogħol tal-migranti u d-dixxendenti immedjati tagħhom" u l-kodiċijiet li jridu jintużaw għat-trażmissjoni tad-*data* u l-varjabbli li jridu jiddaħħlu fis-sett minimu tal-varjabbli huma stabbiliti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

2. L-għadd ta' varjabbli ta' kull tmien snin li jridu jinġabru f'sena partikolari ma għandux ikun aktar minn 11, għajr fil-każ ta':

(a) is-suġġett dettaljat dwar "l-organizzazzjoni tax-xogħol u l-arranġamenti tal-ħin tax-xogħol", li għalih l-għadd ta' varjabbli ma għandux ikun aktar minn 10 f'sena partikolari; u

(b) is-suġġetti dettaljati dwar "iż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol" u dwar "il-livell edukattiv milħuq – dettalji, inkluż l-edukazzjoni interrotta jew abbandunata", li għalihom l-għadd ikkombinat ta' varjabbli ta' kull tmien snin ma għandux ikun aktar minn sebgħa f'sena partikolari.

3. L-għadd ta' varjabbli strutturali li jridu jinġabru dwar suġġett *ad hoc* kull erba' snin ma għandux ikun aktar minn 11 f'sena partikolari.

*Artikolu 4*

**Popolazzjonijiet statistiċi, unitajiet tal-osservazzjoni u regoli għar-rispondenti**

1. Il-popolazzjoni fil-mira għad-dominju tal-forza tax-xogħol għandha tkun il-persuni kollha li normalment jirrisjedu f'unitajiet domestiċi privati fit-territorju tal-Istat Membru.

2. Il-ġbir tad-*data* għad-dominju tal-forza tax-xogħol għandu jsir għal kampjun ta' unitajiet domestiċi privati jew għal kampjun ta' persuni li jappartjenu għal unitajiet domestiċi privati bħala unitajiet tal-osservazzjoni.

3. Għandha tingħata informazzjoni għal:

(a) kull persuna ta' kull età dwar is-suġġetti "elementi tekniċi" u "karatteristiċi tal-persuni u tal-unitajiet domestiċi";

(b) kull persuna ta' bejn il-15 u l-74 sena dwar is-suġġett "parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ";

(c) kull persuna ta' bejn il-15 u d-89 sena għal varjabbli trimestrali, annwali u biennali dwar is-suġġetti l-oħra kollha;

(d) kull persuna ta' bejn il-15 u l-74 sena għall-varjabbli ta' kull tmien snin tas-suġġetti dettaljati dwar "is-sitwazzjoni fis-suq tax-xogħol tal-migranti u d-dixxendenti immedjati tagħhom" u "l-inċidenti fuq il-post tax-xogħol u problemi oħra ta' saħħa relatati max-xogħol";

(e) kull persuna ta' bejn il-50 u l-74 sena għall-varjabbli ta' kull tmien snin tas-suġġett dettaljat dwar "il-pensjonijiet u l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol";

(f) kull persuna ta' bejn il-15 u l-34 sena għall-varjabbli ta' kull tmien snin tas-suġġetti dettaljati dwar "iż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol" u "l-livell edukattiv milħuq – dettalji, inkluż l-edukazzjoni interrotta jew abbandunata";

(g) kull persuna ta' bejn it-18 u l-74 sena għall-varjabbli ta' kull tmien snin tas-suġġett dettaljat dwar "ir-rikonċiljazzjoni tax-xogħol mal-ħajja tal-familja";

(h) kull persuna impjegata ta' bejn il-15 u l-74 sena għall-varjabbli ta' kull tmien snin tas-suġġett dettaljat dwar "l-organizzazzjoni tax-xogħol u l-arranġamenti tal-ħin tax-xogħol"

Il-gruppi kollha tal-età jinkludu l-etajiet limitu speċifikati hemmhekk.

4. Huma permessi intervisti bi prokura, iżda l-għadd tagħhom għandu jkun limitat kemm jista' jkun.

*Artikolu 5*

**Perjodi ta' referenza u dati ta' referenza**

1. L-informazzjoni miġbura għad-dominju tal-forza tax-xogħol ġeneralment għandha tkun relatata mas-sitwazzjoni tul ġimgħa waħda, mit-Tnejn sal-Ħadd, li tikkostitwixxi l-ġimgħa ta' referenza.

2. L-età ta' persuna għandha tkun l-età fi snin magħluqa fi tmiem il-ġimgħa ta' referenza.

3. It-trimestri ta' referenza għandhom ikunu kif ġej:

(a) it-trimestri ta' kull sena jirreferu għat-12-il xahar tas-sena diviżi b'erbgħa, jiġifieri Jannar, Frar u Marzu jappartjenu għall-ewwel trimestru, April, Mejju u Ġunju għat-tieni trimestru, Lulju, Awwissu u Settembru għat-tielet trimestru, u Ottubru, Novembru u Diċembru għar-raba' trimestru;

(b) il-ġimgħat ta' referenza huma allokati għat-trimestri ta' referenza, b'mod li ġimgħa tkun tappartjeni għat-trimestru kif definit fil-punt (a) li għalih jappartjenu mill-inqas erbat ijiem ta' dik il-ġimgħa (imsejħa "r-regola tal-Ħamis"), diment li dan ma jkunx iwassal biex l-ewwel trimestru tas-sena jkun jikkonsisti minn 12-il ġimgħa biss. F'dak il-każ, it-trimestri tas-sena inkwistjoni sr jiġu fformati minn blokok konsekuttivi ta' 13-il ġimgħa kull wieħed;

(c) Jekk, skont il-punt (b), trimestru jkun fih 14-il ġimgħa minflok 13-il ġimgħa, l-Istati Membri jenħtieġ jippruvaw jifirxu l-kampjun fuq l-14-il ġimgħa kollha kemm huma. dan jinkludi l-alternattiva li kampjun li s-soltu jiġi assenjat għal ġimgħa, jinqasam fuq ġimagħtejn;

(d) jekk ma jkunx fattibbli li l-kampjun jinfirex biex ikopri l-14-il ġimgħa kollha tat-trimestru, l-Istat Membru kkonċernat jista' jaqbeż ġimgħa waħda ta' dak it-trimestru billi ma jkoprihiex;

(e) jenħtieġ li l-ġimgħat b'kampjun maqsum u l-ġimgħa maqbuża jkunu tipiċi fir-rigward tal-qgħad, l-impjiegi u s-sigħat medji reali maħduma u jenħtieġ li dawn ikunu parti minn xahar li fih ħames Ħamisijiet;

(f) l-ewwel trimestru tal-2021 għandu jibda mit-Tnejn, l-4 ta' Jannar 2021.

4. Sena ta' referenza għandha tkun il-kombinazzjoni tal-erba' trimestri ta' referenza ta' dik is-sena.

*Artikolu 6*

**Karatteristiċi dettaljati tal-kampjun**

1. Il-ġbir tad-*data* għandu jirreferi għal ġimgħa ta' referenza waħda għal kull unità tal-osservazzjoni. Il-ġimgħa ta' referenza għandha tiġi assenjata lill-unità tal-osservazzjoni qabel ma jsir ix-xogħol fuq il-post.

2. Minbarra r-rekwiżiti trimestrali stabbiliti fil-punt 1 tal-Anness III tar-Regolament (UE) 2019/1700, il-kampjun nazzjonali sħiħ għas-sena ta' referenza għandu jinqasam b'mod uniformi bejn it-trimestri ta' referenza kollha tas-sena. F'kull trimestru ta' referenza, il-kampjun trimestrali sħiħ għandu jinqasam b'mod uniformi bejn il-ġimgħat ta' referenza kollha tat-trimestru, għajr fil-każ ta' trimestri li jikkonsistu minn 14-il ġimgħa fejn il-kampjun jista' qabelxejn jinqasam b'mod uniformi fi 13-il ġimgħa ta' referenza u wara jkompli jiġi ttrattat f'konformità ma' waħda minn dawn li ġejjin:

(a) il-kampjun assenjat għal ġimgħa ta' referenza waħda għandu jkompli jinqasam fuq ġimagħtejn tipiċi ta' referenza biex ikun ikopri l-14-il ġimgħa kollha kemm huma;

(b) ġimgħa tipika waħda għandha tinqabeż skont l-Artikolu 5(3) ta' dan ir-Regolament.

3. Id-distribuzzjonijiet kollha tal-kampjun imsemmija fil-paragrafu 2 u fil-punt 1 tal-Anness III tar-Regolament (UE) 2019/1700 ma għandhomx jiddevjaw aktar minn 10 % mill-ishma eżatti fil-livell nazzjonali, għajr għall-Istati Membri li jipproduċu statistika dwar il-qgħad ta' kull xahar li għaliha, għal mhux aktar minn ħames ġimgħat f'kull trimestru, hi permessa differenza ta' 15 % mis-sehem eżatt ta' kull ġimgħa. Dawk l-Istati Membri huma mitluba japplikaw korrezzjoni deterministika għall-ponderazzjonijiet trimestrali, filwaqt li jiżguraw li bl-applikazzjoni ta' dawk il-ponderazzjonijiet, il-ġimgħat kollha tat-trimestru jkunu rrappreżentati bl-istess mod. Fil-livell reġjonali NUTS 2, għandu jiġi rrispettat il-limitu ta' 10 % sa fejn l-aktar possibbli.

4. Is-sottokampjuni tal-osservazzjonijiet indipendenti li jirreferu għall-ġimgħat kollha tas-sena ta' referenza għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti tad-distribuzzjoni kif stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3 sa fejn l-aktar possibbli.

5. Ir-rekwiżiti tad-distribuzzjoni kollha msemmija fil-paragrafi 2 sa 4 għandhom jiġu ssodisfati għall-kampjun gross jew għall-kampjun nett.

6. Il-varjabbli ewlenin kollha għandhom jiġu trażmessi għall-kampjun sħiħ f'kull trimestru.

7. Il-varjabbli strutturali kollha għandhom jiġu trażmessi għal kull trimestru tas-sena ta' referenza, għal tal-inqas mewġa waħda f'kull trimestru u għal mhux inqas minn wieħed minn kull tmienja tal-kampjun trimestrali sħiħ. B'mod speċifiku,

(a) għandhom jiġu trażmessi l-varjabbli strutturali annwali u biennali kollha, li għalihom huma meħtieġa medji annwali biss, inkella:

  (i) għall-kampjun sħiħ f'kull trimestru;

  (ii) għal sottokampjun wieħed ta' osservazzjonijiet indipendenti li jirreferu għall-ġimgħat kollha tas-sena ta' referenza.

  Il-kampjun għall-varjabbli strutturali biennali għandu jkun parti mill-kampjun għall-varjabbli strutturali annwali;

(b) il-varjabbli ta' kull tmien snin u l-varjabbli dwar suġġett *ad hoc* għandhom jiġu trażmessi għal sottokampjun wieħed ta' osservazzjonijiet indipendenti li jirreferu għall-ġimgħat kollha tas-sena ta' referenza. Dak is-sottokampjun għandu jkun parti mill-kampjun għall-varjabbli strutturali annwali u biennali;

(c) is-sottokampjunar kif definit fil-punti (a) u (b) għandu dejjem jiġi applikat permezz ta' mewġiet sħiħ.

8. L-Istati Membri li jużaw kampjun tal-persuni li jappartjenu għal unitajiet domestiċi privati jistgħu jibagħtu l-informazzjoni dwar il-membri l-oħra ta' dawk l-unitajiet domestiċi (imsejħa "s-sett minimu tal-varjabbli") għal sottokampjun ta' osservazzjonijiet indipendenti (imsejjaħ "sottokampjun tal-unitajiet domestiċi") mibni b'mod li:

(a) is-sottokampjun tal-unitajiet domestiċi jkun jikkonsisti minn osservazzjonijiet indipendenti li jirreferu għall-ġimgħat kollha tas-sena ta' referenza. Il-kampjun annwali li jirriżulta għandu, għall-persuni li jifformaw parti mill-kampjun tal-persuni li jappartjenu għal unitajiet domestiċi privati u anki mis-sottokampjun tal-unitajiet domestiċi, ikun jissodisfa r-rekwiżiti tad-distribuzzjoni stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3 sa fejn ikun l-aktar possibbli;

(b) is-sottokampjun tal-unitajiet domestiċi ikun jinkludi tal-inqas mewġa waħda f'kull trimestru jew tal-inqas 15 000 unità domestika.

9. L-Istati Membri li jużaw:

(a) kampjun tal-persuni;

(b) sottokampjun tal-unitajiet domestiċi kif definit fil-paragrafu 8; u

(c) sottokampjun għas-suġġetti dettaljati ta' kull tmien snin differenti mis-sottokampjun tal-unitajiet domestiċi;

għandhom jibagħtu, għall-membri kollha tal-unitajiet domestiċi li għalihom jappartjenu l-persuni magħżula biex f'sena partikolari jwieġbu s-suġġett dettaljat ta' kull tmien snin u, għall-istess perjodi ta' referenza, il-partijiet kollha tas-suġġetti "elementi tekniċi" u "karatteristiċi tal-persuni u tal-unitajiet domestiċi" li wkoll jifformaw parti mis-sett minimu tal-varjabbli.

Din it-trażmissjoni għandha tapplika għas-suġġetti dettaljati ta' kull tmien snin imsejħa "is-sitwazzjoni fis-suq tax-xogħol tal-migranti u d-dixxendenti immedjati tagħhom", "il-pensjonijiet u l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol" u "r-rikonċiljazzjoni tax-xogħol mal-ħajja tal-familja".

*Artikolu 7*

**Perjodi u metodi għall-ġbir tad-*data***

1. L-intervisti li jiġbru l-informazzjoni għad-dominju tal-forza tax-xogħol għandhom isiru minnufih wara l-ġimgħa ta' referenza, u sa mhux aktar tard minn ħames ġimgħat wara.

2. Meta ġustifikat debitament u biss sa fejn ikun meħtieġ, il-perjodu tal-intervista jista' jiġi estiż iżjed.

3. L-intervisti għandhom isiru b'metodi tal-intervisti assistiti mill-kompjuter, bħall-intervistar personali assistit mill-kompjuter (il-CAPI), l-intervistar bit-telefown assistit mill-kompjuter (il-CATI) u l-intervistar bl-Internet assistit mill-kompjuter (il-CAWI), għajr meta ġustifikat debitament.

*Artikolu 8*

**Metodoloġija għad-*data* dwar l-impjiegi u l-qgħad**

1. Il-flowcharts dwar l-ordni tal-mistoqsijiet għas-suġġetti dettaljati "status tal-impjieg", "tiftix għal impjieg", "rieda li persuna taħdem", "id-disponibbiltà", "it-tieni impjieg jew bosta impjiegi" u "status tal-attività prinċipali (awtodefinit)" għandhom ikunu kif speċifikat fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

2. L-informazzjoni dwar il-varjabbli WKSTAT, ABSREAS, JATTACH, SEEKWORK, ACTMETNE u AVAILBLE imsemmija fl-Anness I ta' dan ir-Regolament għandha tinkiseb permezz ta' intervista.

3. Ir-rekords amministrattivi u kull sors u metodu ieħor jistgħu jintużaw għall-varjabbli l-oħra kollha, diment li d-*data* miksuba jkollha kopertura ekwivalenti u tal-inqas kwalità ekwivalenti. Id-dimensjonijiet tal-kwalità rilevanti jinkludu definizzjonijiet u kunċetti komparabbli u koerenti, perjodi ta' referenza korretti, u l-puntwalità tad-disponibbiltà tad-*data*.

*Artikolu 9*

**Standards komuni għall-editjar, l-imputazzjoni, il-ponderazzjoni u l-istima**

1. Id-*data* amministrattiva jew tar-reġistri, ir-riżultati minn intervisti preċedenti, u r-riżultati minn intervisti ta' persuna oħra ma għandhomx jintużaw biex jieħdu post jew jimputaw informazzjoni dwar il-varjabbli WKSTAT, ABSREAS, JATTACH, SEEKWORK, ACTMETNE u AVAILBLE imsemmija fl-Anness I ta' dan ir-Regolament. Jistgħu jiġu applikati regoli simplifikati għal ċerti gruppi ta' persuni, kif speċifikat fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

2. Meta l-informazzjoni dwar varjabbli oħrajn tkun nieqsa, invalida jew inkonsistenti, jistgħu jiġu applikati metodi ta' imputazzjoni statistika, meta xieraq, għajr għall-varjabbli INCGROSS imsemmi fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, li għalih dejjem għandha tiġi applikata imputazzjoni statistika meta n-nuqqas ta' rispons jaqbeż il-5 %.

3. Il-popolazzjoni ta' referenza għall-ponderazzjoni għandha tkun il-popolazzjoni (reali jew stmata) li normalment tirrisjedi f'unitajiet domestiċi privati.

4. Il-fatturi tal-ponderazzjoni għall-estimi fil-livell individwali bbażati fuq varjabbli trimestrali, annwali u biennali għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) il-fatturi tal-ponderazzjoni għandhom jiġu kkalkulati billi jitqiesu l-probabbiltà tal-għażla u d-*data* esterna dwar id-distribuzzjoni tal-popolazzjoni li qed tiġi mistħarrġa, skont il-ġeneru, il-gruppi tal-età u r-reġjun (il-livell NUTS 2). Il-gruppi tal-età ta' ħames snin għandhom ikunu l-istandard. Iżda minħabba d-daqs tal-kampjun u l-kwalità u d-disponibbiltà tad-*data* esterna, l-aggregazzjonijiet li jinkludu aktar minn grupp tal-età wieħed ta' ħames snin huma permessi biss sa fejn meħtieġ;

(b) il-konsistenza bejn it-totali annwali tas-sottokampjuni għall-varjabbli strutturali annwali u biennali u l-medji annwali tal-kampjun sħiħ għandha tkun żgurata għall-impjiegi, għall-qgħad u għal dawk barra mill-forza tax-xogħol skont il-ġeneru u għall-gruppi tal-età li ġejjin: 25-34, 35-44 u 45-54. Il-konsistenza għall-gruppi tal-persuni ta' bejn il-15 u l-24 sena, ta' bejn il-55 u l-64 sena, u ta' 65 sena u aktar għandha tinkiseb sa fejn ikun l-aktar possibbli.

5. Il-fatturi tal-ponderazzjoni għall-estimi fil-livell tal-unitajiet domestiċi, bl-użu tal-ponderazzjoni medja tal-membri tal-unità domestika, u fil-livell individwali skont il-karatteristiċi speċifiċi tal-unità domestika, għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) il-fatturi tal-ponderazzjoni għandhom jiġu kkalkulati billi jitqiesu l-probabbiltà tal-għażla u d-*data* dwar id-distribuzzjoni tal-unitajiet domestiċi privati li qed jiġu mistħarrġa, jiġifieri l-għadd (reali jew stmat) tal-unitajiet domestiċi u d-daqs (reali jew stmat) tal-unitajiet domestiċi, u d-distribuzzjoni tal-popolazzjoni li qed tiġi mistħarrġa, skont il-ġeneru u tal-inqas il-gruppi tal-età 0-14 u 15+ (il-livell individwali). L-estimi tal-għadd ta' unitajiet domestiċi u tad-daqs tal-unitajiet domestiċi għandhom ikunu bbażati fuq l-aħjar sorsi u kunċetti disponibbli;

(b) il-konsistenza bejn it-totali annwali tal-kampjun sħiħ jew tas-sottokampjun bl-użu tal-fatturi tal-ponderazzjoni tal-unitajiet domestiċi, u l-medji annwali tal-kampjun sħiħ bl-użu tal-fatturi tal-ponderazzjoni individwali definiti fil-paragrafu 4 għandha tkun żgurata għall-impjiegi, għall-qgħad u għal dawk barra mill-forza tax-xogħol skont il-ġeneru u għall-gruppi tal-età li ġejjin: 25-34, 35-44 u 45-54. Il-konsistenza għall-gruppi tal-persuni ta' bejn il-15 u l-24 sena, bejn il-55 u l-64 sena, u ta' 65 sena u aktar għandha tinkiseb sa fejn ikun l-aktar possibbli.

6. Il-fatturi tal-ponderazzjoni għall-estimi fil-livell individwali bbażati fuq varjabbli ta' kull tmien snin jew tas-suġġett *ad hoc* għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) Il-fatturi tal-ponderazzjoni għandhom jiġu kkalkulati billi jitqiesu l-probabbiltà tal-għażla u d-*data* relatata mad-distribuzzjoni tal-popolazzjoni li qed tiġi mistħarrġa, skont il-ġeneru u l-gruppi tal-età tal-popolazzjoni fil-mira ta' kull tmien snin kif definit fil-paragrafu 3 tal-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament. Il-gruppi tal-età ta' ħames snin għandhom ikunu l-istandard. Iżda minħabba d-daqs tal-kampjun u l-kwalità u d-disponibbiltà tad-*data*, l-aggregazzjonijiet li jinkludu aktar minn grupp tal-età wieħed ta' ħames snin huma permessi biss sa fejn meħtieġ;

(b) il-konsistenza bejn it-totali tas-sottokampjuni annwali bl-użu tal-fatturi tal-ponderazzjoni ta' kull tmien snin u t-totali tas-sottokampjuni annwali jew, jekk mhux applikabbli, il-medji annwali tal-kampjun sħiħ bl-użu ta' fatturi tal-ponderazzjoni individwali msemmija fil-paragrafu 4 għandha tkun żgurata għall-popolazzjoni fil-mira ta' kull tmien snin definita fil-paragrafu 3 tal-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament u għall-impjiegi, għall-qgħad u għal dawk barra mill-forza tax-xogħol, skont il-ġeneru;

(c) ir-rekwiżiti għandhom japplikaw kif xieraq għas-suġġetti *ad hoc* u għall-popolazzjonijiet fil-mira tagħhom.

7. L-informazzjoni dwar il-varjabbli WKSTAT, ABSREAS, JATTACH, SEEKWORK, ACTMETNE u AVAILBLE msemmija fl-Anness I ta' dan ir-Regolament ma għandhiex tintuża fil-proċess tal-ponderazzjoni.

*Artikolu 10*

**Id-disseminazzjoni tad-*data***

1. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu żewġ limiti tal-affidabbiltà lill-Kummissjoni (il-Eurostat), bħala parti mir-rapport trimestrali tal-preċiżjoni deskritt fil-paragrafu 2 tal-Anness III ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni (il-Eurostat) għandha tuża dawk il-limiti tal-affidabbiltà għad-disseminazzjoni tad-*data*.

2. Biex jipproduċu sensiela ta' perjodi mingħajr interruzzjoni u kkalkulati b'lura, tal-indikaturi ewlenin li jibdew mill-ewwel trimestru tal-2009, l-Istati Membri għandhom jittrażmettu lill-Kummissjoni (il-Eurostat), sal-31 ta' Diċembru 2021, waħda minn dawn li ġejjin:

(a) il-fatturi tal-korrezzjoni li jridu jiġu applikati għad-*data* b'lura għal kull indikatur elenkat fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu;

(b) is-sensiela sħiħa tal-perjodi li tkopri l-perjodu taż-żmien mill-ewwel trimestru tal-2009 sar-raba' trimestru tal-2020 għal kull indikatur elenkat fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

3. L-indikaturi li jeħtieġu sensiela ta' perjodi mingħajr interruzzjoni u kkalkulati b'lura huma l-livelli tal-impjieg u tal-qgħad f'eluf imqassma skont il-ġeneru u l-gruppi tal-età 15-24, 25-64, 65+ u, għall-impjieg biss, il-grupp tal-età 20-64.

4. Il-fatturi tal-korrezzjoni għall-kalkolu b'lura, is-sensiela sħiħa tal-perjodi mingħajr interruzzjoni, u l-metadata rilevanti għas-sensiela sħiħa tal-perjodi mingħajr interruzzjoni u kkalkulati b'lura meħtieġa skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jintbagħtu bil-format mogħti mill-Kummissjoni (il-Eurostat).

*Artikolu 11*

**L-istandards għat-trażmissjoni u l-iskambju tal-informazzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu s-settijiet tad-*data* trimestrali u annwali lill-Kummissjoni (il-Eurostat) b'mikrodata verifikata minn qabel li jkunu konformi mar-regoli tal-validazzjoni skont l-ispeċifikazzjoni tal-varjabbli għall-kundizzjonijiet tal-kodifikazzjoni u l-iffiltrar tagħhom stabbiliti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jaqblu dwar regoli addizzjonali tal-validazzjoni li għandhom jiġu ssodisfati bħala kundizzjoni tiġi aċċettata biex id-*data* trażmessa.

2. Is-settijiet tad-*data* trimestrali għandu jkollhom il-varjabbli ewlenin kollha għall-kampjuni trimestrali. L-inklużjoni ta' varjabbli b'perjodu ta' referenza annwali għall-kampjuni jew is-sottokampjuni rispettivi f'dawn is-settijiet tad-*data* għandha tkun fakultattiva.

3. Is-settijiet tad-data annwali għandhom jinkludu l-varjabbli strutturali kollha, kif ukoll il-varjabbli ewlenin għall-kampjuni jew għas-sottokampjuni rispettivi.

4. Il-varjabbli ewlenin u strutturali tas-settijiet tad-data trimestrali u annwali għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti deskritti fl-Artikolu 4(3) ta' dan ir-Regolament.

5. Id-*data* riveduta għandha tiġi trażmessa f'settijiet tad-data sħaħ li jkopru l-varjabbli kollha, irrispettivament mill-għadd ta' osservazzjonijiet u varjabbli riveduti.

6. Il-kontenut tal-varjabbli trimestrali trażmessi fis-settijiet tad-*data* trimestrali għandu jkun konsistenti mal-kontenut tal-varjabbli trażmessi fis-settijiet tad-*data* annwali.

7. L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli d-*data* u l-metadata lill-Kummissjoni (il-Eurostat) li huma meħtieġa skont dan ir-Regolament bl-użu tal-istandards tal-iskambju tad-*data* u l-metadata statistika speċifikati mill-Kummissjoni (il-Eurostat) u mill-Punt ta' Dħul Uniku.

*Artikolu 12*

**Arranġamenti dettaljati u l-kontenut tar-rapporti tal-kwalità**

Minbarra r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 13(6) tar-Regolament (UE) 2019/1700, ir-rapporti trimestrali u annwali tal-kwalità mill-Istati Membri għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti elenkati fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 13*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2019.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Ursula VON DER LEYEN

**Deskrizzjoni u format tekniku tal-varjabbli li jridu jinġabru għal kull suġġett u għas-suġġett dettaljat tad-dominju tal-forza tax-xogħol u l-kodifikazzjoni li trid tintuża**

| Suġġett | Suġġett dettaljat | Identifikatur tal-varjabbli | Isem il-varjabbli | Kodiċijiet | Tikketti | Filtru | Tikketti tal-filtru | Sett minimu tal-varjabbli | Tip ta' varjabbli |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 01. Elementi Tekniċi | Informazzjoni dwar il-ġbir tad-*data* | REFYEAR | Sena tal-istħarriġ | SSSS | Sena tal-istħarriġ (4 ċifri) | | Kull min hu fil-popolazzjoni fil-mira | Iva | Tekniċi |
| 01. Elementi Tekniċi | Informazzjoni dwar il-ġbir tad-*data* | REFWEEK | Ġimgħa ta' referenza | 01-53 | Numru tal-ġimgħa (2 ċifri) | | Kull min hu fil-popolazzjoni fil-mira | Iva | Tekniċi |
| 01. Elementi Tekniċi | Informazzjoni dwar il-ġbir tad-*data* | REFMONTH | Xahar ta' referenza | 01-12 | Numru tax-xahar (2 ċifri) | | Kull min hu fil-popolazzjoni fil-mira | Iva | Derivati |
| 01. Elementi Tekniċi | Informazzjoni dwar il-ġbir tad-*data* | INTWEEK | Ġimgħa tal-intervista | 01-53 | Numru tal-ġimgħa (2 ċifri) | | Kull min hu fil-popolazzjoni fil-mira | Iva | Tekniċi |
| 01. Elementi Tekniċi | Informazzjoni dwar il-ġbir tad-*data* | HHTYPE | Għajxien f'unità domestika privata jew istituzzjoni | 1 | Persuna mistħarrġa li tgħix fl-istess unità domestika privata | | Kull min hu fil-popolazzjoni fil-mira | Iva | Tekniċi |
| | | | | 2 | Persuna mistħarrġa fl-unità domestika privata iżda tgħix f'istituzzjoni | | | | |
| | | | | 3 | Persuna mistħarrġa fl-unità domestika privata iżda tgħix f'unità domestika privata oħra | | | | |
| 01. Elementi tekniċi | Informazzjoni dwar il-ġbir tad-*data* | STRATUM | Strat | Mhux Blank | Identifikatur tal-istrat (15-il karattru alfanumeriku) | | Kull min hu fil-popolazzjoni fil-mira, meta l-popolazzjoni fil-mira (jew parti minnha) tkun stratifikata fl-ewwel stadju tad-disinn tal-kampjun jew fil-każ ta' unitajiet primarji tal-kampjunar awtorappreżentattivi | Iva | Tekniċi |
| | | | | Blank | Mhux applikabbli | | | | |
| 01. Elementi tekniċi | Informazzjoni dwar il-ġbir tad-*data* | PSU | Unità primarja tal-kampjunar | Mhux Blank | Identifikatur tal-unità primarja tal-kampjunar (15-il karattru alfanumeriku) | | Kull min hu fil-popolazzjoni fil-mira, meta l-popolazzjoni fil-mira tinqasam f'raggruppamenti (PSUs) | Iva | Tekniċi |
| | | | | Blank | Mhux applikabbli | | | | |

| Suġġett | Suġġett dettaljat | Identifikatur tal-varjabbli | Isem il-varjabbli | Kodiċijiet | Tikketti | Filtru | Tikketti tal-filtru | Sett minimu tal-varjabbli | Tip ta' varjabbli |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 01. Elementi tekniċi | Informazzjoni dwar il-ġbir tad-*data* | FSU | Unità finali (jew aħħarija) tal-kampjunar | Mhux Blank<br>Blank | Identifikatur tal-unità finali tal-kampjunar (15-il karattru alfanumeriku)<br>Mhux applikabbli (biss għall-persuni mhux inklużi fil-kampjun fil-każ ta' kampjun tal-individwi) | | Kull min hu fil-popolazzjoni fil-mira | Le | Tekniċi |
| 01. Elementi tekniċi | Informazzjoni dwar il-ġbir tad-*data* | DE-WEIGHT | Ponderazzjoni tad-disinn | Mhux Blank<br>Blank | Ponderazzjoni tad-disinn (7 ċifri: l-ewwel 5 huma numru sħiħ, l-aħħar 2 huma deċimali)<br>Mhux applikabbli | | Kull min hu fil-popolazzjoni fil-mira | Le | Tekniċi |
| 01. Elementi tekniċi | Identifikazzjoni | IDENT | Identifikatur uniku | Mhux Blank | Identifikatur (25 karattru alfanumeriku) | | Kull min hu fil-popolazzjoni fil-mira | Iva | Tekniċi |
| 01. Elementi tekniċi | Identifikazzjoni | HHNUM | Numru serjali tal-unità domestika | Mhux Blank | Numru tal-unità domestika (8 karattri alfanumeriċi) | | Kull min hu fil-popolazzjoni fil-mira | Iva | Tekniċi |
| 01. Elementi tekniċi | Identifikazzjoni | HHSEQ-NUM | Numru tas-sekwenza fl-unità domestika | 01-98 | Numru tas-sekwenza allokat lil kull membru tal-unità domestika (2 ċifri) | | Kull min hu fil-popolazzjoni fil-mira | Iva | Tekniċi |
| 01. Elementi tekniċi | Ponderazzjonijiet | COEFFQ | Fattur tal-ponderazzjoni trimestrali | 0000000-00-9999999-99<br>Blank | Ponderazzjoni trimestrali b'9 ċifri: l-ewwel 5 ċifri huma numri sħaħ; l-aħħar 4 ċifri huma pożizzjonijiet deċimali<br>Mhux applikabbli | | Kull min hu fil-popolazzjoni fil-mira | Le | Tekniċi |
| 01. Elementi tekniċi | Ponderazzjonijiet | COEFFY | Fattur tal-ponderazzjoni annwali | 0000000-00-9999999-99<br>Blank | Ponderazzjoni annwali b'9 ċifri: l-ewwel 5 ċifri huma numri sħaħ; l-aħħar 4 ċifri fihom pożizzjonijiet deċimali<br>Mhux applikabbli | Kull min hu fil-kampjun/fis-sottokampjun annwali għall-varjabbli annwali | Kull min hu fil-kampjun/fis-sottokampjun annwali għall-varjabbli annwali | Le | Tekniċi |
| 01. Elementi tekniċi | Ponderazzjonijiet | COEFF2Y | Fattur tal-ponderazzjoni għall-varjabbli ta' kull sentejn | 0000000-00-9999999-99 | Ponderazzjoni ta' kull sentejn b'9 ċifri: l-ewwel 5 ċifri huma numri sħaħ; l-aħħar 4 ċifri fihom pożizzjonijiet deċimali | Kull min hu fil-kampjun/fis-sottokampjun annwali għall-varjabbli ta' kull sentejn | Kull min hu fil-kampjun/fis-sottokampjun annwali għall-varjabbli ta' kull sentejn | Le | Tekniċi |

| Suġġett | Suġġett dettaljat | Identifikatur tal-varjabbli | Isem il-varjabbli | Kodiċijiet | Tikketti | Filtru | Tikketti tal-filtru | Sett minimu tal-varjabbli | Tip ta' varjabbli |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Blank | Mhux applikabbli | | | | |
| 01. Elementi tekniċi | Ponderazzjonijiet | COEFF-MOD | Fattur tal-ponderazzjoni annwali – modulu | 0000000-00-9999999-99 | Ponderazzjoni annwali tal-modulu b'9 ċifri: l-ewwel 5 ċifri huma numri sħaħ; l-aħħar 4 ċifri fihom pożizzjonijiet deċimali | Kull min hu fis-sottokampjun tal-modulu annwali | Kull min hu fis-sottokampjun tal-modulu annwali | Le | Tekniċi |
| | | | | Blank | Mhux applikabbli | | | | |
| 01. Elementi tekniċi | Ponderazzjonijiet | COEFFHH | Fattur tal-ponderazzjoni annwali tal-unitajiet domestiċi | 0000000-00-9999999-99 | Ponderazzjoni annwali tal-unità domestika b'9 ċifri: l-ewwel 5 ċifri huma numri sħaħ; l-aħħar 4 ċifri fihom pożizzjonijiet deċimali | Kull min hu fil-kampjun/fis-sottokampjun annwali li jridu jintużaw għall-analiżijiet tal-unitajiet domestiċi | Kull min hu fil-kampjun/fis-sottokampjun annwali li jridu jintużaw għall-analiżijiet tal-unitajiet domestiċi | Iva | Tekniċi |
| | | | | Blank | Mhux applikabbli | | | | |
| 01. Elementi tekniċi | Karatteristiċi tal-intervista | INTWAVE | Numru sekwenzjali tal-mewġa tal-istħarriġ | 1-8 | Numru sekwenzjali tal-mewġa tal-istħarriġ | | Kull min hu fil-popolazzjoni fil-mira | Iva | Tekniċi |
| 01. Elementi tekniċi | Karatteristiċi tal-intervista | INTQUEST | Kwestjonarju użat | 01 | Trimestrali | | Kull min hu fil-popolazzjoni fil-mira | Iva | Tekniċi |
| | | | | 02 | Trimestrali u annwali | | | | |
| | | | | 03 | Trimestrali, annwali u biennali | | | | |
| | | | | 04 | Trimestrali, annwali, biennali u modulu | | | | |
| | | | | 05 | Trimestrali u rispondent (magħżul oriġinarjament) jifforma parti mis-sottokampjun tal-unitajiet domestiċi | | | | |
| | | | | 06 | Trimestrali, annwali u rispondent (magħżul oriġinarjament) jifforma parti mis-sottokampjun tal-unitajiet domestiċi | | | | |
| | | | | 07 | Trimestrali, annwali, biennali u rispondent (magħżul oriġinarjament) jifforma parti mis-sottokampjun tal-unitajiet domestiċi | | | | |

| Suġġett | Suġġett dettaljat | Identifikatur tal-varjabbli | Isem il-varjabbli | Kodiċijiet | Tikketti | Filtru | Tikketti tal-filtru | Sett minimu tal-varjabbli | Tip ta' varjabbli |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | 08 | Trimestrali, annwali, biennali, modulu u rispondent (magħżul oriġinarjament) jifforma parti mis-sottokampjun tal-unitajiet domestiċi | | | | |
| | | | | 09 | Unità domestika – sett minimu tal-varjabbli (għal membri addizzjonali tal-unità domestika) | | | | |
| | | | | 10 | Unità domestika – sett ristrett tal-varjabbli kuntestwali tal-modulu (għal membri addizzjonali tal-unità domestika) | | | | |
| 01. Elementi tekniċi | Karatteristiċi tal-intervista | MODE | Il-modalità tal-intervista użata | 1 | Intervistar personali assistita mill-kompjuter (il-CAPI) | | Kull min hu fil-popolazzjoni fil-mira | Iva | Tekniċi |
| | | | | 2 | Intervistar bit-telefown assistit mill-kompjuter (il-CATI) | | | | |
| | | | | 3 | Intervistar bl-Internet assistit mill-kompjuter (il-CAWI) | | | | |
| | | | | 4 | Intervisti Personali bil-Pinna u l-Karta (il-PAPI) | | | | |
| | | | | 5 | Ikkopjati minn intervista preċedenti | | | | |
| | | | | 6 | Oħrajn | | | | |
| | | | | Blank | Mhux iddikjarat | | | | |
| 01. Elementi tekniċi | Karatteristiċi tal-intervista | PROXY | Natura tal-parteċipazzjoni fl-istħarriġ | 1 | Parteċipazzjoni diretta | | Kull min hu fil-popolazzjoni fil-mira | Iva | Tekniċi |
| | | | | 2 | Parteċipazzjoni indiretta (jiġifieri parteċipazzjoni permezz ta' membru ieħor tal-unità domestika) | | | | |
| | | | | Blank | Mhux iddikjarat | | | | |
| 01. Elementi tekniċi | Lokalizzazzjoni | COUNTRY | Pajjiż ta' residenza | Mhux Blank | Pajjiż ta' residenza (kodiċi SCL GEO alpha-2) | | Kull min hu fil-popolazzjoni fil-mira | Iva | Tekniċi |
| 01. Elementi tekniċi | Lokalizzazzjoni | REGION | Reġjun ta' residenza | Mhux Blank | Reġjun NUTS 3 (3 karattri alfanumeriċi) | | Kull min hu fil-popolazzjoni fil-mira | Iva | Tekniċi |
| 01. Elementi tekniċi | Lokalizzazzjoni | DEGURBA | Grad tal-urbanizzazzjoni | 1 | Bliet | | Kull min hu fil-popolazzjoni fil-mira | Iva | Tekniċi |

| Suġġett | Suġġett dettaljat | Identifikatur tal-varjabbli | Isem il-varjabbli | Kodiċijiet | Tikketti | Filtru | Tikketti tal-filtru | Sett minimu tal-varjabbli | Tip ta' varjabbli |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | 2 | Irħula u subborgi | | | | |
| | | | | 3 | Żoni rurali | | | | |
| 02. Il-karatteristiċi tal-persuni u tal-unitajiet domestiċi | Demografija | SEX | Ġeneru | 1 | Raġel | | Kull min hu fil-popolazzjoni fil-mira | Iva | Miġbura |
| | | | | 2 | Mara | | | | |
| 02. Il-karatteristiċi tal-persuni u tal-unitajiet domestiċi | Demografija | YEARBIR | Sena tat-twelid | SSSS | Sena tat-twelid (4 ċifri) | | Kull min hu fil-popolazzjoni fil-mira | Iva | Miġbura |
| 02. Il-karatteristiċi tal-persuni u tal-unitajiet domestiċi | Demografija | PASSBIR | Għeluq is-snin | 1 | Iva u l-ġimgħa ta' referenza ma tinfirixx fis-sena kalendarja li jmiss | | Kull min hu fil-popolazzjoni fil-mira | Iva | Miġbura |
| | | | | 2 | Le u l-ġimgħa ta' referenza ma tinfirixx fis-sena kalendarja li jmiss | | | | |
| | | | | 3 | Iva u l-ġimgħa ta' referenza tinfirex fis-sena kalendarja li jmiss | | | | |
| | | | | 4 | Le u l-ġimgħa ta' referenza tinfirex fis-sena kalendarja li jmiss | | | | |
| 02. Il-karatteristiċi tal-persuni u tal-unitajiet domestiċi | Demografija | AGE | Età fi snin magħluqa | 0-120 | Età fi snin magħluqa (3 ċifri) | | Kull min hu fil-popolazzjoni fil-mira | Iva | Derivati |
| 02. Il-karatteristiċi tal-persuni u tal- unitajiet domestiċi | Ċittadinanza u sfond migratorju | CITIZENSHIP | Pajjiż taċ-ċittadinanza prinċipali | Mhux Blank | Pajjiż taċ-ċittadinanza ewlenija (Kodiċi SCL GEO alpha-2) | | Kull min hu fil-popolazzjoni fil-mira | Iva | Miġbura |
| | | | | STLS | Mingħajr stat | | | | |
| | | | | FOR | Ċittadinanza barranija iżda l-pajjiż mhux magħruf | | | | |
| | | | | Blank | Mhux iddikjarat | | | | |
| 02. Il-karatteristiċi tal-persuni u tal-unitajiet domestiċi | Ċittadinanza u sfond migratorju | COUNTRYB | Pajjiż tat-twelid | Mhux Blank | Pajjiż tat-twelid (Kodiċi SCL GEO alpha-2) | | Kull min hu fil-popolazzjoni fil-mira | Iva | Miġbura |

| Suġġett | Suġġett dettaljat | Identifikatur tal-varjabbli | Isem il-varjabbli | Kodiċijiet | Tikketti | Filtru | Tikketti tal-filtru | Sett minimu tal-varjabbli | Tip ta' varjabbli |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | FOR | Imwieled/imwielda barra l-pajjiż, iżda l-pajjiż tat-twelid mhux magħruf | | | | |
| | | | | Blank | Mhux iddikjarat | | | | |
| 02. Il-karatteristiċi tal-persuni u tal-unitajiet domestiċi | Ċittadinanza u sfond migratorju | COBFATH | Pajjiż tat-twelid tal-missier | Mhux Blank | Pajjiż tat-twelid tal-missier (Kodiċi SCL GEO alpha-2) | AGE <= 74 | Kull min hu fil-popolazzjoni fil-mira u għandu 74 sena jew inqas | Iva | Miġbura |
| | | | | FOR | Il-missier imwieled barra l-pajjiż, iżda l-pajjiż tat-twelid tal-missier mhux magħruf | | | | |
| | | | | Blank | Mhux iddikjarat | | | | |
| | | | | 999 | Mhux applikabbli | | | | |
| 02. Il-karatteristiċi tal-persuni u tal-unitajiet domestiċi | Ċittadinanza u sfond migratorju | COBMOTH | Pajjiż tat-twelid tal-omm | Mhux Blank | Pajjiż tat-twelid tal-omm (Kodiċi SCL GEO alpha-2) | AGE <= 74 | Kull min hu fil-popolazzjoni fil-mira u għandu 74 sena jew inqas | Iva | Miġbura |
| | | | | FOR | L-omm imwielda barra l-pajjiż, iżda l-pajjiż tat-twelid tal-omm mhux magħruf | | | | |
| | | | | Blank | Mhux iddikjarat | | | | |
| | | | | 999 | Mhux applikabbli | | | | |
| 02. Il-karatteristiċi tal-persuni u tal-unitajiet domestiċi | Raġunijiet għall-migrazzjoni | MIGREAS | Raġuni ewlenija għall-migrazzjoni | 1 | Ix-xogħol, impjieg li nstab qabel il-migrazzjoni | COUNTRY ≠ COUNTRYB AND 15 <= AGE <= 74 | Immigranti tal-ewwel ġenerazzjoni jew persuni bil-pajjiż tat-twelid mhux magħruf, li għandhom bejn il-15 u l-74 sena | Le | Miġbura |
| | | | | 2 | Impjieg, ma nstab l-ebda impjieg qabel il-migrazzjoni | | | | |
| | | | | 3 | Raġunijiet familjari | | | | |
| | | | | 4 | Edukazzjoni jew taħriġ | | | | |
| | | | | 5 | Irtirar | | | | |
| | | | | 6 | Protezzjoni internazzjonali jew asil | | | | |
| | | | | 7 | Oħrajn | | | | |
| | | | | Blank | Mhux iddikjarat | | | | |

| Suġġett | Suġġett dettaljat | Identifikatur tal-varjabbli | Isem il-varjabbli | Kodiċijiet | Tikketti | Filtru | Tikketti tal-filtru | Sett minimu tal-varjabbli | Tip ta' varjabbli |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | 9 | Mhux applikabbli | | | | |
| 02. Il-karatteristiċi tal-persuni u tal-unitajiet domestiċi | Kompożizzjoni tal-unità domestika | HHLINK | Relazzjoni mal-persuna ta' referenza fl-unità domestika | 01 | Persuna ta' referenza | | Kull min hu fil-popolazzjoni fil-mira | Iva | Miġbura |
| | | | | 02 | Sieħeb/sieħba tal-persuna ta' referenza | | | | |
| | | | | 03 | Iben/bint il-persuna ta' referenza | | | | |
| | | | | 04 | Ħaten/ħtint il-persuna ta' referenza | | | | |
| | | | | 05 | Neputi(ja) tal-persuna ta' referenza | | | | |
| | | | | 06 | Ġenitur tal-persuna ta' referenza | | | | |
| | | | | 07 | Kunjatu/a tal-persuna ta' referenza | | | | |
| | | | | 08 | Nannu/a tal-persuna ta' referenza | | | | |
| | | | | 09 | Ħu/oħt il-persuna ta' referenza | | | | |
| | | | | 10 | Qarib ieħor | | | | |
| | | | | 11 | Mhux qarib ieħor | | | | |
| | | | | Blank | Mhux iddikjarat | | | | |
| | | | | 99 | Mhux applikabbli | | | | |
| 02. Il-karatteristiċi tal-persuni u tal-unitajiet domestiċi | Kompożizzjoni tal-unità domestika – dettalji speċifiċi addizzjonali | HHSPOU | Numru tas-sekwenza tas-sieħeb/sieħba | 00 | Il-persuna ma għandha l-ebda sieħeb/sieħba, jew is-sieħeb/sieħba ma j/tappartjenix għal din l-unità domestika | | Kull min hu fil-popolazzjoni fil-mira | Iva | Miġbura |
| | | | | 01-98 | Numru tas-sekwenza tas-sieħeb/sieħba fl-unità domestika | | | | |
| | | | | 99 | Mhux applikabbli | | | | |
| 02. Il-karatteristiċi tal-persuni u tal-unitajiet domestiċi | Kompożizzjoni tal-unità domestika – dettalji speċifiċi addizzjonali | HHFATH | Numru ta' sekwenza tal-missier | 00 | Il-missier ma jappartjenix għal din l-unità domestika | | Kull min hu fil-popolazzjoni fil-mira | Iva | Miġbura |

| Suġġett | Suġġett dettaljat | Identifikatur tal-varjabbli | Isem il-varjabbli | Kodiċijiet | Tikketti | Filtru | Tikketti tal-filtru | Sett minimu tal-varjabbli | Tip ta' varjabbli |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | 01-98 | Numru tas-sekwenza tal-missier fl-unità domestika | | | | |
| | | | | 99 | Mhux applikabbli | | | | |
| 02. Il-karatteristiċi tal-persuni u tal-unitajiet domestiċi | Kompożizzjoni tal-unità domestika — dettalji speċifiċi addizzjonali | HHMOTH | Numru tas-sekwenza tal-omm | 00 | L-omm ma tappartjenix għal din l-unità domestika | | Kull min hu fil-popolazzjoni fil-mira | Iva | Miġbura |
| | | | | 01-98 | Numru tas-sekwenza tal-omm fl-unità domestika | | | | |
| | | | | 99 | Mhux applikabbli | | | | |
| 02. Il-karatteristiċi tal-persuni u tal-unitajiet domestiċi | Permanenza fil-pajjiż | YEARESID | It-tul taż-żmien tal-permanenza fil-pajjiż ta' residenza fi snin magħluqa | 999 | Imweldin f'dan il-pajjiż u qatt ma għexu barra l-pajjiż għal perjodu ta' mill-inqas sena | | Kull min hu fil-popolazzjoni fil-mira | Le | Miġbura |
| | | | | 000 | Inqas minn sena fil-pajjiż, iżda bl-intenzjoni li l-persuna tibqa' mill-inqas sena b'kollox (id-definizzjoni ta' residenza) | | | | |
| | | | | 001-150 | Numru ta' snin f'dan il-pajjiż (mill-aħħar darba li ġie stabbilit il-post tar-residenza tas-soltu f'dan il-pajjiż) | | | | |
| | | | | Blank | Mhux iddikjarat | | | | |
| 02. Il-karatteristiċi tal-persuni u tal-unitajiet domestiċi | Permanenza fil-pajjiż | COUNTRPR | Pajjiż ta' residenza preċedenti | Mhux Blank | Pajjiż ta' residenza preċedenti (Kodiċi SCL GEO alpha-2) | YEARESID = 000-010 | Kull min stabbilixxa l-aħħar post ta' residenza tas-soltu tiegħu fil-pajjiż fl-aħħar għaxar (10) snin | Le | Miġbura |
| | | | | FOR | Pajjiż barrani, iżda l-pajjiż eżatt tar-residenza preċedenti mhux magħruf | | | | |
| | | | | 999 | Mhux applikabbli | | | | |
| 03. Il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol | Status tal-impjieg | WKSTAT | Xogħol tul il-ġimgħa ta' referenza | 1 | Il-persuna ħadmet bi ħlas jew qligħ fil-ġimgħa ta' referenza | 15 <= AGE <= 89 | Kull min hu fil-popolazzjoni fil-mira u għandu bejn il-15 u d-89 sena | Iva | Miġbura |

| Suġġett | Suġġett dettaljat | Identifikatur tal-varjabbli | Isem il-varjabbli | Kodiċijiet | Tikketti | Filtru | Tikketti tal-filtru | Sett minimu tal-varjabbli | Tip ta' varjabbli |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | 2 | Assenti mix-xogħol jew min-negozju tul il-ġimgħa ta' referenza (kif iddikjarat mill-persuna stess) | | | | |
| | | | | 3 | Il-persuna ħadmet bħala ħaddiem tal-familja bla ħlas tul il-ġimgħa ta' referenza | | | | |
| | | | | 4 | Il-persuna la ħadmet u lanqas kellha impjieg jew negozju tul il-ġimgħa ta' referenza | | | | |
| | | | | 9 | Mhux applikabbli | | | | |
| 03. Il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol | Status tal-impjieg | ABSREAS | Ir-raġuni ewlenija għall-assenza mix-xogħol tul il-ġimgħa kollha ta' referenza | 01 | Btajjel | WKSTAT = 2 | Persuni li rrapportaw li kienu assenti mix-xogħol jew min-negozju tul il-ġimgħa ta' referenza | Iva | Miġbura |
| | | | | 02 | Arranġamenti tal-ħin tax-xogħol jew kumpens għas-sahra | | | | |
| | | | | 03 | Liv tal-mard | | | | |
| | | | | 04 | Liv tal-maternità jew tal-paternità | | | | |
| | | | | 05 | Taħriġ relatat max-xogħol | | | | |
| | | | | 06 | Liv tal-ġenituri | | | | |
| | | | | 07 | L-istaġun meta tonqos l-attività | | | | |
| | | | | 08 | Raġuni oħra | | | | |
| | | | | 09 | Il-fatt li l-impjieg għadu ma bediex | | | | |
| | | | | Blank | Mhux iddikjarat | | | | |
| | | | | 99 | Mhux applikabbli | | | | |
| 03. Il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol | Status tal-impjieg | JATTACH | Rabta max-xogħol | 1 | Liv tal-ġenituri b'kull introjtu jew benefiċċju relatat mal-impjieg | ABSREAS = 06, 07, 08, Blank | Persuni li rrapportaw li kienu assenti mix-xogħol tul il-ġimgħa ta' referenza għal waħda mir-raġunijiet ewlenin li ġejjin: liv tal-ġenituri, fl-istaġun meta tonqos l-attività, raġuni oħra jew "ma nafx" | Iva | Miġbura |

| Suġġett | Suġġett dettaljat | Identifikatur tal-varjabbli | Isem il-varjabbli | Kodiċijiet | Tikketti | Filtru | Tikketti tal-filtru | Sett minimu tal-varjabbli | Tip ta' varjabbli |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | 2 | Liv tal-ġenituri mingħajr introjtu jew benefiċċju relatat mal-impjieg u b'tul taż-żmien mistenni ta' tliet (3) xhur jew inqas | | | | |
| | | | | 3 | Liv tal-ġenituri mingħajr introjtu jew benefiċċju relatat mal-impjieg u b'tul taż-żmien mistenni ta' aktar minn tliet (3) xhur | | | | |
| | | | | 4 | Ħaddiem staġunali fl-istaġun meta tonqos l-attività, li jwettaq regolarment kompiti relatati mal-impjieg | | | | |
| | | | | 5 | Ħaddiem staġunali fl-istaġun meta tonqos l-attività, li ma jwettaqx regolarment kompiti relatati mal-impjieg | | | | |
| | | | | 6 | Assenza oħra li ttul tliet (3) xhur jew inqas | | | | |
| | | | | 7 | Assenza oħra li ttul iżjed minn tliet (3) xhur | | | | |
| | | | | 9 | Mhux applikabbli | | | | |
| 03. Il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol | Status tal-impjieg | EMPSTAT | Il-fatt li persuna taħdem | 1 | Persuna impjegata | 15 <= AGE <= 89 | Kull min hu fil-popolazzjoni fil-mira u għandu bejn il-15 u d-89 sena | Iva | Derivati |
| | | | | 2 | Mhux impjegat | | | | |
| | | | | 9 | Mhux applikabbli | | | | |
| 03. Il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol | It-tieni impjieg jew diversi impjiegi | NUMJOB | Numru ta' impjiegi | 1 | Impjieg wieħed biss | EMPSTAT = 1 | Persuni li jaħdmu | Iva | Miġbura |
| | | | | 2 | Żewġ impjiegi | | | | |
| | | | | 3 | Tliet impjiegi jew aktar | | | | |
| | | | | Blank | Mhux iddikjarat | | | | |
| | | | | 9 | Mhux applikabbli | | | | |
| 03. Il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol | Tiftix għal impjieg | SEEKWORK | Tiftix għal impjieg tul l-erba' (4) ġimgħat li jintemmu fil-ġimgħa ta' referenza | 1 | Il-persuna qed tfittex impjieg | EMPSTAT = 2 AND AGE <= 74 | Persuni kklassifikati li ma jaħdmux u li għandhom inqas minn 75 sena | Iva | Miġbura |

| Suġġett | Suġġett dettaljat | Identifikatur tal-varjabbli | Isem il-varjabbli | Kodiċijiet | Tikketti | Filtru | Tikketti tal-filtru | Sett minimu tal-varjabbli | Tip ta' varjabbli |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | 2 | Il-persuna mhix qed tfittex impjieg u diġà sabet impjieg li għadu ma bediex, iżda li se jibda fi żmien tliet (3) xhur minn tmiem il-ġimgħa ta' referenza | | | | |
| | | | | 3 | Il-persuna mhix qed tfittex impjieg u diġà sabet impjieg li għadu ma bediex, iżda li se jibda fi żmien wara aktar minn tliet (3) xhur minn tmiem tal-ġimgħa ta' referenza | | | | |
| | | | | 4 | Il-persuna mhix qed tfittex impjieg u diġà sabet impjieg li beda bejn tmiem il-ġimgħa ta' referenza u d-data tal-intervista | | | | |
| | | | | 5 | Il-persuna mhix qed tfittex impjieg u ma sabet l-ebda impjieg biex tibda taħdem aktar tard | | | | |
| | | | | 9 | Mhux applikabbli | | | | |
| 03. Il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol | Rieda li persuna taħdem | WANTWORK | Il-persuna trid taħdem anki jekk mhix qed tfittex impjieg | 1 | Il-persuna mhix qed tfittex impjieg, iżda xorta tixtieq taħdem | SEEKWORK = 5 | Persuni li ma jaħdmux, li mhux qed ifittxu impjieg u li ma sabux impjieg biex jibdew jaħdmu wara l-ġimgħa ta' referenza | Iva | Miġbura |
| | | | | 2 | Il-persuna mhix qed tfittex impjieg u ma tridx taħdem | | | | |
| | | | | Blank | Mhux iddikjarat | | | | |
| | | | | 9 | Mhux applikabbli | | | | |
| 03. Il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol | Tiftix għal impjieg | SEEKREAS | Ir-raġuni ewlenija għalfejn il-persuna mhix qed tfittex impjieg | 1 | L-ebda impjieg xieraq disponibbli | WANTWORK = 1 | Persuni li ma jaħdmux, li mhux qed ifittxu impjieg u li ma sabux impjieg biex jibdew wara l-ġimgħa ta' referenza, iżda li jixtiequ jaħdmu | Le | Miġbura |

| Suġġett | Suġġett dettaljat | Identifikatur tal-varjabbli | Isem il-varjabbli | Kodiċijiet | Tikketti | Filtru | Tikketti tal-filtru | Sett minimu tal-varjabbli | Tip ta' varjabbli |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | 2 | Edukazzjoni jew taħriġ | | | | |
| | | | | 3 | Mard tal-persuna stess jew diżabbiltà | | | | |
| | | | | 4 | Responsabbiltajiet tal-indukrar | | | | |
| | | | | 5 | Raġunijiet familjari oħra | | | | |
| | | | | 6 | Raġunijiet personali oħra | | | | |
| | | | | 7 | Il-persuna tistenna biex tissejjaħ lura għax-xogħol (sensja) | | | | |
| | | | | 8 | Raġunijiet oħra | | | | |
| | | | | Blank | Mhux iddikjarat | | | | |
| | | | | 9 | Mhux applikabbli | | | | |
| 03. Il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol | Rieda li persuna taħdem | WANTREAS | Ir-raġuni ewlenija għalfejn il-persuna ma tridx taħdem | 1 | Edukazzjoni jew taħriġ | WANTWORK = 2 | Persuni li ma jaħdmux, li mhux qed ifittxu impjieg, li ma sabux impjieg biex jibdew wara l-ġimgħa ta' referenza u li ma jridux jaħdmu | Le | Miġbura |
| | | | | 2 | Mard tal-persuna stess jew diżabbiltà | | | | |
| | | | | 3 | Responsabbiltajiet tal-indukrar | | | | |
| | | | | 4 | Raġunijiet familjari oħra | | | | |
| | | | | 5 | Raġunijiet personali oħra | | | | |
| | | | | 6 | Irtirar | | | | |
| | | | | 7 | Raġunijiet oħra | | | | |
| | | | | Blank | Mhux iddikjarat | | | | |
| | | | | 9 | Mhux applikabbli | | | | |
| 03. Il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol | Tiftix għal impjieg | ACTMETNE | Il-persuni użaw metodu ta' tiftix attiv biex isibu impjieg (għal persuni mhux impjegati) | 1 | Il-persuni użaw metodu ta' tiftix attiv biex isibu xogħol | SEEKWORK = 1 | Persuni li ma jaħdmux u li qed ifittxu impjieg | Iva | Miġbura |

| Suġġett | Suġġett dettaljat | Identifikatur tal-varjabbli | Isem il-varjabbli | Kodiċijiet | Tikketti | Filtru | Tikketti tal-filtru | Sett minimu tal-varjabbli | Tip ta' varjabbli |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | 2 | Il-persuni m'użawx metodu ta' tiftix attiv biex isibu impjieg | | | | |
| | | | | 9 | Mhux applikabbli | | | | |
| 03. Il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol | Nuqqas ta' impjiegi | WISHMORE | Il-persuni jixtiequ jaħdmu aktar min-numru attwali ta' sigħat tas-soltu | 1 | Le | EMPSTAT = 1 | Persuni li jaħdmu | Iva | Miġbura |
| | | | | 2 | Iva | | | | |
| | | | | Blank | Mhux iddikjarat | | | | |
| | | | | 9 | Mhux applikabbli | | | | |
| 03. Il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol | Disponibbiltà | AVAILBLE | Disponibbiltà tal-persuna biex tibda taħdem minnufih jew biex taħdem aktar | 1 | Il-persuna tista' tibda taħdem minnufih (fi żmien ġimagħtejn) | SEEKWORK = 1, 2, 3, 4 OR WANTWORK = 1 OR WISHMORE = 2 | Persuni li diġà sabu impjieg, li qed ifittxu impjieg, li mhux qed ifittxu impjieg iżda li jixtiequ jaħdmu, jew li diġà qed jaħdmu iżda li jixtiequ jaħdmu aktar sigħat | Iva | Miġbura |
| | | | | 2 | Il-persuna ma tistax tibda taħdem minnufih (fi żmien ġimagħtejn) | | | | |
| | | | | 9 | Mhux applikabbli | | | | |
| 03. Il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol | Disponibbiltà | AVAIREAS | Raġuni ewlenija għalfejn il-persuna ma tkunx disponibbli biex tibda taħdem minnufih jew biex taħdem aktar | 1 | Edukazzjoni jew taħriġ | AVAILBLE = 2 | Persuni li ma jistgħux jibdew jaħdmu minnufih (fi żmien ġimagħtejn) | Le | Miġbura |
| | | | | 2 | Mard tal-persuna stess jew diżabbiltà | | | | |
| | | | | 3 | Responsabbiltajiet tal-indukrar | | | | |
| | | | | 4 | Raġunijiet familjari oħra | | | | |
| | | | | 5 | Raġunijiet personali oħra | | | | |
| | | | | 6 | Raġunijiet oħra | | | | |
| | | | | Blank | Mhux iddikjarat | | | | |

| Suġġett | Suġġett dettaljat | Identifikatur tal-varjabbli | Isem il-varjabbli | Kodiċijiet | Tikketti | Filtru | Tikketti tal-filtru | Sett minimu tal-varjabbli | Tip ta' varjabbli |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | 9 | Mhux applikabbli | | | | |
| 03. Il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol | Status tal-impjieg | ILOSTAT | Status tal-impjieg skont l-ILO | 1 | Persuna impjegata | | Kull min hu fil-popolazzjoni fil-mira | Iva | Derivati |
| | | | | 2 | Persuna qiegħda | | | | |
| | | | | 3 | Persuna barra mill-forza tax-xogħol | | | | |
| 03. Il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol | Post tax-xogħol | COUNTRYW | Pajjiż tal-post tax-xogħol għall-impjieg ewlieni | Mhux Blank | Pajjiż tal-post tax-xogħol (Kodiċi SCL GEO alpha-2) | EMPSTAT = 1 | Persuni li jaħdmu | Le | Miġbura |
| | | | | FOR | Pajjiż barrani, iżda l-pajjiż eżatt tal-post tax-xogħol mhux magħruf | | | | |
| | | | | Blank | Mhux iddikjarat | | | | |
| | | | | 999 | Mhux applikabbli | | | | |
| 03. Il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol | Post tax-xogħol | REGIONW | Reġjun tal-post tax-xogħol għall-impjieg ewlieni | Mhux Blank | Reġjun NUTS 3 għall-persuni li jaħdmu fil-pajjiż ta' residenza tagħhom;<br>Reġjun NUTS 2 għall-persuni li jaħdmu f'reġjuni tal-fruntiera ta' pajjiżi ġirien;<br>informazzjoni dwar il-livell tal-pajjiż mod ieħor | EMPSTAT = 1 | Persuni li jaħdmu | Le | Miġbura |
| | | | | Blank | Mhux iddikjarat | | | | |
| | | | | 999 | Mhux applikabbli | | | | |
| 03. Il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol | Xogħol mid-dar | HOMEWORK | Xogħol mid-dar għall-impjieg ewlieni | 1 | Il-persuna taħdem l-aktar mid-dar | EMPSTAT = 1 | Persuni li jaħdmu | Iva | Miġbura |
| | | | | 2 | Il-persuna ġieli taħdem mid-dar | | | | |
| | | | | 3 | Il-persuna qatt ma taħdem mid-dar | | | | |
| | | | | Blank | Mhux iddikjarat | | | | |
| | | | | 9 | Mhux applikabbli | | | | |
| 03. Il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol | Karatteristiċi elementari tal-impjieg | STAPRO | Status fl-impjieg, fil-każ tal-impjieg ewlieni | 1 | Persuna li taħdem għal rasha bl-impjegati | EMPSTAT = 1 | Persuni li jaħdmu | Iva | Miġbura |
| | | | | 2 | Persuna li taħdem għal rasha mingħajr impjegati | | | | |
| | | | | 3 | Impjegat(a) | | | | |

| Suġġett | Suġġett dettaljat | Identifikatur tal-varjabbli | Isem il-varjabbli | Kodiċijiet | Tikketti | Filtru | Tikketti tal-filtru | Sett minimu tal-varjabbli | Tip ta' varjabbli |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | 4 | Ħaddiem tal-familja (bla ħlas) | | | | |
| | | | | Blank | Mhux iddikjarat | | | | |
| | | | | 9 | Mhux applikabbli | | | | |
| 03. Il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol | Karatteristiċi elementari tal-impjieg | NACE3D | Attività ekonomika tal-unità lokali għall-impjieg ewlieni | 010-990 | Kodiċi NACE fil-livell ta' 3 ċifri | EMPSTAT = 1 | Persuni li jaħdmu | Le | Miġbura |
| | | | | Blank | Mhux iddikjarat | | | | |
| | | | | 000 | Mhux applikabbli | | | | |
| 03. Il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol | Karatteristiċi elementari tal-impjieg | ISCO4D | Okkupazzjoni fl-impjieg ewlieni | 0000-9900 | Kodiċi ISCO fil-livell ta' 4 ċifri | EMPSTAT = 1 | Persuni li jaħdmu | Le | Miġbura |
| | | | | Blank | Mhux iddikjarat | | | | |
| | | | | 9999 | Mhux applikabbli | | | | |
| 03. Il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol | Karatteristiċi elementari tal-impjieg | FTPT | Impjieg ewlieni full-time jew part-time (awtodefinit) | 1 | Impjieg full-time | EMPSTAT = 1 | Persuni li jaħdmu | Iva | Miġbura |
| | | | | 2 | Impjieg part-time | | | | |
| | | | | Blank | Mhux iddikjarat | | | | |
| | | | | 9 | Mhux applikabbli | | | | |
| 03. Il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol | Tul taż-żmien tal-kuntratt | TEMP | Permanenza tal-impjieg ewlieni | 1 | Impjieg permanenti | STAPRO = 3 | Impjegati | Iva | Miġbura |
| | | | | 2 | Impjieg b'perjodu fiss | | | | |
| | | | | Blank | Mhux iddikjarat | | | | |
| | | | | 9 | Mhux applikabbli | | | | |
| 03. Il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol | Tul taż-żmien tal-kuntratt | TEMPDUR | Tul taż-żmien totali tal-impjieg ewlieni temporanju | 1 | Inqas minn xahar | TEMP = 2 | Impjegati b'impjieg għal perjodu fiss | Le | Miġbura |

| Suġġett | Suġġett dettaljat | Identifikatur tal-varjabbli | Isem il-varjabbli | Kodiċijiet | Tikketti | Filtru | Tikketti tal-filtru | Sett minimu tal-varjabbli | Tip ta’ varjabbli |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | 2 | Minn xahar sa inqas minn 3 xhur | | | | |
| | | | | 3 | Minn 3 xhur sa inqas minn 6 xhur | | | | |
| | | | | 4 | Minn 6 xhur sa inqas minn 12 xhur | | | | |
| | | | | 5 | Minn 12-il xahar sa inqas minn 18-il xahar | | | | |
| | | | | 6 | Minn 18-il xahar sa inqas minn 24 xahar | | | | |
| | | | | 7 | Minn 24 xahar sa inqas minn 36 xahar | | | | |
| | | | | 8 | 36 xahar jew aktar | | | | |
| | | | | Blank | Mhux iddikjarat | | | | |
| | | | | 9 | Mhux applikabbli | | | | |
| 03. Il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol | Dettalji tal-kuntratt | TEMPREAS | Raġuni ewlenija għalfejn persuna għandha impjieg ewlieni temporanju | 1 | Ma setgħetx issib impjieg permanenti | TEMP = 2 | Impjegati b’impjieg għal perjodu fiss | Le | Miġbura |
| | | | | 2 | Ma riditx impjieg permanenti | | | | |
| | | | | 3 | Kuntratt bi prova għal perjodu fiss | | | | |
| | | | | 4 | Apprendistat | | | | |
| | | | | 5 | Taħriġ ieħor għajr l-apprendistat (apprendisti, internships, assistenti tar-riċerka, eċċ.) | | | | |
| | | | | 6 | Dan it-tip ta’ impjieg hu disponibbli biss b’kuntratt temporanju | | | | |
| | | | | 7 | Raġunijiet oħra | | | | |
| | | | | Blank | Mhux iddikjarat | | | | |
| | | | | 9 | Mhux applikabbli | | | | |

| Suġġett | Suġġett dettaljat | Identifikatur tal-varjabbli | Isem il-varjabbli | Kodiċijiet | Tikketti | Filtru | Tikketti tal-filtru | Sett minimu tal-varjabbli | Tip ta' varjabbli |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 03. Il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol | Dettalji tal-kuntratt | TEMPAGCY | Kuntratt ma' aġenzija tax-xogħol temporanju għall-impjieg ewlieni | 1 | Le | STAPRO = 3 | Impjegati | Le | Miġbura |
| | | | | 2 | Iva | | | | |
| | | | | Blank | Mhux iddikjarat | | | | |
| | | | | 9 | Mhux applikabbli | | | | |
| 03. Il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol | Status tax-xogħol full-time jew part-time – raġuni | FTPTREAS | Raġuni ewlenija għal xogħol part-time fl-impjieg ewlieni | 1 | Edukazzjoni jew taħriġ | FTPT = 2 | Persuni li jaħdmu b'impjieg part-time | Le | Miġbura |
| | | | | 2 | Mard tal-persuna stess jew diżabbiltà | | | | |
| | | | | 3 | Responsabbiltajiet tal-indukrar | | | | |
| | | | | 4 | Raġunijiet familjari oħra | | | | |
| | | | | 5 | Raġunijiet personali oħra | | | | |
| | | | | 6 | Ma setgħetx issib impjieg full-time | | | | |
| | | | | 7 | Raġunijiet oħra | | | | |
| | | | | Blank | Mhux iddikjarat | | | | |
| | | | | 9 | Mhux applikabbli | | | | |
| 03. Il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol | Impjieg għal rasha dipendenti | MAINCLNT | In-numru u l-importanza tal-klijenti fit-12-il xahar li jintemmu bil-ġimgħa ta' referenza | 1 | Klijent wieħed biss fit-12-il xahar li jintemmu bil-ġimgħa ta' referenza | STAPRO = 1, 2 | Ħaddiema li jaħdmu għal rashom | Le | Miġbura |
| | | | | 2 | 2-9 klijenti fit-12-il xahar li jintemmu bil-ġimgħa ta' referenza, iżda wieħed kien dominanti | | | | |
| | | | | 3 | 2-9 klijenti fit-12-il xahar li ntemmu bil-ġimgħa ta' referenza, u ħadd minnhom ma kien dominanti | | | | |
| | | | | 4 | 10 klijenti jew aktar fit-12-il xahar li jintemmu bil-ġimgħa ta' referenza, iżda wieħed kien dominanti | | | | |

| Suġġett | Suġġett dettaljat | Identifikatur tal-varjabbli | Isem il-varjabbli | Kodiċijiet | Tikketti | Filtru | Tikketti tal-filtru | Sett minimu tal-varjabbli | Tip ta' varjabbli |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | 5 | 10 klijenti jew aktar fit-12-il xahar li jintemmu bil-ġimgħa ta' referenza, u ħadd minnhom ma kien dominanti | | | | |
| | | | | 6 | L-ebda klijent fit-12-il xahar li ntemmu bil-ġimgħa ta' referenza | | | | |
| | | | | Blank | Mhux iddikjarat | | | | |
| | | | | 9 | Mhux applikabbli | | | | |
| 03. Il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol | Impjieg għal rasha dipendenti | VARITIME | Deċiżjoni dwar il-bidu u t-tmiem tal-ħin tax-xogħol | 1 | Il-ħaddiem jista' jiddeċiedi għalkollox hu stess | EMPSTAT = 1 | Persuni li jaħdmu | Le | Miġbura |
| | | | | 2 | Il-ħaddiem jista' jiddeċiedi skont arranġamenti flessibbli tal-ħin tax-xogħol | | | | |
| | | | | 3 | Jiddeċiedu l-impjegatur, l-organizzazzjoni, jew il-klijent(i) | | | | |
| | | | | 4 | Tiddeċiedi xi parti oħra | | | | |
| | | | | Blank | Mhux iddikjarat | | | | |
| | | | | 9 | Mhux applikabbli | | | | |
| 03. Il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol | Responsabbiltajiet superviżorji | SUPVISOR | Responsabbiltajiet superviżorji fl-impjieg ewlieni | 1 | Iva | STAPRO = 3 | Impjegati | Le | Miġbura |
| | | | | 2 | Le | | | | |
| | | | | Blank | Mhux iddikjarat | | | | |
| | | | | 9 | Mhux applikabbli | | | | |
| 03. Il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol | Id-daqs tal-istabbiliment | SIZEFIRM | Id-daqs tal-unità lokali għall-impjieg ewlieni | 01-09 | In-numru eżatt ta' persuni, jekk bejn 1 u 9 | EMPSTAT = 1 | Persuni li jaħdmu | Le | Miġbura |
| | | | | 10 | bejn 10 u 19-il persuna | | | | |
| | | | | 11 | bejn 20 u 49 persuna | | | | |
| | | | | 12 | bejn 50 u 249 persuna | | | | |
| | | | | 13 | 250 persuna jew aktar | | | | |

| Suġġett | Suġġett dettaljat | Identifikatur tal-varjabbli | Isem il-varjabbli | Kodiċijiet | Tikketti | Filtru | Tikketti tal-filtru | Sett minimu tal-varjabbli | Tip ta' varjabbli |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | 14 | Ma nafx iżda inqas minn 10 persuni | | | | |
| | | | | 15 | Ma nafx iżda 10 persuni jew aktar | | | | |
| | | | | Blank | Mhux iddikjarat | | | | |
| | | | | 99 | Mhux applikabbli | | | | |
| 03. Il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol | Tiftix għal impjieg ieħor | LOOKOJ | Qed tfittex impjieg ieħor | 1 | Il-persuna mhix qed tfittex impjieg ieħor | EMPSTAT = 1 | Persuni li jaħdmu | Le | Miġbura |
| | | | | 2 | Il-persuna qed tfittex impjieg ieħor | | | | |
| | | | | Blank | Mhux iddikjarat | | | | |
| | | | | 9 | Mhux applikabbli | | | | |
| 03. Il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol | Tiftix għal impjieg ieħor | HWWISH | In-numru ta' sigħat li l-persuna tixtieq taħdem b'kollox fil-ġimgħa | 00-98 | In-numru ta' sigħat li l-persuna xtaqet taħdem b'kollox fil-ġimgħa | EMPSTAT = 1 | Persuni li jaħdmu | Le | Miġbura |
| | | | | Blank | Mhux iddikjarat | | | | |
| | | | | 99 | Mhux applikabbli | | | | |
| 03. Il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol | Tiftix għal impjieg | SEEKDUR | Tul taż-żmien tat-tiftix għal impjieg | 1 | Inqas minn xahar | SEEKWORK = 1, 2, 4 | Persuni li qed ifittxu impjieg jew li diġà sabu impjieg li beda bejn il-ġimgħa ta' referenza u d-data tal-intervista jew li se jibda fi żmien 3 xhur minn tmiem il-ġimgħa ta' referenza | Le | Miġbura |
| | | | | 2 | Minn xahar sa xahrejn | | | | |
| | | | | 3 | Minn 3 sa 5 xhur | | | | |
| | | | | 4 | Minn 6 sa 11-il xahar | | | | |
| | | | | 5 | Minn 12 sa 17-il xahar | | | | |
| | | | | 6 | Minn 18 sa 23 xahar | | | | |

| Suġġett | Suġġett dettaljat | Identifikatur tal-varjabbli | Isem il-varjabbli | Kodiċijiet | Tikketti | Filtru | Tikketti tal-filtru | Sett minimu tal-varjabbli | Tip ta' varjabbli |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | 7 | Minn 24 sa 47 xahar | | | | |
| | | | | 8 | 4 snin jew aktar | | | | |
| | | | | Blank | Mhux iddikjarat | | | | |
| | | | | 9 | Mhux applikabbli | | | | |
| 03. Il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol | Ħtiġijiet ta' indukrar | NEEDCARE | Ir-raġuni ewlenija għalfejn l-indukrar tat-tfal jew tal-qraba inabilitati jillimita l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol | 1 | Servizzi rilevanti tal-indukrar mhumiex disponibbli | SEEKREAS = 4 OR WANTREAS = 3 OR FTPTREAS = 3 OR AVAIREAS = 3 | Persuni li r-raġuni tagħhom għalfejn ma fittxewx impjieg jew għalfejn ma ridux jaħdmu jew għalfejn riedu jaħdmu fuq bażi part-time jew għalfejn ma kinux disponibbli biex jibdew jaħdmu hi li kellhom responsabbiltajiet tal-indukrar | Le | Miġbura |
| | | | | 2 | Servizzi rilevanti tal-indukrar mhumiex affordabbli | | | | |
| | | | | 3 | Il-persuni jridu jipprovdu l-indukrar huma stess | | | | |
| | | | | 4 | Fatturi oħra kienu deċiżivi | | | | |
| | | | | Blank | Mhux iddikjarat | | | | |
| | | | | 9 | Mhux applikabbli | | | | |
— Blokka tirrappreżenta sett uniku ta' informazzjoni li trid tintalab fil-kwestjonarju permezz ta' mistoqsija waħda jew aktar. Dan fih il-kunċetti li skonthom għandha tinġabar l-informazzjoni. Il-kunċetti koperti fi blokka waħda jistgħu jiġu mistoqsija b'xi ordni definita mill-pajjiż. Jidher bħala kaxxa rettangolari:




— Submodulu jirrappreżenta sett ta' blokok li jkopru l-istess kwistjoni. Jidher bħala kaxxa rettangolari bi ġnub qosra fit-tond:




— Fluss 'il barra jirrappreżenta l-informazzjoni reali miġbura fil-blokka u l-fluss konsegwenti lejn blokok oħra. Jidher bħala vleġġa u kaxxa:



— Filtru jirrappreżenta sett ta' informazzjoni bbażata fuq *data* esterna. F'dan il-każ, il-flussi 'l barra tiegħu jiddependu fuq informazzjoni esterna. Jidher rombu bil-flussi 'l barra tiegħu:




— Klassifika intermedja tirrappreżenta r-riżultat intermedju tal-fluss skont id-definizzjoni tal-ILO. Jidher bħala ovali bi sfond ċar u test iswed:




— Klassifika finali tirrappreżenta r-riżultat finali tal-fluss skont id-definizzjoni tal-ILO. Jidher bħala ovali bi sfond skur u test abjad:




— It-tmiem jirrappreżenta t-tmiem tal-flussi fil-flowcharts. Jidher bħala kaxxa f'għamla ta' *parallelepiped*:




7. F'kull *blokka*, in-numru ta' mistoqsijiet li jsiru biex tinġabar l-informazzjoni mitluba jista' jiġi definit mill-Istati Membri. Iżda l-kontenut tal-informazzjoni li trid tinġabar ma jistax jiġi estiż, jiġifieri ma jistgħux isiru mistoqsijiet li mhumiex relatati direttament mal-informazzjoni mitluba jew mal-kunċett kopert fil-*blokka* kkonċernata.

8. Il-kaxxa *fil-fluss 'l barra* jista' jkun fiha element wieħed jew aktar, separati b'punt u virgola, li jkollhom l-istess fluss tat-tmiem. Kull element għandu jiġi rrapportat fil-kwestjonarju u jista' jiġi rrappreżentat minn tweġiba waħda jew minn bosta tweġibiet possibbli. Madankollu, element jista' jitneħħa jekk ikun ġustifikat mill-kuntest nazzjonali (il-liġi jew iċ-ċirkostanzi nazzjonali). L-ordni tal-elementi fil-kwestjonarju ma tistax tinbidel, sakemm ma jkunx speċifikat fil-flowchart. Ma jista' jiżdied l-ebda fluss 'il barra ġdid.

9. Jistgħu jiżdiedu mistoqsijiet fit-tmiem ta' kull submodulu, bejn is-submoduli jew wara xi element (intermedju jew finali) tal-klassifikazzjoni, meta dan ikun ġustifikat mill-kuntest nazzjonali u meta dan ma jħalli l-ebda impatt sinifikanti fuq il-klassifikazzjoni tal-istatus tax-xogħol skont id-definizzjoni tal-ILO. Bħala eċċezzjoni, jistgħu jiżdiedu mistoqsijiet dwar impjiegi żgħar jew xogħol każwali u dwar il-produzzjoni ta' prodotti agrikoli maħsuba għall-bejgħ jew għat-tpartit, jekk meħtieġ fil-kuntest nazzjonali partikolari biex jissodisfaw aħjar id-definizzjoni ta' impjieg skont l-ILO.

10. Il-modulu dwar l-istatus tax-xogħol fih submoduli differenti, li kull wieħed minnhom ikopri fergħa partikolari tal-istatus tax-xogħol skont id-definizzjoni tal-ILO. Il-flussi tal-informazzjoni fost is-submoduli huma stabbiliti f'metaflowchart li tirrappreżenta l-modulu kollu dwar l-istatus tax-xogħol.

11. Il-metaflowchart tal-modulu dwar l-istatus tax-xogħol hi definita kif ġej:




12. Il-flowchart għas-submodulu "Fuq ix-xogħol" u n-noti assoċjati magħha huma definiti kif ġej:



Noti:

**Blokka W1:**

Ix-xogħol jenħtieġ jinftiehem bħala kull attività mwettqa minn persuni biex jipproduċu oġġetti jew biex jipprovdu servizzi ħalli jintużaw minnhom stess jew minn ħaddieħor. Ix-xogħol "bi ħlas jew qligħ" jirreferi għax-xogħol imwettaq bħala parti minn tranżazzjoni bi skambju għal rimunerazzjoni li titħallas fil-forma ta' pagi jew salarji għall-ħin maħdum jew għax-xogħol li jsir, jew fil-forma ta' qligħ li jirriżulta mill-oġġetti u s-servizzi prodotti bi tranżazzjonijiet tas-suq. It-terminu "ħlas" ikopri l-flus jew il-ħlas in natura, kemm jekk taxxabbli kif ukoll jekk le.

L-għażla ppreferuta hija dik li tispeċifika "bi ħlas jew qligħ". Madankollu, jekk ikun ġustifikat fil-kuntest nazzjonali partikolari, jista' jintuża kliem alternattiv bħal "bħala impjegat imħallas jew ħaddiem għal rasu", diment li dan ikun jiddeskrivi l-istess kunċett. Jekk it-terminu "qligħ" ikun diffiċli wisq biex jiġi tradott, soluzzjoni tajba tista' tkun li jsiru aktar minn mistoqsija waħda. Bħala l-inqas għażla ppreferuta, jekk ikun ċar b'xi lingwa nazzjonali partikolari li l-għan hu li jiġu identifikati dawk li ħadmu għal rimunerazzjoni, it-terminu "qligħ" jista' jitħalla barra u jinżamm biss it-terminu "bi ħlas".

L-Istati Membri fejn il-Blokka W1 ma tkoprix it-tipi kollha ta' impjiegi, b'mod partikolari l-impjiegi żgħar jew ix-xogħol każwali u l-produzzjoni tal-prodotti agrikoli maħsuba biex jinbiegħu jew jitpartu, jistgħu jinkludu mistoqsijiet addizzjonali dwar dawn it-tipi speċifiċi ta' xogħol.

**Blokka W2:**

Ix-xogħol li jsir minn ħaddiem tal-familja għandu jinftiehem li mhux imħallas. Jekk jingħata ħlas għax-xogħol li jsir għal negozju li jkun proprjetà ta' membru tal-familja, mela jenħtieġ li l-fluss 'il barra mill-Blokka W1 ikun "iva".

Kull Stat Membru jista' jagħżel jekk l-ewwel jistaqsix dwar ix-xogħol mingħajr ħlas li jsir minn persuna li tkun membru tal-familja jew dwar l-assenza. Jekk l-ewwel issir il-mistoqsija dwar ix-xogħol mingħajr ħlas li jsir minn persuna li tkun membru tal-familja, il-mistoqsija dwar l-assenza hi obbligatorja biss għal dawk li jwieġbu "le" għal din l-ewwel mistoqsija.

Għall-kuntrarju, jekk l-ewwel issir il-mistoqsija dwar l-assenza, jenħtieġ mhux biss li jiġi verifikat jekk dawk li ddikjaraw li ma kinux assenti mix-xogħol kinux qed jaħdmu bħala ħaddiema tal-familja mingħajr ħlas tul il-ġimgħa ta' referenza, iżda anki jekk dawk li ddikjaraw assenza mix-xogħol kinux qed jaħdmu hekk tul il-ġimgħa ta' referenza. Bħala eċċezzjoni, il-mistoqsija dwar is-submodulu "Assenzi mix-xogħol" tista' ssir qabel ma ssir il-mistoqsija dwar xogħol mingħajr li jsir minn persuna li tkun membru tal-familja, jekk ikun rilevanti fil-kuntest nazzjonali partikolari. F'din is-sitwazzjoni, il-mistoqsija dwar xogħol mingħajr ħlas li jsir minn persuna li tkun membru tal-familja ssir biss lil dawk kollha kklassifikati bħala "mhux impjegati" fis-submodulu "Assenzi mix-xogħol".

13. Il-flowchart għas-submodulu "Assenzi mix-xogħol" u n-noti assoċjati magħha huma definiti kif ġej:



Noti:

**Blokka A1:**

"Liv tal-ġenituri" hu l-interruzzjoni mix-xogħol ta' persuna biex trabbi jew tieħu ħsieb tifel żgħir jew tifla żgħira. Dan jistgħu jeħduh l-omm jew il-missier. Din il-kategorija tkopri kemm lill-persuni b'liv statutorju tal-ġenituri (legali, jekk eżistenti, jew kuntrattwali), kif ukoll lil dawk li jaħdmu għal rashom. F'ċerti kuntesti nazzjonali, liv speċjali biex persuna tieħu ħsieb tifel/tifla ta' età żgħira ("liv għall-indukrar") jista' jitqies ukoll bħala liv tal-ġenituri.

Jenħtieġ li r-rispondent ikun f'impjieg (impjegat, jaħdem għal rasu) fil-bidu tal-perjodu tal-assenza. Jekk il-perjodu tal-liv tal-ġenituri jiġi direttament wara perjodu ieħor ta' assenza, jenħtieġ li jitqies l-istatus (jiġifieri fl-impjieg jew le) fil-bidu tal-perjodu ġenerali. Jekk ir-rispondent ma kienx fl-impjieg fil-bidu tal-perjodu tal-liv, l-assenza ma tistax titqies bħala liv tal-ġenituri.

F'każ ta' perjodi konsekuttivi ta' assenza, jenħtieġ li tintgħażel ir-raġuni ewlenija tal-assenza tul il-ġimgħa ta' referenza.

"Xogħol staġunali" tirreferi għal sitwazzjoni tax-xogħol meta l-attività ekonomika (il-produzzjoni ta' oġġetti jew il-forniment ta' servizzi) tal-unità ekonomika titwaqqaf għalkollox għal perjodu rikorrenti u, xi ftit jew wisq, għal perjodu speċifiku tas-sena. L-interruzzjoni tal-attività ekonomika ma għandhiex tkun relatata ma' xi sitwazzjoni partikolari jew eċċezzjonali (maltemp, nuqqas ta' klijenti, eċċ.), iżda jenħtieġ li tkun relatata ma' fatturi standard li jseħħu f'perjodi ripetuti u twal tas-sena. F'dak is-sens, ix-xogħol staġunali jalterna bejn perjodu twil ta' xogħol u perjodu twil ta' liv, f'sena partikolari. F'din is-sitwazzjoni, il-perjodu tal-liv hu definit bħala l-perjodu fl-istaġun meta tonqos l-attività.

"Taħriġ relatat max-xogħol" għall-impjegati jirreferi għal kull taħriġ fejn waħda mit-tliet dikjarazzjonijiet li ġejjin hi vera:

— il-parteċipazzjoni tal-impjegat hija meħtieġa mill-impjegatur,

— it-taħriġ isir matul is-sigħat normali tax-xogħol imħallas u mhux matul xi tip ta' liv,

— it-taħriġ hu konness direttament mal-impjieg attwali, u jitħallas mill-impjegatur jew inkella l-impjegat ikompli jirċievi rimunerazzjoni mingħand l-impjegatur

Għal dawk li jaħdmu għal rashom, it-taħriġ relatat max-xogħol għandu jkun konness mal-attivitajiet tagħhom.

**Blokka A2:**

"Kull introjtu jew benefiċċju relatat max-xogħol" tfisser kull introjtu jew benefiċċju li r-rispondenti ma jkunux intitolati li jirċievu kieku ma kellhomx impjieg fil-mument meta jibda dan il-perjodu ta' assenza, irrispettivament mill-istatus tax-xogħol tagħhom (impjegati jew jaħdmu għal rashom). Jekk il-persuna tkun intitolata li tirċievi dan l-introjtu jew il-benefiċċju iżda tkun għażlet li ma tirċevihx, din jeħtieġ titqies bħala li rċevietu.

L-introjtu jew il-benefiċċju jista' jitħallas mill-impjegatur jew mis-sigurtà soċjali, jew mit-tnejn li huma. Dan jinkludi kull kumpens tal-pagi (eż. gratifiki għal-liv tal-ġenituri marbuta mal-impjieg jew kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali), iżda ma jinkludix il-benefiċċji li l-persuna tirċievi anki mingħajr impjieg (eż. gratifiki tal-familja). Jekk l-impjegatur ikompli jħallas il-kontribuzzjonijiet soċjali għall-persuna li tieħu l-liv tal-ġenituri, anki jekk ma jkunx għadu qed jingħata salarju, jenħtieġ li l-persuna titqies li qed tkompli tirċievi introjtu jew benefiċċju relatat max-xogħol.

L-introjtu jew il-benefiċċju relatat max-xogħol ma jistax ikun proporzjonali għall-introjtu riċevut eżatt qabel il-bidu ta' dan il-perjodu ta' assenza. Rata fissa tista' titqies bħala introjtu jew benefiċċju relatat max-xogħol, diment li l-persuna tkun intitolata għalihom minħabba l-impjieg. Minħabba f'hekk, l-introjtu jew il-benefiċċju jistgħu jingħataw b'rata fissa jew bħala persentaġġ tal-aħħar salarju.

Eċċezzjoni għall-paragrafu 2 tal-Artikolu 8 u għall-paragrafu 1 tal-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament hi li l-informazzjoni esterna (aktar milli r-riżultati tal-intervista) tista' tintuża bħala sors tad-*data* għal din il-Blokka A2 jekk mingħajr ambigwità jkun jista' jiġi determinat l-intitolament għal introjtu jew benefiċċju relatat max-xogħol.

Fattur importanti li jrid jitqies hu jekk ir-rispondent għandux garanzija li jista' jmur lura għall-impjieg tiegħu fi tmiem il-liv tal-ġenituri tiegħu.

**Blokka A3:**

Jekk ir-rispondent ma jkunx ħadem tul il-ġimgħa ta' referenza, iżda kien involut regolarment f'attivitajiet jew dmirijiet relatati max-xogħol (eż. manutenzjoni, rinnovazzjoni, eċċ.) fl-istaġun meta tonqos l-attività, jenħtieġ li dan jitqies li kien impjegat. Iżda l-kompiti amministrattivi ma jitqisux bħala attivitajiet jew dmirijiet relatati max-xogħol.

**Blokka A4:**

L-alternattiva "ma nafx" hi proposta biss fl-intervisti bi prokura.

It-tul taż-żmien totali mistenni jirreferi biss għar-raġuni ewlenija tal-assenza. Pereżempju, għal individwi b'liv tal-ġenituri, jenħtieġ li t-tul tal-assenza jeskludi l-liv tal-maternità/paternità.

Jenħtieġ jiġi rreġistrat it-tul taż-żmien totali mistenni tal-assenza, kif evalwat mir-rispondent. Ir-rispondent jista' jistrieħ fuq liġi jew ftehim partikolari, iżda ġeneralment se jwieġeb skont il-perċezzjoni tiegħu stess.

Jekk ir-rispondent ma jkunx jaf jekk it-tul taż-żmien totali tal-assenza tiegħu hux iqsar jew itwal minn tliet (3) xhur, dan jenħtieġ jikkunsidra ż-żmien bejn il-bidu tal-assenza għal dik ir-raġuni u tmiem il-ġimgħa ta' referenza.

14. Il-flowchart għas-submodulu "It-tieni impjieg jew diversi impjiegi" hi definita kif ġej:




15. Il-flowchart għas-submodulu "Tiftix għal impjieg (għal persuni mhux impjegati)" u n-noti assoċjati magħha huma definiti kif ġej:



Noti:

**Blokka S1:**

L-alternattiva "ma nafx" hi proposta biss fl-intervisti bi prokura.

**Blokka S2:**

Il-fatt li diġà nstab impjieg jinkludi lill-ħaddiema staġunali li ma jkunux qed jaħdmu tul il-ġimgħa ta' referenza (l-istaġun meta tonqos l-attività) iżda li jkunu mistennija jerġgħu lura għax-xogħol staġunali tagħhom fi tmiem l-istaġun meta tonqos l-attività.

L-alternattiva "iva u l-persuna bdiet taħdem bejn il-ġimgħa ta' referenza u d-data tal-intervista" hi proposta biss jekk id-data tal-intervista ma tkunx taħbat direttament wara l-ġimgħa ta' referenza.

**Blokka S4:**

L-alternattiva "ma nafx" hi proposta biss f'intervisti bi prokura.

**Blokka S5:**

Il-lista tal-alternattivi għar-raġuni ewlenija għan-nuqqas ta' tiftix għal imjieg tinkludi:

- l-ebda impjieg xieraq disponibbli [din l-alternattiva trid tibqa' fl-ewwel pożizzjoni];
- edukazzjoni jew taħriġ;
- mard tal-persuna stess jew diżabbiltà;
- responsabbiltajiet tal-indukrar;
- raġunijiet familjari oħra;
- raġunijiet personali oħra;
- il-persuna tistenna biex tissejjaħ lura għax-xogħol (sensja) [titneħħa jekk mhix rilevanti];
- raġunijiet oħra; jew
- ma nafx.

Minbarra l-ewwel alternattiva, l-ordni tat-tweġibiet possibbli tista' tiġi deċiża mill-pajjiż skont kunsiderazzjonijiet nazzjonali. Jekk f'xi pajjiż ma tkunx teżisti l-kategorija "ħaddiema mogħtija s-sensja", l-eżitu "il-persuna qed tistenna biex tissejjaħ lura għax-xogħol" jista' jinqabeż fil-kwestjonarju nazzjonali.

"Responsabbiltajiet tal-indukrar" hi limitata għat-tfal tal-persuna stess, għat-tfal tas-sieħeb/sieħba u għal qraba morda, anzjani jew inabilitati. Jenħtieġ li l-persuni li jindukraw għal xi ħbieb tagħhom, għal xi ħadd li mhux qarib tagħhom jew bħala voluntiera jiġu kklassifikati bħala "raġunijiet personali oħra".

**Blokka S6:**

Il-lista tal-alternattivi għar-raġuni ewlenija għalfejn persuna ma tkunx trid taħdem tinkludi:

- edukazzjoni jew taħriġ;
- mard tal-persuna stess jew diżabbiltà;
- responsabbiltajiet tal-indukrar;
- raġunijiet familjari oħra;
- raġunijiet personali oħra;
- irtirar;
- raġunijiet oħra; jew
- ma nafx.

L-ordni u l-qsim tat-tweġibiet possibbli jistgħu jiġu deċiżi mill-pajjiż skont kunsiderazzjonijiet nazzjonali.

"Responsabbiltajiet tal-indukrar" hi limitata għat-tfal tal-persuna stess, għat-tfal tas-sieħeb/sieħba u għal qraba morda, anzjani jew inabilitati. Jenħtieġ li l-persuni li jindukraw għal xi ħbieb tagħhom, għal xi ħadd li mhux qarib tagħhom jew bħala voluntiera jiġu kklassifikati bħala "raġunijiet personali oħra".

16. Il-flowchart għas-submodulu "Metodi ta' tiftix attiv għal impjieg (għal persuni mhux impjegati)" u n-noti assoċjati magħha huma definiti kif ġej:




Noti:

**Blokka M1:**

L-ordni tal-mistoqsijiet hi flessibbli. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu n-numru ta' mistoqsijiet fis-sens li mal-ewwel tweġiba "iva", din il-Blokka M1 tkun tista' tingħalaq, iżda jekk Stat Membru jkun jixtieq ikompli għaddej u jiġbor l-informazzjoni dwar id-disa' metodi kollha, hu liberu li jagħmel dan. L-Istati Membri jistgħu jaqsmu wkoll l-informazzjoni meħtieġa f'diversi mistoqsijiet.

L-alternattiva "il-persuna staqsiet lil ħbieb, qraba jew konoxxenzi" jiġifieri staqsiet dwar opportunitajiet ta' impjiegi, talbet l-għajnuna biex toħloq u taġġorna xi CV obline jew talbet l-għajnuna biex tħejji lilha nnifisha għal xi test jew intervista.

L-alternattiva "il-persuna kkuntattjat lil servizz pubbliku tal-impjiegi" tirreferi għall-kuntatti tar-rispondent relatati mat-tiftix għal impjieg u mhux għall-applikazzjoni għall-benefiċċji tal-qgħad.

Jenħtieġ li l-informazzjoni tinġabar permezz ta' mistoqsijiet magħluqa. Ma għandu jkun hemm l-ebda klassifikazzjoni mill-ġdid minn mistoqsijiet miftuħa.

17. Il-flowchart għas-submodulu "Disponibbiltà għax-xogħol (għal persuni mhux impjegati)" u n-noti assoċjati magħha huma definiti kif ġej:




Noti:

**Blokka V1:**

Jekk ir-rispondent diġà qal li sab impjieg, din il-Blokka tista' tiġi fformulata mill-ġdid bħala "l-impjieg jista' jibda fi żmien ġimagħtejn mill-ġimgħa ta' referenza".

**Blokka V2:**

Il-lista tal-alternattivi għar-raġuni ewlenija għalfejn il-persuna ma tkunx disponibbli biex tibda taħdem fi żmien ġimagħtejn inkludi:

— edukazzjoni jew taħriġ;

— mard tal-persuna stess jew diżabbiltà;

— responsabbiltajiet tal-indukrar;

— raġunijiet familjari oħra;

— raġunijiet personali oħra;

— raġunijiet oħra; jew

— ma nafx.

L-ordni u l-qsim tat-tweġibiet possibbli jistgħu jiġu deċiżi mill-pajjiż skont kunsiderazzjoni nazzjonali.

Jekk ir-rispondent ikun diġà ta it-tweġiba tiegħu fil-Blokka S5, dik it-tweġiba tista' tiġi kkopjata fil-Blokka V2. F'każ bħal dan, iż-żewġ kategoriji tat-tweġibiet addizzjonali fil-Blokka S5 "l-ebda impjieg xieraq disponibbli" u "il-persuna qed tistenna li tissejjaħ lura għax-xogħol (sensja)" jistgħu jiġu kodifikati mill-ġdid fil-Blokka V2 bħala "raġunijiet oħra".

"Responsabbiltajiet tal-indukrar" hi limitata għat-tfal tal-persuna stess, għat-tfal tas-sieħeb/sieħba u għal qraba morda, anzjani jew inabilitati. Jenħtieġ li l-persuni li jindukraw għal xi ħbieb tagħhom, għal xi ħadd li mhux qarib tagħhom jew bħala voluntiera jiġu kklassifikati bħala "raġunijiet personali oħra".

18. Biex jonqas il-piż bla bżonn, ġew definiti regoli simplifikati fil-forma ta' informazzjoni minima meħtieġa li tintalab skont il-grupp tal-età:

— Il-persuni li għandhom bejn il-15 u d-69 sena jiġu intervistati bl-użu tal-"modulu dwar l-istatus tax-xogħol" kollu fl-intervisti/mewġiet kollha skont l-iskema tar-rotazzjoni applikata.

— Il-persuni li għandhom bejn is-70 u l-74 sena jiġu mistoqsija dwar il-"modulu dwar l-istatus tax-xogħol" kollu fl-ewwel intervista/mewġa u fl-intervisti/mewġiet ta' wara, jekk fl-intervista preċedenti jkunu ġew ikklassifikati li jinsabu fis-suq tax-xogħol. Il-persuni li għandhom bejn is-70 u l-74 sena u li fl-intervista preċedenti ġew ikklassifikati li huma barra mill-forza tax-xogħol, jistgħu jiġu intervistati mill-ġdid jew inkella t-tweġibiet tagħhom jistgħu jiġu kkopjati mill-aħħar intervista disponibbli.

— Il-persuni li għandhom bejn il-75 u d-89 sena jiġu mistoqsija biss dwar is-submoduli "Fuq ix-xogħol", "Assenzi mix-xogħol" u "It-tieni impjieg jew diversi impjiegi" fl-ewwel intervista/mewġa. Mit-tieni intervista, il-persuni li għandhom bejn il-75 u d-89 sena jistgħu jiġu intervistati mill-ġdid jew inkella t-tweġibiet tagħhom jistgħu jiġu kkopjati mill-aħħar intervista disponibbli jew minn sorsi esterni jekk ikunu aktar rilevanti fil-kuntest nazzjonali partikolari.

— Il-persuni li ma jistgħux jaħdmu minħabba problemi ta' saħħa dejjiema jiġu mistoqsija dwar il-"modulu dwar l-istatus tax-xogħol" kollu fl-ewwel intervista/mewġa u fl-intervisti/mewġiet ta' wara, jekk fl-intervista preċedenti kienu ġew ikklassifikati li jinsabu fil-forza tax-xogħol. Il-persuni li ma jistgħux jaħdmu minħabba problemi ta' saħħa dejjiema u li fl-intervista preċedenti kienuġew ikklassifikati li jinsabu barra mill-forza tax-xogħol, jistgħu jiġu intervistati mill-ġdid jew inkella t-tweġibiet tagħhom jistgħu jiġu kkopjati mill-aħħar intervista disponibbli.

*ANNESS III*

## Arranġamenti dettaljati u l-kontenut tar-rapporti tal-kwalità

1. L-Istati Membri għandhom jibagħtu rapporti trimestrali, għad-dominju tal-forza tax-xogħol, dwar il-preċiżjoni u rapport annwali tal-kwalità lill-Kummissjoni (il-Eurostat).

2. Ir-rapporti trimestrali dwar il-preċiżjoni għandu jkun fihom informazzjoni bażika dwar il-preċiżjoni u l-affidabbiltà tal-istħarriġ u jiddeskrivu l-bidliet fil-kunċetti bażiċi u d-definizzjonijiet li jaffettwaw il-komparabbiltà matul iż-żmien. L-Istati Membri għandhom jibagħtu rapporti trimestrali dwar il-preċiżjoni fi żmien ġimagħtejn wara d-dati tal-għeluq definiti għat-trażmissjoni tad-*data* tal-istħarriġ dwar il-forza tax-xogħol (l-LFS) trimestrali.

3. Ir-rapport annwali tal-kwalità għandu jkun fih *data* u metadata relatati mal-kwalità u jintbagħat lill-Kummissjoni (il-Eurostat) fi żmien tliet (3) xhur wara d-data tal-għeluq definita għat-trażmissjoni tad-*data* għal *data* oħra tal-LFS.

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/2241

## tas-16 ta' Diċembru 2019

## li jiddeskrivi l-varjabbli u t-tul, ir-rekwiżiti tal-kwalità u l-livell ta' dettall tas-serje taż-żmien għat-trażmissjoni tad-*data* ta' kull xahar dwar il-qgħad skont ir-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' *data* fuq livell individwali miġbura minn kampjuni, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 808/2004, (KE) Nru 452/2008 u (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(3) tiegħu,

Billi:

(1) Il-forniment tad-*data* ta' kull xahar dwar il-qgħad mill-Istati Membri jaqdi rwol essenzjali biex jinforma lill-Kummissjoni (il-Eurostat) u b'hekk jappoġġa l-prijoritajiet ewlenin tal-Unjoni għat-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi billi jiżgura l-użu ta' *data* komparabbli u fil-ħin għall-formulazzjoni u l-monitoraġġ tal-politiki tal-Unjoni mmirati lejn dawk il-prijoritajiet.

(2) Id-*data* ta' kull xahar dwar il-qgħad tintuża biex tinġabar ir-Rata ta' Kull Xahar tal-Qgħad (il-MUR) li hi waħda mill-Indikaturi Ekonomiċi Ewropej Prinċipali ([2]).

(3) L-istatistika ta' kull xahar dwar il-qgħad jenħtieġ tkun ibbażata fuq kunċetti maqbula internazzjonalment kif definit mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO).

(4) Jekk l-Istati Membri ma jikkompilawx l-istatistika ta' kull xahar dwar il-qgħad skont id-definizzjoni tal-ILO, dawn jenħtieġ jikkompilaw stimi ta' kull xahar tal-qgħad jew jittrażmettu inputs ta' kull xahar għall-qgħad lill-Kummissjoni (il-Eurostat) biex tikkompila dawn l-estimi ta' kull xahar f'isimhom.

(5) Id-*data* ta' kull xahar dwar il-qgħad jenħtieġ tkejjel il-qgħad fix-xahar ta' referenza, wara aġġustament għal effetti staġunali possibbli mingħajr livellar eċċessiv. Jenħtieġ li dawn ikunu konsistenti mad-*data* trimestrali miġbura fid-dominju tal-forza tax-xogħol skont ir-Regolament (UE) 2019/1700.

(6) L-Istati Membri jenħtieġ jittrażmettu d-*data* ta' kull xahar dwar il-qgħad skont skeda taż-żmien preċiża biex il-Kummissjoni (il-Eurostat) tkun tista' tissodisfa r-rekwiżiti tat-tempestività tal-utenti.

(7) Il-kwalità tad-*data* ta' kull xahar dwar il-qgħad jenħtieġ tiġi monitorjata b'sett ta' indikaturi maqbula b'mod komuni u applikati b'mod uniformi.

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-varjabbli, it-tul, il-livell ta' dettall u r-rekwiżiti tal-kwalità tad-*data* ta' kull xahar dwar il-qgħad li jenħtieġ tiġi trażmessa lill-Kummissjoni (il-Eurostat) skont ir-Regolament (UE) 2019/1700.

([1]) ĠU L 261I, 14.10.2019, p. 1.

([2]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-istatistika taż-żona tal-euro "Lejn Metodoloġiji Mtejba għall-Istatistika u l-Indikaturi taż-Żona tal-Euro", COM(2002) 661 final.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "statistika ta' kull xahar dwar il-qgħad" tfisser ir-rekord tal-għadd ta' persuni impjegati u qiegħda, u r-"rata tal-qgħad ta' kull xahar" derivata, f'konformità mad-definizzjoni tal-ILO ([3]) kif implimentata fid-dominju tal-forza tax-xogħol skont ir-Regolament (UE) 2019/1700;

(2) "rata tal-qgħad ta' kull xahar" tfisser l-għadd ta' persuni qiegħda diviż bl-għadd ta' persuni impjegati u qiegħda għax-xahar ta' referenza;

(3) "inputs ta' kull xahar dwar il-qgħad" tfisser ir-rekord tal-għadd ta' persuni qiegħda rreġistrati fis-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi tal-Istati Membri;

(4) "stimi ta' kull xahar dwar il-qgħad" tfisser il-kombinazzjoni tad-*data* trimestrali bbażata fuq id-definizzjoni tal-ILO, kif implimentata fid-dominju tal-forza tax-xogħol skont ir-Regolament (UE) 2019/1700, u l-qgħad irreġistrat ta' kull xahar;

(5) "*data* ta' kull xahar dwar il-qgħad" tfisser id-*data* li trid tiġi trażmessa f'konformità ma' dan ir-Regolament, jiġifieri l-istatistika ta' kull xahar dwar il-qgħad, l-inputs ta' kull xahar dwar il-qgħad jew l-istimi ta' kull xahar dwar il-qgħad;

(6) "xahar ta' referenza" tfisser is-sett ta' ġimgħat assemblati kif ġej:

— Kull ġimgħa li tappartjeni għal trimestru ta' referenza, kif stabbilit għad-*data* trimestrali miġbura fid-dominju tal-forza tax-xogħol skont ir-Regolament (UE) 2019/1700, hija allokata biss għal wieħed mit-tliet xhur ta' referenza li jappartjenu għal dak it-trimestru;

— Il-ġimgħat li jappartjenu għalkollox għal xahar kalendarju huma allokati għax-xahar ta' referenza korrispondenti;

— Il-ġimgħat li jgħaddu minn xahrejn kalendarji huma allokati għal wieħed mix-xahrejn ta' referenza korrispondenti.

*Artikolu 3*

**Rekwiżiti tad-*data***

1. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu lill-Kummissjoni (il-Eurostat): l-istatistika ta' kull xahar dwar il-qgħad (l-alternattiva 1), jew l-inputs ta' kull xahar dwar il-qgħad (l-alternattiva 2), jew l-istimi ta' kull xahar dwar il-qgħad (l-alternattiva 3).

2. Is-settijiet tad-*data* li jkun fihom statistika ta' kull xahar dwar il-qgħad għandhom jinkludu statistika ta' kull xahar li tkun rappreżentattiva tax-xahar ta' referenza kollu.

3. Is-settijiet tad-*data* li jkun fihom inputs ta' kull xahar dwar il-qgħad għandhom jinkludu *data* li tikkorrispondi għall-għadd ta' persuni li kienu rreġistrati bħala qiegħda f'perjodu partikolari tax-xahar kalendarju.

4. Iċ-ċifri tal-qgħad irreġistrati u użati fil-kompilazzjoni tal-istimi ta' kull xahar dwar il-qgħad għandhom jikkorrispondu mal-għadd ta' persuni li kienu rreġistrati bħala qiegħda f'perjodu partikolari tax-xahar kalendarju.

5. L-ismijiet u d-definizzjonijiet tal-varjabbli li jridu jiġu trażmessi għandhom ikunu dawk elenkati fl-Anness I għall-istatistika ta' kull xahar dwar il-qgħad (l-alternattiva 1), fl-Anness II għll-inputs ta' kull xahar dwar il-qgħad (l-alternattiva 2) u fl-Anness III għall-istimi ta' kull xahar dwar il-qgħad (l-alternattiva 3).

*Artikolu 4*

**Skadenzi għat-trażmissjoni**

1. Id-*data* ta' kull xahar dwar il-qgħad għandha tiġi trażmessa kull xahar sal-iskadenzi stabbiliti fl-Anness V tar-Regolament (UE) 2019/1700, kif ġej:

(a) għall-Istati Membri li għażlu l-alternattiva 1, l-istatistika ta' kull xahar dwar il-qgħad għandha tiġi trażmessa fi żmien 27 jum wara x-xahar kalendarju;

(b) għall-Istati Membri li għażlu l-alternattiva 2, l-inputs ta' kull xahar dwar il-qgħad għandhom jiġu trażmessi fi żmien 25 jum wara x-xahar kalendarju;

([3]) Kif adottata fil-11 ta' Ottubru 2013 mid-19-il Konferenza Internazzjonali tal-Istatistiċi għall-Forza tax-Xogħol fl-ewwel riżoluzzjoni tagħha li tikkonċerna l-istatistika dwar ix-xogħol, l-impjiegi u l-użu tax-xogħol.

(c) għall-Istati Membri li għażlu l-alternattiva 3, l-istimi ta' kull xahar dwar il-qgħad għandhom jiġu trażmessi fi żmien 25 jum wara x-xahar kalendarju.

2. Fis-snin meta dawn l-iskadenzi jaħbtu nhar ta' Sibt jew nhar ta' Ħadd, l-iskadenza effettiva għandha tkun it-Tnejn ta' wara. Id-*data* ta' kull xahar dwar il-qgħad għax-xahar ta' referenza ta' Novembru għandha tiġi trażmessa sal-31 ta' Diċembru.

It-trasmissjoni tad-*data* għandha tibda sa mhux aktar tard mix-xahar ta' referenza ta' Mejju 2021.

*Artikolu 5*

**Serje b'lura**

1. Għall-Istati Membri li għażlu li jippreżentaw l-istatistika ta' kull xahar dwar il-qgħad (l-alternattiva 1) jew l-istimi ta' kull xahar dwar il-qgħad (l-alternattiva 3):

(a) l-ewwel trażmissjoni għax-xahar ta' referenza ta' Mejju 2021 għandha tinkludi wkoll statistika ta' kull xahar dwar il-qgħad jew, rispettivament, l-istimi ta' kull xahar dwar il-qgħad għax-xhur ta' referenza ta' Jannar sa April 2021;

(b) it-trażmissjoni għax-xahar ta' referenza ta' April 2022 għandha tinkludi serje taż-żmien mingħajr waqfiet għall-istatistika ta' kull xahar dwar il-qgħad jew, rispettivament, l-istimi ta' kull xahar dwar il-qgħad għax-xhur ta' referenza kollha lura sa Jannar 2009 inkluż;

(c) mix-xahar ta' referenza ta' Mejju 2022 'il quddiem, it-trażmissjonijiet għandhom jinkludu serje riveduta lura għal Jannar 2009.

2. Għall-Istati Membri li għażlu li jippreżentaw l-inputs ta' kull xahar dwar il-qgħad (l-alternattiva 2), l-ewwel trażmissjoni għax-xahar ta' referenza ta' Mejju 2021 għandha tinkludi wkoll l-inputs ta' kull xahar dwar l-qgħad lura sa Jannar 2009.

*Artikolu 6*

**Sorsi u metodi**

1. Sad-19 ta' Lulju 2020, l-Istati Membri li għażlu li jippreżentaw l-istimi ta' kull xahar dwar il-qgħad (l-alternattiva 3), jew rispettivament li jippreżentaw l-inputs ta' kull xahar dwar il-qgħad (l-alternattiva 2), għandhom jittrażmettu deskrizzjoni lill-Kummissjoni (il-Eurostat) tas-sorsi u tal-metodi użati għall-kumpilazzjoni tal-istimi ta' kull xahar dwar il-qgħad jew, rispettivament, l-inputs ta' kull xahar dwar il-qgħad.

2. L-Istati Membri li għażlu li jippreżentaw l-istatistika ta' kull xahar dwar il-qgħad (l-alternattiva 1) għandhom jittrażmettu biss deskrizzjoni tal-metodi użati għad-derivazzjoni tal-istatistika ta' kull xahar mid-*data* trimestrali miġbura fid-dominju tal-forza tax-xogħol skont ir-Regolament (UE) 2019/1700.

3. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni (il-Eurostat) xahrejn bil-quddiem qabel ma jimplimentaw xi bidliet fid-deskrizzjoni pprovduta skont il-paragrafu 1 jew 2, u jittrażmettu d-dokumentazzjoni aġġornata sa mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-implimentazzjoni tal-bidliet.

4. F'kull trażmissjoni ta' kull xahar, l-Istati Membri għandhom jinkludu informazzjoni dwar waqfiet possibbli fis-serje kif ukoll avvenimenti speċjali oħra li jaf iħallu impatt fuq il-komparabbiltà tul iż-żmien.

*Artikolu 7*

**Rekwiżiti tal-kwalità**

1. Il-Kummissjoni (il-Eurostat) għandha timmonitorja l-kwalità tar-rata ġenerali tal-qgħad ta' kull xahar, skont il-kunċett tal-ILO, li jippubblikaw l-Istati Membri (l-alternattivi 1 u 3) jew il-Eurostat (l-alternattiva 2) bħala indikatur ewlieni.

2. Il-kwalità tar-rata kumplessiva tal-qgħad ta' kull xahar tiġi mmonitorjata kull tliet snin b'sett ta' indikaturi u limiti inklużi fl-Anness IV.

*Artikolu 8*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2019.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS I*

**L-istatistika ta' kull xahar dwar il-qgħad ippreżentata skont l-Artikolu 3(1) – l-alternattiva 1**

| Isem | Deskrizzjoni | Aġġustamenti statistiċi |
|---|---|---|
| NAT_LFS_PRI.Y.F.MON.UNEMP | Għadd ta' nisa li għandhom bejn il-15 u l-24 sena, li huma qiegħda skont il-kunċett tal-ILO tul ix-xahar ta' referenza. | — Mhux aġġustat skont l- istaġun<br>— Aġġustat skont l- istaġun<br>— Xejra |
| NAT_LFS_PRI.Y.F.MON.EMPL | Għadd ta' nisa li għandhom bejn il- 15 u l-24 sena, li huma impjegati skont il-kunċett tal-ILO tul ix-xahar ta' referenza. | — Mhux aġġustat skont l-istaġun<br>— Aġġustat skont l-istaġun<br>— Xejra |
| NAT_LFS_PRI.Y.M.MON.UNEMP | Għadd ta' rġiel li għandhom bejn il-15 u l-24 sena, li huma qiegħda skont il-kunċett tal-ILO tul ix-xahar ta' referenza. | — Mhux aġġustat skont l-istaġun<br>— Aġġustat skont l-istaġun<br>— Xejra |
| NAT_LFS_PRI.Y.M.MON.EMPL | Għadd ta' rġiel li għandhom bejn il-15 u l-24 sena, li huma impjegati skont il-kunċett tal-ILO tul ix-xahar ta' referenza. | — Mhux aġġustat skont l-istaġun<br>— Aġġustat skont l-istaġun<br>— Xejra |
| NAT_LFS_PRI.O.F.MON.UNEMP | Għadd ta' nisa li għandhom bejn il-25 u l-74 sena, li huma qiegħda skont il-kunċett tal-ILO tul ix-xahar ta' referenza. | — Mhux aġġustat skont l-istaġun<br>— Aġġustat skont l-istaġun<br>— Xejra |
| NAT_LFS_PRI.O.F.MON.EMPL | Għadd ta' nisa li għandhom bejn il-25 u l-74 sena, li huma impjegati skont il-kunċett tal-ILO tul ix-xahar ta' referenza. | — Mhux aġġustat skont l-istaġun<br>— Aġġustat skont l-istaġun<br>— Xejra |
| NAT_LFS_PRI.O.M.MON.UNEMP | Għadd ta' rġiel li għandhom bejn il-25 u l-74 sena, li huma qiegħda skont il-kunċett tal-ILO tul ix-xahar ta' referenza. | — Mhux aġġustat skont l-istaġun<br>— Aġġustat skont l-istaġun<br>— Xejra |
| NAT_LFS_PRI.O.M.MON.EMPL | Għadd ta' rġiel li għandhom bejn il-25 u l-74 sena, li huma impjegati skont il-kunċett tal-ILO tul ix-xahar ta' referenza. | — Mhux aġġustat skont l-istaġun<br>— Aġġustat skont l-istaġun<br>— Xejra |

*ANNESS II*

**L-inputs ta' kull xahar dwar il-qgħad ippreżentati skont l-Artikolu 3(1) – l-alternattiva 2**

| Isem | Deskrizzjoni | Aġġustamenti statistiċi |
|---|---|---|
| PREA.Y.F.MON.UNEMP | Għadd ta' nisa li għandhom bejn il-15 u l-24 sena, li huma qiegħda skont ir-reġistru nazzjonali f'perjodu speċifiku tax-xahar kalendarju. | Mhux aġġustat skont l-istaġun |
| PREA.Y.M.MON.UNEMP | Għadd ta' rġiel li għandhom bejn il-15 u l-24 sena, li huma qiegħda skont ir-reġistru nazzjonali f'perjodu speċifiku tax-xahar kalendarju. | Mhux aġġustat skont l-istaġun |
| PREA.O.F.MON.UNEMP | Għadd ta' nisa li għandhom bejn il-25 u l-74 sena, li huma qiegħda skont ir-reġistru nazzjonali f'perjodu speċifiku tax-xahar kalendarju. | Mhux aġġustat skont l-istaġun |
| PREA.O.M.MON.UNEMP | Għadd ta' rġiel li għandhom bejn il-25 u l-74 sena, li huma qiegħda skont ir-reġistru nazzjonali f'perjodu speċifiku tax-xahar kalendarju. | Mhux aġġustat skont l-istaġun |

*ANNESS III*

**L-istimi ta' kull xahar dwar il-qgħad ippreżentati skont l-Artikolu 3(1) — l-alternattiva 3**

| Isem | Deskrizzjoni | Aġġustamenti statistiċi |
|---|---|---|
| NAT_LFS_PRI.Y.F.MON.UNEMP | Ghadd ta' nisa li għandhom bejn il-15 u l-24 sena, li huma qiegħda tul ix-xahar ta' referenza. | — Mhux aġġustat skont l-istaġun<br>— Aġġustat skont l-istaġun<br>— Xejra |
| NAT_LFS_PRI.Y.F.MON.EMPL | Ghadd ta' nisa li għandhom bejn il-15 u l-24 sena, li huma impjegati tul ix-xahar ta' referenza. | — Mhux aġġustat skont l-istaġun<br>— Aġġustat skont l-istaġun<br>— Xejra |
| NAT_LFS_PRI.Y.M.MON.UNEMP | Ghadd ta' rġiel li għandhom bejn il-15 u l-24 sena, li huma qiegħda tul ix-xahar ta' referenza. | — Mhux aġġustat skont l-istaġun<br>— Aġġustat skont l-istaġun<br>— Xejra |
| NAT_LFS_PRI.Y.M.MON.EMPL | Ghadd ta' rġiel li għandhom bejn il-15 u l-24 sena, li huma impjegati tul ix-xahar ta' referenza. | — Mhux aġġustat skont l-istaġun<br>— Aġġustat skont l-istaġun<br>— Xejra |
| NAT_LFS_PRI.O.F.MON.UNEMP | Ghadd ta' nisa li għandhom bejn il-25 u l-74 sena, li huma qiegħda tul ix-xahar ta' referenza. | — Mhux aġġustat skont l-istaġun<br>— Aġġustat skont l-istaġun<br>— Xejra |
| NAT_LFS_PRI.O.F.MON.EMPL | Ghadd ta' nisa li għandhom bejn il-25 u l-74 sena, li huma impjegati tul ix-xahar ta' referenza. | — Mhux aġġustat skont l-istaġun<br>— Aġġustat skont l-istaġun<br>— Xejra |
| NAT_LFS_PRI.O.M.MON.UNEMP | Ghadd ta' rġiel li għandhom bejn il-25 u l-74 sena, li huma qiegħda tul ix-xahar ta' referenza. | — Mhux aġġustat skont l-istaġun<br>— Aġġustat skont l-istaġun<br>— Xejra |
| NAT_LFS_PRI.O.M.MON.EMPL | Ghadd ta' rġiel li għandhom bejn il-25 u l-74 sena, li huma impjegati tul ix-xahar ta' referenza. | — Mhux aġġustat skont l-istaġun<br>— Aġġustat skont l-istaġun<br>— Xejra |

*ANNESS IV*

## Kwalità

Il-kwalità tar-rata kumplessiva tal-qgħad ta' kull xahar għandha tiġi monitorjata b'sett ta' indikaturi li jkejlu l-volatilità u r-reviżjonijiet, kif spjegat fid-dettall hawn taħt.

L-indikaturi għandhom jiġu kkalkolati tul l-aħħar 36 osservazzjoni ta' kull xahar disponibbli li jibdew minn Mejju 2022.

Dawk l-indikaturi għandhom jiġu aġġornati mill-Kummissjoni (mill-Eurostat) kull tliet snin.

### Volatilità

— Il-korrelazzjoni tal-bidliet minn xahar għal xahar, ikkalkulata qabel l-arrotondament, bħala l-koeffiċjent tal-korrelazzjoni ta' Pearson bejn is-serje tal-bidliet minn xahar għal xahar, u l-istess serje mdewma b'xahar (jiġifieri l-koeffiċjent tal-awtokorrelazzjoni tal-ewwel ordni). Dak l-indikatur jenħtieġ jibqa' fi ħdan l-interval [- 0,30; 0,75].

— Il-frekwenza tat-treġġigħat lura kbar doppji, ikkalkulata bħala l-proporzjon tal-osservazzjonijiet preċedut b'żewġ treġġigħat lura kbar konsekuttivi f'direzzjonijiet opposti. Treġġigħa lura kbira tiġi rreġistrata meta r-rata tal-qgħad ta' kull xahar tvarja b'0,2 punti perċentwali jew aktar. Dak l-indikatur jenħtieġ jibqa' inqas minn 5 %.

### Reviżjonijiet

— Il-frekwenza tar-reviżjonijiet kbar ħafna fil-livelli, ikkalkulata bħala l-proporzjon tal-osservazzjonijiet ta' kull xahar fil-livelli, li jiġu riveduti b'aktar minn 0,3 punti perċentwali bejn l-ewwel stima u d-*data* riveduta li jiġu rilaxxati sitt xhur wara. Il-"livell" jikkorrispondi għall-valur tal-MUR f'xahar ta' referenza partikolari. Dak l-indikatur jenħtieġ jibqa' inqas minn 10 %.

— l-frekwenza tar-reviżjonijiet kbar fil-bidliet minn xahar għal xahar, ikkalkulata bħala l-proporzjon tal-osservazzjonijiet b'bidliet minn xahar għal xahar, li jiġu riveduti b'0,2 punti perċentwali jew aktar bejn l-ewwel stima u d-*data* riveduta li jiġu rilaxxati sitt xhur wara. Dak l-indikatur jenħtieġ jibqa' inqas minn 10 %.

**REGOLAMENT TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/2242**

**tas-16 ta’ Diċembru 2019**

**li jispeċifika l-elementi tekniċi tas-settijiet tad-*data*, li jistabbilixxi l-formati tekniċi u jispeċifika l-arranġamenti dettaljati u l-kontenut tar-rapporti tal-kwalità dwar l-organizzazzjoni ta’ stħarriġ kampjun dwar id-dominju tal-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-għajxien f’konformità mar-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

**(Test b’rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta’ Ottubru 2019 li jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma’ persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta’ *data* fuq livell individwali miġbura minn kampjuni, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 808/2004, (KE) Nru 452/2008 u (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 7(1), l-Artikolu 8(3) u l-Artikolu 13(6) tiegħu,

Billi:

(1) Biex tkun żgurata l-implimentazzjoni preċiża tal-istħarriġ kampjun fir-rigward tad-dominju tal-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-għajxien, EU-SILC, jenħtieġ li l-Kummissjoni tispeċifika l-elementi tekniċi tas-sett tad-*data*, il-formati tekniċi għat-trażmissjoni tal-informazzjoni, u l-arranġamenti dettaljati u l-kontenut tar-rapporti tal-kwalità.

(2) L-istħarriġ tal-EU-SILC hu strument ewlieni biex tingħata l-informazzjoni meħtieġa mis-Semestru Ewropew u mill-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, b’mod partikolari għad-distribuzzjoni tal-introjtu, il-faqar u l-esklużjoni soċjali, kif ukoll diversi politiki tal-UE relatati mal-kundizzjonijiet tal-għajxien u l-faqar, fosthom fuq il-faqar fost it-tfal, l-aċċess għall-kura tas-saħħa u servizzi oħra, l-abitazzjoni, id-dejn eċċessiv u l-kwalità tal-ħajja. Barra minn hekk, dan hu s-sors ewlieni tad-*data* għal skopijiet ta’ mikrosimulazzjoni u stimi rapidi tad-distribuzzjoni tal-introjtu u r-rati tal-faqar.

(3) Għall-komporabbiltà internazzjonali tal-istatisika nazzjonali u reġjonali dwar l-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-għajxien jeħtieġ jintużaw klassifikazzjonijiet tal-istatistika għall-unitajiet territorjali, l-edukazzjoni, l-impjiegi u s-settur ekonomiku li huma kompatibbli mal-klassifikazzjonijiet NUTS ([2]), ISCED ([3]), ISCO ([4]) u NACE ([5]). Jenħtieġ jitqiesu wkoll ir-rakkomandazzjonijiet magħmula min-Nazzjonijiet Uniti fil-Manwal tal-Grupp ta’ Canberra dwar l-Istatistika dwar id-Dħul Domestiku.

(4) Il-miżuri previsti f’dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika,

([1]) ĠU L 261I, 14.10.2019, p. 1.

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta’ klassifikazzjoni komuni ta’ unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1).

([3]) Il-Klassifikazzjoni Standard Internazzjonali tal-Edukazzjoni (ISCED) tal-2011,http://uis.unesco.org/sites/default/files/documents/international-standard-classification-of-education-isced-2011-en.pdf (disponibbli bl-Ingliż u bil-Franċiż).

([4]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2009/824/KE tad-29 ta’ Ottubru 2009 dwar l-użu tal-Klassifika Internazzjonali Standard tal-Impjiegi (ISCO-08) (ĠU L 292, 10.11.2009, p. 31).

([5]) Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta’ attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Dan ir-Regolament jispeċifika l-elementi tekniċi tas-sett tad-data, il-formati tekniċi għat-trażmissjoni tal-informazzjoni mill-Istati Membri lill-Kummissjoni (il-Eurostat) u l-arranġamenti għat-trażmissjoni u l-kontenut tar-rapporti tal-kwalità fid-dominju tal-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-għajxien (EU-SILC).

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "perjodu ta' ħidma fuq il-post" tfisser il-perjodu li matulu tinġabar id-*data* mingħand ir-rispondenti;

(2) "perjodu ta' referenza" tfisser il-perjodu li għalih jirreferi punt partikolari ta' informazzjoni;

(3) "trażversali" tfisser, b'referenza għad-*data*, dawk li jappartjenu għal żmien partikolari jew għal perjodu ta' referenza partikolari;

(4) "lonġitudinali" tfisser, b'referenza għad-*data*, dawk li jappartjenu għal perjodi ta' referenza sussegwenti, li jkunu ġew osservati kull sena għal ċertu perjodu ta' żmien fir-rigward tal-istess unità tal-osservazzjoni;

(5) "persuna tal-kampjun" tfisser membru ta' unità domestika privata fil-kampjun inizjali li tal-inqas ikollu 16-il sena fi tmiem il-perjodu ta' referenza tal-introjtu;

(6) "unità domestika tal-kampjun" tfisser unità domestika privata li tal-anqas ikollha persuna waħda tal-kampjun;

(7) "mudell magħżul tar-rispondent" tfisser modalità tal-kampjunar abbażi ta' individwi fejn l-unità domestika li għaliha jappartjeni r-rispondent magħżul tkun l-unità domestika tal-kampjun, u r-rispondent magħżul ikun il-persuna tal-kampjun;

(8) "età" ta' persuna tfisser l-età fi snin magħluqa fi tmiem il-perjodu ta' referenza tal-introjtu;

(9) "membru kurrenti tal-unità domestika" tfisser membru ta' unità domestika tal-kampjun fil-mument meta tinġabar u tiġi kkompilata d-*data*;

(10) "koresident" tfisser membru kurrenti ta' unità domestika li mhux il-persuna tal-kampjun;

(11) "qsim tal-unità domestika" tfisser sitwazzjoni fejn il-persuni tal-kampjun li jgħixu f'unità domestika tal-kampjun fil-mument tal-mewġa x, ikunu qed jgħixu, fil-mument tal-mewġa x+1, f'aktar minn unità domestika privata waħda fit-territorju nazzjonali inkluż fil-popolazzjoni fil-mira; meta unità domestika ġġarrab qsim, ikun hemm unità domestika inizjali waħda biss, u unità domestika maqsuma waħda jew aktar;

(12) "unità domestika inizjali" tfisser unità domestika tal-kampjun li ġarrbet qsim tal-unità domestika u fejn kwalunkwe persuna tal-kampjun li għexet f'dik l-unità domestika fil-mument tal-mewġa x kienet għadha tgħix fl-istess indirizz fil-mument tal-mewġa x+1. Jekk aktar minn persuna waħda tal-kampjun kienet tgħix fl-unità domestika fil-mument tal-mewġa x u għadha tgħix f'dak l-indirizz fil-mument tal-mewġa x+1 iżda f'unitajiet domestiċi differenti, l-unità domestika inizjali hi l-unità domestika tal-persuna tal-kampjun li għadha tgħix fl-indirizz inizjali u li għandha l-inqas numru ta' persuni msemmi fl-Anness III. Jekk fil-mument tal-mewġa x+1, l-ebda persuna tal-kampjun ma tkun qed tgħix fl-indirizz tal-mewġa x, l-unità domestika tal-persuna tal-kampjun li kellha l-inqas numru ta' persuni fil-mument tal-mewġa x hi l-unità domestika inizjali. Jekk din il-persuna mietet jew ma tgħixx iżjed f'unità domestika privata fit-territorju nazzjonali tal-popolazzjoni fil-mira, l-unità domestika inizjali hi l-unità domestika tal-persuna tal-kampjun bl-inqas numru li jmiss ta' persuni. Għall-mudell tar-rispondent magħżul, "unità domestika inizjali" tfisser l-unità domestika tar-rispondent magħżul;

(13) "unità domestika maqsuma" tfisser unità domestika magħmula minn membri tal-unità domestika li ġarrbet qsim tal-unità domestika, għajr l-unità domestika inizjali;

(14) "unità domestika magħquda" tfisser il-persuni kollha tal-kampjun minn unitajiet domestiċi differenti tal-kampjun mill-mewġa preċedenti li jingħaqdu flimkien biex jiffurmaw unità domestika ġdida;

(15) "immudellar" tfisser il-ġenerazzjoni ta' informazzjoni li tkun nieqsa mis-sett tad-*data*, bl-użu ta' relazzjonijiet sostantivi ma' informazzjoni minn barra s-sett tad-*data*;

(16) "unità tal-ġbir" tfisser unità domestika jew persuna b'ċerti karatteristiċi li magħhom tkun marbuta l-informazzjoni miġbura;

(17) "rispondent tal-unità domestika" tfisser il-persuna li mingħandha tinkiseb l-informazzjoni tal-livell ta' unità domestika;

(18) "disinn tal-pannell tar-rotazzjoni" tfisser għażla tal-kampjun abbażi ta' numru fiss ta' subkampjuni, li kull wieħed minnhom hu rappreżentattiv tal-popolazzjoni fil-mira fil-mument meta jintgħażel. Kull sena, jinqala' subkampjun wieħed u jintgħażel ieħor biex jeħodlu postu;

(19) "mewġa" tfisser sena li fiha subkampjun jipparteċipa fl-istħarriġ;

(20) "pannell" tfisser subkampjun osservat għal aktar minn sena.

*Artikolu 3*

**Kunċetti statistiċi u deskrizzjoni tal-varjabbli**

1. L-Istati Membri għandhom jużaw il-kunċetti statistiċi stabbiliti fl-Anness I.

2. Il-karatteristiċi tekniċi tal-varjabbli għandhom ikunu dawk stabbiliti fl-Anness II u jirreferu għal:

(a) l-identifikatur tal-varjabbli;

(b) isem il-varjabbli;

(c) it-tikketta u l-kodiċi tal-modalità;

(d) l-unità tal-ġbir;

(e) il-mod tal-ġbir;

(f) il-perjodu ta' referenza.

3. Il-varjabbli li għalihom mhux permess li jkollhom valuri nieqsa u li għalihom għandha tiġi attribwita d-*data* għandhom ikunu dawk identifikati fl-Anness II.

4. Id-*data* kollha tal-unitajiet domestiċi u personali għandha tkun tista' tiġi konnessa għat-tul kollu tal-pannell, kemm għall-informazzjoni trażversali kif ukoll għal dik lonġitudinali.

*Artikolu 4*

**Karatteristiċi tal-popolazzjonijiet statistiċi u l-unitajiet tal-osservazzjoni u r-regoli dwar ir-rispondenti**

1. Il-popolazzjoni fil-mira fid-dominju tal-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-għajxien għandha tkun unitajiet domestiċi privati u l-persuni kollha li jiffurmaw dawn l-unitajiet domestiċi fit-territorju tal-Istat Membru.

2. L-informazzjoni fil-livell tal-unitajiet domestiċi u tal-persuni għandha tinġabar jew tiġi kkompilata għall-membri kollha tal-unità domestika, inkluż il-persuni u l-koresidenti kollha tal-kampjun kif speċifikat fl-Anness II. Fil-mudell magħżul tar-rispondent, id-*data* għandha tinġabar b'intervisti individwali biss minn fost ir-rispondenti magħżula li jkollhom 16-il sena jew iżjed. Għal persuna tal-kampjun, li tibda mit-tieni mewġa, għandha tinkiseb informazzjoni dwar jekk dik il-persuna baqgħetx fl-istess indirizz jew imxietx f'indirizz differenti minn sena għal oħra, u f'każ ta' bidla, għandha tinkiseb informazzjoni ġdida tal-kuntatt.

3. Għandha tinġabar informazzjoni dwar il-membri tal-unità domestika mill-mewġa preċedenti li ma għadhomx membri tal-unità domestika, biex jiġi stabbilit jekk dawk il-persuni mitux jew marrux barra minn pajjiżhom jew f'xi istituzzjoni jew f'xi indirizz ieħor fit-territorju nazzjonali.

4. Unità domestika għandha tiġi inkluża għall-ġbir jew għall-kompilazzjoni tal-informazzjoni dettaljata jekk din ikun fiha tal-anqas persuna waħda tal-kampjun.

5. Kemm fl-unità domestika inizjali kif ukoll fl-unità domestika maqsuma, għandha tinġabar jew tiġi kkompilata l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-membri attwali tal-unità domestika u l-informazzjoni kollha fil-livell tal-unità domestika.

6. Għandhom isiru mill-inqas tliet tentattivi biex tiġi kkuntattjata unità domestika jew persuna qabel ma titqies bħala nonrisponsiva, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet konklużivi għalfejn dan ma jistax isir (bħal rifjut definit ta' koperazzjoni jew ċirkostanzi li jipperikolaw is-sikurezza tal-intervistatur).

7. Jekk ikunu permessi intervisti bi prokura, ir-rata ta' prokura għandha tinżamm limitata kemm jista' jkun fir-rigward ta':

(a) il-varjabbli personali tal-introjtu;

(b) kwalunkwe varjabbli meħtieġa għal tal-inqas membru wieħed tal-unità domestika li jkollu 16-il sena u iżjed.

Jekk issir intervista bi prokura, għandha tiġi rreġistrata l-identifikazzjoni tal-persuna li tkun tat l-informazzjoni.

8. Il-karatteristiċi dettaljati tal-identifikazzjoni tal-unitajiet domestiċi u tal-persuni għandhom ikunu dawk stabbiliti fl-Anness III.

*Artikolu 5*

**Perjodi ta' referenza**

1. Il-perjodu ta' referenza tal-introjtu għandu jkun perjodu ta' 12-il xahar, bħas-sena kalendarja jew tat-taxxa preċedenti.

2. Il-perjodi ta' referenza għal varjabbli li ma jirreferux għall-introjtu għandhom ikunu dawk speċifikati fl-Anness II.

*Artikolu 6*

**Karatteristiċi dettaljati tal-kampjun**

1. L-Istati Membri li użaw il-mudell magħżul tar-rispondent qabel id-19 ta' Jannar 2020 biss, għandhom ikunu awtorizzati jkomplu jużaw il-metodu tul is-snin ta' wara.

2. Sostituzzjonijiet kontrollati tal-unitajiet domestiċi jew tal-persuni tal-kampjun jistgħu jiġu permessi biss fl-ewwel sena ta' kull pannell, jekk ir-rata tar-rispons tkun inqas minn 60 % u jkun hemm waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) l-unità domestika jew il-persuna tal-kampjun ma tiġix ikkuntattjata għax ma tkunx tista' tinstab jew ma tkunx aċċessibbli;

(b) l-unità domestika jew il-persuna tal-kampjun tiġi kkuntattjata iżda l-intervista ma titlestiex għax l-unità domestika jew il-persuna tirrifjuta li tikkopera, l-unità domestika kollha tkun 'il bogħod temporanjament, l-unità domestika jew il-persuna ma tkunx tista' twieġeb jew ikun hemm ċirkostanzi li jipperikolaw is-sikurezza tal-intervistatur.

3. Is-sett tal-unitajiet domestiċi jew tal-persuni tal-kampjun għas-sostituzzjoni għandhom jiġu definiti qabel il-ġbir tad-*data*. Ma għandu jkun hemm l-ebda sostituzzjoni ma' unitajiet domestiċi jew persuni li ma jkunux jappartjenu għal dak is-sett.

4. Għandhom jiġu segwiti l-proċeduri biex ikun żgurat li l-proċess tas-sostituzzjoni hu kkontrollat sal-aktar livell possibbli. Dawn il-proċeduri għandhom jinkludu l-użu ta' disinn li jiżgura li s-sostituti magħżula jaqblu mill-qrib mal-unitajiet domestiċi jew mal-persuni li jissostitwixxu mil-lat tal-karatteristiċi sinifikanti tagħhom.

5. Partijiet żgħar tat-territorju nazzjonali li jammontaw għal mhux aktar minn 2 % tal-popolazzjoni nazzjonali jistgħu jiġu esklużi mill-EU-SILC, kif ukoll id-dipartimenti u t-territorji Franċiżi estra-Ewropej. Iż-żewġ esklużjonijiet ma għandhomx isiru simultanjament.

6. Jekk is-subpopolazzjonijiet koperti bl-istħarriġ huma sottorappreżentati b'mod sinifikanti fil-kampjun miksub minħabba nonrispons jew attrizzjoni speċifiċi, l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri fosthom kampjunar żejjed, kalibrazzjoni jew applikazzjoni ta' xi metodu rilevanti biex jissewwa l-preġudizzju riżultanti. Fir-rapport tal-kwalità għandhom jiġu spjegati u vvalutati l-metodi użati, l-impatt tagħhom u kull żvantaġġ.

*Artikolu 7*

**Perjodi u metodi għall-ġbir tad-*data***

1. Għad-*data* miġbura direttament mir-rispondenti, il-perjodu ta' ħidma fuq il-post għandu jkun qrib kemm jista' jkun għall-perjodu ta' referenza tal-introjtu, biex jiġi minimizzat l-intervall taż-żmien bejn l-introjtu u l-varjabbli kurrenti.

2. L-intervall bejn il-ġbir jew il-kompilazzjoni tad-*data* dwar unità domestika jew persuna partikolari għal mewġ suċċessiv għandu jinżamm kemm jista' jkun qrib it-12-il xahar.

3. Id-*data* miġbura direttament mir-rispondenti għandha tinġabar b'metodi assistiti bil-kompjuter, inkluż b'intervista personali assistita b'kompjuter (CAPI), intervista bit-telefown assistita b'kompjuter (CATI) u intervista fuq l-Internet assistita b'kompjuter (CAWI). Għandha tingħata ġustifikazzjoni għal kull eċċezzjoni.

*Artikolu 8*

**Regoli dwar is-segwitu**

1. Il-persuni, il-koresidenti u l-unitajiet domestiċi tal-kampjun għandhom jiġu osservati għall-finijiet tal-istħarriġ tul id-durata tal-pannell skont ir-regoli stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 7.

2. Il-persuni tal-kampjun li jmorru jgħixu f'unità domestika privata fit-territorju nazzjonali kopert bl-istħarriġ għandhom jiġu segwiti sal-post tal-unità domestika.

3. Il-persuni tal-kampjun li jkunu 'l bogħod mill-unità domestika temporanjament iżda li għadhom jitqiesu membri tal-unità domestika għandhom ikunu koperti bl-istħarriġ f'dik l-unità domestika.

4. Il-persuni tal-kampjun li ma għadhomx membri ta' unità domestika privata, jew li marru jgħixu barra mit-territorju nazzjonali kopert bl-istħarriġ jew f'xi istituzzjoni, għandhom jitneħħew mill-istħarriġ.

5. Il-koresidenti li jgħixu f'unità domestika li jkun fiha tal-anqas persuna waħda tal-kampjun għandhom jiġu segwiti.

6. Il-koresidenti li jgħixu f'unità domestika li ma fiha l-ebda persuna tal-kampjun għandhom jitneħħew mill-istħarriġ.

7. Unità domestika tal-kampjun għandha titneħħa mill-istħarriġ f'dawn is-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) l-unità domestika ma kinitx elenkata għal sena waħda minħabba waħda mir-raġunijiet li ġejjin:

(1) l-indirizz kien setax jinstab;

(2) l-indirizz kien mhux residenzjali jew mhux okkupat;

(3) ma kien hemm l-ebda informazzjoni dwar x'ġara mill-unità domestika (l-unità domestika ntilfet);

(4) l-unità domestika rrifjutat li tikkopera;

(b) l-unità domestika ma ġietx ikkuntattjata fl-ewwel sena tal-pannell jew f'sentejn konsekuttivi tal-pannell minħabba waħda mir-raġunijiet li ġejjin:

(1) l-indirizz ma setax jiġi aċċessat;

(2) l-unità domestika kollha kienet 'il bogħod temporanjament jew ma setgħetx twieġeb minħabba inkapaċità jew mard jew minħabba raġunijiet serji oħra.

*Artikolu 9*

**Standards komuni għall-editjar, l-imputazzjoni, il-ponderazzjoni u l-istima tad-*data***

1. L-imputazzjoni, l-immudellar jew il-ponderazzjoni għandhom jiġu applikati lid-*data* meta meħtieġ.

2. Jekk in-nonrisponsività għall-varjabbli tal-introjtu fil-livell tal-komponenti twassal għal *data* nieqsa, għandhom jiġu applikati metodi xierqa tal-imputazzjoni statistika.

3. Jekk xi varjabbli tal-introjtu nett fil-livell tal-komponenti jinġabar direttament, għandhom jiġu applikati metodi xierqa tal-imputazzjoni jew tal-immudellar statistiċi, jew it-tnejn, biex jinkisbu l-varjabbli gross fil-mira meħtieġa u viċiversa.

4. Jekk ikun hemm nonrisponsività għal xi kwestjonarju individwali f'unità domestika tal-kampjun, għandhom jintużaw metodi statistiċi xierqa tal-ponderazzjoni jew tal-imputazzjoni statistiċi biex jiġi kkalkulat l-introjtu totali tal-unità domestika.

5. Il-proċedura applikata għad-*data* għandha żżomm il-varjazzjoni fil-varjabbli u l-korrelazzjoni bejniethom. Għandha tingħata preferenza lill-metodi li jinkorporaw "komponenti tal-errur" fil-valuri imputati, fuq il-metodi li sempliċiment jimputaw valur previst.

6. Għandha tingħata preferenza lill-metodi li jqisu l-istruttura tal-korrelazzjoni (jew karatteristiċi oħra tad-distribuzzjoni konġunta tal-varjabbli), fuq l-approċċ marġinali jew univarjat.

*Artikolu 10*

**Formati għat-trażmissjoni tal-informazzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu d-*data* li tikkonforma mal-karatteristiċi tal-varjabbli kif speċifikat fl-Anness II b'format elettroniku lill-Kummissjoni (il-Eurostat).

2. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu d-*data* lill-Kummissjoni (il-Eurostat) fil-forma ta' fajls tal-mikrodata (inkluż il-ponderazzjonijiet xierqa), bl-użu tal-istandard tal-iskambju tad-*data* u tal-metadata statistika, permezz tal-punt tad-dħul uniku, biex il-Kummissjoni (il-Eurostat) tkun tista' tirkupra d-*data* b'mezzi elettroniċi. Id-*data* trid tkun ġiet verifikata u editjata b'mod sħiħ.

3. Kull sena, l-Istati Membri għandhom jittrażmettu s-subkampjuni kollha li jappartjenu għad-disinn rotazzjonali tas-sena partikolari, irrispettivament mid-durata tagħhom. Is-subkampjuni kollha għandhom jiġu trażmessi flimkien.

4. L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-metadata meħtieġa għall-finijiet tal-mikrosimulazzjoni skont l-ispeċifiċitajiet tal-pajjiż u f'konformità ma' klassifikazzjoni xierqa għall-varjabbli dwar il-benefiċċji soċjali, bl-użu tal-istandards tal-iskambju msemmijin fil-paragrafu 2.

*Artikolu 11*

**Rappurtar tal-kwalità**

1. L-Istati Membri għandhom japplikaw kriterji tal-evalwazzjoni tal-kwalità u l-kontenut dettaljat tar-rapport tal-kwalità kif stabbilit fl-Anness IV.

2. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu l-metadata ta' referenza relatata mal-kwalità li jeżiġi dan ir-Regolament lill-Kummissjoni (il-Eurostat), bl-użu tal-istandard tal-iskambju tad-*data* u tal-metadata statistika. Għandhom jibagħtu l-metadata permezz tal-punt tad-dħul uniku biex il-Kummissjoni (il-Eurostat) tkun tista' tirkupra d-*data* b'mezzi elettroniċi.

*Artikolu 12*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2019.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS I*

**Definizzjonijiet tal-kunċetti statistiċi**

1. KOMPONENTI TA' INTROJTU GROSS

## 1.1. Introjtu tal-impjegat

L-introjtu tal-impjegat hu definit bħala r-remunerazzjoni totali, fi flus jew *in natura*, pagabbli minn impjegatur lil impjegat bħala ħlas għal xogħol li għamel dan tal-aħħar tul il-perjodu ta' referenza tal-introjtu.

L-introjtu tal-impjegat hu mqassam fi:

(1) Introjtu gross tal-impjegat fi flus jew fi kważi flus (PY010G);

(2) Introjtu gross tal-impjegat mhux fi flus (PY020G);

(3) Kontribuzzjonijiet tal-assigurazzjoni soċjali tal-impjegaturi (PY030G).

### 1.1.1. *Introjtu gross fi flus jew fi kważi flus tal-impjegat (PY010G)*

Dan jirreferi għall-komponent monetarju tal-kumpens lil impjegati fi flus pagabbli minn impjegatur lil impjegat. Dan jinkludi l-valur ta' kull kontribuzzjoni soċjali u ta' taxxa fuq l-introjtu pagabbli minn impjegat jew mill-impjegatur f'isem l-impjegat għal skemi tal-assigurazzjoni soċjali jew lill-awtoritajiet tat-taxxa.

Introjtu gross tal-impjegat fi flus jew fi kważi flus jinkludi dawn l-elementi li ġejjin:

— pagi u salarji mħallsin fi flus għall-ħin maħdum jew għax-xogħol magħmul fl-impjieg ewlieni jew f'xi impjieg sekondarju jew każwali,

— remunerazzjoni għall-ħin mhux maħdum (eż. pagamenti waqt vaganza),

— rati ta' ħlas ogħla għal sahra,

— tariffi mħallsin lil diretturi ta' intrapriżi inkorporati,

— pagamenti bir-rata bl-imqietgħa,

— pagamenti għal iffosterjar tat-tfal,

— kummissjonijiet, perkaċċi u għotjiet,

— pagamenti supplimentari (eż. pagament addizzjonali tat-13-il xahar),

— tqassim ta' qligħ u bonusijiet imħallsin fi flus,

— pagamenti addizzjonali abbażi tal-produttività,

— għotjiet imħallsa għal xogħol f'postijiet imbiegħda (meqjusin bħala parti mill-kundizzjonijiet tax-xogħol),

— għotjiet għat-trasport lejn jew mix-xogħol,

— pagamenti addizzjonali magħmulin mill-impjegaturi lill-impjegati tagħhom jew lil dawk li kienu impjegati tagħhom u lil persuni eliġibbli oħra biex jissupplixxu l-ħlas dovut minn skemi tal-assigurazzjoni soċjali għal mard, diżabbiltà, liv tal-maternità jew intitolamenti ta' ħlas tas-superstiti, meta pagamenti bħal dawn ma jkunux jistgħu jiġu identifikati separatament jew b'mod ċar bħala benefiċċji soċjali,

— pagamenti magħmula mill-impjegaturi lil impjegat minflok pagi u salarji permezz ta' skema tal-assigurazzjoni soċjali meta dak l-impjegat ma jkunx jista' jaħdem minħabba mard, diżabbiltà jew liv tal-maternità meta pagament bħal dan ma jkunx jista' jiġi identifikat separatament u b'mod ċar bħala benefiċċji soċjali,

— sussidji fi flus riċevuti mingħand l-impjegatur għall-ispejjeż tal-abitazzjoni.

L-introjtu gross tal-impjegat fi flus jew fi kważi flus ma jinkludix:

— pagamenti magħmula mill-impjegatur biex irodd lura spejjez relatati max-xogħol (eż. vjaġġar fuq xogħol),

— ħlas għat-tkeċċija u għat-terminazzjoni biex jikkumpensa lil impjegati għal impjieg mitmum qabel ma l-impjegat ikun laħaq l-età normali tal-irtirar għal dak l-impjieg, u pagamenti għall-għoti tas-sensja (dawn huma inklużi taħt "Benefiċċji tal-qgħad" (PY090G)),

— għotjiet għal spejjeż marbutin għalkollox mal-impjieg bħal dawk għall-ivvjaġġar u tas-sussistenza jew għall-ilbies protettiv,

— pagamenti f'somom sħaħ fid-data normali tal-ritar (inklużi taħt "Benefiċċji marbuta mal-età" (PY100G)),

— ħlas għal strajk tal-union,

— kontribuzzjonijiet tal-assigurazzjoni soċjali tal-impjegaturi.

1.1.2. *Introjtu gross tal-impjegat mhux fi flus (PY020G)*

Jirreferi għall-komponenti nonmonetarji tal-introjtu li impjegatur jista' jipprovdi bla ħlas jew bi prezz imnaqqas lil impjegat bħala parti mill-pakkett tal-impjieg. (Jekk xi oġġett jew servizz jiġi pprovdut għal użu privat u tax-xogħol, irid ikun stmat l-użu privat bħala proporzjon mill-użu totali u mbagħad jiġi applikat għall-valur totali).

L-introjtu gross tal-impjegat mhux fi flus jinkludi:

— karozza tal-kumpanija u l-kostijiet assoċjati magħha (eż. karburant bla ħlas, taxxi u dazji, kif applikabbli) fornuta għall-użu privat jew għall-użu privat u għall-użu tax-xogħol (PY021G),

— ikliet bla ħlas jew sussidjati, kupuni għall-ikel,

— rimborż jew pagament ta' spejjeż relatati mal-abitazzjoni (eż. gass, elettriku, ilma, telefown jew kontijiet tal-mowbajl),

— akkomodazzjoni fornita bla ħlas jew b'kirja mnaqqsa lil impjegat bħala r-residenza ewlenija jew sekondarja tal-unità domestika,

— oġġetti u servizzi oħra fornuti bla ħlas jew bi prezz imnaqqas mill-impjegaturi lill-impjegati tagħhom, jekk ikunu komponent sinifikanti tal-introjtu fil-livell nazzjonali jew jikkostitwixxu komponent sinifikanti tal-introjtu ta' gruppi partikolari ta' unitajiet domestiċi.

Il-valur tal-oġġetti u tas-servizzi fornuti bla ħlas għandu jiġi kkalkolat skont il-valur tas-suq tagħhom. Il-valur tal-oġġetti u tas-servizzi fornuti bi prezz imnaqqas għandu jiġi kkalkolat bħala d-differenza bejn il-valur tas-suq u l-ammont imħallas mill-impjegat.

L-introjtu gross tal-impjegat mhux fi flus ma jinkludix:

— il-kost għall-impjegatur biex jipprovdi xi wieħed minn dawn l-oġġetti u s-servizzi jekk dawn ikunu meħtieġa biex l-impjegati jkunu jistgħu jwettqu xogħolhom,

— servizzi tal-akkomodazzjoni fuq post tax-xogħol li ma jistgħux jintużaw mill-unitajiet domestiċi li għalihom jappertjenu l-impjegati,

— għotjiet imħallsa lill-impjegati għax-xiri tal-għodod, tat-tagħmir, tal-ilbies, eċċ li meħtieġa esklussivament jew primarjament għal xogħolhom,

— ikliet jew xarbiet speċjali meħtieġa minħabba kundizzjonijiet eċċezzjonali tax-xogħol,

— kull oġġett jew servizz fornut lill-impjegati fuq il-post tax-xogħol jew meħtieġ minħabba n-natura ta' xogħolhom (eż. eżami mediku meħtieġ għax-xogħol).

1.1.3. *Kontribuzzjonijiet obbligatorji/legali tal-assigurazzjoni soċjali tal-impjegaturi (PY030G)*

"Kontribuzzjonijiet tal-impjegaturi" tfisser il-pagamenti magħmula mill-impjegaturi lill-assiguraturi waqt il-perjodu ta' referenza tal-introjtu, għall-benefiċċju tal-impjegati tagħhom (fondi tas-sigurtà soċjali u skemi privati ffinanzjati). It-terminu jkopri l-kontribuzzjonijiet statutorji, konvenzjonali jew kuntrattwali li jipprovdu assigurazzjoni kontra riskji soċjali. Tradizzjonalment, dawn ikopru l-iskemi statutorji tal-pensjoni tal-irtirar, l-assigurazzjoni tas-saħħa statutorja u l-benefiċċju tal-qgħad. Il-kontribuzzjonijiet tal-impjegaturi jitħallsu għal ħafna mill-persuni fl-impjieg u jistgħu jitnaqqsu mill-pagi li jirċievu, skont ir-regoli ppubblikati.

Il-varjabbli jinkludi:

— il-kontribuzzjonijiet tal-impjegaturi għal skemi tal-assigurazzjoni (tas-sigurtà soċjali) tal-gvern (inkluż it-taxxi fuq il-pagi għall-finijiet tal-assigurazzjoni soċjali).

— il-kontribuzzjonijiet tal-impjegaturi għal pjanijiet privati (tal-pensjoni) tal-irtirar li huma komponent minn sistema tal-assigurazzjoni definita f'pajjiż (eż. it-tieni pilastru tal-assigurazzjoni tal-pensjoni),

— il-kontribuzzjonijiet statutorji tal-impjegaturi għal pjanijiet privati oħra (tal-pensjoni) tal-iritar,

— il-kontribuzzjonijiet statutorji jew konvenzjonali tal-impjegaturi għal assigurazzjoni tas-saħħa privata,

— il-kontribuzzjonijiet statutorji jew konvenzjonali tal-impjegaturi għal assigurazzjoni tal-ħajja,

— il-kontribuzzjonijiet statutorji jew konvenzjonali tal-impjegaturi għal skemi oħra tal-assigurazzjoni tal-impjegaturi (eż. tad-diżabbiltà).

Il-varjabbli ma jinkludix il-kontribuzzjonijiet volontarji mill-impjegaturi.

### 1.2. Introjtu ta’ min jaħdem għal rasu

“Introjtu ta’ min jaħdem għal rasu” tfisser l-introjtu li jirċievu individwi waqt il-perjodu ta’ referenza tal-introjtu, għalihom infushom jew fir-rigward ta’ xi membri tal-familja tagħhom, talli jkunu jew kienu jaħdmu għal rashom. “Impjieg ta’ persuna li taħdem għal rasha” tirreferi għall-impjiegi li għalihom ir-remunerazzjoni tiddependi direttament mill-qligħ (jew mill-potenzal ta’ qligħ) miksub mill-oġġetti u mis-servizzi magħmula (bil-konsum proprju li jitqies bħala parti mill-qligħ). Persuna li taħdem għal rasha tieħu d-deċiżjonijiet operazzjonali li jaffettwaw lill-intrapriża tagħha, jew tiddelega deċiżjonijiet bħal dawn waqt li żżomm ir-responsabbiltà għall-benesseri tal-intrapriża. (F’dan il-kuntest, “intrapriża” tinkludi l-operazzjonijiet ta’ persuna waħda). Ir-remunerazzjoni għall-involviment f’passatemp titqies bħala każ ta’ impjieg ta’ persuna li taħdem għal rasha.

Jekk l-introjtu miġbur jew ikkompilat ikun jikkorrispondi għall-perjodu taż-żmien qabel il-perjodu ta’ referenza, għandhom jiġu applikati aġġustamenti bażiċi biex jaġġornaw id-*data* dwar il-perjodu ta’ referenza tal-introjtu.

L-introjtu ta’ persuna li taħdem għal rasha hu mqassam f’dawn:

(1) Qligħ jew telf fi flus gross minn impjieg ta’ persuna li taħdem għal rasha (inkluż ir-royalties) (PY050G);

(2) Valur tal-oġġetti magħmulin għall-konsum proprju (HY170G).

#### 1.2.1. *Qligħ jew telf fi flus gross minn impjieg ta’ persuna li taħdem għal rasha (inkluż ir-royalties) (PY050G)*

Dawn jinkludu:

— qligħ jew telf operatorju nett dovut lis-sidien ħaddiema ta’ intrapriża mhux inkorporata, jew lil sħab f’din, li minnu jitnaqqas l-imgħax fuq is-self kummerċjali,

— royalties miksuba fuq kitbiet, invenzjonijiet u l-bqija, mhux inkużi fil-qligħ/fit-telf ta’ intrapriżi mhux inkorporati,

— kirjiet minn binjiet kummerċjali, minn vetturi, minn makkinarju, eċċ, mhux inklużi fil-qligħ/fit-telf ta’ intrapriżi mhux inkorporati, wara t-tnaqqis tal-kostijiet relatati bħall-imgħax fuq is-self assoċjat, tiswijiet u manutenzjoni u imposti tal-assigurazzjoni.

Dawn ma jinkludux:

— il-ħlasijiet tad-diretturi li jiksbu s-sidien tal-intrapriżi inkorporati (li huma inklużi taħt “Introjtu gross tal-impjegat fi flus jew fi kważi flus” (PY010G)),

— id-dividendi mħallsin mill-intrapriżi inkorporati (li huma inklużi taħt “Imgħax, dividendi, qligħ minn investiment kapitali f’negozju mhux inkorporat” (HY090G)),

— il-qligħ mill-kapital investit f’intrapriża mhux inkorporata li fiha l-persuna ma taħdimx (“soċji akkomandanti”) (dan il-qligħ hu inkluż taħt “Imgħax, dividendi, qligħ minn investiment kapitali f’negozju mhux inkorporat” (HY090G)),

— l-introjtu minn kiri ta’ art u riċevut mingħand persuni li jorqdu f’kulleġġ jew alloġġjanti (li hu inkluż taħt “Introjtu mill-kiri ta’ proprjetà jew ta’ art” (HY040G)),

— l-introjtu minn kiri ta’ abitazzjonijiet mhux inklużi fil-qligħ/fit-telf tal-intrapriżi mhux inkorporati (li hu inkluż taħt “Introjtu mill-kiri ta’ proprjetà jew ta’ art” (HY040G)).

L-introjtu minn impjieg ta’ persuna li taħdem għal rasha għandu jiġi kkalkolat bħala:

— l-output tas-suq (l-introjtu gross għall-fatturat, inkluż il-valur tal-oġġetti magħmulin mill-intrapriża iżda kkunsmati mill-persuna li taħdem għal rasha jew mill-unità domestika tagħha),

— magħdud mal-valur fis-suq tal-oġġetti u tas-servizzi mixtrija għall-intrapriża mhux inkorporata iżda kkunsmati mill-imprenditur u mill-membri tal-unità domestika tiegħu,

— magħdud mal-introjtu tal-proprjetà riċevut b’konnessjoni ma’ assi finanzjarji u oħrajn li jappartjenu għall-intrapriża,

— li minnu jitnaqqas il-konsum intermedjat (il-kostijiet tal-materja prima, il-kostijiet tal-bejgħ, il-kostijiet tad-distribuzzjoni, il-kostijiet tal-manutenzjoni, l-ispejjeż amministrattivi, eċċ.),

— li minnu jitnaqqas il-kumpens lill-impjegati (pagi, salarji u kontribuzzjonijiet soċjali għall-impjegati),

— li minnu jitnaqqsu t-taxxi fuq il-produzzjoni u t-taxxi tal-importazzjoni,

— li minnu jitnaqqas l-imgħax imħallas fuq is-self kummerċjali,

— li minnu jitnaqqsu l-ħlasijiet tal-kirjiet fuq art u assi oħra tanġibli mhux magħmulin u mikrija mill-intrapriża,

— li minnu jitnaqqas il-konsum fuq il-kapital fiss,

— magħdud mas-sussidji.

Fil-prattika jekk il-persuna li taħdem għal rasha jew in-negozju jħejju rendikonti annwali għal finijiet ta' taxxa, il-qligħ/it-telf tal-introjtu gross għandhom jiġu kkalkolati bħala qligħ/telf operatorju nett murija f'dan ir-rendikont tat-taxxa għall-aktar perjodu ta' 12-il xahar riċenti, qabel it-tnaqqis tat-taxxi fuq l-introjtu u l-kontribuzzjonijiet obbligatorji tal-assigurazzjoni soċjali.

Fin-nuqqas ta' rendikonti annwali, kemm għall-finijiet ta' taxxa jew bħala rendikont tan-negozju, l-approċċ alternattiv biex jitkejjel l-introjtu minn impjieg ta' persuna li taħdem għal rasha għandu jkun li jinġabar l-ammont ta' flus (u l-oġġetti) meħuda 'l barra min-negozju għall-użu personali (għal konsum jew tfaddil, inkluż il-valur tas-suq tal-oġġetti magħmulin jew mixtrija min-negozju iżda meħuda għall-użu personali).

1.2.2. *Valur tal-oġġetti magħmulin għall-konsum proprju (HY170G)*

Il-valur tal-oġġetti magħmulin għall-konsum proprju jirreferi għall-valur tal-ikel u tax-xorb magħmulin u kkunsmati fl-istess unità domestika.

Il-valur tal-oġġetti magħmulin għall-konsum proprju għandu jiġi kkalkolat bħala l-valur tas-suq tal-oġġetti magħmulin, u minnu titnaqqas kull spiża mġarrba waqt il-produzzjoni.

Il-valur tal-ikel u tax-xorb għandu jkun inkluż meta dawn ikunu komponent sinifikanti tal-introjtu fil-livell nazzjonali jew jekk ikunu jikkostitwixxu komponent sinifikanti tal-introjtu ta' gruppi partikolari ta' unitajiet domestiċi.

Dan il-valur ma jinkludix:

— il-valur tas-servizzi tal-unitajiet domestiċi,

— xi produzzjoni għall-bejgħ u xi rtirar minn negozju minn persuna li taħdem għal rasha (dawn il-valuri huma inklużi taħt "Qligħ jew telf tal-introjtu gross minn impjieg ta' persuna li taħdem għal rasha" (inkluż ir-royalties) (PY050G)).

1.3. **Introjtu minn proprjetà**

"Introjtu minn proprjetà" tfisser l-introjtu riċevut li minnu jitnaqqsu l-ispejjeż dovuti, waqt il-perjodu ta' referenza tal-introjtu, mis-sid tal-assi finanzjarju jew tal- assi tanġibli mhux magħmulin (art) bi ħlas għall-provvista ta' fondi għal assi tanġibbli mhux magħmul jew għat-tqegħid ta' dan għad-disposizzjoni ta' unità istituzzjonali oħra.

L-introjtu minn proprjetà hu mqassam f'dawn li ġejjin:

(1) Imgħax, dividendi, qligħ minn investiment kapitali f'negozju mhux inkorporat (HY090G);

(2) L-introjtu minn kiri ta' proprjetà jew ta' art (HY040G);

(3) Il-pensjonijiet riċevuti minn pjanijiet privati individwali (għajr dawk koperti mis-sistema Ewropea tal-istatistika integrata tal-protezzjoni soċjali (l-ESSPROS)) (PY080).

1.3.1. *Imgħax, dividendi, qligħ minn investiment kapitali f'negozju mhux inkorporat (HY090G)*

L-imgħax (mhux inkluż fil-qligħ/fit-telf ta' intrapriża mhux inkorporata), dividendi u qligħ minn investiment kapitali f'negozju mhux inkorporat jirreferu għall-ammont tal-imgħax minn assi bħal kontijiet tal-bank, ċertifikati ta' depożiti, bonds, eċċ., dividendi u qligħ minn investiment kapitali f'negozju mhux inkorporat li fih il-persuna ma taħdimx, riċevuti waqt il-perjodu ta' referenza tal-introjtu, li minnhom jitnaqqsu l-ispejjeż imġarrba.

1.3.2. *Introjtu minn kiri ta' proprjetà jew ta' art (HY040G)*

L-introjtu minn kiri ta' proprjetà jew ta' art jirreferi għal-introjtu riċevut, waqt il-perjodu ta' referenza tal-introjtu, minn kiri ta' proprjetà (pereżempju l-introjtu minn kiri ta' abitazzjoni mhux inkluż fil-qligħ/fit-telf ta' intrapriżi mhux inkorporati, introjtu ta' flus mingħand persuni li jorqdu f'kulleġġ jew alloġġjanti jew ċens) wara tnaqqis tal-kostijiet bħar-ripagamenti tal-imgħax fuq l-ipoteki, tiswijiet żgħar, manutenzjoni, assigurazzjoni u imposti oħra.

1.3.3. *Pensjonijiet riċevuti minn pjanijiet privati individwali għajr dawk koperti taħt l-ESSPROS) (PY080).*

Il-pensjonjiet regolari minn pjanijiet privati (għajr dawk koperti taħt l-ESSPROS) jirreferu għall-pensjonijiet u għall-annwalitajiet riċevuti, waqt il-perjodu ta' referenza tal-introjtu, fil-forma ta' introjtu minn imgħaxijiet jew minn dividendi minn pjani privati individwali tal-assigurazzjoni, jiġifieri skemi organizzati għalkollox fejn il-kontribuzzjonijiet ikunu għad-diskrezzjoni tal-kontributur indipendentement mill-impjegatur tiegħu jew mill-gvern.

It-terminu jinkludi:

— Il-persjonijiet tal-anzjanità, tas-superstiti, tal-mard, tad-diżabbiltà u tal-qgħad riċevuti bħala mgħax jew dividendi minn pjanijiet privati individwali tal-assigurazzjoni.

Ma jinkludix:

— Il-pensjonijiet minn skemi obbligatorji tal-gvern,

— Il-pensjonijiet minn skemi obbligatorji abbażi tal-impjegaturi.

## 1.4. **Trasferimenti kurrenti riċevuti**

1.4.1. *Benefiċċji soċjali*

Il-benefiċċji soċjali ([1]) huma definiti bħala trasferimenti kurrenti riċevuti minn unitajiet domestiċi waqt il-perjodu ta' referenza tal-introjtu ([2]) u maħsuba biex itaffulhom il-piż finanzjarju ta' ċerti riskji jew ħtiġijiet, magħmula permezz ta' skemi organizzati kolletivament, jew barra skemi bħal dawn minn unitajiet governattivi u minn istituzzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ li jaqdu lill-unitajiet domestiċi.

Il-benefiċċji soċjali jinkludu l-valur ta' kull kontribuzzjoni soċjali jew taxxa fuq l-introjtu pagabbli fuq il-benefiċċji mill-benefiċjarju għall-iskemi tal-assigurazzjoni soċjali jew lill-awtoritajiet tat-taxxa.

Biex jiġi kklassifikat bħala benefiċċju soċjali, trasferiment irid jissodisfa wieħed minn żewġ kriterji:

— il-kopertura tkun obbligatorja (skont liġi, regolament jew ftehim ta' negozjar kollettiv) għall-grupp inkwistjoni,

— dan ikun ibbażat fuq il-prinċipju tas-solidarjetà soċjali (jiġifieri jekk hi pensjoni ibbażata fuq assigurazzjoni, il-primjum u intitolamenti mhumiex proporzjonati mal-esponiment individwali għar-riskju tal-persuni protetti).

Il-benefiċċji soċjali huma mqassma f'dawn li ġejjin:

(1) Il-benefiċċji tal-familja/relatati mat-tfal (HY050G);

(2) Il-benefiċċji tal-abitazzjoni (HY070G);

(3) Il-benefiċċji tal-qgħad (PY090G);

(4) Il-benefiċċji tal-anzjanità (PY100G);

(5) Il-benefiċċji tas-superstiti (PY110G);

(6) Il-benefiċċji tal-mard (PY120G);

(7) Il-benefiċċji tad-diżabbiltà (PY130G);

(8) Il-benefiċċji relatati mal-edukazzjoni (PY140G);

(9) Gratifiki/benefiċċji tal-esklużjoni soċjali mhux klassifikata band'oħra (HY060G).

Il-benefiċċji soċjali huma klassifikati bħala benefiċċji li għalihom isir jew inkella ma jsirx test tal-mezzi, u bħala kontributorji jew mhux kontributorji.

L-iskemi kontributorji huma skemi tal-protezzjoni soċjali li jeħtieġu l-ħlas ta' kontribuzzjonijiet, mill-persuni protetti jew minn partijiet oħra f'isimhom, biex jiżguraw l-intitolament individwali għall-benefiċċji.

L-iskemi mhux kontributorji huma skemi tal-protezzjoni soċjali li fihom l-eliġibbiltà għall-benefiċċji ma tkunx tiddependi mill-ħlas tal-kontribuzzjonijiet mill-persuni protetti jew minn partijiet oħra f'isimhom.

Il-benefiċċji soċjali li għalihom isir test tal-mezzi huma benefiċċji soċjali kundizzjonali espliċitament jew impliċitament għall-introjtu jew għall-ġid tal-benefiċjarju, jew it-tnejn, li huma inqas minn livell speċifiku.

Il-benefiċċji soċjali li għalihom ma jsirx test tal-mezzi huma benefiċċji soċjali li mhumiex kundizzjonali għall-introjtu jew għall-ġid tal-benefiċjarju, jew it-tnejn, li huma inqas minn livell speċifiku.

([1]) Il-benefiċċji soċjali inklużi fl-EU-SILC, għajr il-benefiċċji tal-akkomodazzjoni huma ristretti għall-benefiċċji fi flus.

([2]) Biex jinkiseb kejl aktar preċiż tal-benesseri tal-unità domestika, il-benefiċċji f'somma f'daqqa riċevuti waqt il-perjodu ta' referenza tal-introjtu jiġu ttrattati skont ir-rakkommandazzjonijiet tekniċi tal-Eurostat. Bl-istess mod, il-pagamenti f'somom f'daqqa riċevuti qabel il-perjodu ta' referenza tal-introjtu jistgħu jitqiesu u jiġu imputati skont ir-rakkommandazzjonijiet tal-Eurostat.

Il-benefiċċji soċjali ma jinkludux:

— il-benefiċċji mħallsa bi skemi li fihom il-benefiċjarju jkun għamel biss pagamenti volontarji, indipendentement mill-impjegatur tiegħu jew mill-gvern (li huma inklużi taħt "Pensonijiet minn skemi privati individwali (għajr dawk koperti taħt l-ESSPROS)" (PY080G)).

### 1.4.1.1. Il-benefiċċju tal-familja/relatat mat-tfal (HY050G)

Il-funzjoni tal-familja/tat-tfal tirreferi għall-benefiċċji li:

— jipprovdu għajnuna finanzjarja lil familji biex irabbu t-tfal,

— jipprovdu assistenza finanzjarja lin-nies li jsostnu qraba oħra għajr it-tfal.

Tinkludi:

— l-introjtu tal-benefiċċju tal-manteniment f'każ ta' twelid ta' tarbija: rata fissa jew pagamenti relatati mal-qligħ maħsuba biex jikkumpensaw lill-ġenitur għal telf ta' qligħ dovut minħabba assenza mix-xogħol b'rabta mat-twelid ta' tarbija għall-perjodu ta' qabel u/jew għall-perjodu ta' wara l-assenza, jew għat-tnejn li huma, jew b'rabta ma' adozzjoni,

— għotja għal twelid: il-benefiċċji mħallsa normalment f'somma f'daqqa jew fi ħlasijiet parzjali fil-każ ta' twelid ta' tarbija jew adozzjoni,

— il-benefiċċju tal-liv tal-ġenituri: il-benefiċċju mħallas kemm lill-omm jew lill-missier fil-każ ta' waqfien mix-xogħol jew ta' tnaqqis fil-ħin tax-xogħol biex irabbu t-tfal, normalment ta' età żgħira,

— il-benefiċċju tal-familja jew tat-tfal: pagamenti perjodiċi lil membru ta' unità domestika bi tfal dipendenti biex jgħinuh fil-kostijiet tat-trobbija tagħhom,

— jew l-appoġġ imħallas mill-gvern (ċentrali jew lokali) jekk il-konjuġi, għal xi raġuni, ma jħallsux l-alimenti/jew il-manteniment għat-tfal. L-ammont imħallas mill-gvern ma għandux jiġi rreġistrat fil-varjabbli HY080 u HY081,

— benefiċċji oħra fi flus: il-benefiċċji mħallsa indipendentement mill-benefiċċji tal-familja biex isostnu lill-unitajiet domestiċi u jgħinuhom ilaħħqu ma' kostijiet speċifiċi, bħall-kostijiet li jirriżultaw mill-ħtiġijiet speċifiċi ta' familji b'ġenitur wieħed jew ta' familji bi tfal b'diżabbiltà. Dawn il-benefiċċji jistgħu jitħallsu perjodikament jew bħala somma f'daqqa.

It-terminu ma jinkludix:

— il-pagamenti magħmulin mill-impjegaturi lil impjegat minflok pagi u salarji permezz ta' skema tal-assigurazzjoni soċjali meta l-impjegat ma jkunx jista' jaħdem minħabba liv tal-maternità, meta pagament bħal dan ma jkunx jista' jiġi identifikat separatament u b'mod ċar bħala benefiċċji soċjali (dawn il-pagamenti huma inklużi taħt "Introjtu gross fi flus jew fi kważi flus tal-impjegat" (PY010G)),

— il-pagamenti addizzjonali magħmula mill-impjegaturi lil impjegat biex jissupplimentaw l-intitolament għal ħlas waqt il-liv tal-maternità minn skemi tal-assigurazzjoni soċjali, meta pagamenti bħal dawn ma jkunux jistgħu jiġu identifikati separatament u b'mod car bħala benefiċċji soċjali (dawn il-pagamenti huma inklużi taħt "Introjtu gross fi flus jew fi kważi flus tal-impjegat" (PY010G)).

### 1.4.1.2. Il-benefiċċji tal-abitazzjoni (HY070G)

Il-funzjoni tal-abitazzjoni tirreferi għall-interventi minn awtoritajiet pubbliċi biex jgħinu lill-unitajiet domestiċi jlaħħqu mal-kostijiet tal-abitazzjoni. Kriterju essenzali biex jiġi definit l-iskop ta' benefiċċju tal-abitazzjoni hu l-eżistenza ta' test tal-mezzi biex wieħed jikkwalifika mill-benefiċċju.

Il-benefiċċji tal-abitazzjoni jinkludu:

— il-benefiċċju għall-kera: trasferiment kurrenti b'test tal-mezzi mogħti minn awtorità pubblika lil kerrejja, temporanjament jew fit-tul, bħala għajnuna għall-kostijiet tal-kera,

— il-benefiċċji pagabbli lil sidien okkupanti: trasferiment b'test tal-mezzi minn awtorità pubblika lil sidien okkupanti biex itaffilhom il-kostijiet kurrenti tal-abitazzjoni tagħhom: fil-prattika ħafna drabi dan jgħin fil-ħlas ta' ipoteki jew imgħax, jew it-tnejn li huma.

It-terminu ma jinkludix:

— il-politika tal-abitazzjoni soċjali organizzata bis-sistema fiskali (jiġifieri il-benifiċċji tat-taxxa),

— it-trasferimenti kapitali kollha (b'mod partikolari l-għotijiet tal-investiment).

1.4.1.3. Il-benefiċċji tal-qgħad (PY090G)

Il-benefiċċji tal-qgħad jirreferu għall-benefiċċji li jpattu għalkollox jew parzjalment għat-telf tal-introjtu ta' ħaddiem minħabba t-telf ta' impjieg bi qligħ; jipprovdu introjtu ta' sussistenza (jew aħjar) għall-individwi li jidħlu jew li jidħlu mill-ġdid fis-suq tax-xogħol; jikkumpensaw għal telf fil-qligħ minħabba qgħad parzjali; ipattu għalkollox jew parzjalment għat-telf tal-introjtu ta' ħaddiem akbar fl-età li jirtira mill-impjieg bi qligħ qabel l-età legali tal-irtirar minħabba tnaqqis fl-impjiegi għal raġunijiet ekonomiċi; jikkontribwixxu għall-kost tat-taħriġ jew tat-taħriġ mill-ġdid tal-persuni li qed ifittxu impjieg; jew jgħinu lin-nies qiegħda biex jagħmlu tajjeb għall-kostijiet tal-ivvjaġġar jew tar-rilokazzjoni biex isibu impjieg.

It-terminu jinkludi:

— il-benefiċċji tal-qgħad sħaħ: il-benefiċċji li jikkumpensaw għat-telf ta' qligħ meta persuna tkun kapaċi taħdem u lesta għax-xogħol iżda ma tkunx tista' issib impjieg xieraq, inkluż il-persuni li ma kinux impjegati qabel,

— il-benefiċċji tal-qgħad parzjali: il-benefiċċji li jikkumpensaw għat-telf ta' pagi jew ta' salarju minħabba arranġamenti tax-xogħol formali għal żmien qasir jew skedi tax-xogħol intermittenti, jew it-tnejn li huma, irrispettivament mill-kawża tagħhom (riċessjoni fin-negozju jew tnaqqis fir-ritmu ekonomiku, ħsara fil-makkinarju, kundizzjonijiet klimatiċi, inċidenti u l-bqija), u meta tissokta r-relazzjoni bejn l-impjegatur u l-impjegat,

— irtirar kmieni minħabba raġunijiet relatati mas-suq tax-xogħol: pagamenti perjodiċi lil ħaddiema akbar fl-età li jirtiraw qabel l-età standard tal-irtirar minħabba qgħad jew tnaqqis fl-impjiegi kkawżat minn miżuri ekonomiċi bħar-ristrutturar ta' settur industrijali jew ta' intrapriża kummerċjali. Dawn il-pagamenti normalment jieqfu meta l-benefiċjarju ikun intitolat għall-pensjoni tal-irtirar,

— il-benefiċċju tat-taħriġ vokazzjonali: il-pagamenti minn fondi tas-sigurtà soċjali jew minn aġenziji pubbliċi lil gruppi partikolari ta' persuni fil-forza tax-xogħol li jieħdu sehem fi skemi tat-taħriġ maħsuba biex jiżviluppaw il-potenzjal tagħhom għax-xogħol,

— mobbiltà u risistemazzjoni: il-pagamenti minn fondi tas-sigurtà soċjali jew minn aġenziji pubbliċi lil persuni qiegħda biex iheġġuhom imorru f'lokalità oħra jew ibiddlu l-okkupazzjoni tagħhom biex ifittxu jew isibu impjieg,

— il-pagamenti tat-tkeċċija u tat-terminazzjoni (il-benefiċċji li jikkumpensaw lill-impjegati għat-tmiem tal-impjieg qabel ma jkunu laħqu l-età normali tal-irtirar mill-impjieg ikkonċernat),

— il-kumpens għall-għoti tas-sensja: is-somom kapitali mħallsa lill-impjegati li jingħataw is-sensja mingħajr ħtija minn intrapriża li tkun se twaqqaf jew tnaqqas l-attivitajiet tagħha,

— benefiċċji oħra fi flus: assistenza finanzjarja oħra, partikolarment pagamenti lill-persuni qiegħda fit-tul.

Ma jinkludix:

— il-benefiċċji tal-familja mħallsa għat-tfal dipendenti (inklużi taħt "Benefiċċji tal-familja/relatati mat-tfal" (HY050G)).

1.4.1.4. Il-benefiċċji tal-anzjanità (PY100G)

Il-funzjoni tal-anzjanità tirreferi għall-għoti ta' protezzjoni soċjali mir-riskji marbuta mal-anzjanità: it-telf tal-introjtu, introjtu inadegwat, in-nuqqas ta' indipendenza fit-twettiq tal-kompiti ta' kuljum, it-tnaqqis tal-parteċipazzjoni fil-ħajja soċjali, u l-bqija.

Il-benefiċċji tal-anzjanità jkopru l-benefiċċji li jipprovdu introjtu sostitut meta l-persuna anzjana tirtira mis-suq tax-xogħol jew li jiggarantixxu ċertu introjtu meta l-persuna anzjana tkun laħqet età stabbilita minn qabel.

It-terminu jinkludi:

— il-pensjonijiet tal-irtirar: il-pagamenti perjodiċi maħsuba biex isostnu l-introjtu tal-benefiċjarju wara l-irtirar minn impjieg bi qligħ fl-età standard jew biex isostnu l-introjtu ta' persuna anzjana,

— il-pensjonijiet tal-irtirar antiċipati: il-pagamenti perjodiċi maħsuba biex isostnu l-introjtu tal-benefiċjarji li jirtiraw qabel l-età standard kif definita fl-iskema rilevanti jew fl-iskema ta' referenza. Dan jista' jseħħ bi tnaqqis jew mingħajr tnaqqis fil-pensjoni normali,

— il-pensjonijiet tal-irtirar parzjali: il-pagament perjodiku ta' porzjon mill-pensjoni tal-irtirar sħiħa lil ħaddiema akbar fl-età li jibqgħu jaħdmu iżda li jnaqqsu l-ħinijiet tax-xogħol tagħhom jew li l-introjtu tagħhom minn attività professjonali jkun inqas minn limitu definit,

— il-benefiċċji tal-indokrar: il-benefiċċju mħallas lill-persuni anzjani li jeħtieġu assistenza ta' spiss jew kostanti biex jgħinhom ilaħħqu mal-kostijiet addizzjonali biex jiksbu s-servizzi tal-indokrar meħtieġa biex jassistuhom fi xjuħithom (għajr il-kura medika) meta l-benefiċċju ma jkunx jinkludi rimborżar ta' nefqa ċċertifikata,

— il-benefiċċji fi flus tad-diżabbiltà mħallsa wara l-età tal-irtirar standard,

— il-pagamenti f'somma f'daqqa fid-data tal-irtirar normali,

— benefiċċji oħra fi flus: il-benefiċċji perjodiċi u f'somma f'daqqa oħra mħallsin meta wieħed jirtira jew minħabba l-anzjanità, bħalma huma s-somom kapitali mħallsa lill-persuni li ma jissodisfawx għalkollox ir-rekwiżiti għal pensjoni tal-irtirar imħallsa perjodikament, jew li kienu membri ta' skema maħsuba biex tipprovdi biss somom kapitali mal-irtirar.

Il-benefiċċji tal-anzjanità ma jinkludux:

— il-benefiċċji tal-familja għat-tfal dipendenti (inklużi taħt "Benefiċċji tal-familja/relatati mat-tfal" (HY050G)),

— il-benefiċċji mħallsa għall-irtirar bikri minħabba raġunijiet tas-suq tax-xogħol jew fil-każ ta' kapaċità mnaqqsa għax-xogħol (dawn huma inklużi taħt "Benefiċċji tal-qgħad" (PY090G) jew "Benefiċċji tad-diżabbiltà" (PY130G) rispettivament),

— il-benefiċċji mħallsa lil anzjani li jeħtieġu assistenza ta' spiss jew kostanti biex tgħinhom ilaħħqu mal-kostijiet żejda ta' attendenza meta l-benefiċċji jiġu rimborżati wara preżentazzjoni ta' nefqa ċċertifikata.

### 1.4.1.5. Il-benefiċċji tas-superstiti (PY110G)

Il-benefiċċji tas-superstiti jirriferu għall-benefiċċji li jipprovdu introjtu temporanju jew permanenti lil persuni taħt l-età tal-irtirar wara l-mewt tal-konjuġi, tas-sieħeb/sieħba jew tal-eqreb qarib tagħhom, normalment meta dik il-persuna tkun dik li taqla' l-għajxien prinċipali.

Is-superstiti eliġibbli għall-benefiċċju jistgħu jkunu l-konjuġi jew l-eks konjuġi tal-persuna deċeduta, jew it-tfal, in-neputijiet, il-ġenituri jew qraba oħra tagħha. F'ċerti każijiet, il-benefiċċju jista' jitħallas ukoll lil persuna barra mill-familja.

Il-benefiċċju tas-superstiti normalment jingħata abbażi ta' dritt derivat, jiġifieri dritt li oriġinarjament kien jappartjeni għal persuna oħra li l-mewt tagħha tkun kundizzjoni għall-għoti tal-benefiċċju.

Il-benefiċċju tas-superstiti jinkludi:

— il-pensjoni tas-superstiti: il-pagamenti perjodiċi, anki wara l-età tal-irtirar standard, lil persuni li l-intitolament tagħhom jinkiseb permezz tar-relazzjoni tagħhom ma' persuna deċeduta protetta minn skema (romol, orfni u simili),

— l-għotja f'każ ta' mewt: pagament wieħed lil persuna li l-intitolament tagħha hu derivat mir-relazzjoni tagħha mal-persuna deċeduta (romol, orfni u simili),

— benefiċċji oħra fi flus: pagamenti perjodiċi jew f'somma sħiħa oħra magħmula bis-saħħa tad-dritt derivat tas-superstiti.

Ma jinkludix:

— il-benefiċċji tal-familja għat-tfal dipendenti (dawn il-benefiċċji huma inklużi taħt "Benefiċċju tal-familja/relatat mat-tfal" (HY050G)),

— l-ispejjeż tal-funeral,

— pagamenti addizzjonali magħmula mill-impjegaturi lil persuni eliġibbli oħra biex jissupplimentaw l-intitolament għall-ħlas tal-benefiċċji tas-superstiti minn skema tal-assigurazzjoni soċjali, meta pagamenti bħal dawn ma jkunux jistgħu jiġu identifikati separatament u b'mod ċar bħala benefiċċji soċjali (dawk il-pagamenti huma inklużi taħt "Introjtu gross fi flus jew fi kważi flus tal-impjegat" (PY010G)).

### 1.4.1.6. Il-benefiċċji tal-mard (PY120G)

Il-benefiċċji tal-mard jirreferu għall-benefiċċji fi flus li jpattu, għalkollox jew parzjalment, għat-telf tal-introjtu waqt inabbiltà temporanja għax-xogħol minħabba mard jew korriment.

Il-benefiċċji tal-mard jinkludu:

— il-liv imħallas minħabba mard: rata fissa jew pagamenti marbutin mal-qligħ maħsuba biex jikkumpensaw lill-persuna protetta għalkollox jew parzjalment għat-telf ta' qligħ ikkawżat minn inabbiltà temporanja għax-xogħol minħabba mard jew korriment. Dawn il-benefiċċji jistgħu jitħallsu minn skemi awtonomi tal-protezzjoni soċjali, iżda jistgħu jiġu pprovduti wkoll mill-impjegatur fil-forma ta' ħlas kontinwu ta' pagi u salarji waqt il-perjodu tal-mard,

— il-liv imħallas fil-każ ta' mard jew korriment tat-tfal dipendenti,

— benefiċċji oħra fi flus: pagamenti mixxellanji maħruġa lill-persuna protetti b'rabta ma' mard jew korriment.

It-terminu ma jinkludix:

— il-benefiċċji fi flus li jpattu għat-telf tal-introjtu waqt inabbiltà temporanja għax-xogħol minħabba tqala (dawn il-benefiċċji huma inklużi taħt "Benefiċċju tal-familja/relatat mat-tfal" (HY050G)),

— il-benefiċċji fi flus li jpattu għat-telf tal-introjtu waqt inabbiltà temporanja għax-xogħol minħabba diżabbiltà (dawn il-benefiċċji huma inklużi taħt "Benefiċċji tad-diżabbiltà" (PY130G)),

— il-pagamenti magħmulin mill-impjegaturi lil impjegat minflok pagi u salarji permezz ta' skema tal-assigurazzjoni soċjali meta l-impjegat ma jkunx jista' jaħdem minħabba mard, meta pagament bħal dan ma jkunx jista' jiġi identifikat separatament u b'mod ċar bħala benefiċċju soċjali (dawn il-pagamenti huma inklużi taħt "Introjtu gross fi flus jew fi kważi flus tal-impjegat" (PY010G)),

— pagamenti addizzjonali magħmula mill-impjegaturi lil impjegat biex jissupplimentaw l-intitolament għal ħlas waqt il-liv minħabba mard minn skema tal-assigurazzjoni soċjali, meta pagamenti bħal dawn ma jkunux jistgħu jiġu identifikati separatament u b'mod ċar bħala benefiċċji soċjali (dawk il-pagamenti huma inklużi taħt "Introjtu gross fi flus jew fi kważi flus tal-impjegat" (PY010G)).

### 1.4.1.7. Il-benefiċċji tad-diżabbiltà (PY130G)

Il-benefiċċji tad-diżabbiltà jirreferu għall-benefiċċji li jipprovdu introjtu lill-persuni taħt l-età tal-irtirar standard meta l-abbiltà tagħhom li jaħdmu u jaqilgħu l-flus tkun imxekkla minn diżabbiltà fiżika jew mentali lil hinn mil-livell minimu stipulat mil-leġiżlazzjoni.

Diżabbiltà hija l-inabbiltà sħiħa jew parzjali li persuna tieħu sehem f'attività ekonomika jew li tgħix ħajja normali minħabba indeboliment fiżiku jew mentali li jista' jkun permanenti jew inkella li jippersisti lil hinn mill-perjodu minimu stipulat.

Il-benefiċċji tal-mard jinkludu:

— il-pensjoni tad-diżabbiltà: il-pagament perjodiku maħsub biex imantni jew isostni l-introjtu ta' persuna taħt l-età tal-irtirar standard li tbati minn xi diżabbiltà li ttellef l-abbiltà tagħha li taħdem jew taqla' l-flus lil hinn mil-livell minimu stabbilit mil-leġiżlazzjoni,

— irtirar bikri f'każ ta' abbiltà mnaqqsa għax-xogħol: il-pagamenti perjodiċi lil ħaddiema akbar fl-età li jirtiraw qabel ma jilħqu l-età tal-irtirar standard minħabba abbiltà mnaqqsa għax-xogħol. Dawn il-pensjonijiet normalment jieqfu meta l-benefiċjarju jiġi intitolat għall-pensjoni tal-irtirar,

— il-benefiċċju għall-indokrar: benefiċċju mħallas lill-persuni b'diżabbiltà taħt l-età tal-irtirar standard li jeħtieġu assistenza ta' spiss u kostanti biex tgħinhom ilaħħqu mal-kostijiet żejda ta' attendenza (għajr il-kura medika). Il-benefiċċju ma jistax ikun rimborżar tan-nefqa ċċertifikata,

— integrazzjoni ekonomika tal-persuni b'diżabbiltà: il-benefiċċji mħallsa lill-persuni b'diżabbiltà meta jidħlu għal xogħol adattat għall-kundizzjoni tagħhom, normalment f'xi post tax-xogħol protett, jew meta jagħmlu taħriġ vokazzjonali,

— il-benefiċċji tad-diżabbiltà lit-tfal b'diżabbiltà bi dritt għalihom personali, irrispettivament mid-dipendenza,

— benefiċċji oħra fi flus: il-pagamenti perjodiċi u f'somom f'daqqa li ma jaqgħux taħt l-intestaturi ta' hawn fuq, bħall-appoġġ okkażjonali għall-introjtu.

Il-benefiċċji tad-diżabbiltà ma jinkludux:

— il-benefiċċji previsti biex ipattu għalkollox jew parzjalment għall-introjtu waqt inabbiltà temporanja għax-xogħol minħabba mard jew korriment (dawn il-benefiċċji huma inklużi taħt "Benefiċċji tal-mard" (PY120G)),

— il-benefiċċji tal-familja mħallsa lill-benefiċjarji tal-benefiċċji tad-diżabbiltà (dawn il-benefiċċji huma inklużi taħt "Benefiċċji tal-familja/relatati mat-tfal" (HY050G)),

— il-benefiċċji mħallsin lis-superstiti dipendenti tal-persuni b'diżabbiltà, bħal pensjonijiet (dawn il-benefiċċji huma inklużi taħt "Benefiċċji tas-superstiti" (PY110G)),

— il-benefiċċji li huma rimborżar tan-nefqa ċċertifikata,

— il-benefiċċji tad-diżabbiltà fi flus imħallsa wara l-età tal-irtirar standard (dawn il-benefiċċji huma inklużi taħt "Benefiċċji tal-anzjanità" (PY100G)),

— il-pagamenti magħmulin mill-impjegaturi lil impjegat jew lil eks impjegat minflok pagi u salarji permezz ta' skema tal-assigurazzjoni soċjali meta dak l-impjegat jew l-eks impjegat ma jkunx jista' jaħdem minħabba diżabbiltà, meta pagament bħal dan ma jkunx jista' jiġi identifikat separatament u b'mod ċar bħala benefiċċji soċjali (dawn il-pagamenti huma inklużi taħt "Introjtu gross fi flus jew fi kważi flus tal-impjegat" (PY010G)),

— il-pagamenti addizzjonali magħmula għall-impjegaturi lil impjegat jew lil eks impjegat sabiex jissupplimentaw l-intitolament għal ħlas waqt il-liv tad-diżabbiltà minn skema tal-assigurazzjoni soċjali, meta pagamenti bħal dawn ma jkunux jistgħu jiġu identifikati separatament u b'mod car bħala benefiċċji soċjali (dawk il-pagamenti huma inklużi taħt "Introjtu gross fi flus jew fi kważi flus tal-impjegat" (PY010G)).

1.4.1.8. Il-benefiċċji relatati mal-edukazzjoni (PY140G)

Il-benefiċċji relatati mal-edukazzjoni jirreferu għal għotjiet, boroż ta' studju u għajnuna oħra edukattiva riċevuta minn studenti.

1.4.1.9. Gratifiki/benefiċċji tal-esklużjoni soċjali mhux klassifikata band'oħra (HY060G)

Il-benefiċċji soċjali fil-funzjoni ta' "esklużjoni soċjali mhux klassifikata band'oħra" jirreferu għall-persuni "esklużi soċjalment" jew għall-persuni "fir-riskju ta' esklużjoni soċjali". Il-grupp fil-mira ġenerali jinkludi lill-persuni f'faqar kbir, lill-migranti, lir-refuġjati, lill-persuni bil-vizzju tad-droga, lill-persuni bil-vizzju tal-alkoħol u lill-vittmi ta' vjolenza kriminali.

It-terminu jkopri:

— l-introjtu ta' sostenn: il-pagamenti perjodiċi lill-persuni b'riżorsi insuffiċjenti. Il-kundizzjonijiet għall-intitolament jistgħu jkunu relatati mhux biss mar-riżorsi personali iżda anki man-nazzjonalità, mar-residenza, mal-età, mad-disponibbiltà għax-xogħol u mal-istatus tal-familja. Il-benefiċċji jistgħu jkunu għal durata limitata jew mhux limitata; jistgħu jkunu mħallsin lill-individwu jew lill-familja u jistgħu jingħataw mill-gvern ċentrali jew lokali,

— benefiċċji oħra fi flus: is-sostenn lill-persuni f'faqar kbir u vulnerabbli biex jgħinhom itaffu l-faqar jew jgħinhom f'sitwazzjonijiet diffiċli. Dawn il-benefiċċji jistgħu jitħallsu minn organizzazzjonijiet privati mingħajr skop ta' qligħ.

1.4.2. *Trasferimenti regolari ta' flus riċevuti mingħand unitajiet domestiċi*

Trasferimenti regolari ta' flus riċevuti mingħand unitajiet domestiċi jirreferu għal ammonti regolari ta' flus riċevuti, waqt il-perjodu ta' referenza tal-introjtu, minn unitajiet domestiċi u minn persuni oħra.

"Regolari" ma timplikax żmien preċiż u ma teħtieġx perjodiċità soda. Tista' tikkorrispondi għal waħda minn żewġ perjodi taż-żmien differenti:

— tista' tirreferi għal ammont annwali riċevut kull sena jew tul diversi snin,

— inkella, tista' tirreferi għal introjtu perjodiku (eż. kull xahar) fuq perjodu qasir inkorporat fil-perjodu ta' referenza tal-introjtu (eż. sitt xhur).

1.4.2.1 Trasferimenti regolari ta' flus riċevuti mingħand unitajiet domestiċi (HY080G)

Trasferimenti regolari ta' flus riċevuti mingħand unitajiet domestiċi jirreferu għal pagamenti regolari riċevuti, anke jekk darba fis-sena biss, li jkunu disponibbli għall-finanzjament tan-nefqa (regolari) fuq il-konsum.

It-terminu jkopri:

— alimenti u manteniment tat-tfal obbligatorji,

— alimenti u manteniment tat-tfal volontarji riċevuti b'mod regolari,

— sostenn regolari fi flus mingħand persuni oħra għajr il-membri tal-unità domestika,

— sostenn regolari fi flus mingħand unitajiet domestiċi f'pajjiżi oħra.

Ma jinkludix:

— Abitazzjoni bla ħlas jew issussidjata pprovduta minn unità domestika oħra (li hi inkluża taħt Kera imputata),

— Il-wirt u trasferimenti kapitali oħra, jiġifieri trasferimenti riċevuti mingħand unitajiet domestiċi oħra li l-unità domestika ma tqishomx disponibbli għalkollox għall-konsum waqt il-perjodu ta' referenza tal-introjtu,

— Rigali u flussi kbar oħra ta' darba u mhux mistennija ta' flus, bħal somom f'daqqa għax-xiri ta' karozza, ta' dar, jew simili, jew biex jitfaddlu għall-konsum fit-tul (aktar minn sena bil-quddiem),

— Alimenti jew manteniment imħallsa mill-gvern (ċentrali jew lokali) jekk, għal xi raġuni, il-konjuġi ma jħallsux l-alimenti/il-manteniment tat-tfal. L-ammont imħallas mill-gvern jenħtieġ jiġi rreġistrat fil-benefiċċji tal-familja (il-varjabbli HY050).

1.4.2.2 Alimenti (HY081G) riċevuti

L-alimenti jinkludu:

— Alimenti u manteniment tat-tfal obbligatorji;

— Alimenti u manteniment tat-tfal volontarji riċevuti b'mod regolari.

Alimenti jirreferu għal introjtu riċevut għat-tfal u/jew għall-eks konjuġi, li jistgħu jiġu mill-istess pajjiż jew minn pajjiż ieħor.

L-alimenti ma jinkludux:

— Sostenn regolari fi flus (għajr aliimenti) mingħand persuni oħra għajr il-membri tal-unità domestika;

— Sostenn regolari fi flus (għajr alimenti) mingħand unitajiet domestiċi f'pajjiżi oħra;

— Abitazzjoni bla ħlas jew sussidjata pprovduta minn unità domestika oħra (li hi inkluża taħt Kera imputata);

— Il-wirt u trasferimenti kapitali oħra, jiġifieri trasferimenti riċevuti mingħand unitajiet domestiċi oħra li l-unità domestika ma tqishomx disponibbli għalkollox għall-konsum waqt il-perjodu ta' referenza tal-introjtu;

— Rigali u flussi kbar oħra ta' darba u mhux mistennija ta' flus, bħal somom f'daqqa għax-xiri ta' karozza jew ta' dar jew biex jitfaddlu għall-konsum fit-tul (aktar minn sena bil-quddiem);

— Alimenti jew manteniment imħallsa mill-gvern (ċentrali jew lokali) jekk, għal xi raġuni, il-konjuġi ma jħallsux l-alimenti/il-manteniment tat-tfal. L-ammont imħallas mill-gvern jenħtieġ jiġi rreġistrat fil-benefiċċji tal-familja (il-varjabbli HY050).

## 1.5. **Introjtu ieħor riċevut**

1.5.1. *Introjtu riċevut minn persuni taħt is-16-il sena (HY110G)*

Għall-varjabbli tal-introjtu għandha tingħata l-informazzjoni li ġejja għal kull mewġa:

— Persentaġġi tal-unitajiet domestiċi (għal kull komponent tal-introjtu miġbur jew ikkompilat fil-livell tal-unitajiet domestiċi)/persuni (għal kull komponent tal-introjtu miġbur jew ikkompilat fil-livell personali) li jkunu rċivew ammont għal kull komponent tal-introjtu,

— Il-persentaġġ tal-valuri neqsin għal kull komponent tal-introjtu miġbur jew ikkompilat fil-livell tal-unità domestika/personali,

— Il-persentaġġ tal-informazzjoni parzjali għal kull komponent tal-introjtu miġbur jew ikkompilat fil-livell tal-unità domestika/personali.

***Erruri tal-ipproċessar***

Għandhom jiġu deskritti l-kontrolli tad-dħul tad-*data*, il-kontrolli tal-kodifikazzjoni u s-sistema tal-editjar applikata għad-*data*. Għandu jingħata rendikont tal-erruri ewlenin misjuba fil-proċess ta' wara l-ġbir tad-*data*, u għandha tingħata l-lista tar-regoli dwar l-editjar għall-varjabbli tal-introjtu.

Proċeduri għall-implimentazzjoni tar-regoli ta' segwitu (skont l-Artikolu 8).

Ir-rati ta' intervisti mill-ġdid bejn il-mewġa 1 u kull waħda mill-mewġiet sussegwenti (sabiex jitqies ukoll it-tidħil mill-ġdid), filwaqt li tiġi kkunsidrata wkoll ir-rata ta' individwi barra mill-ambitu (jiġifieri fost dawk intervistati fil-mewġa 1, il-persentaġġ fil-mewġa t ta' (a) individwi fl-unitajiet domestiċi intervistati, (b) individwi barra mill-ambitu u (c) individwi mhux intervistati għal raġunijiet oħra li mhumiex għaliex jaqgħu barra mill-ambitu).

Ir-rati ta' intervisti mill-ġdid (mill-mewġa t-1 għal t) għall-persuni li jħallu l-unità domestika oriġinali tagħhom, maqsuma skont il-ġeneru.

Ir-rati ta' intervisti mill-ġdid (mill-mewġa t-1 għal t) għaż-żgħażagħ (16-35) li jitilqu mid-dar, maqsuma skont il-ġeneru.

**Reviżjoni tad-*data* – politika**

Għandha tingħata informazzjoni dwar kull politika mfassla biex tiżgura t-trasparenza tad-*data* mxerrda, li skont din id-*data* preliminari miġbura tiġi riveduta sussegwentement. Jekk id-*data* tiġi riveduta, dan għandu jiġi rrapportat.

**Reviżjoni tad-*data* – prattika**

Skeda għar-reviżjonijiet

Raġunijiet ewlenin għar-reviżjonijiet u n-natura tagħhom (*data* ġdida tas-sors disponibbli, metodi ġodda, eċċ.)

Daqs medju tar-reviżjonijiet u d-direzzjoni tagħhom

Spjegazzjoni ta' kull differenza bejn id-*data* proviżorja u finali

Id-*data* tad-disseminazzjoni tar-riżultati nazzjonali.

KOERENZA U KOMPARABBILTÀ

**Koerenza – Stħarriġ dwar il-Baġit tal-Unitajiet Domestiċi (HBS)**

Għal kull sena li għaliha hemm informazzjoni disponibbli, għandu jsir tqabbil tal-varjabbli tal-introjtu mal-HBS.

**Koerenza – Kontijiet Nazzjonali**

Għal kull sena għandu jsir tqabbil tal-varjabbli ewlenin fil-mira mal-Kontijiet Nazzjonali.

**Koerenza – interna**

Għal kull sena għandu jiġi rrapportat kull nuqqas ta' koerenza fis-sett ta' *data* tal-EU-SILC, flimkien ma' spjegazzjonijiet għal dawn l-inkonsistenzi.

KOST U PIŻ

**Piż tar-rispondent**

Id-durata medja tal-intervista għal kull unità domestika għandha tiġi kkalkolata bħala s-somma tad-durata tal-intervisti kollha tal-unitajiet domestiċi flimkien mas-somma tad-durata tal-intervisti personali kollha, diviżi bin-numru ta' kwestjonarji tal-unitajiet domestiċi mwettqa u aċċettati għall-bażi tad-*data*.

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/2243

## ta' 17 ta' Diċembru 2019

## li jistabbilixxi mudell għas-sommarju tal-kuntratt li għandhom jużaw il-fornituri tas-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika disponibbli pubblikament skont id-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 102(3) tagħha,

Billi:

(1) Biex jiġu identifikati l-elementi ewlenin tas-sommarju tal-kuntratt li l-fornituri tas-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika disponibbli pubblikament għandhom jipprovdu lill-konsumaturi, lill-mikrointrapriżi, lill-intrapriżi żgħar u lill-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ f'konformità mal-Artikolu 102(1) u (2) tad-Direttiva (UE) 2018/1972, jenħtieġ jiġi stabbilit mudell li jistabbilixxi l-elementi ewlenin tas-sommarju tal-kuntratt. Is-sommarju tal-kuntratt jenħtieġ ikun faċli biex jinqara, jinftiehem u jitqabbel, bi struttura u format komuni.

(2) L-informazzjoni tas-sommarju tal-kuntratt, disponibbli b'mod stampat jew elettroniku, trid tikkonforma mar-rekwiżiti tal-aċċessibbiltà rilevanti fil-liġi tal-Unjoni li tarmonizza r-rekwiżiti tal-aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi previsti mid-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

(3) Is-sommarju tal-kuntratt irid jikkonforma mal-obbligi li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tal-konsumatur bħad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE ([3]), id-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) u d-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]). Irid jikkonforma wkoll mad-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali, bħar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]).

(4) Biex is-sommarju tal-kuntratt ikun se jista' jinqara faċilment, jenħtieġ li, sakemm ma jkunx ġustifikat kif xieraq, dan ma jkunx jaqbeż l-ekwivalenti ta' paġna A4 fuq faċċata waħda, meta jiġi stampat b'tipa li tinqara faċilment. Għas-servizzi f'pakketti, jenħtieġ li dan ma jkunx aktar minn tliet paġni A4 fuq faċċata waħda meta jiġi stampat b'tipa li tinqara faċilment. Jista' jkun ġustifikat iżjed tul, pereżempju, għal raġunijiet ta' aċċessibbiltà għall-konsumaturi b'diżabbiltà. Biex tkun żgurata l-komparabbiltà bejn l-offerti tas-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika, l-istruttura tas-sommarju tal-kuntratt jenħtieġ tkun tiddistingwi bejn l-intestaturi b'mod ċar skont l-elementi differenti li jenħtieġ jinġabru taħthom. Biex il-konsumaturi jifhmuh faċilment u jidentifikaw l-informazzjoni importanti malajr, jenħtieġ li l-elementi rilevanti taħt kull intestatura jiġu deskritti b'sentenzi qosra. Biex ikun jista' jinqara u jiġi stampat faċilment, jenħtieġ jitħallew biżżejjed marġnijiet bejn it-truf u t-test tas-sommarju tal-kuntratt.

([1]) ĠU L 312, 17.12.2018, p. 36.

([2]) Id-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 70).

([3]) Id-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU L 95, 21.4.1993, p. 29).

([4]) Id-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 149, 11.6.2005, p. 22).

([5]) Id-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 64).

([6]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ĠU L 119, 04.05.2016, p.1)

(5) Hemm bosta fatturi li jiddeterminaw jekk tipa tinqarax faċilment, fosthom hemm ir-relazzjoni bejn id-distanza tal-qari, it-tul tal-karattri u jekk id-daqs tat-tipa jistax jitkabbar faċilment meta jkun elettroniku. Meta jinqara mill-qrib, id-daqs tat-tipa ta' mill-inqas 10 punti jitqies li jista' jinqara faċilment għal ħafna konsumaturi. L-intestaturi jenħtieġ ikunu distinti b'mod ċar mit-test, pereżempju permezz ta' tipa akbar. Biex ikun jista' jinqara faċilment, jistgħu jintużaw tipi sans-serif użati komunement. Il-leġibbiltà faċli jenħtieġ tkun żgurata wkoll billi jintuża biżżejjed kuntrast, skont prattiki mill-aktar avvanzati, bejn it-tipa u l-isfond, speċjalment meta jintużaw il-kuluri.

(6) Meta s-sommarju tal-kuntratt ikun jenħtieġ jiġi ppreżentat b'tipa ta' mill-inqas 10 punti, it-tagħmir elettroniku jew il-mezzi użati għall-bejgħ tas-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika, bħas-servizzi mħallsin minn qabel mibjugħa l-aktar mill-bejjiegħa bl-imnut, jaf ikunu jeħtieġu li jiċċekken is-sommarju tal-kuntratt meta ġustifikat, pereżempju biex jitqiegħed fuq l-imballaġġ jew fuq it-tagħmir. Xi drabi, is-servizzi mħallsin minn qabel jinbiegħu f'imballaġġ b'dimensjonijiet li ma jippermettux l-użu tat-tipa ta' 10 punti.

(7) Jenħtieġ li l-informazzjoni meħtieġa tingħata direttament fis-sommarju u mhux b'referenza għal sorsi oħra tal-informazzjoni, sakemm dan ma jkunx speċifikat fl-istruzzjonijiet għall-mili tas-sommarju. L-użu ta' elementi viżwali, bħal simboli, ikoni u grafika jew l-użu ta' hyperlinks jew pop-ups jenħtieġ li ma jkunux jaffettwaw ħażin il-leġibbiltà faċli u jenħtieġ li ma jkunux intrużivi b'mod li jaljenaw l-attenzjoni tal-konsumatur mill-kontenut tas-sommarju. Il-kontenut tas-sommarju tal-kuntratt jenħtieġ jiffoka fuq l-informazzjoni ewlenija li l-konsumatur jeħtieġ biex iqabbel l-offerti u biex jieħu deċiżjoni infurmata.

(8) Jenħtieġ ikunu evitati lingwaġġ speċjalizzat, lingwaġġ tekniku u akronimi.

(9) Hu tassew importanti għall-konsumaturi li s-servizzi jiġu deskritti b'mod standardizzat għall-konsumaturi. Is-servizzi inklużi fis-sommarju tal-kuntratt u l-volumi inklużi għal kull perjodu tal-fattura, meta applikabbli, jenħtieġ jiġu speċifikati. Il-volumi jenħtieġ jirreferu għall-kwantità tat-telefonati, tal-messaġġi u tad-*data* inklużi fis-servizz, inkluż il-politika dwar l-użu ġust tar-roaming li japplika l-fornitur, meta applikabbli. Is-sejħiet bil-vuċi jenħtieġ jitkejlu bil-minuti jew bis-sekondi skont l-informazzjoni prekuntrattwali tal-fornitur, il-messaġġi jenħtieġ jitkejlu bl-għadd tagħhom, u d-*data* jenħtieġ titkejjel bil-megabites jew bil-gigabites, meta rilevanti.

(10) Is-sommarju tal-kuntratt jenħtieġ jipprovdi informazzjoni li tippermetti lill-konsumaturi jikkuntattjaw lill-fornitur tagħhom, speċjalment fil-każ ta' lment. Minbarra l-indirizz tal-email jew in-numru tat-telefown, l-informazzjoni tal-kuntatt rilevanti tista' tinkludi l-possibbiltà li jintużaw formoli web jew tipi oħra ta' kuntatt dirett.

(11) Is-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika jenħtieġ jiġu deskritti b'mod ċar u l-karatteristiċi ewlenin tagħhom tas-servizz jenħtieġ jiġu indikati. Meta applikabbli, jenħtieġ jiġi deskritt it-tip tat-tagħmir.

(12) Il-punt (d) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2015/2120 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]) jeżiġi li kuntratt li jinkludi servizzi tal-aċċess għall-internet ikun jipprovdi wkoll spjegazzjoni ċara u komprensibbli tal-veloċitajiet minimi, normalment disponibbli, massimi u reklamati tad-download u tal-upload fil-każ ta' networks fissi, jew tal-veloċitajiet stmati massimi u reklamati tad-download u tal-upload fil-każ ta' networks mobbli. Il-punt (f) tal-Artikolu 102(3) tad-Direttiva (UE) 2018/1972 jeżiġi li sommarju ta' dik l-informazzjoni jiġi inkluż fis-sommarju tal-kuntratt. Is-sommarju tal-kuntratt jenħtieġ jinkludi l-veloċitajiet minimi, normalment disponibbli u massimi tad-download u tal-upload tas-servizzi tal-aċċess għall-internet fil-każ ta' networks fissi, jew tal-veloċitajiet massimi stmati tad-download u tal-upload tas-servizzi tal-aċċess għall-internet fil-każ ta' networks mobbli.

([7]) Ir-Regolament (UE) 2015/2120 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi miżuri dwar aċċess għal Internet miftuħ u tariffi bl-imnut għal komunikazzjonijiet intra-UE regolati u li jemenda d-Direttiva 2002/22/KE dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u r-Regolament (UE) Nru 531/2012 dwar roaming fuq netwerks pubbliċi ta' komunikazzjoni mobbli fi ħdan l-Unjoni (ĠU L 310, 26.11.2015, p. 1).

(13) Il-punt (e) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2015/2120 jeżiġi li kuntratt li jinkludi servizzi tal-aċċess għall-internet ikun jipprovdi spjegazzjoni ċara u komprensibbli tar-rimedji disponibbli għall-konsumatur skont il-liġi nazzjonali f'każ ta' diskrepanza bejn il-prestazzjoni reali tal-aċċess għall-internet u l-prestazzjoni indikata fil-kuntratt. Il-punt (f) tal-Artikolu 102(3) tad-Direttiva (UE) 2018/1972 jeżiġi li sommarju ta' dik l-ispjegazzjoni jiġi inkluż fis-sommarju tal-kuntratt. Is-sommarju tal-kuntratt jenħtieġ ikun jinkludi sommarju tar-rimedji disponibbli għall-konsumatur skont il-liġi nazzjonali jekk ikun hemm diskrepanza bejn il-prestazzjoni reali tal-aċċess għall-internet b'rabta mal-veloċità u ma' parametri oħra relatati mal-kwalità tas-servizz, u l-prestazzjoni indikata fil-kuntratt.

(14) L-informazzjoni dwar il-prezz jenħtieġ tkun tinkludi il-prezz tal-attivazzjoni applikabbli, l-ispejjeż rikorrenti u relatati mal-konsum, bħall-prezz għal kull perjodu tal-fattura u għal kull xahar biex ikun jista' jsir tqabbil, l-iskonti kollha u, meta applikabbli, il-prezz tat-tagħmir. Meta jkun japplika prezz promozzjonali, dan jenħtieġ jiġi indikat b'mod ċar, inkluż il-perjodu li matulu ikun validu l-iskont, u l-prezz sħiħ mingħajr l-offerta promozzjonali. L-informazzjoni dwar it-tariffi li ma tkunx inkluża fil-prezz rikorrenti tista' tkun estensiva, u jenħtieġ ikun biżżejjed li fis-sommarju jiġi indikat li din l-informazzjoni hi disponibbli b'mod separat bħala parti mill-informazzjoni prikuntrattwali sħiħa, pereżempju, b'mezzi elettroniċi.

(15) L-informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet għat-terminazzjoni taħt l-intestatura "Id-durata, it-tiġdid u t-terminazzjoni" jenħtieġ tkun tirreferi għat-terminazzjoni tal-kuntratt, inkluż l-offerti raggruppati, minħabba t-tmiem tad-durata tal-kuntratt u minħabba terminazzjoni bikrija, meta applikabbli, skont il-liġi nazzjonali u tal-Unjoni, inkluż it-tariffi minħabba terminazzjoni bikrija u informazzjoni dwar kif it-tagħmir terminali ma jibqax illokkjat.

(16) Meta l-informazzjoni dwar prodotti u servizzi differenti għall-utenti finali b'diżabbiltà tkun estensiva u varjabbli, is-sommarju tal-kuntratt jista' jindika li din l-informazzjoni hi disponibbli fid-dettall b'mod separat, pereżempju, b'mezzi elettroniċi.

(17) Il-fornituri jistgħu jinkludu informazzjoni addizzjonali li tkun meħtieġa mil-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali qabel ma l-konsumatur jintrabat b'kuntratt jew xi offerta korrispondenti fit-taqsima fakultattiva dwar informazzjoni rilevanti oħra. Din tista' tinkludi, pereżempju, informazzjoni dwar il-qlib, is-sigurtà, it-trattament tad-*data* personali, il-konsum tal-enerġija jew il-ġenerazzjoni tal-karbonju. Meta l-Istati Membri jeżerċitaw il-libertà tagħhom li jżommu jew jintroduċu fil-liġi nazzjonali tagħhom, dispożizzjonijiet relatati ma' aspetti li mhumiex koperti mill-Artikolu 102 tad-Direttiva (UE) 2018/1972, din l-informazzjoni tista' tiġi inkluża f'din it-taqsima fakultattiva mill-fornituri.

(18) F'konformità mal-Artikolu 123 tad-Direttiva (UE) 2018/1972, il-Kummissjoni trid twettaq rieżami minn żmien għal żmien tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, bħala parti mir-rapport dwar l-applikazzjoni tat-Titolu III tal-Parti III ta' dik id-Direttiva.

(19) Il-Korp tar-Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjoni Elettronika ġie kkonsultat.

(20) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Komunikazzjoni,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Mudell għas-sommarju tal-kuntratt**

Il-fornituri tas-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika disponibbli pubblikament, għajr is-servizzi tat-trażmissjoni użati għall-forniment ta' servizzi minn magna għal magna għandhom jużaw il-mudell stabbilit fil-Parti A tal-Anness, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-Parti B tal-Anness, meta jiġu biex jipprovdu s-sommarju tal-kuntratt.

*Artikolu 2*

**Preżentazzjoni tal-kontenut**

1. Sakemm ma jkunx ġustifikat kif xieraq, is-sommarju tal-kuntratt ma għandux jaqbeż l-ekwivalenti ta' paġna A4 fuq faċċata waħda meta jiġi stampat. Meta s-servizzi jew is-servizzi u t-tagħmir terminali, li jinkludu mill-inqas servizz tal-aċċess għall-internet jew servizz tal-komunikazzjoni interpersonali bbażat fuq in-numri disponibbli pubblikament, ikunu miġbura f'kuntratt wieħed, is-sommarju tal-kuntratt ma għandux, sakemm ma jkunx ġustifikat kif xieraq, ikun aktar mill-ekwivalenti ta' tliet paġni A4 fuq faċċata waħda meta jiġi stampat.

2. L-informazzjoni fis-sommarju tal-kuntratt għandha tiġi ppreżentata skont l-ordni tal-intestaturi stabbiliti fl-Anness b'format wieqaf (portrait). It-tip tat-tipa użata għandu jkun tali li t-test ikun jista' jinqara faċilment. Id-daqs tat-tipa għandu jkun mill-inqas 10 punti. F'ċirkostanzi ġustifikati kif xieraq, id-daqs tat-tipa jista' jiċċekken; f'dan il-każijiet, għandha tingħata l-possibbiltà li s-sommarju tal-kuntratt jitkabbar b'mezzi elettroniċi jew li s-sommarju tal-kuntratt jiġi rċevut meta jintalab b'daqs tat-tipa ta' mill-inqas 10 punti.

3. Il-kontenut tas-sommarju tal-kuntratt għandu jkun jista' jinqara faċilment b'kuntrast biżżejjed bejn it-tipa u l-isfond, speċjalment meta jintużaw il-kuluri. L-elementi viżwali ma għandhomx ikunu sovrapposti.

4. Is-sommarju tal-kuntratt għandu jkun abbozzat b'lingwaġġ li jista' jinqara faċilment u li jinftiehem mill-konsumaturi. Is-sommarju tal-kuntratt għandu jiffoka fuq l-informazzjoni ewlenija li l-konsumatur jeħtieġ biex iqabbel l-offerti u biex jieħu deċiżjoni infurmata.

5. L-intestaturi għandhom ikunu distinti b'mod ċar mit-test.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-21 ta' Diċembru 2020.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 17 ta' Diċembru 2019.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS*

**MUDELL GĦAS-SOMMARJU TAL-KUNTRATT**

## PARTI A – Il-mudell

[Isem is-servizz]

[Isem il-fornitur/logo tal-fornitur]

[Kuntatt]

### Sommarju tal-kuntratt

- Dan is-sommarju tal-kuntratt jipprovdi l-elementi ewlenin ta' din l-offerta ta' servizz kif teżiġi l-liġi tal-UE ([1]).
- Dan jgħin biex jitqabblu l-offerti ta' servizz.
- Informazzjoni sħiħa dwar is-servizz tingħata f'dokumenti oħra.

**Servizzi** *u tagħmir*

[…]

*Il-veloċità tas-servizz tal-internet u r-rimedji*

*[…]*

**Il-prezz**

[…]

**Id-durata, it-tiġdid u t-terminazzjoni**

[…]

**Karatteristiċi għall-utenti finali b'diżabbiltà**

[…]

*Informazzjoni rilevanti oħra*

*[…]*

([1]) L-Artikolu 102(3) tad-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (ĠU L 321, 17.12.2018, p. 36).

**PARTI B – Struzzjonijiet biex jimtela l-mudell tas-sommarju tal-kuntratt**

Minnufih taħt it-titlu "Sommarju tal-Kuntratt" għandu jitniżżel isem is-servizz jew isem id-ditta tas-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika offruti. Minnufih wara isem is-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika għandu jitniżżel isem il-fornitur. Il-fornitur jista' jżid il-logo tiegħu fuq in-naħa tal-lemin tat-titlu "Sommarju tal-kuntratt". It-tliet sentenzi introduttorji jiffurmaw parti integrali mis-sommarju tal-kuntratt u m'għandhomx jinbidlu.

L-isem, l-indirizz u l-informazzjoni tal-kuntatt dirett tal-fornitur u, jekk differenti, l-informazzjoni tal-kuntatt dirett għall-ilmenti, għandhom jitniżżlu taħt l-isem tal-fornitur. Is-sommarju tal-kuntratt għandu jkun datat.

Jekk il-kuntratt ma jkunx jinkludi l-forniment ta' tagħmir terminali, għandha titneħħa r-referenza għal tagħmir taħt l-intestatura "Servizz[i u tagħmir]" jew għandu jiġi indikat li mhix applikabbli. Jekk il-kuntratt ma jkunx jinkludi servizz tal-aċċess għall-internet, għandha titneħħa t-taqsima dwar "Il-veloċità tas-servizz tal-aċċess għall-internet u r-rimedji" jew għandu jiġi indikat li mhix applikabbli. Jekk ma tingħata l-ebda informazzjoni oħra, għandha titneħħa t-taqsima "Informazzjoni rilevanti oħra" jew għandu jiġi indikat li mhix applikabbli.

Fil-Parti A tintuża tipa bil-korsiv biex tindika li l-intestaturi msemmija hawn fuq u l-informazzjoni relatata mhumiex obbligatorji f'kull ċirkostanza. Il-parenteżi kwadri użati fil-Parti A għandhom jinbidlu bl-informazzjoni mitluba.

It-taqsima "Servizzi u tagħmir"

Għandha tingħata deskrizzjoni tal-karatteristiċi ewlenin tas-servizz(i) tal-komunikazzjoni elettronika, pereżempju, tat-telefonija fissa, tat-telefonija mobbli, tal-aċċess mobbli għall-internet, tal-aċċess fiss għall-internet, ta' servizzi tat-trażmissjoni għax-xandir televiżiv jew ta' servizzi tal-komunikazzjoni interpersonali indipendenti min-numru. Għall-pakketti skont l-Artikolu 107 tad-Direttiva (UE) 2018/1972, meta applikabbli, għandha ssir deskrizzjoni wkoll tat-tip ta' tagħmir terminali u tas-servizzi, bħal pereżempju l-pakketti tat-televiżjoni, il-video-on-demand jew servizzi oħra ta' midja. Għas-servizzi tat-trażmissjoni għax-xandir televiżiv jew għall-pakketti li jinkludu dawn is-servizzi, jistgħu jiġu deskritti t-tipi ta' pakketti tat-televiżjoni offruti, meta ma tkunx tista' ssir lista tal-istazzjonijiet inklużi fil-pakkett. Għall-pakketti, is-servizzi għandhom jiġu elenkati bl-ordni msemmija f'dan il-paragrafu. Id-deskrizzjoni għandha tinkludi, meta applikabbli, il-volum jew il-kwantità għat-telefonati, għall-messaġġi, u għad-*data*, u l-politika dwar l-użu ġust tar-roaming li japplika l-fornitur.

It-taqsima "Il-veloċità tas-servizz tal-internet u r-rimedji"

Jekk is-servizz ikun jinkludi aċċess għall-internet, għandu jingħata sommarju tal-informazzjoni meħtieġa skont il-punti (d) u (e) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2015/2120. Għas-servizz tal-aċċess fiss għall-internet tal-inqas għandha titniżżel il-veloċità minima, normalment disponibbli u massima tad-download u tal-upload, u għas-servizz tal-aċċess mobbli tal-internet tal-inqas għandha titniżżel il-veloċità massima stmata tad-download u tal-upload. Għandha ssir deskrizzjoni fil-qosor tar-rimedji disponibbli għall-konsumatur skont il-liġi nazzjonali fil-każ ta' diskrepanza kontinwa jew li sseħħ regolarment bejn il-prestazzjoni proprja tas-servizz tal-aċċess għall-internet, fir-rigward tal-veloċità jew ta' parametri oħra tal-kwalità tas-servizz, u l-prestazzjoni indikata fil-kuntratt.

It-taqsima "Il-prezz"

Għas-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika previsti għal pagament monetarju dirett, din it-taqsima għandha tinkludi l-prezzijiet għall-attivazzjoni tas-servizz u t-tariffi rikorrenti jew relatati mal-konsum.

Għall-kuntratti ta' abbonament, il-prezz rikorrenti bit-taxxi kollha inklużi, għal kull perjodu tal-fattura u, jekk il-perjodu tal-fattura ma jkunx kull xahar, għandu jingħata wkoll għal kull xahar. Kull prezz fiss addizzjonali, bħal pereżempju għall-attivazzjoni tas-servizz u, meta applikabbli, l-prezz tat-tagħmir, għandhom jiġu indikati b'mod separat, flimkien mal-iskonti limitati fiż-żmien, meta applikabbli.

Meta applikabbli, fis-sommarju tal-kuntratt għandhom jiġu indikati t-tariffi relatati mal-konsum li japplikaw meta jinqabżu l-volumi inklużi fil-prezz rikorrenti. Meta applikabbli għandu jiġi indikat li separatament hemm disponibbli informazzjoni dwar it-tariffi għas-servizzi addizzjonali li mhumiex inklużi fil-prezzijiet rikorrenti.

Jekk is-servizz jingħata mingħajr pagament monetarju dirett iżda jkun jimponi ċerti obbligi fuq l-utenti bħala kundizzjoni tas-servizz, dan għandu jiġi indikat.

It-taqsima "Id-durata, it-tiġdid u t-terminazzjoni"

Meta applikabbli, fis-sommarju tal-kuntratt għandhom jingħataw informazzjoni dwar id-durata tal-kuntratt f'xhur u l-kundizzjonijiet ewlenin għat-tiġdid u t-terminazzjoni minħabba t-tmiem tad-durata tal-kuntratt u minħabba terminazzjoni bikrija. Għandhom jiġu inklużi t-tariffi minħabba terminazzjoni bikrija, inkluż informazzjoni dwar kif it-tagħmir terminali ma jibqax illokkjat. Din l-informazzjoni tkun mingħajr preġudizzju għal raġunijiet oħra għat-terminazzjoni li huma previsti mil-liġi tal-Unjoni jew mil-liġi nazzjonali bħal fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mal-kuntratt.

It-taqsima "Karatteristiċi għall-utenti finali b'diżabbiltà"

Għandha tingħata informazzjoni dwar il-prodotti u s-servizzi ewlenin għall-utenti finali b'diżabbiltà. Din tista' tinkludi, meta disponibbli, tal-inqas it-test f'ħin reali, il-konverżazzjoni sħiħa, is-servizzi relay, komunikazzjoni aċċessibbli ta' emerġenza, tagħmir speċjalizzat, tariffi speċjali u informazzjoni aċċessibbli. Meta applikabbli, id-dettalji jistgħu jiġu indikati li huma disponibbli separatament.

It-taqsima "Kwalunkwe informazzjoni oħra rilevanti"

Il-fornituri jistgħu jinkludu kull informazzjoni addizzjonali li teżiġi l-liġi tal-Unjoni jew il-liġi nazzjonali qabel ma konsumatur jintrabat b'kuntratt jew xi offerta korrispondenti.

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/2244

**tas-16 ta' Diċembru 2019**

**li tawtorizza lil Spanja u lil Franza biex japplikaw miżura ta'deroga speċjali mill-Artikolu 5 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ([1]), u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 395(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Permezz ta' ittra rreġistrata fit-23 ta' Mejju 2019 u ta' ittra rreġistrata fis-17 ta' Ġunju 2019 mal-Kummissjoni, Franza u Spanja, rispettivament, talbu awtorizzazzjoni biex jintroduċu miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 5 tad-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tal-bini ta' interkonnessjoni tal-elettriku bejn Gatica fi Spanja u Cubnezais fi Franza ("il-miżura speċjali").

(2) Permezz ta' ittri datati l-10 ta' Settembru 2019, il-Kummissjoni bagħtet lill-Istati Membri l-oħra, f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 395(2) tad-Direttiva 2006/112/KE, it-talbiet magħmula minn Spanja u Franza. Permezz tal-ittra datati l-11 ta' Settembru 2019, il-Kummissjoni innotifikat lil Spanja u lil Franza li kellha l-informazzjoni kollha li hi tikkunsidra meħtieġa biex tqis it-talbiet.

(3) Ir-regolatur nazzjonali tas-suq tal-elettriku ta' Spanja "*Comisión Nacional de los Mercados y la Competencia*" u r-regolatur nazzjonali tas-suq tal-elettriku ta' Franza "*Commission de Régulation de l'Énergie*", iffirmaw ftehim fit-22 ta' Settembru 2017 biex jiffinanzjaw interkonnessjoni tal-elettriku bejn Spanja u Franza li tgħaddi mill-Golf tal-Biskalja. Il-bini tal-interkonnessjoni ġie fdat f'idejn l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni tal-elettriku fi Spanja u Franza, *Red Eléctrica de España* u *Réseau de transport d'Electricité*. Dak il-ftehim jipprevedi li l-kostijiet tal-proġett jiġġarrbu f'partijiet indaqs: 50 % minn Spanja u 50 % minn Franza.

(4) Permezz tal-miżura speċjali, l-interkonnessjoni tal-elettriku bejn Gatica fi Spanja u Cubnezais fi Franza għandha tiġi kkunsidrata li tinsab 50 % fi Spanja u 50 % fi Franza għall-finijiet tal-provvisti ta' merkanzija u servizzi, tal-akkwisti intra-Komunitarji ta' merkanzija u tal-importazzjoni ta' merkanzija maħsuba għall-bini tagħha.

(5) Mingħajr il-miżura speċjali, ikun meħtieġ li jiġi aċċertat għal kull provvista jekk il-post ta' tassazzjoni huwiex fi Spanja jew fi Franza skont il-prinċipju tat-territorjalità.

(6) Abbażi tal-informazzjoni pprovduta minn Spanja u minn Franza, il-miżura speċjali se tissimplifika l-proċedura għall-ġbir tal-VAT u l-ammont globali tad-dħul mit-taxxa ta' Spanja u Franza miġbur fl-istadju tal-konsum finali, se jiġi affettwat biss b'mod negliġibbli. Għalhekk jixraq li Spanja u Franza jiġu awtorizzati japplikaw il-miżura speċjali.

(7) Id-deroga ma huwa ser ikollha l-ebda impatt fuq ir-riżorsi proprji tal-Unjoni li jirriżultaw mill-VAT,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Permezz ta' deroga mill-Artikolu 5 tad-Direttiva 2006/112/KE, Spanja u Franza huma awtorizzati li jqisu li l-interkonnessjoni tal-elettriku bejn Gatica fi Spanja u Cubnezais fi Franza tinsab 50 % fit-territorju ta' Spanja u 50 % fit-territorju ta' Franza għall-finijiet tal-provvisti ta' merkanzija u servizzi, tal-akkwisti intra-Komunitarji u tal-importazzjonijiet ta' merkanzija maħsuba għall-bini tagħha.

([1]) ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fid-data tan-notifika tagħha.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju ta' Spanja u lir-Repubblika Franċiża.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2019.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. LEPPÄ

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/2245**

**tad-19 ta' Diċembru 2019**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-aġġornament tal-Anness XV (It-tneħħija ta' dazji doganali) għall-Ftehim**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom minn naħa, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra ([1]) ("il-Ftehim") ġie konkluż, f'isem l-Unjoni, fit-23 ta' Mejju 2016 f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/839 ([2]) u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2016.

(2) F'konformità mal-Artikolu 438(3) tal-Ftehim, il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ, kif imsemmi fl-Artikolu 438(4) tal-Ftehim, għandu s-setgħa li jadotta deċiżjonijiet f'oqsma li fihom il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit permezz tal-Artikolu 434 tal-Ftehim ikun iddelegalu setgħat. Fis-16 ta' Diċembru 2014 il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, permezz tad-Deċiżjoni Nru 3/2014 ([3]), iddelega lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ is-setgħa li jaġġorna jew jemenda ċerti Annessi għall-Ftehim relatati mal-kummerċ.

(3) Wara konsultazzjonijiet, l-Unjoni u r-Repubblika tal-Moldova qablu, fuq bażi reċiproka, f'konformità mal-Artikolu 147 tal-Ftehim, li jżidu l-volum ta' xi prodotti soġġetti għal kwoti tariffarji annwali mingħajr dazju.

(4) L-Unjoni aċċettat li żżid il-volum tal-kwoti tariffarji ("TRQs") għal prodotti li joriġinaw fir-Repubblika tal-Moldova fil-każ tal-għeneb tal-mejda u l-għajnbaqar, u biex tintroduċi TRQ ġdida għaċ-ċiras. Ir-Repubblika tal-Moldova qablet li żżid gradwalment il-volum tat-TRQs għall-prodotti li joriġinaw fl-Unjoni fil-każ tal-prodotti li ġejjin inklużi fl-iskeda ta' konċessjonijiet (ir-Repubblika tal-Moldova) stabbilita fl-Anness XV-D għall-Ftehim: il-majjal (TRQ 1), it-tjur (TRQ 2), il-prodotti tal-ħalib (TRQ 3) u z-zokkor (TRQ 5).

(5) Ir-Repubblika tal-Moldova talbet lill-Unjoni biex temenda l-Anness XV-C għall-Ftehim sabiex jiżdied il-volum ta' importazzjonijiet tal-qamħ (dqiq u gerbub), xgħir (dqiq u gerbub), qamħirrum (dqiq u gerbub) u ċereali pproċessati biex jiskatta l-mekkaniżmu kontra ċ-ċirkomvenzjoni msemmi fl-Artikolu 148 tal-Ftehim.

(6) Il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ għandu jadotta deċiżjoni li taġġorna l-Anness XV għall-Ftehim. Dik id-deċiżjoni hija vinkolanti għall-Unjoni.

(7) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ fir-rigward tal-aġġornament tal-Anness XV għall-Ftehim.

(8) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ għalhekk jenħtieġ li tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni mehmuża,

([1]) ĠU L 260, 30.8.2014, p. 4.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/839 tat-23 ta' Mejju 2016 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra (ĠU L 141, 28.5.2016, p. 28).

([3]) Id-Deċiżjoni Nru 3/2014 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova tas-16 ta' Diċembru 2014 dwar id-delega ta' ċerti setgħat mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ [2015/673] (ĠU L 110, 29.4.2015, p. 40).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ, kif imsemmi fl-Artikolu 438(4) tal-Ftehim, fir-rigward tal-aġġornament tal-Anness XV għall-Ftehim għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova dwar l-aġġronament tal-Anness XV (It-tneħħija ta' dazji doganali) għall-Ftehim mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Diċembru 2019.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

K. MIKKONEN

*ABBOZZ*

**DEĊIŻJONI Nru ../… TAL-KUMITAT TA' ASSOĊJAZZJONI BEJN L-UE U R-REPUBBLIKA TAL-MOLDOVA FIL-KONFIGURAZZJONI TAL-KUMMERĊ**

**ta'…**

**dwar l-aġġronament tal-Anness XV (It-tneħħija ta' dazji doganali) għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra**

IL-KUMITAT TA' ASSOĊJAZZJONI FIL-KONFIGURAZZJONI TAL-KUMMERĊ,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra, iffirmat fi Brussell fis-27 ta' Ġunju 2014, u b'mod partikolari l-Artikolu 147(4) u (5), l-Artikolu 148(5) u l-Artikolu 438(3) tiegħu,

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2016.

(2) Wara li saru konsultazzjonijiet, l-UE u r-Repubblika tal-Moldova qablu, fuq bażi reċiproka, f'konformità mal-Artikolu 147 tal-Ftehim, li jżidu l-volum ta' xi prodotti soġġetti għal kwoti tariffarji annwali mingħajr dazju.

(3) L-UE qablet li żżid il-volum tal-kwoti tariffarji ("TRQs") għal prodotti li joriġinaw fir-Repubblika tal-Moldova fejn jidħlu l-għeneb tal-mejda u l-għajnbaqar, u li tintroduċi TRQ ġdida għaċ-ċiras. Ir-Repubblika tal-Moldova aċċettat li żżid gradwalment il-volum ta' TRQs għall-prodotti li joriġinaw fl-UE fil-każ tal-prodotti li ġejjin inklużi fl-iskeda ta' konċessjonijiet (ir-Repubblika tal-Moldova) stabbilita fl-Anness XV-D għall-Ftehim: il-majjal (TRQ 1), it-tjur (TRQ 2), il-prodotti tal-ħalib (TRQ 3) u z-zokkor (TRQ 5).

(4) Wara talba li saret mir-Repubblika tal-Moldova f'konformità mal-Artikolu 148 tal-Ftehim, l-Unjoni aċċettat li żżid il-volum ta' skattar fil-każ tal-qamħ (dqiq u gerbub), xgħir (dqiq u gerbub), qamħirrum (dqiq u gerbub) u ċereali pproċessati.

(5) Fis-16 ta' Diċembru 2014 il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, permezz tad-Deċiżjoni Nru 3/2014, iddelega lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ, kif imsemmi fl-Artikolu 438(4) tal-Ftehim, is-setgħa tiegħu li jaġġorna jew jemenda ċerti Annessi għall-Ftehim relatati mal-kummerċ.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness XV għall-Ftehim huwa emendat kif ġej:

(1) l-Anness XV-A huwa sostitwit bit-test li jinsab fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

(2) fl-Anness XV-B, fil-lista ta' prodotti soġġetti għal prezz ta' dħul, l-entrata bil-kodiċi NM 2012 0809 29 00 u d-deskrizzjoni tal-prodott "Ċirasa (minbarra ċirasa qarsa), friska" hija mħassra.

(3) fl-Anness XV-C, il-volumi ta' skattar għall-kategoriji ta' prodotti li ġejjin għandhom jiġu emendati kif ġej:

(a) għall-kategorija tal-prodott 6 ("Qamħ, dqiq u gerbub"), fil-kolonna bit-titolu "Volum ta' skattar (f'tunnellati)", l-ammont "75 000" jiġi sostitwit bl-ammont "150 000";

(b) għall-kategorija tal-prodott 7 ("Barli, dqiq u gerbub"), fil-kolonna bit-titolu "Volum ta' skattatur (f'tunnellati)", l-ammont "70 000" jiġi sostitwit bl-ammont "100 000";

(c) għall-kategorija tal-prodott 8 ("Qamħirrum, dqiq u gerbub"), fil-kolonna bit-titolu "Volum ta' skattar (f'tunnellati)", l-ammont "130 000" jiġi sostitwit bl-ammont "250 000"; u

(d) għall-kategorija tal-prodott 10 ("Ċereali pproċessati"), fil-kolonna bit-titolu "Volum ta' skattar (f'tunnellati)", l-ammont "2 500" jiġi sostitwit bl-ammont "5 000".

(4) fl-Anness XV-D, l-iskeda ta' konċessjonijiet (ir-Repubblika tal-Moldova), ir-raba' kolonna bit-titolu "Kategorija" tiġi emendata kif ġej:

(a) ir-referenzi kollha għal "TRQ 1 (4 000 t)" jiġu sostitwiti b' "TRQ 1 (4 500 t; għas-sena 2021: 5 000 t; u mis-sena 2022: 5 500 t)";

(b) ir-referenzi kollha għal "TRQ 2 (4 000 t)" jiġu sostitwiti b' "TRQ 2 (5 000 t; għas-sena 2021: 5 500 t; u mis-sena 2022: 6 000 t)";

(c) ir-referenzi kollha għal "TRQ 3 (1 000 t)" jiġu sostitwiti b' "TRQ 3 (1 500 t; u mis-sena 2021: 2 000 t)";

(d) ir-referenzi kollha għal "TRQ 5 (5 400 t)" jiġu sostitwiti b' "TRQ 5 (7 000 t; għas-sena 2021: 8 000 t; u mis-sena 2022: 9 000 t)".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi..., ....

*Għall-Kumitat ta' Assoċjazzjoni*
*fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ*
*Il-President*

*ANNESS*

*'ANNESS XV-A*

PRODOTTI SoĠĠETTI GĦAL KWOTI ANNWALI TA' KWOTI TARIFFARJI MINGĦAJR DAZJU (L-UNJONI)

| Ordni Nru | Kodiċi NM 2012 | Deskrizzjoni tal-Prodott | Volum (tunnellati) | Rata ta' dazju |
|---|---|---|---|---|
| 1 | 0702 00 00 | Tadam, frisk jew imkessaħ | 2 000 | b'xejn |
| 2 | 0703 20 00 | Tewm, frisk jew imkessaħ | 220 | b'xejn |
| 3 | 0806 10 10 | Għeneb tal-mejda, frisk | 20 000 | b'xejn |
| 4 | 0808 10 80 | Tuffieħ, frisk (ħlief it-tuffieħ tas-sidru, fi kwantità, mis-16 ta' Settembru sal-15 ta' Diċembru) | 40 000 | b'xejn |
| 5 | 0809 29 00 | Ċirasa (imbarra ċ-ċirasa qarsa), friska | 1 500 | b'xejn |
| 6 | 0809 40 05 | Għanbaqar, frisk | 15 000 | b'xejn |
| 7 | 2009 61 10 | Meraq tal-għeneb, inkluż għeneb magħsur qabel jeħmer, mhux iffermentat, b'valur Brix <= 30 f'temperatura ta' 20 °C, b'valur ta' > EUR 18 għal kull 100 kg, kemm jekk fih zokkor jew materjal ieħor li jagħti togħma ħelwa kif ukoll jekk le (ħlief jekk fih l-ispirtu) | 500 | b'xejn' |
| | 2009 69 19 | Meraq tal-għeneb, inkluż għeneb magħsur qabel jeħmer, mhux iffermentat, b'valur Brix > 67 f'temperatura ta' 20 ° C, b'valur ta' > EUR 22 għal kull 100 kg, kemm jekk fih zokkor jew materjal ieħor li jagħti togħma ħelwa kif ukoll jekk le (ħlief jekk fih l-ispirtu) | | |
| | 2009 69 51 | Meraq tal-għeneb, inkluż għeneb magħsur qabel jeħmer, mhux iffermentat, b'valur Brix > 30 iżda <= 67 f'temperatura ta' 20 °C, b'valur ta' > EUR 18 għal kull 100 kg, kemm jekk fih zokkor jew materjal ieħor li jagħti togħma ħelwa kif ukoll jekk le (ħlief jekk fih l-ispirtu) | | |
| | 2009 69 59 | Meraq tal-għeneb, inkluż għeneb magħsur qabel jeħmer, mhux iffermentat, b'valur > 30 iżda <= 67 f'temperatura ta' 20 °C, b'valur ta' > EUR 18 għal kull 100 kg, kemm jekk fih zokkor jew materjal ieħor li jagħti togħma ħelwa kif ukoll jekk le (ħlief jekk ikkonċentrat jew fih l-ispirtu) | | |

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/2246

## tad-19 ta' Diċembru 2019

## dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt CETA fir-rigward tal-adozzjoni tal-Lista tal-Arbitri skont l-Artikolu 29.8 tal-Ftehim

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra (il-"Ftehim") ġie ffirmat fit-30 ta' Ottubru 2016.

(2) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/38 [1], partijiet mill-Ftehim ġew applikati b'mod proviżorju mill-21 ta' Settembru 2017.

(3) L-Artikolu 29.8.1 tal-Ftehim jipprevedi li l-Kumitat Konġunt CETA, stabbilit skont l-Artikolu 26.1 tal-Ftehim, jistabbilixxi lista ta' 15-il persuna li huma lesti u kapaċi jaqdu l-funzjoni ta' arbitru.

(4) Jixraq, għalhekk, li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt CETA billi d-Deċiżjoni ser tkun vinkolanti għall-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt CETA fir-rigward tal-adozzjoni tal-lista tal-arbitri skont l-Artikolu 29.8 tal-Ftehim għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt CETA mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Diċembru 2019.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

K. MIKKONEN

---

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/38 tat-28 ta' Ottubru 2016 dwar l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra (ĠU L 11, 14.1.2017, p. 1080).

**ABBOZZ**

**DEĊIŻJONI Nru …/2019 TAL-KUMITAT KONĠUNT CETA**

**ta' …**

**li tistabbilixxi lista ta' arbitri skont l-Artikolu 29.8 tal-Ftehim**

IL-KUMITAT KONĠUNT CETA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim"), u b'mod partikolari l-Artikoli 29.8 tiegħu,

Billi:

(1) B'konformità mal-Artikolu 30.7.3 tal-Ftehim, partijiet mill-Ftehim ilhom japplikaw proviżorjament mill-21 ta' Settembru 2017.

(2) Skont l-Artikolu 29.8.1 tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt CETA għandu jistabbilixxi lista ta' 15-il persuna li huma lesti u kapaċi jaqdu l-funzjoni ta' arbitru. Il-lista tal-arbitri għandha tkun magħmula minn tliet sublisti: sublista waħda għal kull Parti u sublista waħda ta' persuni li ma huma ċittadini tal-ebda Parti biex jaġixxu bħala presidenti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

1. Il-lista tal-arbitri għall-finijiet tal-Artikolu 29.8 tal-Ftehim kif tinsab fl-Anness hija b'dan stabbilita.

2. Din id-Deċiżjoni ssir effettiva fid-data tal-adozzjoni tagħha mill-Kumitat Konġunt CETA.

Magħmul fi …,

*Għall-Kumitat Konġunt CETA*

*ANNESS*

IL-LISTA TAL-ARBITRI STABBILITA SKONT L-ARTIKOLU 29.8 TAL-FTEHIM

Sublista għall-Kanada:

1. Serge Fréchette
2. Valerie Hughes
3. Matthew Kronby
4. Debra Steger
5. J. Christopher Thomas
6. Cherise Valles

Sublista għall-UE:

1. Claudio Dordi
2. Michael Hahn
3. Pieter Jan Kuijper
4. Hélène Ruiz Fabri
5. Peter Van den Bossche

Sublista ta' Presidenti:

1. James Bacchus
2. Christian Häberli
3. Daniel Moulis
4. David Unterhalter
5. Seung Wha Chang

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/2247

## tad-19 ta' Diċembru 2019

## li temenda d-Deċiżjoni 2013/488/UE dwar ir-regoli tas-sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 240(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/937/UE tal-1 ta' Diċembru 2009 li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 24 tagħha,

Billi:

(1) L-Appendiċi B tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/488/UE ([2]) fiha tabella ta' ekwivalenza tal-klassifikazzjonijiet tas-sigurtà.

(2) L-Appendiċi Ċ ta' dik id-Deċiżjoni fiha lista ta' awtoritajiet ta' sigurtà nazzjonali (ASN).

(3) L-Iżvezja nnotifikat lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill dwar bidliet lill-klassifikazzjonijiet tas-sigurtà tagħha u lill-ASN tagħha.

(4) Barra minn hekk, il-Bulgarija, iċ-Ċekja, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, Spanja, il-Kroazja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, l-Awstrija, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovakkja, il-Finlandja u r-Renju Unit innotifikaw lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill dwar bidliet lill-ASN rispettivi tagħhom.

(5) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2013/488/UE tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Appendiċi B u Ċ tad-Deċiżjoni 2013/488/UE huma sostitwiti bit-test li jidher rispettivament fl-Annessi I u II ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Diċembru 2019.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

K. MIKKONEN

---

([1]) ĠU L 325, 11.12.2009, p. 35.

([2]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/488/UE tat-23 ta' Settembru 2013 dwar ir-regoli tas-sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE (ĠU L 274, 15.10.2013, p. 1).

*ANNESS I*

*'APPENDIĊI B*

EKWIVALENZA TAL-KLASSIFIKAZZJONIJIET TAS-SIGURTÀ

| UE | TRÈS SECRET UE/EU TOP SECRET | SECRET UE/EU SECRET | CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL | RESTREINT UE/EU RESTRICTED |
|---|---|---|---|---|
| Belġju | Très Secret (Loi 11.12.1998)<br>Zeer Geheim (Wet 11.12.1998) | Secret (Loi 11.12.1998)<br>Geheim (Wet 11.12.1998) | Confidentiel (Loi 11.12.1998)<br>Vertrouwelijk (Wet 11.12.1998) | nota (1) hawn taħt |
| Bulgarija | Строго секретно | Секретно | Поверително | За служебно ползване |
| Ċekja | Přísně tajné | Tajné | Důvěrné | Vyhrazené |
| Danimarka | YDERST HEMMELIGT | HEMMELIGT | FORTROLIGT | TIL TJENESTEBRUG |
| Ġermanja | STRENG GEHEIM | GEHEIM | VS (2) — VERTRAULICH | VS — NUR FÜR DEN DIENSTGE-BRAUCH |
| Estonja | Täiesti salajane | Salajane | Konfidentsiaalne | Piiratud |
| Irlanda | Top Secret | Secret | Confidential | Restricted |
| Greċja | Άκρως Απόρρητο<br>Abr: ΑΑΠ | Απόρρητο<br>Abr: (ΑΠ) | Εμπιστευτικό<br>Abr: (ΕΜ) | Περιορισμένης Χρήσης<br>Abr: (ΠΧ) |
| Spanja | SECRETO | RESERVADO | CONFIDENCIAL | DIFUSIÓN LIMITADA |
| Franza | Très Secret Défense | Secret Défense | Confidentiel Défense | nota (3) hawn taħt |
| Kroazja | VRLO TAJNO | TAJNO | POVJERLJIVO | OGRANIČENO |
| Italja | Segretissimo | Segreto | Riservatissimo | Riservato |
| Ċipru | Άκρως Απόρρητο<br>Abr: (ΑΑΠ) | Απόρρητο<br>Abr: (ΑΠ) | Εμπιστευτικό<br>Abr: (ΕΜ) | Περιορισμένης Χρήσης<br>Abr: (ΠΧ) |
| Latvja | Sevišķi slepeni | Slepeni | Konfidenciāli | Dienesta vajadzībām |
| Litwanja | Visiškai slaptai | Slaptai | Konfidencialiai | Riboto naudojimo |
| Lussemburgu | Très Secret Lux | Secret Lux | Confidentiel Lux | Restreint Lux |
| Ungerija | Szigorúan titkos! | Titkos! | Bizalmas! | Korlátozott terjesztésű! |
| Malta | L-Ogħla Segretezza<br>Top Secret | Sigriet<br>Secret | Kunfidenzjali<br>Confidential | Ristrett<br>Restricted (4) |

| UE | TRÈS SECRET UE/EU TOP SECRET | SECRET UE/EU SECRET | CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL | RESTREINT UE/EU RESTRICTED |
|---|---|---|---|---|
| Netherlands | Stg. ZEER GEHEIM | Stg. GEHEIM | Stg. CONFIDENTIEEL | Dep. VERTROUWELIJK |
| Awstrija | Streng Geheim | Geheim | Vertraulich | Eingeschränkt |
| Polonja | Ściśle Tajne | Tajne | Poufne | Zastrzeżone |
| Portugall | Muito Secreto | Secreto | Confidencial | Reservado |
| Rumanija | Strict secret de importanță deosebită | Strict secret | Secret | Secret de serviciu |
| Slovenja | STROGO TAJNO | TAJNO | ZAUPNO | INTERNO |
| Slovakkja | Prísne tajné | Tajné | Dôverné | Vyhradené |
| Finlandja | ERITTÄIN SALAINEN YTTERST HEMLIG | SALAINEN HEMLIG | LUOTTAMUKSELLINEN KONFIDENTIELL | KÄYTTÖ RAJOITETTU BEGRÄNSAD TILLGÅNG |
| Żvezja | Kvaliciferat hemlig | Hemlig | Konfidentiell | Begränsat hemlig |
| Renju Unit | UK TOP SECRET | UK SECRET | nota (5) hawn taħt | UK OFFICIAL SENSITIVE |

(1) 'Diffusion Restreinte/Beperkte Verspreiding' mhijiex klassifikazzjoni tas-sigurtà fil-Belġju. Il-Belġju jittratta u jipproteġi informazzjoni 'RESTREINT UE/EU RESTRICTED' b'mod xejn anqas strett mill-istandards u l-proċeduri deskritti fir-regoli tas-sigurtà tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

(2) Ġermanja: VS = 'Verschlusssache'.

(3) Franza ma tużax il-klassifikazzjoni 'RESTREINT' fis-sistema nazzjonali tagħha. Franza tittratta u tipproteġi informazzjoni 'RESTREINT UE/EU RESTRICTED' b'mod xejn anqas strett mill-istandards u l-proċeduri deskritti fir-regoli tas-sigurtà tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

(4) Il-marki Maltin u Ingliżi għal Malta jistgħu jintużaw b'mod interkambjabbli.

(5) Ir-Renju Unit ma għadux juża l-klassifikazzjoni 'UK CONFIDENTIAL' fis-sistema nazzjonali tiegħu. Ir-Renju Unit jittratta u jipproteġi informazzjoni klassifikata 'CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL' f'konformità mar-rekwiżiti ta' sigurtà protettivi għal 'UK SECRET'.'

*ANNESS II*

*'APPENDIĊI Ċ*

LISTA TA' AWTORITAJIET TA' SIGURTÀ NAZZJONALI (ASN)

| | |
|---|---|
| **BELĠJU**<br>Autorité nationale de Sécurité<br>SPF Affaires étrangères, Commerce extérieur et Coopération au Développement<br>15, rue des Petits Carmes<br>1000 Bruxelles<br>Tel. tas-Segretarjat: +32 25014542<br>Fax +32 25014596<br>Indirizz elettroniku: nvo-ans@diplobel.fed.be | **ESTONJA**<br>National Security Authority Department<br>Estonian Foreign Intelligence Service<br>Rahumäe tee 4B<br>11316 Tallinn<br>Tel. +372 693 9211<br>Fax +372 693 5001<br>Indirizz elettroniku: nsa@fis.gov.ee |
| **BULGARIJA**<br>State Commission on Information Security<br>4 Kozloduy Str.<br>1202 Sofia<br>Tel. +359 29333600<br>Fax +359 29873750<br>Indirizz elettroniku: dksi@government.bg<br>Sit web: www.dksi.bg | **IRLANDA**<br>National Security Authority<br>Department of Foreign Affairs and Trade<br>76 - 78 Harcourt Street<br>Dublin 2<br>D02 DX45 Ireland<br>Tel. 1: +353 1 4082842<br>Tel. 2: +353 1 4082724<br>Indirizz elettroniku: nsa@dfa.ie |
| **ĊEKJA**<br>Národní bezpečnostní úřad<br>(National Security Authority)<br>Na Popelce 2/16<br>150 06 Praha 56<br>Tel. +420 257283335<br>Fax +420 257283110<br>Indirizz elettroniku: oms@nbu.cz<br>Sit web: www.nbu.cz | **GREĊJA**<br>Γενικό Επιτελείο Εθνικής Άμυνας (ΓΕΕΘΑ)<br>Διεύθυνση Ασφαλείας και Αντιπληροφοριών<br>ΣΤΓ 1020 -Χολαργός (Αθήνα)<br>Ελλάδα<br>Τηλ.: +30 2106572045 (ώρες γραφείου)<br>+30 2106572009 (ώρες γραφείου)<br>Φαξ: +30 2106536279<br>+30 2106577612<br>Hellenic National Defence General Staff (HNDGS)<br>Counter Intelligence and Security Directorate (NSA)<br>227-231 HOLARGOS<br>STG 1020 ATHENS<br>Tel. +30 2106572045<br>+30 2106572009<br>Fax +30 2106536279<br>+30 2106577612 |
| **DANIMARKA**<br>Politiets Efterretningstjeneste<br>(Danish Security Intelligence Service)<br>Klausdalsbrovej 1<br>2860 Søborg<br>Tel. +45 45 15 90 07<br>Fax +45 45 15 01 90<br>Forsvarets Efterretningstjeneste<br>(Danish Defence Intelligence Service)<br>Kastellet 30<br>2100 Copenhagen Ø<br>Tel. +45 33325566<br>Fax +45 33931320 | **SPANJA**<br>Autoridad Nacional de Seguridad<br>Oficina Nacional de Seguridad<br>Calle Argentona, 30<br>28023 Madrid<br>Tel. +34 913725000<br>Fax +34 913725808<br>Indirizz elettroniku: nsa-sp@areatec.com |

| | |
|---|---|
| **ĠERMANJA**<br>Bundesministerium des Innern, für Bau und Heimat<br>Sezzjoni ÖS II 5<br>Alt-Moabit 140<br>D-10557 Berlin<br>Tel. +49 30186810<br>Fax +49 30186811441<br>Indirizz elettroniku 1: OESII5@bmi.bund.de<br>Indirizz elettroniku 2: PersGS@bmi.bund.de | **FRANZA**<br>Secrétariat général de la défense et de la sécurité nationale<br>Sous-direction Protection du secret (SGDSN/PSD)<br>51 Boulevard de la Tour-Maubourg<br>75700 Paris 07 SP<br>Tel. +33 171758177<br>Fax +33 171758200 |
| **KROAZJA**<br>Office of the National Security Council<br>Croatian NSA<br>Jurjevska 34<br>10000 Zagreb<br>Croatia<br>Tel. +385 14681222<br>Fax +385 14686049<br>Indirizz elettroniku: NSACroatia@uvns.hr<br>Sit web: www.uvns.hr | **LUSSEMBURGU**<br>Autorité nationale de Sécurité<br>Boîte postale 2379<br>1023 Luxembourg<br>Tel. +352 24782210 central<br>Tel. +352 24782253 direct<br>Fax +352 24782243 |
| **ITALJA**<br>Presidenza del Consiglio dei Ministri<br>D.I.S. - U.C.Se<br>Via di Santa Susanna,<br>1500187 Roma<br>Tel. +39 0661174266<br>Fax +39 064885273 | **UNGERIJA**<br>Nemzeti Biztonsági Felügyelet<br>(National Security Authority of Hungary)<br>1024 Budapest, Szilágyi Erzsébet fasor 11/B<br>Indirizz Postali: 1399 Budapest, Pf. 710/50<br>Tel. +36-1/391-1862<br>Fax +36-1/391-1889<br>Indirizz elettroniku: nbf@nbf.hu<br>Sit web: www.nbf.hu |
| **ĊIPRU**<br>ΥΠΟΥΡΓΕΙΟ ΑΜΥΝΑΣ<br>ΣΤΡΑΤΙΩΤΙΚΟ ΕΠΙΤΕΛΕΙΟ ΤΟΥ ΥΠΟΥΡΓΟΥ ΑΜΥΝΑΣ<br>ΕΘΝΙΚΗ ΑΡΧΗ ΑΣΦΑΛΕΙΑΣ (ΕΑΑ)<br>Υπουργείο Άμυνας<br>Λεωφόρος Στροβόλου 172-174, 1432<br>Λευκωσία<br>Ταχυδρομικός Κώδικας: 2048<br>Τηλεφωνα: +357 22807569, +357 22807643, +357 22807764<br>Τηλεομοιότυπ: +357 22302351<br>Ηλεκτρονικό Ταχυδρομείο: cynsa@mod.gov.cy<br>Ministry of Defence<br>Minister's Military Staff<br>National Security Authority (NSA)<br>172-174 Strovolou Avenue, 1432<br>Nicosia<br>Postal code: 2048<br>+357 22807569, +357 22807643, +357 22807764<br>Fax +357 22302351<br>Indirizz elettroniku: cynsa@mod.gov.cy | **MALTA**<br>Ministry for Home Affairs and National Security<br>P.O. Box 146<br>MT-Valletta<br>Tel. +356 21249844<br>Fax +356 25695321 |
| **LATVJA**<br>National Security Authority<br>Constitution Protection Bureau of the Republic of Latvia<br>P.O.Box 286<br>LV-1001 Riga<br>Tel. +371 67025418<br>Indirizz elettroniku: ndi@sab.gov.lv | **NETHERLANDS**<br>Ministerie van Binnenlandse Zaken en Koninkrijksrelaties<br>Postbus 20010<br>2500 EA Den Haag<br>Tel. +31 703204400<br>Fax +31 703200733<br>Ministerie van Defensie<br>Beveiligingsautoriteit<br>Postbus 20701<br>2500 ES Den Haag<br>Tel. +31 703187060<br>Fax +31 703187522 |

| | |
|---|---|
| **LITWANJA**<br>Lietuvos Respublikos paslapčių apsaugos koordinavimo komisija<br>(The Commission for Secrets Protection Coordination of the Republic of Lithuania<br>National Security Authority)<br>Pilaitės ave. 19<br>LT-06264 Vilnius<br>Tel. +370 5 706 66128<br>Fax +370 706 66700<br>Indirizz elettroniku: nsa@vsd.lt | **AWSTRIJA**<br>Informationssicherheitskommission<br>Bundeskanzleramt<br>Ballhausplatz 2<br>1010 Wien<br>Tel. +43 1 53115 202594<br>Fax +43 1 53109 202594<br>Indirizz elettroniku: isk@bka.gv.at |
| **POLONJA**<br>Agencja Bezpieczeństwa Wewnętrznego – ABW<br>(Internal Security Agency)<br>2A Rakowiecka St.<br>00-993 Warszawa<br>Tel. +48 225857663<br>Fax +48 225858509<br>Indirizz elettroniku: nsa@abw.gov.pl<br>Sit web: www.abw.gov.pl | **SLOVAKKJA**<br>Národný bezpečnostný úrad<br>(National Security Authority)<br>Budatínska 30<br>851 06 Bratislava<br>Tel. +421 2 6869 1111<br>Fax +421 2 6869 1700<br>Indirizz elettroniku: podatelna@nbu.gov.sk<br>Sit web: www.nbu.gov.sk |
| **PORTUGALL**<br>Presidência do Conselho de Ministros<br>Autoridade Nacional de Segurança<br>Rua da Junqueira, 69<br>1300-342 Lisboa<br>Tel. +351 213031710<br>Fax +351 213031711 | **FINLANDJA**<br>National Security Authority<br>Ministry for Foreign Affairs<br>P.O. Box 453<br>FI-00023 Government<br>Tel. +358 9 16055890<br>Indirizz elettroniku: NSA@formin.fi |
| **RUMANIJA**<br>Oficiul Registrului Național al Informațiilor Secrete de Stat – Romanian NSA – ORNISS<br>National Registry Office for Classified Information<br>Strada Mureș nr. 4<br>012275 Bucharest<br>Tel. +40 212075114<br>Fax +40 212240714<br>Indirizz elettroniku: nsa.romania@nsa.ro<br>Sit web: www.orniss.ro | **ŻVEZJA**<br>Ministry for Foreign Affairs<br>Swedish National Security Authority<br>103 39 Stockholm<br>Tel. +46 8 405 10 00<br>Indirizz elettroniku: ud-nsa@gov.se |
| **SLOVENJA**<br>Urad Vlade RS za varovanje tajnih podatkov<br>Gregorčičeva 27<br>1000 Ljubljana<br>Tel. +386 14781390<br>Fax +386 14781399<br>Indirizz elettroniku: gp.uvtp@gov.si | **RENJU UNIT**<br>UK National Security Authority<br>Cabinet Office<br>Room 335<br>70 Whitehall<br>London<br>SW1A 2AS<br>Tel. 1: +44 2072765645<br>Tel. 2: +44 2072765497<br>Indirizz elettroniku: uk-nsa@cabinetoffice.gov.uk’ |

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/2248

## tad-19 ta' Diċembru 2019

## dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Kanada u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Kanada u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha ("il-Ftehim") ġie konkluż mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/702 ([1]) u daħal fis-seħħ fis-16 ta' Mejju 2019.

(2) L-Artikolu 17 tal-Ftehim jistabbilixxi Kumitat Konġunt biex jiżgura l-funzjonament u l-implimentazzjoni korretti tal-Ftehim.

(3) L-Artikolu 17(8) tal-Ftehim jipprevedi li l-Kumitat Konġunt jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

(4) Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-Ftehim, jenħtieġ li jiġu adottati r-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt.

(5) Għalhekk jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni matul l-ewwel laqgħa tal-Kumitat Konġunt stabbilit bl-Artikolu 17 tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Kanada u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, b'rabta mal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Jista' jintlaħaq qbil dwar bidliet żgħar fl-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt mir-rappreżentanti tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Diċembru 2019.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

K. MIKKONEN

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/702 tal-15 ta' April 2019 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kanada, min-naħa l-oħra (ĠU L 120, 8.5.2019, p. 1).

**ABBOZZ**

**DEĊIŻJONI NRU 1/2020 TAL-KUMITAT KONĠUNT KANADA – UE STABBILIT BIL-FTEHIM DWAR IT-TRASPORT BL-AJRU BEJN IL-KANADA U L-KOMUNITÀ EWROPEA U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHA**

**ta' …**

**li tadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu**

IL-KUMITAT KONĠUNT KANADA – UE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Kanada u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, ("il-Ftehim"), u b'mod partikolari l-Artikolu 17 tiegħu,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu Uniku*

B'dan, ir-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt mehmuża ma' din id-Deċiżjoni huma adottati.

Magħmul fi ...,

*Għall-Kumitat Konġunt,*

*Il-Kap tad-Delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea*
*[isem]*

*Il-Kap tad-Delegazzjoni Kanadiża*
*[isem]*

*ANNESS*

REGOLI TA' PROĊEDURA

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Kanada u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, u b'mod partikolari l-Artikolu 17 tiegħu,

ADOTTA R-REGOLI TA' PROĊEDURA LI ĠEJJIN:

*Artikolu 1*

**Kapijiet tad-Delegazzjoni**

1. Il-Kumitat Konġunt għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Partijiet.

2. Il-Kumitat Konġunt għandu jkun presedut b'mod konġunt mill-Kapijiet tad-Delegazzjoni tal-Partijiet.

*Artikolu 2*

**Laqgħat**

1. Il-Kumitat Konġunt għandu jiltaqa' mill-inqas darba fis-sena, filwaqt li r-responsabbiltà għall-ospitar talterna bejn il-Partijiet. Barra minn hekk, kull Parti tista' titlob li tissejjaħ laqgħa tal-Kumitat Konġunt skont l-Artikolu 17(3) tal-Ftehim.

2. Il-Kumitat Konġunt jista' jorganizza laqgħat wiċċ imb wiċċ jew permezz ta' mezzi oħra (telekonferenzi jew vidjokonferenzi).

*Artikolu 3*

**Delegazzjonijiet**

1. Qabel laqgħa, il-Kapijiet tad-Delegazzjoni għandhom jinformaw lil xulxin dwar il-kompożizzjoni maħsuba tad-delegazzjonijiet tagħhom għal dik il-laqgħa.

2. Ir-rappreżentanti tal-partijiet ikkonċernati tal-industrija tat-trasport bl-ajru jistgħu jiġu mistiedna jattendu l-laqgħat bħala osservaturi, jekk il-Kumitat Konġunt ikun jaqbel li jsir hekk.

3. Il-Kumitat Konġunt jista' jaqbel li jistieden lil partijiet interessati jew lil esperti oħra biex jattendu l-laqgħat sabiex jipprovdu informazzjoni dwar suġġetti partikolari.

*Artikolu 4*

**Segretarjat**

Uffiċjal tal-Kummissjoni Ewropea u uffiċjal tal-Gvern tal-Kanada għandhom jaġixxu b'mod konġunt bħala s-segretarji tal-Kumitat Konġunt.

*Artikolu 5*

**Aġenda tal-laqgħat**

1. Il-Kapijiet tad-Delegazzjoni għandhom jistabbilixxu l-aġenda proviżorja ta' kull laqgħa bi ftehim reċiproku. Sabiex jiġu ffaċilitati d-distribuzzjoni lill-membri ta' kull delegazzjoni u l-konsultazzjoni magħhom, u sa fejn huwa possibbli, dik l-aġenda proviżorja għandha tiġi stabbilita mhux aktar tard minn ħmistax-il jum qabel id-data tal-laqgħa.

2. L-aġenda għandha tiġi adottata mill-Kumitat Konġunt fil-bidu ta' kull laqgħa. Jistgħu jiġu inklużi fl-aġenda punti oħra minbarra dawk li jkunu jidhru fl-aġenda proviżorja jekk il-Kumitat Konġunt jaqbel li jsir hekk.

3. Il-Kapijiet tad-Delegazzjoni jistgħu jqassru l-limitu ta' żmien previst fil-paragrafu 1 sabiex titqies in-natura urġenti ta' kwistjoni partikolari.

*Artikolu 6*

**Reġistru tal-Laqgħa**

1. Għandu jitfassal abbozz ta' Reġistru tal-Laqgħa għal kull laqgħa tal-Kumitat Konġunt fl-aħħar ta' kull laqgħa. Dan għandu jindika l-punti li jkunu ġew diskussi u kwalunkwe konklużjoni konġunta li tkun intlaħqet, inkluż kwalunkwe rakkomandazzjoni u deċiżjoni li tkun ġiet adottata.

2. Ir-Reġistru tal-Laqgħa għandu jiġi approvat bil-miktub mill-Kapijiet tad-Delegazzjoni fi żmien 30 jum mid-data tal-laqgħa jew sa kwalunkwe data oħra deċiża mill-Partijiet.

3. Meta jiġi approvat, ir-Reġistru tal-Laqgħa għandu jiġi ffirmat mill-Kapijiet tad-Delegazzjoni u tiġi ppreżentata kopja oriġinali waħda minn kull waħda mill-Partijiet. Il-Partijiet jistgħu jiddeċiedu li l-iffirmar u l-iskambju ta' kopji elettroniċi jissodisfaw dak ir-rekwiżit.

4. Sakemm ma jintlaħaqx qbil mod ieħor, il-laqgħat tal-Kumitat Konġunt ma għandhomx ikunu pubbliċi. Ir-Reġistri tal-Laqgħa u l-iskambji ta' korrispondenza, skont il-każ, għandhom ikunu pubbliċi sakemm ma jkunx mitlub mod ieħor minn waħda mill-Partijiet. Jekk ikun meħtieġ, il-Kumitat Konġunt jista' jaqbel li jirrakkomanda l-ħruġ ta' stqarrija konġunta għall-istampa.

*Artikolu 7*

**Proċedura bil-miktub**

Meta jkunu meħtieġa, u debitament motivati, id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Konġunt jistgħu jiġu adottati permezz ta' proċedura bil-miktub. Għal dak il-għan, il-Kapijiet tad-Delegazzjoni għandhom jiskambjaw l-abbozz ta' miżuri li dwarhom tintalab l-opinjoni tal-Kumitat Konġunt, li mbagħad jistgħu jiġu kkonfermati permezz ta' skambju ta' korrispondenza.

*Artikolu 8*

**Deliberazzjonijiet**

1. Il-Kumitat Konġunt għandu jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu u jifformula rakkomandazzjonijiet abbażi ta' kunsens.

2. Id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Konġunt għandu jkollhom it-titolu "Deċiżjoni" u "Rakkomandazzjoni" ujkunu segwiti b'numru tas-serje, bid-data tal-adozzjoni tagħhom u b'deskrizzjoni tas-suġġett tagħhom.

3. Id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Konġunt għandhom jiġu ffirmati mill-Kapijiet tad-Delegazzjoni ujiġu mehmuża mar-Reġistru tal-Laqgħa.

4. Kwalunkwe deċiżjoni meħuda mill-Kumitat Konġunt għandha tiġi implimentata mill-Partijiet f'konformità mal-proċeduri interni tagħhom stess.

*Artikolu 9*

**Gruppi ta' Ħidma**

1. Il-Kumitat Konġunt jista' jaqbel li jistabbilixxi gruppi ta' ħidma biex jistudjaw kwistjonijiet speċifiċi ta' rilevanza għall-Ftehim. It-termini ta' referenza għal grupp ta' ħidma għandhom jiġu approvati mill-Kumitat Konġunt u inklużi fir-Reġistru tal-Laqgħa adattata.

2. Il-kompożizzjoni tal-gruppi ta' ħidma għandha tiġi ddeterminata mill-Kumitat Konġunt.

3. Il-gruppi ta' ħidma għandhom jirrappurtaw lill-Kumitat Konġunt. Ma għandhomx jieħdu deċiżjonijiet iżda jistgħu jagħmlu rakkomandazzjonijiet lill-Kumitat Konġunt.

4. Fi kwalunkwe ħin, il-Kumitat Konġunt jista' jaqbel li jabolixxi kwalunkwe grupp ta' ħidma eżistenti, li jimmodifika t-termini ta' referenza tagħhom jew li jistabbilixxi gruppi ta' ħidma ġodda biex jgħinuh fil-qadi tal-kompiti tiegħu.

*Artikolu 10*

**Spejjeż**

1. Il-membri ta' kull delegazzjoni għandhom ikopru l-ispejjeż tagħhom relatati mal-parteċipazzjoni tagħhom f'laqgħa jew fi grupp ta' ħidma.

2. Kwalunkwe spiża oħra relatata mal-organizzazzjoni materjali ta' laqgħat għandha titħallas mill-Parti li tkun qed tospita l-laqgħa.

*Artikolu 11*

**Emendi għar-Regoli ta' Proċedura**

Il-Kumitat Konġunt jista', fi kwalunkwe ħin, jemenda dawn ir-Regoli ta' proċedura permezz ta' deċiżjoni meħuda f'konformità mal-Artikolu 8.

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/2249

## tad-19 ta' Diċembru 2019

## dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan l-Kumitat tar-Regoli tal-Oriġini tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim dwar ir-Regoli tal-Oriġini ("il-Ftehim") ġie konkluż mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KE [1] u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1995.

(2) L-Artikolu 4 tal-Ftehim jistabbilixxi l-Kumitat tar-Regoli tal-Oriġini.

(3) Il-Kumitat tar-Regoli tal-Oriġini għandu jadotta komunikazzjoni bit-titolu "It-Titjib tat-Trasparenza fir-Regoli Mhux Preferenzjali tal-Oriġini".

(4) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat tar-Regoli tal-Oriġini, peress li l-komunikazzjoni li għandha tiġi adottata ser tkun vinkolanti għall-Unjoni.

(5) Il-pożizzjoni proposta li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni għandha l-għan li ttejjeb it-trasparenza tal-liġijiet, ir-regolamenti u l-prattiki fir-rigward tar-regoli mhux preferenzjali tal-oriġini, permezz ta' regoli dwar notifika obbligatorja jew volontarja mill-membri tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) tar-regoli mhux preferenzjali tal-oriġini tagħhom, permezz ta' mudelli standardizzati. Dan ser jirriżulta f'regoli tal-oriġini aktar ċari u aktar prevedibbli u ser jiffaċilita l-fluss tal-kummerċ internazzjonali,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat tar-Regoli tal-Oriġini għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' komunikazzjoni tal-Kumitat tar-Regoli tal-Oriġini stabbilita fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Jistgħu jiġu miftiehma bidliet tekniċi żgħar f'dak l-abbozz ta' komunikazzjoni mir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-Kumitat tar-Regoli tal-Oriġini.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Diċembru 2019.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

K. MIKKONEN

---

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KE tat-22 ta' Diċembru 1994 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, fejn għandhom x'jaqsmu affarijiet fil-kompetenza tagħha, fuq il-ftehim milħuq fil-Laqgħa ta' negozjati multilaterali fl-Urugwaj (1986-1994) (ĠU L 336, 23.12.1994, p. 1).

*ANNESS*

**It-titjib tat-Trasparenza fir-Regoli Mhux preferenzjali tal-Oriġini**

*Il-Membri tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ,*

*Billi jixtiequ* jiżguraw li r-regoli tal-oriġini nfushom ma joħolqux effetti li jirrestrinġu, ixekklu jew ifixklu l-kummerċ internazzjonali;

*Billi jixtiequ* jiżguraw li r-regoli tal-oriġini jitħejjew u jiġu applikati b'mod imparzjali, trasparenti, prevedibbli, konsistenti u newtrali;

*Billi jirrikonoxxu* li regoli tal-oriġini ċari u prevedibbli u l-applikazzjoni tagħhom jiffaċilitaw il-fluss tal-kummerċ internazzjonali;

*Billi jirrikonoxxu* li huwa mixtieq li tiġi pprovduta t-trasparenza fil-liġijiet, ir-regolamenti u l-prattiki fir-rigward tar-regoli tal-oriġini;

*Billi jixtiequ* li jikkomplementaw l-obbligi ta' notifika tal-Artikolu 5 tal-Ftehim dwar ir-Regoli tal-Oriġini;

*Billi jaffermaw* li t-titjib fit-trasparenza tal-liġijiet, ir-regolamenti u l-prattiki fir-rigward tar-regoli tal-oriġini jikkontribwixxi biex jitnaqqsu l-kostijiet ta' konformità tal-operaturi ekonomiċi li jixtiequ jintegraw il-katini tal-valur globali, l-aktar l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju;

*Jiddeċiedu*, fir-rigward tar-regoli tal-oriġini, kif ġej:

1. Li huwa mixtieq li jinżamm u jiġi promoss livell għoli ta' trasparenza u fehim reċiproku dwar ir-regoli tal-oriġini eżistenti u r-rekwiżiti dokumentarji relatati użati mill-Membri tad-WTO. Ir-regoli tal-oriġini huma mifhuma bħala dawk li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 1 tal-Ftehim dwar ir-Regoli tal-Oriġini.

2. Sabiex tiżdied it-trasparenza u jiġi promoss fehim aħjar tar-regoli tal-oriġini, il-Membri għandhom jinnotifikaw lis-Segretarjat tad-WTO, skont l-Anness 1 ta' din id-Deċiżjoni, ir-regoli tal-oriġini li jużaw fl-applikazzjoni tat-trattament tal-aktar nazzjon iffavorit skont l-Artikoli I, II, III, XI u XIII tal-GATT tal-1994.

3. Il-Membri huma mħeġġa jimlew il-mudell ta' notifika fl-Anness 1 meta jinnotifikaw lis-Segretarjat tad-WTO dwar kwalunkwe regola oħra tal-oriġini li jużaw għall-applikazzjoni ta' strumenti oħra ta' politika kummerċjali mhux preferenzjali kif previst fl-Artikolu 1.2 tal-Ftehim dwar ir-Regoli tal-Oriġini.

4. Barra minn hekk, il-Membri għandhom jiddeskrivu, skont l-Anness 2, il-prattiki tagħhom fir-rigward taċ-ċertifikazzjoni tal-oriġini u provi tal-oriġini dokumentarji obbligatorji oħra għal finijiet mhux preferenzjali li jkunu ġew innotifikati skont l-Anness 1 ([1]). Il-Membri li jirrapportaw li ma jimplimentawx ir-regoli tal-oriġini skont l-Anness 1 għandhom, madankollu, jimlew l-Anness 2.

5. In-notifiki skont il-paragrafi 2 u 4 ta' din id-Deċiżjoni għandhom jiġu ppreżentati sa mhux aktar tard minn sena wara l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

6. L-informazzjoni nnotifikata skont din id-Deċiżjoni għandha ssir disponibbli għall-pubbliku mis-Segretarjat tad-WTO.

7. Kull Membru għandu, skont ir-riżorsi disponibbli tiegħu, jistabbilixxi jew iżomm punt ta' informazzjoni wieħed jew aktar sabiex iwieġeb għall-mistoqsijiet iġġustifikati tal-gvernijiet, tan-negozjanti u ta' partijiet interessati oħra dwar kwistjonijiet li jirrigwardaw ir-regoli tal-oriġini u rekwiżiti dokumentarji relatati kif ukoll biex jipprovdu l-formoli u d-dokumenti meħtieġa ([2]). Il-Membri għandhom jikkomunikaw id-dettalji ta' kuntatt tal-punti ta' informazzjoni rispettivi tagħhom lis-Segretarjat tad-WTO skont l-Anness 1. Il-membri tal-pajjiżi l-anqas żviluppati għandu jkollhom sentejn biex jikkomunikaw din l-informazzjoni lis-Segretarjat tad-WTO.

8. Il-Membri għandhom jagħmlu ħilithom biex jipprovdu referenzi legali, siti web, dokumenti ta' spjegazzjoni, jew kwalunkwe dokument ieħor, f'lingwa uffiċjali tad-WTO.

9. Il-Membri li jintroduċu bidliet sostantivi fir-regoli tal-oriġini tagħhom u rekwiżiti dokumentarji relatati li jkunu ġew innotifikati skont din id-Deċiżjoni, għandhom jinnotifikaw minnufih tali bidliet lis-Segretarjat tad-WTO skont din id-Deċiżjoni.

([1]) Dan huwa mingħajr preġudizzju għal provi tal-oriġini oħra li jistgħu jkunu meħtieġa mill-awtoritajiet kompetenti għal finijiet ta' kontroll.

([2]) Huwa mifhum li l-punt ta' informazzjoni jista' jkun l-istess kif stabbilit jew miżmum skont l-Artikolu 1.3 (*Punti ta' informazzjoni*) tal-Ftehim ta' Faċilitazzjoni tal-Kummerċ (TFA) u l-Membri mhumiex meħtieġa jipprovdu aktar informazzjoni jew jipprovdu aktar formoli u dokumenti minn dawk koperti mit-TFA.

10. Il-Kumitat tar-Regoli tal-Oriġini (CRO) għandu jeżamina r-regoli tal-oriġini eżistenti u r-rekwiżiti dokumentarji relatati abbażi tal-informazzjoni nnotifikata skont din id-Deċiżjoni, bil-għan li jiġu identifikati prattiki li jiffaċilitaw il-kummerċ u li tiġi promossa d-diffużjoni internazzjonali tagħhom.

11. L-għajnuna mis-Segretarjat tad-WTO għandha tingħata fuq talba biex tgħin lill-Membri tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw u dawk li huma l-anqas żviluppati jimplimentaw id-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni.

12. Xejn f'din id-Deċiżjoni ma għandu jiġi interpretat li jaffettwa d-drittijiet u l-obbligi tal-Membri li jinsabu fl-Artikolu 5 tal-Ftehim dwar ir-Regoli tal-Oriġini jew fl-Artikolu 1 tal-Ftehim ta' Faċilitazzjoni tal-Kummerċ.

13. Din id-Deċiżjoni, b'mod partikolari l-paragrafi 2 u 3, għandha tiġi riveduta tliet snin wara l-adozzjoni tagħha, u wara dan kull meta jkun meħtieġ, bil-għan li tittejjeb aktar it-trasparenza dwar regoli mhux preferenzjali tal-oriġini kif xieraq.

*ANNESS 1*

MUDELL TA' NOTIFIKA GĦAL REGOLI MHUX PREFERENZJALI TAL-ORIĠINI

*L-Anness 1 jista' jiġi dduplikat kemm-il darba l-membri jqisu li dan ikun meħtieġ*

I. INFORMAZZJONI BAŻIKA

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1) | Membru notifikatur | | |
| 2) | Punt ta' informazzjoni<br>(Jekk possibbli, ipprovdi d-dettalji ta' kuntatt li ġejjin: Isem, tel., posta elettronika, sit web) | | |
| 3) | Hemm Regoli Mhux Preferenzjali tal-Oriġini fis-seħħ? | ☐ Iva<br>** Jekk it-tweġiba tiegħek hija "Le", mhuwiex meħtieġ li jimtlew il-mistoqsijiet sussegwenti ta' dan l-Anness* | ☐ Le* |
| 4) | Jekk jogħġbok indika liema strumenti tal-politika kummerċjali jużaw dawn ir-regoli mhux preferenzjali tal-oriġini (irreferi għall-Artikolu 1.2 tal-Ftehim dwar ir-Regoli tal-Oriġini) | | |
| 5) | Data tad-dħul fis-seħħ jew kwalunkwe modifika sostantiva tiegħu: | | |
| 6) | Data tal-iskadenza, jekk applikabbli: | | |
| 7) | Awtoritajiet governattivi jew mhux governattivi inkarigati mill-amministrazzjoni: | | |
| 8) | Link tal-Internet għal-leġislazzjoni u kull dokument ieħor ta' spjegazzjoni, jekk applikabbli: | | |
| 9) | Kummenti, jekk applikabbli | | |

II. APPLIKAZZJONI TAR-REGOLI MHUX PREFERENZJALI TAL-ORIĠINI

| | | | |
|---|---|---|---|
| 10) | Japplikaw regoli mhux preferenzjali tal-oriġini għall-importazzjonijiet | ☐ Iva | ☐ Le |
| 11) | Japplikaw regoli mhux preferenzjali tal-oriġini għall-esportazzjonijiet | ☐ Iva | ☐ Le |
| 12) | Regola *de minimis* għall-applikazzjoni ta' regoli mhux preferenzjali tal-oriġini | ☐ Iva | ☐ Le |
| | Jekk Iva, jekk jogħġbok speċifika l-limitu *de minimis* u pprovdi r-referenzi legali rilevanti applikabbli għall-mistoqsijiet 10 sa 12. | | |

III. KRITERJI BIEX TIĠI DDETERMINATA T-TRASFORMAZZJONI SOSTANZJALI GĦALL-VALUTAZZJONI TAL-ORIĠINI TAL-OĠĠETT

| | | |
|---|---|---|
| 13) | Kriterji ġenerali, jekk applikabbli għall-prodotti kollha: | |
| 14) | Regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott fejn applikabbli: | |
| 15) | Definizzjoni ta' materjal mhux oriġinarju u ta' materjal oriġinarju, jekk applikabbli: | |
| 16) | Lista ta' operazzjonijiet minimi li ma jagħtux l-oriġini, jekk applikabbli: | |
| 17) | Regoli residwi, jekk applikabbli: | |
| 18) | Kwalunkwe informazzjoni oħra li l-membru jqis li hija meħtieġa (ipprovdi link tal-Internet, jekk xieraq) | |

IV. DEĊIŻJONIJIET BIL-QUDDIEM

| | | |
|---|---|---|
| Jinħarġu deċiżjonijiet bil-quddiem dwar l-oriġini ta' oġġett? (1) | ☐ Iva | ☐ Le |
| Awtorità inkarigata mill-ħruġ ta' deċiżjonijiet bil-quddiem (dwar l-oriġini) | | |
| Struzzjonijiet dwar l-applikazzjoni għal deċiżjoni bil-quddiem | | |
| Link tal-Internet għal-leġislazzjoni u kwalunkwe referenza legali oħra rilevanti: | | |

(1) Kif iddefinit fl-Artikolu 2(h) tal-Ftehim dwar ir-Regoli tal-Oriġini u fl-Artikolu 3 tal-Ftehim ta' Faċilitazzjoni tal-Kummerċ.

*ANNESS 2*

MUDELL TA' NOTIFIKA GĦAL REKWIŻITI DOKUMENTARJI RELATATI MA' REGOLI MHUX PREFERENZJALI TAL-ORIĠINI

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1) | Rekwiżiti obbligatorji għaċ-ċertifikat u/jew kwalunkwe prova tal-oriġini dokumentarja obbligatorja oħra għall-importazzjonijiet? | ☐ Iva | ☐ Le** |
| 2) | Rekwiżiti obbligatorji għaċ-ċertifikat u/jew kwalunkwe prova tal-oriġini dokumentarja obbligatorja oħra għall-esportazzjonijiet? | ☐ Iva | ☐ Le** |
| 3) | Hemm format standardizzat jew preskritt u/jew kontenut taċ-Ċertifikat u/jew kwalunkwe prova tal-oriġini dokumentarja obbligatorja oħra?<br>Jekk Iva, jekk jogħġbok ehmeż kopja jew ipprovdi d-dettalji rilevanti fl-Appendiċi ta' dan l-Anness | ☐ Iva<br>** Jekk it-tweġibiet għall-mistoqsijiet 1 u 2 huma "Le", mhuwiex meħtieġ li jimtlew il-mistoqsijiet sussegwenti ta' dan l-Anness | ☐ Le |
| 4) | Jekk jintalab biss f'ċirkostanzi speċifiċi, jekk jogħġbok iddeskrivi l-każijiet li għalihom jintalab ċertifikat (jew provi tal-oriġini dokumentarji obbligatorji oħra) u l-format rispettiv (il-forma preskritta jew oħrajn). | | |
| 5) | Jekk ir-rekwiżiti obbligatorji għaċ-ċertifikat u/jew kwalunkwe prova tal-oriġini dokumentarja obbligatorja oħra huma limitati għal ċerti prodotti, jekk jogħġbok speċifika għal liema Kapitoli tas-SA u l-format rispettiv (fil-forma preskritta jew oħrajn). | | |
| 6) | Eżenzjonijiet għar-rekwiżiti obbligatorji ta' preżentazzjoni ta' ċertifikat u/jew ta' kwalunkwe prova tal-oriġini dokumentarja obbligatorja oħra (eż. kunsinni b'valur baxx, kunsinni postali, …) | | |
| 7) | Awtoritajiet governattivi jew mhux governattivi maħtura għall-ħruġ ta' ċertifikat u/jew kwalunkwe prova tal-oriġini dokumentarja obbligatorja oħra, jekk applikabbli | | |
| 8) | Jekk jogħġbok ipprovdi r-referenzi legali rilevanti applikabbli għall-Mistoqsijiet 1 sa 7 | | |

*ANNESS 2 — APPENDIĊI*

Jekk jogħġbok ehmeż il-formola preskritta u/jew il-link tal-Internet mal-formola preskritta taċ-Ċertifikat tal-oriġini (jew prova tal-oriġini dokumentarja obbligatorja oħra), jekk applikabbli

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/2250

## tat-19 ta' Diċembru 2019

## li tapprova r-Regoli ta' Proċedura tal-Eurojust

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust), u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(5) tiegħu,

Billi:

(1) Skont ir-Regolament (UE) 2018/1727, il-Kulleġġ tal-Eurojust (il-"Kulleġġ") jeħtieġ jadotta r-Regoli ta' Proċedura tal-Eurojust. Dawk ir-Regoli ta' Proċedura jeħtieġu jiġu approvati mill-Kunsill permezz ta' atti ta' implimentazzjoni.

(2) L-abbozz tar-Regoli ta' Proċedura ġie approvat, f'konformità mal-Artikolu 5(5) tar-Regolament (UE) 2018/1727, mill-Kulleġġ fit-12 ta' Diċembru 2019. L-abbozz tar-Regoli ta' Proċedura separati dwar l-ipproċessar u l-protezzjoni ta' data personali msemmija fl-Artikolu 17 tar-Regoli ta' Proċedura ġie approvat mill-Kulleġġ fis-16 ta' Diċembru 2019.

(3) Jenħtieġ li r-Regoli ta' Proċedura u r-Regoli ta' Proċedura separati dwar l-ipproċessar u l-protezzjoni ta' data personali msemmija fl-Artikolu 17 tar-Regoli ta' Proċedura jiġu approvati mill-Kunsill.

(4) Id-Danimarka mhijiex marbuta bir-Regolament (UE) 2018/1727 u għalhekk mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, li timplimenta r-Regolament (UE) 2018/1727.

(5) L-Irlanda u r-Renju Unit huma marbuta bir-Regolament (UE) 2018/1727 u għalhekk qed jieħdu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, li timplimenta r-Regolament (UE) 2018/1727,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Eurojust, u r-Regoli ta' Proċedura separati dwar l-ipproċessar u l-protezzjoni ta' data personali msemmija fl-Artikolu 17 tar-Regoli ta' Proċedura, huma b'dan approvati.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-19 ta' Diċembru 2019,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

K. MIKKONEN

([1]) ĠU L 295, 21.11.2018, p. 138.

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/2251

## tad-19 ta' Diċembru 2019

## dwar mekkaniżmu ta' kumpens għall-Istat Membru li tiegħu l-membru nazzjonali jiġi elett President tal-Eurojust

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust), u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Skont ir-Regolament (UE) 2018/1727 u r-Regoli ta' Proċedura tal-Eurojust, il-membru nazzjonali elett bħala President tal-Eurojust ikollu funzjonijiet addizzjonali.

(2) It-twettiq tal-funzjonijiet ta' President tal-Eurojust jaffettwa l-ammont ta' xogħol tad-deputat u tal-Assistent mill-Istat Membru li l-membru nazzjonali tiegħu jkun ġie elett bħala President, u l-Istat Membru kkonċernat jista' jagħżel li jissekonda persuna oħra kwalifikata kif xieraq biex jissaħħaħ l-uffiċċju nazzjonali għal kemm idum il-mandat tal-President.

(3) L-Artikolu 11(7) tar-Regolament (UE) 2018/1727 jipprovdi *inter alia* li, f'dawk il-każijiet fejn persuna oħra kwalifikata kif xieraq tiġi ssekondata, l-Istat Membru kkonċernat huwa intitolat li japplika għal kumpens.

(4) Jenħtieġ li mekkaniżmu għal kumpens jiżgura l-ugwaljanza fit-trattament fir-rigward tar-rimborż attwali tal-ispejjeż tal-għajxien u spejjeż oħra assoċjati bejn membru nazzjonali elett President u persuna oħra kwalifikata kif xieraq issekondata mill-Istat Membru kkonċernat,

(5) Id-Danimarka mhijiex marbuta bir-Regolament (UE) 2018/1727 u għalhekk mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, li timplimenta r-Regolament (UE) Nru 2018/1727.

(6) L-Irlanda u r-Renju Unit huma marbuta bir-Regolament (UE) 2018/1727 u għalhekk qed jieħdu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, li timplimenta r-Regolament (UE) Nru 2018/1727.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

1. Stat Membru li l-membru nazzjonali tiegħu jkun ġie elett President tal-Eurojust u li jkun issekonda persuna oħra mal-uffiċċju nazzjonali tiegħu għal din ir-raġuni, u li għalhekk ikun intitolat taħt l-Artikolu 11(7) tar-Regolament (UE) 2018/1727 biex japplika għal kumpens lill-Kulleġġ tal-Eurojust (il-"Kulleġġ") għal dik il-persuna l-oħra, għandu jinkludi fl-applikazzjoni tiegħu l-informazzjoni li ġejja:

(a) id-deċiżjoni tal-Istat Membru kkonċernat dwar l-issekondar ta' dik il-persuna;

(b) il-ġustifikazzjoni għall-ħtieġa li jiġi rinfurzat l-uffiċċju nazzjonali tiegħu minħabba żieda fl-ammont ta' xogħol;

(c) dettalji dwar is-salarju gross fix-xahar nazzjonali tal-persuna ssekondata;

([1]) ĠU L 295, 21.11.2018, p. 138.

(d) dettalji dwar kwalunkwe spejjeż ta' għajxien u spejjeż oħra assoċjati pprovduti lill-persuna ssekondata taħt il-liġi nazzjonali;

(e) dettalji dwar il-kont li fih irid jiġi trasferit il-kumpens.

2. L-Istat Membru kkonċernat għandu jibgħat l-applikazzjoni għal kumpens lill-Kulleġġ fi żmien sitt xhur mid-deċiżjoni dwar l-issekondar tal-persuna.

*Artikolu 2*

1. Il-Kulleġġ għandu jiddeċiedi dwar l-għoti ta' kumpens fi żmien tliet xhur mill-wasla tal-applikazzjoni.

2. L-Istat Membru kkonċernat huwa intitolat għal kumpens sakemm il-membru nazzjonali tiegħu jdum President u għall-perijodu korrispondenti ta' kemm iddum issekondata l-persuna kkonċernata.

*Artikolu 3*

1. F'konformità mal-Artikolu 12(3) tar-Regolament (UE) 2018/1727, il-Eurojust għandha tirrimborża lill-Istat Membru kkonċernat kif ġej:

(a) 50 % tas-salarju gross fix-xahar nazzjonali tal-persuna ssekondata; u

(b) l-ispejjeż tal-għajxien u spejjeż oħra assoċjati li fil-fatt jiġġarrbu mill-Istat Membru kkonċernat fir-rigward tal-persuna ssekondata.

2. L-ispejjeż imsemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 1 għandhom jiġu rimborżati biss jekk il-persuna ssekondata tkun intitolata taħt il-liġi nazzjonali għal kwalunkwe tip ta' *allowance*, jew ta' pagament li jikkorrispondi għal spejjeż, li jkunu komparabbli fin-natura tagħhom għal dawk previsti fl-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (ir-"Regolamenti tal-Persunal") ([2]), bħal: *allowances* tal-familja, *allowance* tal-espatrijazzjoni, rimborż ta' spejjeż marbuta mal-assunzjoni tad-dmirijiet, inklużi *allowance* tal-istallazzjoni, *allowance* ta' rinstallazzjoni, spejjeż tal-ivvjaġġar, spejjeż ta' ġarr, *allowance* tas-sussistenza ta' kuljum.

3. Il-Eurojust għandha tirrimborża lill-Istat Membru kkonċernat skont il-kundizzjonijiet u l-limiti finanzjarji applikabbli f'dak l-Istat Membru. Fi kwalunkwe każ, ir-rimborżi ma għandhomx jaqbżu l-ammonti massimi tal-*allowances* jew tal-ħlasijiet li jikkorrispondu għal spejjeż, kif previsti fl-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Diċembru 2019.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

K. MIKKONEN

---

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 tad-29 ta' Frar 1968 li jistabbilixxi r-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' Ħaddiema Oħra tal-Komunitajiet Ewropej u li jistabbilixxi miżuri temporanji applikabbli għall-Uffiċjali tal-Kummissjoni (ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1).

**DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/2252**

**tas-17 ta' Diċembru 2019**

**dwar il-proposta għal inizjattiva taċ-ċittadini bl-isem "Inwaqqfu t-tneħħija tal-pinen tal-klieb il-baħar — Inwaqqfu l-kummerċ"**

*(notifikata bid-dokument C(2019) 9203)*

**(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 211/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Is-suġġett tal-proposta għal inizjattiva taċ-ċittadini bl-isem "Inwaqqfu t-tneħħija tal-pinen tal-klieb il-baħar – Inwaqqfu l-kummerċ" jirreferi għal dan li ġej: "Għalkemm it-tneħħija tal-pinen tal-klieb il-baħar abbord bastimenti tal-UE u fl-ibħra tal-UE hija pprojbita u l-klieb il-baħar iridu jinħattu bil-pinen imwaħħla ma' ġisimhom b'mod naturali, l-UE hija waħda fost l-akbar esportaturi ta' pinen u ċentru tat-tranżitu għall-kummerċ globali tal-pinen."

(2) L-għanijiet tal-proposta għal inizjattiva taċ-ċittadini jirreferu għal dan li ġej: "L-UE hija attur ewlieni fl-isfruttament tal-klieb il-baħar u billi l-ispezzjonijiet fuq il-baħar ma jseħħux spiss il-pinen qegħdin jinżammu, jiġu trasbordati, jew jitħattew fl-UE. Għandna l-għan li ntemmu l-kummerċ tal-pinen fl-UE fosthom l-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-tranżitu ta' pinen ħlief jekk ikunu mwaħħla b'mod naturali ma' ġisem l-annimal. Billi t-tneħħija tal-pinen tal-klieb il-baħar tostakola l-miżuri ta' konservazzjoni, qegħdin nitolbu li r-Regolament (UE) Nru 605/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) jiġi estiż ukoll għall-kummerċ tal-pinen u għaldaqstant qegħdin nappellaw lill-Kummissjoni biex tfassal regolament ġdid li jestendi "l-pinen imwaħħla b'mod naturali" għall-kummerċ kollu ta' klieb il-baħar u raj fl-UE."

(3) It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) isaħħaħ iċ-ċittadinanza tal-Unjoni u jqawwi aktar il-funzjonament demokratiku tal-Unjoni billi jipprevedi, fost l-oħrajn, li kull ċittadin ikollu d-dritt li jipparteċipa fil-ħajja demokratika tal-Unjoni permezz ta'inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej.

(4) Għal dan l-għan, jenħtieġ li l-proċeduri u l-kundizzjonijiet meħtieġa għal inizjattiva taċ-ċittadini jkunu ċari, sempliċi, faċli biex jintużaw u proporzjonati man-natura tal-inizjattiva taċ-ċittadini, sabiex tiġi mħeġġa l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u biex l-Unjoni ssir iktar aċċessibbli.

(5) B'rabta mas-suġġett tal-inizjattiva proposta, jistgħu jiġu adottati atti ġuridiċi tal-Unjoni għall-finijiet tal-implimentazzjoni tat-Trattati:

— għat-tfassil tad-dispożizzjonijiet meħtieġa biex jinkisbu l-għanijiet tal-politika komuni tas-sajd, abbażi tal-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE);

— għad-definizzjoni tal-qafas għall-implimentazzjoni tal-politika kummerċjali komuni, abbażi tal-Artikolu 207(2) tat-TFUE.

(6) Għal dawn ir-raġunijiet, il-proposta ta' inizjattiva taċ-ċittadini ma taqax b'mod ċar barra mill-qafas tas-setgħat tal-Kummissjoni li tressaq proposta għal att legali tal-Unjoni għall-fini tal-implimentazzjoni tat-Trattati, b'konformità mal-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament.

(7) Barra minn hekk, il-kumitat taċ-ċittadini ġie ffurmat u l-persuni ta' kuntatt inħatru skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament, u l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta la tidher li hija manifestament abbużiva, fiergħa jew vessatorja, u lanqas ma tidher li tmur biċ-ċar kontra l-valuri tal-Unjoni, kif stipulati fl-Artikolu 2 tat-TUE.

(8) Għaldaqstant il-proposta għal inizjattiva taċ-ċittadini bl-isem "Inwaqqfu t-tneħħija tal-pinen tal-klieb il-baħar – Inwaqqfu l-kummerċ" ġiet irreġistrata.

---

([1]) ĠU L 65, 11.3.2011, p. 1.

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 605/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1185/2003 dwar it-tneħħija tal-pinen ta' klieb il-baħar abbord bastimenti (ĠU L 181, 29.6.2013, p. 1).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-proposta għal inizjattiva taċ-ċittadini bl-isem "Inwaqqfu t-tneħħija tal-pinen tal-klieb il-baħar – Inwaqqfu l-kummerċ" qiegħda tiġi rreġistrata b'dan.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mit-2 ta' Jannar 2020.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-organizzaturi (il-membri tal-kumitat taċ-ċittadini) tal-proposta għal inizjattiva taċ-ċittadini bl-isem "Inwaqqfu t-tneħħija tal-pinen tal-klieb il-baħar – Inwaqqfu l-kummerċ", irrappreżentata mis-Sur Nils KLUGER u s-Sur Alexander Hendrik CORNELISSEN, bħala persuni ta' kuntatt.

Magħmul fi Strasburgu, is-17 ta' Diċembru 2019.

*Għall-Kummissjoni*
Věra JOUROVÁ
*Viċi President*

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT